Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Frar 2021
(OR. en)

6446/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0048(NLE)

RECH 72
COMPET 123
IND 40
MI 105
SAN 82
TRANS 94
AVIATION 42
ENER 50
ENV 94
SOC 95
TELECOM 70
AGRI 79
SUSTDEV 22
REGIO 29
IA 22

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Frar 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 87 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 87 final.

Mehmuż: COM(2021) 87 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
COM(2021) 87 final

2021/0048 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa**

{SEC(2021) 100 final} - {SWD(2021) 37 final} - {SWD(2021) 38 final}

**MT** **MT**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u objettivi tagħha**

Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas il-ġdid tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) – għandu l-għan li jżid l-impatt tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-UE billi jgħaqqad flimkien il-koinvestiment tas-sħubija Ewropea ma' fondi addizzjonali mis-settur privat u pubbliku f'oqsma fejn il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tar-riżorsi ta' riċerka u ta' innovazzjoni jistgħu jgħinu fil-kisba tal-prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa tal-UE b'mod partikolari, il-Pilastru II tagħha – Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea.

[L-Artikolu 8(1)(c)] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa jistipula li kwalunkwe sħubija Ewropea istituzzjonalizzata bbażata fuq l-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE "*għandha tiġi implimentata biss fejn forom oħra tal-programm Orizzont Ewropa, inkluż forom oħra ta' Sħubijiet Ewropej ma tkunx se tikseb l-objettivi jew ma tiġġenerax l-impatti meħtieġa mistennija, u jekk ikun iġġustifikat minn perspettiva fit-tul u grad għoli ta' integrazzjoni*".

Fir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, il-koleġiżlaturi identifikaw ukoll tmien oqsma prijoritarji għal sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati possibbli fuq il-bażi tal-Artikoli 185 jew 187 tat-TFUE. Fuq il-bażi ta' dan, ġie identifikat sett ta' tnax-il inizjattiva bħala kandidati li kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt koordinata[1].

Din il-proposta tkopri disa' sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE, li jistabbilixxu impriżi konġunti individwali għall-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea adottat ukoll proposta għal Sħubija Ewropea istituzzjonalizzata għall-computing ta' prestazzjoni għolja, ibbażata fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE [COM(2020) 569 final], u qed tippjana li tadotta proposta għal sħubija Ewropea dwar il-metroloġija, ibbażata fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE [żid referenza]. Żewġ inizjattivi – waħda dwar il-mobilità kooperattiva, konnessa u awtomatizzata u oħra dwar intrapriżi innovattivi żgħar u medji - ukoll kienu fost is-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati inizjali. Madankollu, il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt ikkonkluda li forma oħra ta' intervent tkun aktar adattata.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027, Orizzont Ewropa se tkun aktar xprunata mill-impatt b'enfasi qawwija fuq it-twettiq tal-valur miżjud Ewropew. Din tiġi implimentata wkoll b'mod aktar effettiv u effiċjenti, b'mod partikolari billi jiġu żgurati l-koerenza, il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà fi ħdan Orizzont Ewropa, kif ukoll ma' inizjattivi oħrajn tal-UE, lokali, reġjonali, nazzjonali u, fejn rilevanti, internazzjonali u mas-sorsi ta' finanzjament relatati tagħhom.[2]

---

[1] 12 biss kienu soġġetti għall-valutazzjoni tal-impatt koordinata, hekk kif inizjattiva tal-computing ta' prestazzjoni għolja waħda ġiet inkluża f'valutazzjoni tal-impatt tal-2017 (SEC(2018) 47).

[2] KE (2018) Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2018) 321 final.

Orizzont Ewropa għandu l-għan li jwieġeb għall-isfidi globali li qed taffaċċja l-UE, li jitolbu "*approċċ radikali ġdid għall-iżvilupp u għall-varar ta' teknoloġiji ġodda u ta' soluzzjonijiet innovattivi għaċ-ċittadini u għall-pjaneta fuq skala u b'veloċità li qatt ma nkisbu qabel, u għall-adattament tal-politika u tal-qafas ekonomiku tagħna sabiex it-theddid globali jinbidel f'opportunitajiet ġodda għas-soċjetà u għall-ekonomija tagħna, għaċ-ċittadini u għan-negozji.*" Filwaqt li Orizzont Ewropa jissokta l-isforzi sabiex jissaħħu l-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-UE u titrawwem il-kompetittività, dan jieħu approċċ aktar strateġiku u bbażat fuq l-impatt għall-investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni tal-UE. Għaldaqstant, **l-objettivi ta' Orizzont Ewropa** jenfasizzaw il-ħtieġa "*li jitwettqu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u li jingħata kontribut għall-kisba tal-objettivi u tal-politiki tal-UE, jingħata kontribut għall-indirizzar tal-isfidi globali, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi jiġu segwiti l-prinċipji tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi.*" [3]

Is-sħubijiet Ewropej huma approċċi importanti f'Orizzont Ewropa. Dawn jikkomplementaw il-qafas ta' politika eżistenti billi jindirizzaw l-isfidi globali u l-prijoritajiet tal-UE li jeħtieġu massa kritika u viżjoni fit-tul li tkun miftiehma u rrispettata permezz ta' impenji mis-setturi rispettivi. L-isfidi tat-tibdil fil-klima u fl-ambjent, il-kisba tat-tmexxija teknoloġika Ewropea u tal-awtonomija strateġika miftuħa, u l-iżgurar ta' rkupru sostenibbli u inklużiv jeħtieġu d-direzzjoni ta' sforzi mifruxa ta' riċerka u ta' innovazzjoni favur viżjoni kondiviża dwar il-proċess ta' trasformazzjoni meħtieġ.

Billi jingħaqdu kemm mas-settur pubbliku kif ukoll mas-settur privat, is-sħubijiet Ewropej jgħinu sabiex jitħaffu soluzzjonijiet ġodda, b'mod partikolari dawk li jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 f'konformità mal-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u jgħinu sabiex jinkisbu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dawn jippermettu l-involviment sistematiku ta' varjetà ta' partijiet ikkonċernati u ta' utenti finali, inklużi korpi ta' standardizzazzjoni u sħab internazzjonali sabiex jiġi żgurat li dawn is-soluzzjonijiet jiġu adottati u, fl-aħħar mill-aħħar, ikunu jistgħu jilħqu l-għanijiet ambizzjużi. Dawn jgħinu wkoll sabiex tissaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka billi jallinjaw l-aġendi ta' riċerka u ta' innovazzjoni, itejbu l-ħiliet, u jżidu l-kapaċitajiet ta' assorbiment tan-negozji Ewropej.

Id-disa' sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE huma kompletament konformi mal-approċċ il-ġdid tal-politika xprunat mill-impatt ta' Orizzont Ewropa għas-sħubijiet Ewropej. Dawn jagħmlu parti mill-portafoll ta' 49 sħubija Ewropea li huma kandidati, u b'hekk jiżguraw xenarju koerenti. Bħala parti mill-ippjanar strateġiku, ġie deċiż li s-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati jintużaw għall-objettivi u għall-impatti li ma jistgħux jinkisbu minn forom oħra ta' sħubijiet Ewropej u għal dawk il-prijoritajiet b'perspettiva fit-tul u bi grad għoli ta' integrazzjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Bħala parti mill-QFP 2021-2027, Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas il-ġdid tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se jaqdi rwol ċentrali li jmexxi t-tranżizzjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali meħtieġa sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet ta' politika tal-UE. Fil-kuntest tal-proċess ta' ppjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa, ġie żviluppat l-ewwel pjan strateġiku għall-2021-2024. L-orjentazzjonijiet strateġiċi ewlenin għall-appoġġ ta' riċerka u ta' innovazzjoni, imfassla flimkien mal-partijiet ikkonċernati, huma kompletament allinjati mal-prijoritajiet tal-UE. Għalhekk, l-azzjonijiet fil-qafas tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea" se jimmiraw lejn temi magħżula b'impatt għoli li jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ilħuq tal-prijoritajiet politiċi tal-UE.

[3] L-Artikolu 3, Fehim komuni dwar il-proposta għal Programm Qafas Orizzont Ewropa.

Is-sħubijiet Ewropej huma mnissla mill-kuntest u mill-istruttura ta' Orizzont Ewropa, l-isfidi tas-soċjetà li jikkostitwixxu l-prijoritajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa. Dawn se jaqdu rwol importanti fil-kisba tal-objettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, jiġifieri, l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn Ewropa ekoloġika, newtrali għall-klima u diġitali, filwaqt li jsaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-industrija Ewropea. Il-kontribuzzjoni tad-disa' sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati koperti mill-proposta għall-prijoritajiet tal-UE hija kif ġej:

**Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika**: Din is-sħubija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-miri klimatiċi tal-2030, filwaqt li twitti t-triq għan-newtralità klimatika sal-2050, u żżid is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tas-sistemi tal-produzzjoni u tal-konsum, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għandha l-għan li tiżviluppa u tespandi l-forniment u l-konverżjoni sostenibbli tal-bijomassa fi prodotti b'bażi bijoloġika billi tiffoka fuq ipproċessar fil-bijoraffinerji fuq diversi skali, u billi tapplika approċċi tal-ekonomija ċirkolari bħall-użu ta' skart bijoloġiku mis-setturi tal-agrikoltura, tal-industrija u muniċipali. Għandha wkoll l-għan li tappoġġa l-varar tal-innovazzjoni b'bażi bijoloġika fil-livell reġjonali b'involviment attiv tal-atturi lokali u bl-għan li tingħata ħajja ġdida lir-reġjuni rurali, kostali u periferali.

**Avjazzjoni Nadifa**: Din is-sħubija tpoġġi l-avjazzjoni fit-triq lejn in-newtralità klimatika, billi tħaffef l-iżvilupp, l-integrazzjoni, u l-validazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni prinċipalment fixkiela sabiex ikunu jistgħu jiġu varati mill-aktar fis possibbli. Għandha wkoll l-għan li tiżviluppa l-ġenerazzjoni li jmiss ta' inġenji tal-ajru b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju b'effiċjenza għolja, b'sorsi ta' enerġija, b'magni u b'sistemi ġodda, li se joħorġu mill-fażi ta' riċerka u ta' dimostrazzjoni f'livelli għolja ta' tħejjija teknoloġika (TRL). L-appoġġ għar-riċerka u għall-innovazzjoni fl-avjazzjoni jtejjeb il-kompetittività u l-impjiegi fis-settur tal-avjazzjoni li se jkunu partikolarment importanti għall-irkupru. Xi objettivi li għandhom jintlaħqu sal-2030: il-wiri ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi fixkiela fl-inġenji tal-ajru li kapaċi jnaqqsu l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra b'mhux anqas minn 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u fit-triq lejn l-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050.

**Idroġenu Nadif**: Din is-sħubija se tħaffef l-iżvilupp u l-varar tal-katina ta' valur Ewropea għal teknoloġiji tal-idroġenu nadif, filwaqt li tikkontribwixxi għal sistema tal-enerġija sostenibbli, dekarbonizzata u integrata bis-sħiħ u għall-komunikazzjoni dwar "strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima" (COM/2020/301). L-enfasi tinxteħet fuq il-produzzjoni, fuq id-distribuzzjoni u fuq il-ħżin ta' idroġenu nadif u, fuq il-provvista ta' enerġija lil setturi diffiċli sabiex jiġu dekarbonizzati bħall-industriji peżanti u l-applikazzjonijiet tat-trasport tqil. Xi objettivi sal-2030: il-produzzjoni ta' idroġenu nadif b' ~EUR 1,5-3/kg, li se teħtieġ li jintlaħqu l-miri tal-2030 fit-titjib tal-effiċjenza u fit-tnaqqis tal-kostijiet CAPEX. Barra minn hekk, dan jassumi wkoll id-disponibbiltà tal-elettriku rinnovabbli bi prezzijiet favorevoli, kif ukoll jippermetti l-penetrazzjoni fis-swieq tal-massa, u jnaqqas il-kostijiet tad-distribuzzjoni għal anqas minn EUR 1/kg għall-idroġenu fuq skala kbira.

**Sistema Ferrovjarja Ewropea**: Din is-sħubija se tħaffef l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji innovattivi (speċjalment diġitali u l-awtomatizzazzjoni) sabiex tinkiseb it-trasformazzjoni radikali tas-sistema ferrovjarja u jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, pereżempju, iċċaqlaq parti sostanzjali mill-75 % tal-merkanzija fuq l-art li tingarr bit-triq lejn it-trasport bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni. Is-sħubija se tiżviluppa soluzzjonijiet li huma sostnuti b'mod wiesa' madwar l-UE, li jirriżultaw f'adozzjoni mis-suq sa 75 % sal-2030, itejbu l-kompetittività tal-ferroviji u jappoġġaw it-tmexxija teknoloġika Ewropea fil-qasam ferrovjarju.

**Saħħa Globali EDCTP3:** Din is-sħubija se tipprovdi soluzzjonijiet ġodda għat-tnaqqis tal-piż tal-mard infettiv fl-Afrika sub-Saħarjana, u ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' riċerka sabiex tħejji u twieġeb għal mard infettiv riemerġenti fl-Afrika sub-Saħarjana u madwar id-dinja. Sal-2030, għandha l-għan li tkun għamlet progress fil-liċenzjar ta' mill-inqas żewġ teknoloġiji tas-saħħa ġodda li jindirizzaw il-mard infettiv, u li tkun sostniet tal-anqas 100 istitut ta' riċerka fi 30 pajjiż sabiex tippermetti rispons ta' riċerka effettiv u rapidu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-saħħa kontra epidemiji riemerġenti.

**Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva**: Din l-inizjattiva se tgħin sabiex tinħoloq ekosistema ta' riċerka u ta' innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa madwar l-UE kollha, li tiffaċilita t-traduzzjoni tal-għarfien xjentifiku f'innovazzjonijiet tanġibbli. Se tappoġġja l-iżvilupp ta' prodotti u ta' servizzi sikuri, effettivi, iffokati fuq in-nies u kosteffettivi li jimmiraw lejn il-ħtiġijiet ewlenin tas-saħħa pubblika mhux issodisfati u li jixprunaw l-innovazzjoni transsettorjali fis-saħħa għal industrija tas-saħħa Ewropea kompetittiva fuq livell globali. Din se tkopri l-prevenzjoni, id-dijanjostika, it-trattament u l-ġestjoni tal-mard. Xi wħud mill-miri tagħha għall-2030 jinkludu t-tnedija ta' mill-inqas 30 proġett transsettorjali fuq skala kbira, li jiffokaw fuq l-innovazzjonijiet tas-saħħa kif ukoll li juru l-fattibbiltà tal-integrazzjoni ta' prodotti jew ta' servizzi tal-kura tas-saħħa. L-inizjattiva se tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[4], tal-Istrateġija Industrijali l-ġdida għall-Ewropa[5] u tal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa[6].

**Teknoloġiji Diġitali Ewlenin**: It-teknoloġiji diġitali ewlenin jinkludu komponenti elettroniċi, id-disinn, il-manifattura u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistemi u s-software li jiddefinixxi kif jaħdmu. L-objettiv kumplessiv ta' din is-sħubija huwa li tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tas-setturi ekonomiċi u tas-soċjetà kollha, li tagħmel it-trasformazzjoni suċċess għall-Ewropa u tappoġġa l-Patt Ekoloġiku Ewropew. Sal-2030, hija għandha l-għan li t-tmexxija tal-UE f'teknoloġiji diġitali ewlenin se ssaħħaħ il-forzi industrijali, billi taħtaf opportunitajiet emerġenti sabiex tistabbilixxi s-sovranità teknoloġika u tagħti spinta lill-kompetittività.

**Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew**: L-inizjattiva għandha l-għan li tittrasforma b'mod diġitali l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, li tagħmel l-ispazju tal-ajru Ewropew l-aktar ajru effiċjenti u ekoloġiku għat-titjiriet fid-dinja u li tappoġġa l-kompetittività u l-irkupru tas-settur tal-avjazzjoni tal-Ewropa wara l-kriżi tal-COVID-19. L-għanijiet jinkludu: it-titjib tal-konnettività, tal-integrazzjoni u tal-awtomatizzazzjoni mill-ajru għall-art, iż-żieda fil-flessibbiltà u fl-iskalabbiltà tal-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru u l-integrazzjoni sikura ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ. Sal-2030, hija għandha l-għan li tkun wettqet is-soluzzjonijiet identifikati fil-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru għall-Fażi D fit-TRL 6.

**Networks u Servizzi Intelliġenti:** Din is-sħubija se tappoġġa s-sovranità teknoloġika għal networks u għal servizzi intelliġenti f'konformità mal-istrateġija industrijali l-ġdida għall-Ewropa u mas-sett ta' għodod dwar iċ-ċibersigurtà tal-5G. Għandha l-għan li tgħin sabiex jiġu solvuti l-isfidi tas-soċjetà u sabiex tippermetti t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. Għall-kriżi tal-COVID-19, din se tappoġġa teknoloġiji li jagħtu rispons kemm għall-kriżi tas-saħħa kif ukoll għall-irkupru ekonomiku. Is-sħubija se tippermetti lill-atturi Ewropej jiżviluppaw il-kapaċitajiet teknoloġiċi għas-sistemi 6G bħala bażi għas-servizzi diġitali futuri lejn l-2030. Se tgħin sabiex tmexxi s-swieq għall-infrastruttura u għas-servizzi tal-5G biex jiżviluppaw fl-Ewropa billi tikkoordina l-varar tal-5G mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2 - Diġitali (FNE).

[4] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12154-Europe-s-Beating-Cancer-Plan.

[5] COM(2020) 102.

[6] COM(2020) 761.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Dawn il-proposti għal sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati huma bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE li skontu l-UE tista' tistabbilixxi impriżi konġunti jew kwalunkwe struttura oħra meħtieġa sabiex twettaq b'mod effiċjenti programmi ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni tal-UE.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Ir-riċerka hija kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha skont it-TFUE. L-Artikolu 4(3) jispeċifika li fl-oqsma tar-riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-ispazju, l-UE tista' twettaq attivitajiet speċifiċi, inklużi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi, mingħajr ma taffettwa l-libertà tal-Istati Membri li jaġixxu fl-istess oqsma.

L-inizjattivi proposti jiffokaw fuq oqsma fejn ikun hemm valur miżjud evidenti fil-ħidma fil-livell tal-UE minħabba l-iskala, il-veloċità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-isforzi meħtieġa sabiex l-UE tilħaq l-objettivi fit-tul tat-Trattat tagħha u tilħaq il-prijoritajiet u l-impenji tal-politika strateġika tagħha. Jenħtieġ li l-inizjattivi proposti jikkomplementaw u jsaħħu wkoll l-attivitajiet nazzjonali u subnazzjonali fl-istess qasam.

Peress li s-sħubijiet Ewropej huma bbażati fuq Aġenda Strateġika komuni ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni fit-tul, dawn huma adattati sew sabiex jindirizzaw sfidi transfruntieri kumplessi. Huma jistgħu jindirizzaw sett ta' fallimenti sistemiċi, tas-suq u trasformattivi, li hija prekundizzjoni għall-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp u tad-diffużjoni tal-innovazzjonijiet. Dawn jiffokaw fuq:

- it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni u tal-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi ewlenin fis-sistema Ewropea ta' riċerka u ta' innovazzjoni, inkluża l-kollaborazzjoni transdixxiplinari u transsettorjali u integrazzjoni mtejba tal-ktajjen tal-valur u tal-ekosistemi;
- l-iżgurar tal-allinjament u tal-integrazzjoni ta' strateġiji, ta' programmi u ta' investimenti Ewropej, nazzjonali / reġjonali u industrijali ta' riċerka u ta' innovazzjoni mad-direzzjonijiet miftiehma;
- il-ħolqien ta' skali kritiċi ta' investimenti fuq prijoritajiet komuni u ż-żieda fl-investiment privat fir-riċerka u fl-innovazzjoni;
- it-tnaqqis tar-riskji u tal-inċertezzi għall-industrija li huma relatati mal-investiment f'attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni u f'teknoloġiji / f'soluzzjonijiet ġodda billi jinqasmu r-riskji u tiġi pprovduta prevedibbiltà għall-investimenti.

L-azzjoni fil-livell nazzjonali jew mill-industrija waħedha ma tistax tilħaq l-iskala, il-veloċità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ għar-riċerka u għall-innovazzjoni meħtieġ sabiex l-UE tilħaq l-objettivi fit-tul tagħha skont it-Trattat, twettaq il-prijoritajiet tal-politika strateġika tagħha (inklużi l-għanijiet dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew), u sabiex tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi globali u għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).

- **Proporzjonalità**

Il-prinċipju tal-proporzjonalità jirfed l-approċċ kollu li wassal għal din il-proposta. Il-kuntest politiku u ġuridiku nbidel minn meta ġew stabbiliti s-sħubijiet attwali. Issa hemm enfasi akbar

fuq il-ħtieġa li jiġu razzjonalizzati l-prijoritajiet ewlenin tal-politika tal-UE u li jiġi żgurat li dawn ikollhom impatt li jista' jitkejjel. Fid-dawl tal-kuntest il-ġdid, huwa importanti li Sħubija Ewropea tingħażel biss meta jkun hemm valur miżjud reali u evidenti. Għalhekk, kull sħubija Ewropea istituzzjonalizzata trid turi l-valur miżjud tagħha – b'mod partikolari li l-objettivi tagħha ma jistgħux jinkisbu b'mod aktar effettiv permezz ta' mezzi aktar sempliċi, inkluż l-approċċ prestabbilit ta' sejħiet tradizzjonali ta' Orizzont Ewropa jew forom ta' sħubija aktar sempliċi, bħal "sħubijiet koprogrammati".

Il-proporzjonalità tas-sħubijiet kandidati ġiet ivvalutata skont il-loġika b'żewġ stadji li ġejja:

(1) Ġustifikazzjoni tal-użu ta' approċċ ta' sħubija f'qasam partikolari (inklużi kunsiderazzjonijiet dwar l-addizzjonalità, id-direzzjonalità u rabta ma' prijoritajiet strateġiċi) minflok forom oħra ta' intervent disponibbli fil-qafas ta' Orizzont Ewropa;

(2) Jekk l-approċċ ta' sħubija jitqies xieraq, il-kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità ggwidaw il-valutazzjoni ta' liema tip ta' sħubija (sħubija koprogrammata, kofinanzjata jew istituzzjonalizzata) ikun l-aktar effettiv sabiex jintlaħqu l-objettivi maħsuba.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi disa' impriżi konġunti bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE. Għal dan it-tip ta' struttura, l-Artikolu 188(1) tat-TFUE jeħtieġ l-adozzjoni ta' Regolament tal-Kunsill.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet tal-passat ġew ikkunsidrati bir-reqqa matul l-iżvilupp ta' Orizzont Ewropa. Dawn is-sejbiet iffurmaw ukoll l-approċċ il-ġdid ibbażat fuq l-impatt għas-sħubijiet u għenu sabiex jitħaddmu l-kriterji għall-għażla, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-eliminazzjoni gradwali tagħhom. Kif indikat fl-Anness 5 tal-valutazzjoni tal-impatt ta' Orizzont Ewropa, l-oqsma għat-titjib kienu dawn li ġejjin:

- L-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 ikkonkludiet li x-xenarju tas-sħubija ġenerali sar kumpless u frammentat wisq. Filwaqt li n-numru globali ta' sħubijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni f'Orizzont 2020 huwa ta' madwar 100, dawn jirrappreżentaw medja ta' madwar 25 % tal-baġit disponibbli ta' Orizzont 2020 bis-sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) li jammontaw għal madwar 17,5 % tal-baġit ta' Orizzont 2020. L-evalwazzjoni interim identifikat il-ħtieġa li jiġi razzjonalizzat ix-xenarju tas-sħubijiet Ewropej ġenerali ta' riċerka u ta' innovazzjoni, li jittejbu l-aċċess miftuħ u t-trasparenza tas-sħubijiet tagħhom u li dawn jintrabtu mal-prijoritajiet strateġiċi futuri tal-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni u mal-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa.
- L-evalwazzjoni tal-Artikolu 187 indikat li l-attivitajiet tal-PPP jeħtieġ li jiġu allinjati mal-politiki tal-UE, nazzjonali u reġjonali. Hija rrakkomandat reviżjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kif ukoll l-inklużjoni ta' firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati fl-istrutturi ta' governanza jew fil-proposti sottomessi. Hija enfasizzat ukoll il-ħtieġa

li tittejjeb u tiġi infurzata l-komunikazzjoni, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat disseminazzjoni effettiva tar-riżultati tal-proġetti.

Għal inizjattivi individwali, il-partijiet tematiċi ta' kull valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta jispjegaw kif ġew applikati wkoll it-tagħlimiet mill-evalwazzjonijiet tal-passat, kemm pożittivi kif ukoll negattivi.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta u l-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjawha kienu soġġetti għal konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati, kemm matul it-tħejjija tal-proposta dwar Orizzont Ewropa kif ukoll aktar tard għall-kandidati kollha tas-sħubijiet Ewropej:

– L-Istati Membri ġew ikkonsultati permezz tal-"Konfigurazzjoni Strateġika Parallela" tal-Kumitat tal-Programm Orizzont Ewropa;

– Saret konsultazzjoni pubblika miftuħa (OPC) għall-kandidati għas-sħubijiet istituzzjonalizzati fuq il-bażi tal-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE bejn il-11 ta' Settembru u s-6 ta' Novembru 2019 li ġġenerat aktar minn 1 600 tweġiba;

– Saru konsultazzjonijiet immirati sabiex jitħejjew il-valutazzjonijiet tal-impatt għal 12-il sħubija istituzzjonalizzata kandidata. Għal kull kandidata, konsulent estern intervista kampjun rappreżentattiv ta' partijiet ikkonċernati, li talab l-opinjoni tagħhom dwar il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE u l-valur miżjud tagħha.

Is-sejbiet tal-konsultazzjonijiet kollha mal-partijiet ikkonċernati ġew integrati fil-valutazzjonijiet tal-impatt individwali li jakkumpanjaw is-sħubijiet proposti u għenu sabiex tiġi ddeterminata l-għażla tal-modalità preferuta ta' implimentazzjoni.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex tħejji l-valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta, il-Kummissjoni talbet lil kuntrattur estern sabiex iwettaq studju dwar is-sħubijiet istituzzjonalizzati kandidati u jiżviluppa metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza u tal-valur miżjud tal-Unjoni tal-inizjattivi sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà. L-istudju estern huwa disponibbli għall-pubbliku fl-EU Bookshop u jissemma fil-valutazzjonijiet tal-impatt għal kull inizjattiva. Il-Kummissjoni użat l-evidenza miġbura għall-istudju, b'mod partikolari dwar l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, ir-riżultati tal-evalwazzjoni *ex post*, l-identifikazzjoni tal-problemi li għandhom jiġu indirizzati u tal-impatti mistennija tal-għażliet ta' politika, iżda wettqet ukoll l-analiżi tagħha stess ta' din l-informazzjoni fid-dawl ta' tibdiliet riċenti fil-politika u ta' evidenza addizzjonali li saret disponibbli wara l-konklużjoni tal-istudju.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ladarba ġew identifikati s-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati kandidati, tnieda l-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt sabiex jiġi identifikat l-aktar arranġament ta' implimentazzjoni xieraq għal kull inizjattiva mill-għażliet ta' politika li ġejjin:

Għażla 0 – Għażla bażi – Sejħiet tradizzjonali fil-programm qafas

Għażla 1 – Sħubija Ewropea koprogrammata

Għażla 2 – Sħubija Ewropea kofinanzjata

Għażla 3 – Sħubija istituzzjonalizzata

- Subgħażla 3a sħubijiet istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE
- Subgħażla 3b sħubijiet istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE.

Il-valutazzjoni komparattiva tal-merti ta' kull għażla inkludiet analiżi tar-rilevanza tal-intervent, il-proporzjonalità u l-effikaċja tiegħu fil-kisba tal-objettivi maħsuba. Dan irriżulta f'approċċ imfassal apposta li ġie ssuġġerit għal kull kandidat, li jvarja minn forom ta' kooperazzjoni eħfef mil-lat amministrattiv sa dawk istituzzjonalizzati, skont l-objettivi ta' politika maħsuba, l-isfidi speċifiċi u l-eżitu mixtieq identifikat għal kull kandidat.

Il-valutazzjonijiet tal-impatt individwali ġew ippreżentati lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fi tliet seduti separati bejn Marzu u Ġunju 2020. Żewġ valutazzjonijiet tal-impatt irċevew opinjoni pożittiva fl-ewwel qari tagħhom, sitta rċevew opinjoni pożittiva b'riżervi u erbgħa rċevew opinjoni negattiva u kellhom jerġgħu jiġu ppreżentati lill-Bord. Il-kritika ewlenija għall-każijiet li rċevew opinjoni negattiva kienet tikkonċerna: il-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva proposta, il-ħtieġa li jiġu ċċarati l-problemi u l-objettivi li l-inizjattiva proposta setgħet tindirizza b'mod effettiv skont il-programm qafas li jmiss, l-impatt tal-waqfien ta' inizjattiva preeżistenti (fejn applikabbli) u, f'xi każijiet, id-differenza bejn l-għażla ppreferuta u alternattivi oħra.

L-erba' valutazzjonijiet tal-impatt b'opinjoni negattiva dwar l-ewwel qari ġew sottomessi mill-ġdid. Tlieta minnhom irċevew opinjoni pożittiva b'riżervi u r-raba' waħda rċeviet opinjoni pożittiva.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-inizjattivi proposti jwieġbu għall-ħtieġa li jiġi ssimplifikat l-approċċ għas-sħubijiet kif propost mill-proposta dwar Orizzont Ewropa. Din il-ħtieġa ġiet approvata mill-Parlament u mill-Kunsill. B'riżultat ta' dan, ġie miftiehem li Orizzont Ewropa se jappoġġa tliet tipi ta' sħubija: kofinanzjata, koprogrammata u istituzzjonalizzata (fuq il-bażi tal-Artikolu 187 jew 185 tat-TFUE u l-KKI tal-EIT). Dan huwa allinjat mal-ispirtu tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tħares lejn l-inizjattivi kollha b'mod separat, iżda tieħu wkoll approċċ trażversali, filwaqt li tidentifika modi kif jiżdiedu l-effiċjenza u l-koerenza, u għalhekk timmassimizza l-impatt ta' kull sħubija. Tidentifika elementi komuni li se jgħinu lill-inizjattivi kollha jilħqu l-objettivi tagħhom filwaqt li jnaqqsu l-kostijiet, pereżempju billi jadattaw l-arranġamenti ta' governanza sabiex jiżguraw il-koerenza ma' inizjattivi oħra. Dan l-approċċ huwa kompletament allinjat mal-qafas ta' regolamentazzjoni aħjar u mal-isforzi ta' simplifikazzjoni.

L-Att Bażiku Uniku jikkontribwixxi għall-għan tar-razzjonalizzazzjoni tax-xenarju tal-finanzjament ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-UE u għal approċċ strateġiku u xprunat mill-impatt għas-sħubijiet Ewropej. Ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa jinkludi diversi rekwiżiti komuni għall-istabbiliment u għall-implimentazzjoni ta' sħubijiet Ewropej. Bl-adozzjoni ta' approċċ modulari, l-Att Bażiku Uniku jippermetti li d-dispożizzjonijiet komuni għall-impriżi konġunti kollha jiġu tradotti b'mod koerenti (fl-Ewwel Parti) filwaqt li jippermetti biżżejjed flessibbiltà sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull wieħed minnhom (fit-Tieni Parti).

- **Drittijiet fundamentali**

Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-biċċa l-kbira tal-inizjattivi proposti ma għandhomx impatt dirett fuq id-drittijiet fundamentali. Meta jagħmlu dan, fit-taqsima 6 ta' kull valutazzjoni tal-impatt tiġi inkluża valutazzjoni speċifika.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni għall-impriżi konġunti għandha tkun ta' EUR 9 600 miljun[7], inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-EFTA, imħallsa mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-Programm Speċifiku Orizzont Ewropa li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont Ewropa. Din il-kontribuzzjoni se ssir mill-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali". Il-fondi magħmula disponibbli mill-Unjoni sabiex ikopru l-kostijiet operazzjonali se jkunu tal-anqas milħuqa minn kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni.

Il-kostijiet amministrattivi tal-impriżi konġunti ma għandhomx jaqbżu l-EUR 501,174 miljun għad-durata tal-impriżi konġunti. Dawn il-kostijiet se jkunu koperti permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni u minn membri għajr l-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Is-sħubijiet se jiġu mmonitorjati u evalwati f'konformità mal-Artikoli 45 u 47 u mal-Anness III tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. L-evalwazzjonijiet interim u *ex post* se jiġu appoġġati minn kuntratturi esterni u se jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet ġenerali ta' Orizzont Ewropa. F'konformità mal-kriterji stabbiliti għas-sħubijiet Ewropej, l-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-aktar modalità effettiva ta' intervent permezz ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura, kif ukoll it-tiġdid possibbli tas-sħubija fi ħdan ix-xenarju ġenerali tas-sħubijiet Ewropej. Fin-nuqqas ta' tiġdid, se jiġu żviluppati miżuri xierqa sabiex tiġi żgurata l-eliminazzjoni gradwali tal-finanzjament tal-programm qafas skont il-kundizzjonijiet u l-iskeda ta' żmien miftiehma mas-sħab tas-sħubija.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Is-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati huma mfassla sabiex iżidu l-koerenza u jimmassimizzaw l-impatt f'xenarju ta' riċerka u ta' innovazzjoni li qed jevolvi. Ir-Regolament propost tal-Kunsill jikkonsisti fi tliet partijiet:

- L-Ewwel Parti fiha dispożizzjonijiet komuni għall-impriżi konġunti kollha bl-għan li jiġu ssimplifikati u armonizzati l-kundizzjonijiet tal-limiti legali u jiġi pprovdut approċċ modulari li fuqu l-impriżi konġunti individwali jistgħu jibbażaw l-arkitettura operazzjonali tagħhom.
- It-Tieni Parti fiha dispożizzjonijiet li huma speċifiċi għal impriżi konġunti individwali li jippermettu l-flessibbiltà meħtieġa sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet operazzjonali u ta' politika.
- It-Tielet Parti fiha dispożizzjonijiet finali applikabbli għall-impriżi konġunti kollha.

[7] Ammont indikattiv fi prezzijiet kurrenti.

- Artikolu 4: **l-objettivi u l-prinċipji** għall-impriżi konġunti huma mnissla fi ħdan l-objettivi u l-istruttura ta' Orizzont Ewropa, u huma marbutin mill-qrib mal-kisba tal-objettivi tal-politika tal-UE. Ġie identifikat sett ta' objettivi komuni fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-impatt koordinata.
- Artikolu 5: **l-objettivi u l-kompiti operazzjonali** – dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu r-rekwiżiti u l-kriterji ta' implimentazzjoni għas-sħubijiet Ewropej, inkluża l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ sistemiku fil-kisba tal-objettivi, aċċess għar-riżultati, monitoraġġ sabiex jiġi segwit il-progress fl-objettivi tal-politika, promozzjoni tal-inklużività favur il-partijiet ikkonċernati u l-involviment ta' impriżi żgħar u medji.
- Artikolu 7: jistabbilixxi proċess komuni għall-għażla ta' membri ġodda, u b'hekk jiżgura t-trasparenza u l-aċċess miftuħ fl-inizjattiva kollha, f'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa.
- Artikolu 11: jipprovdi qafas għall-iżgurar tal-**kontribuzzjonijiet tas-sħab** tul il-ħajja tal-inizjattiva u li l-kostijiet jinqasmu bejn l-UE u s-sħab għajr l-Unjoni, li hija kundizzjoni ewlenija ta' approċċ ta' sħubija. Dan l-artikolu jistipula li l-kontribuzzjonijiet u l-impenji jridu jiżdiedu, b'mod kwalitattiv u kwantitattiv, f'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Jistabbilixxi approċċ sistemiku għall-kontribuzzjonijiet mis-sħab tal-industrija fl-inizjattivi kollha skont l-Artikolu 187 tat-TFUE li jkun responsabbli, jappoġġa l-aċċess miftuħ tal-inizjattivi u jkun koerenti, trasparenti u ġust, filwaqt li jiżgura l-attraenza tal-inizjattiva għal membri ġodda.
- **Eliminazzjoni gradwali**: id-dispożizzjonijiet huma marbuta mill-qrib mal-kisba ta' objettivi speċifiċi. L-Artikolu 16(2)(y) jirrikjedi li l-bord ta' tmexxija jistabbilixxi pjan realistiku sabiex l-inizjattiva titkompla barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' sħubija istituzzjonalizzata, sal-aħħar tal-2022, fil-ħin biex tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa. Jenħtieġ li din tiżgura li l-attivitajiet ta' disseminazzjoni jkomplu wara li tintemm il-parteċipazzjoni tal-Unjoni u li jsiru rabtiet ma' politiki industrijali u oħrajn sabiex l-inizjattiva timxi mir-riċerka u mill-innovazzjoni lejn il-varar.
- **Dispożizzjonijiet dwar il-governanza**: l-armonizzazzjoni tal-funzjonament tal-korpi differenti fl-impriżi konġunti. Kull impriża konġunta hija appoġġata minn gruppi konsultattivi sabiex ikun hemm pariri xjentifiċi u minn esperti, jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati, u jiġu involuti l-Istati Membri (jekk ma jkunux sħab). Madankollu, hemm flessibbiltà għall-impriżi konġunti sabiex jużaw konfigurazzjonijiet eżistenti għal funzjoni konsultattiva jew jistabbilixxu konfigurazzjoni waħda li sservi lil aktar minn waħda minnhom.
- **Koerenza u sinerġiji** (Artikoli 5, 16, 18, 24): Ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa jistipula li "Il-koordinazzjoni u/jew l-attivitajiet konġunti ma' inizjattivi ta' riċerka u innovazzjoni rilevanti oħra biex jiżguraw l-aħjar livell ta' interkonnessjonijiet u sinerġiji effettivi". F'konformità ma' dan, l-Ewwel Parti tistabbilixxi kif l-impriżi konġunti huma mistennija jikkollaboraw ma' sħubijiet oħra, u jinteraġixxu mal-ekosistema usa', b'mod partikolari dwar il-kompiti tagħhom u dawk tal-bord ta' tmexxija tagħhom, ir-rwol tal-grupp tar-rappreżentanti tal-istati u r-rapportar permezz tar-rapport annwali tal-attività. It-Tieni parti telenka xi sħubijiet Ewropej ta' prijorità li magħhom l-impriżi konġunti individwali huma mistennija jistabbilixxu kollaborazzjoni formali u regolari.

2021/0048 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 188,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[8],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[9],

Billi:

(1) Sabiex jinkisbu l-akbar impatt possibbli tal-finanzjament tal-Unjoni u l-aktar kontribut effettiv għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni, ir-Regolament [XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] (ir-"Regolament dwar Orizzont Ewropa")] stabbilixxa l-politika u l-qafas legali għas-sħubijiet Ewropej ma' sħab tas-settur privat u/jew pubbliku. Is-sħubijiet Ewropej huma element ewlieni tal-approċċ ta' politika ta' Orizzont Ewropa. Dawn huma stabbiliti sabiex iwettqu l-prijoritajiet tal-Unjoni fil-mira ta' Orizzont Ewropa u jiżguraw impatt ċar għall-UE u għaċ-ċittadini tagħha, li jista' jinkiseb b'mod aktar effettiv fi sħubija, permezz ta' viżjoni strateġika li tkun kondiviża u rrispettata mis-sħab, aktar milli mill-Unjoni waħedha.

(2) B'mod partikolari, is-sħubijiet Ewropej fil-pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea" ta' Orizzont Ewropa jaqdu rwol importanti fil-kisba tal-objettivi strateġiċi bħall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet favur għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u Ewropa ekoloġika u diġitali u jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-irkupru mill-kriżi mingħajr preċedent relatata mal-COVID. Is-sħubijiet Ewropej jindirizzaw sfidi transfruntieri kumplessi li jeħtieġu approċċ integrat. Dawn jagħmluha possibbli li jiġu indirizzati l-fallimenti fit-trasformazzjoni, sistemiċi u tas-suq deskritti fil-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjaw dan ir-Regolament billi jgħaqqdu flimkien firxa wiesgħa ta' atturi tul il-ktajjen tal-valur u l-ekosistemi sabiex jaħdmu lejn viżjoni komuni u jsarrfuha fi pjanijiet direzzjonali konkreti u f'implimentazzjoni koordinata tal-attivitajiet. Barra minn hekk, dawn jippermettu li l-isforzi u r-riżorsi jiġu kkonċentrati fuq prijoritajiet komuni sabiex jiġu solvuti l-isfidi kumplessi.

(3) Sabiex jitwettqu l-prijoritajiet u l-impatt, jenħtieġ li s-sħubijiet Ewropej jiġu żviluppati permezz ta' involviment wiesa' tal-partijiet ikkonċernati rilevanti madwar l-Ewropa, inklużi l-industrija, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, il-korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħal fondazzjonijiet li jappoġġaw u/jew iwettqu r-

8 ĠU … [Opinjoni tal-PE]
9 ĠU … [Opinjoni tal-KESE]
10 ĠU [….].

riċerka u l-innovazzjoni. Jenħtieġ li dawn ikunu wkoll waħda mill-miżuri sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-sħab tas-settur privat u/jew pubbliku fil-livell internazzjonali inkluż billi jingħaqdu l-programmi ta' riċerka u ta' innovazzjoni u l-investiment transfruntier fir-riċerka u fl-innovazzjoni sabiex jinġiebu benefiċċji reċiproċi għan-nies u għan-negozji filwaqt li jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' ssostni l-interessi tagħha f'oqsma strateġiċi.

(4) L-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 żvelat li maż-żmien ġie introdott repertorju konsiderevoli ta' strumenti u ta' inizjattivi ta' sħubija, b'seba' forom ta' implimentazzjoni u kważi 120 inizjattiva ta' sħubija li joperaw fil-qafas ta' Orizzont 2020. Minbarra l-kumplessità ġġenerata mill-proliferazzjoni ta' strumenti u ta' inizjattivi, ġie vvalutat li l-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu għall-politiki relatati fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali b'mod kumplessiv mhijiex biżżejjed minkejja l-fatt li dawn iġibu diversi impatti pożittivi fil-progress favur l-objettivi tagħhom, pereżempju billi jiġu stabbiliti aġendi fit-tul, tiġi strutturata l-kooperazzjoni fir-riċerka u fl-innovazzjoni bejn atturi li, kieku, ma jingħaqdux flimkien, u jiġu ingranati investimenti addizzjonali. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-impatt ta' Orizzont Ewropa tidentifika l-ħtieġa li jiġi indirizzat u ssimplifikat ix-xenarju tal-finanzjament ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-sħubijiet, kif ukoll li s-sħubijiet jiġu orjentati mill-ġdid lejn impatt u implimentazzjoni aħjar b'rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni.

(5) Sabiex jiġi indirizzat dan it-tħassib u sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni ogħla għall-investimenti Ewropej, jenħtieġ li Orizzont Ewropa jipproponi simplifikazzjoni u riforma kbar għall-politika tal-Kummissjoni dwar is-sħubijiet għar-riċerka u għall-innovazzjoni. Sabiex tirrifletti n-natura sistemika tagħha mmirata lejn il-kontribuzzjoni għat-"trasformazzjonijiet" madwar l-Unjoni kollha favur l-objettivi ta' sostenibbiltà, jenħtieġ li Orizzont Ewropa tagħmel użu aktar effettiv minn dawn is-sħubiji b'approċċ aktar strateġiku, koerenti u xprunat mill-impatt.

(6) Ir-Regolament (UE) 2020/852[11] jistabbilixxi l-qafas ġenerali għad-determinazzjoni ta' jekk attività ekonomika tikkwalifikax bħala ambjentalment sostenibbli għall-finijiet tad-definizzjoni ta' investimenti sostenibbli. Dan joħloq referenza komuni li l-investituri, il-banek, l-industrija u r-riċerkaturi jistgħu jużaw meta jinvestu fi proġetti u f'attivitajiet ekonomiċi li jkollhom impatt pożittiv sostanzjali fuq il-klima u fuq l-ambjent u l-ebda ħsara sinifikanti fuq kwalunkwe wieħed minnhom. Huwa r-referenza għal investimenti ekoloġiċi fl-Unjoni.

(7) Fejn rilevanti, jenħtieġ li s-sħubijiet iqisu l-Kriterji Tekniċi ta' Skrinjar skont l-Artikolu 3 u l-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" mill-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 bħala strument sabiex itejbu l-prontezza tal-proġetti tagħhom u l-aċċess għall-finanzjament ekoloġiku li se jkun kruċjali għall-adozzjoni mis-suq u għall-varar aktar mifrux tat-teknoloġiji u tas-soluzzjonijiet innovattivi li se jipprovdu. L-evidenza xjentifika tinsab fil-qalba tal-Kriterji Tekniċi ta' Skrinjar. Ir-riċerka u l-innovazzjoni, segwiti mis-Sħubijiet, jenħtieġ li jaqdu rwol importanti sabiex jgħinu lill-operaturi ekonomiċi jilħqu jew imorru lil hinn mill-istandards u mil-limiti stabbiliti fir-Regolament u sabiex iżommu l-Kriterji Tekniċi ta' Skrinjar aġġornati u konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

[11] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(8) Fuq il-bażi tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, jenħtieġ li jkun possibbli li s-sħubijiet Ewropej jiġu stabbiliti bl-użu ta' tliet forom differenti, jiġifieri "kofinanzjati", "koprogrammati" u "istituzzjonalizzati". L-istabbiliment ta' sħubijiet istituzzjonalizzati jenħtieġ li jinvolvi leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni u l-istabbiliment ta' strutturi ta' implimentazzjoni dedikati skont l-Artikolu 185 jew l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(9) Ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa jiddefinixxi tmien oqsma prijoritarji, li fihom jistgħu jiġu proposti sħubijiet istituzzjonalizzati. F'dawk l-oqsma prijoritarji, jitressqu diversi inizjattivi għal sħubijiet istituzzjonalizzati u disgħa minnhom huma koperti b'dan ir-Regolament.

(10) L-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni mwettqa mill-impriżi konġunti jenħtieġ li jiġu ffinanzjati minn Orizzont Ewropa. Sabiex jiksbu impatt massimu, jenħtieġ li l-impriżi konġunti jiżviluppaw sinerġiji mill-qrib ma' programmi u ma' strumenti ta' finanzjament oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari ma' dawk li jappoġġaw il-varar ta' soluzzjonijiet innovattivi, l-edukazzjoni u l-iżvilupp reġjonali, sabiex tiżdied il-koeżjoni ekonomika u soċjali u jitnaqqsu l-iżbilanċi.

(11) L-approċċ ta' politika l-ġdid għas-Sħubijiet Ewropej, u b'mod partikolari s-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati, jitlob mod ġdid kif jiġi stabbilit il-qafas legali li joperaw fih. Filwaqt li l-istabbiliment ta' impriżi konġunti fuq il-bażi tal-Artikolu 187 tat-TFUE għall-finijiet ta' Orizzont 2020 wera li huwa effettiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni, huwa meħtieġ li dan jissaħħaħ. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu l-għan li jżid il-koerenza, l-effiċjenza, l-effettività u l-orjentazzjoni lejn l-impatt tal-implimentazzjoni permezz tat-tisrif tad-dispożizzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, u tal-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tal-programm fil-qafas ta' Orizzont 2020, f'dispożizzjonijiet komuni fl-impriżi konġunti b'mod armonizzat. Għandu l-għan li jiffaċilita l-ħolqien ta' kollaborazzjoni u ta' sinerġiji bejn is-sħubijiet Ewropej, u b'hekk jagħmel użu sħiħ mill-interkonnessjonijiet tagħhom fil-livell organizzazzjonali. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jfittxu opportunitajiet sabiex jinvolvu rappreżentanti ta' sħubijiet Ewropej oħra f'diskussjonijiet matul l-abbozzar tal-programmi ta' ħidma tagħhom, jidentifikaw l-oqsma li fihom attivitajiet kumplimentari jew konġunti jindirizzaw l-isfidi b'mod aktar effettiv u effiċjenti, jevitaw trikkib, jallinjaw it-twaqqit tal-attivitajiet tagħhom u jiżguraw l-aċċess għar-riżultati u għal mezzi rilevanti oħrajn ta' skambju tal-għarfien.

(12) Wara l-identifikazzjoni tas-sinerġiji bejniethom, jenħtieġ li l-impriżi konġunti jkollhom l-għan li jiddeterminaw l-ishma tal-baġit li jenħtieġ li jintużaw għal attivitajiet komplementari jew konġunti bejn l-impriżi konġunti. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu l-għan li jikseb effiċjenzi u armonizzazzjoni mtejba tar-regoli permezz ta' kollaborazzjoni operazzjonali intensifikata u billi jesplora ekonomiji ta' skala, inkluż l-istabbiliment ta' back office komuni, li jenħtieġ li jipprovdi funzjonijiet ta' appoġġ orizzontali lill-impriżi konġunti. Jenħtieġ li l-back office komuni jagħmilha aktar faċli sabiex jinkiseb impatt u armonizzazzjoni akbar fuq punti komuni filwaqt li jinżamm ċertu grad ta' flessibbiltà sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull impriża konġunta. Jenħtieġ li l-istruttura tiġi stabbilita bl-użu ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz li għandhom jiġu konklużi b'mod konġunt mill-impriżi konġunti. Jenħtieġ li l-funzjonijiet ta' back office komuni jkopru l-funzjonijiet ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ amministrattiv f'oqsma li fihom l-iskrinjar tiegħu jkun irriżulta effiċjenti u kosteffettiv u jenħtieġ li jqisu l-konformità mar-rekwiżit ta' responsabbiltà ta' kull uffiċjal tal-awtorizzazzjoni individwali. Jenħtieġ li l-istruttura legali titfassal sabiex taqdi bl-aħjar mod il-ħtiġijiet komuni tal-impriżi konġunti, sabiex tiżgura l-

kollaborazzjoni mill-qrib tagħhom u tesplora s-sinerġiji possibbli kollha fost is-sħubijiet Ewropej u, bħala konsegwenza, bejn id-diversi partijiet tal-programm Orizzont Ewropa kif ukoll bejn il-programmi l-oħra ġestiti mill-impriżi konġunti.

(13) Il-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward ta' kull impriża konġunta stabbilita b'dan ir-Regolament ipprovdew evidenza li tiġġustifika l-implimentazzjoni ta' sħubijiet f'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa biss fejn partijiet oħra tal-programm Orizzont Ewropa, inklużi forom oħra ta' sħubija Ewropea, ma jkunux biżżejjed sabiex jilħqu l-objettivi jew ma jkunux jiġġeneraw l-impatti mistennija meħtieġa, fejn tali implimentazzjoni tkun iġġustifikata minn perspettiva fit-tul u minn grad għoli ta' integrazzjoni.

(14) Orizzont Ewropa jintroduċi approċċ aktar strateġiku, koerenti u xprunat mill-impatt għas-sħubijiet Ewropej, filwaqt li jibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020. F'konformità mal-ambizzjoni l-ġdida, dan ir-Regolament għandu l-għan li juża b'mod aktar effettiv is-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati, b'mod partikolari billi jiffoka fuq objettivi, fuq eżiti u fuq impatt ċari li jistgħu jinkisbu sal-2030, u billi jiżgura kontribut ċar għall-prijoritajiet ta' politika u għall-politiki relatati tal-Unjoni. Il-kollaborazzjoni mill-qrib u s-sinerġiji ma' inizjattivi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari ma' sħubijiet Ewropej oħra, huma kruċjali sabiex jinkiseb impatt akbar u sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni tar-riżultati. Fil-valutazzjoni tal-impatt ġenerali, jenħtieġ li jitqiesu investimenti usa' lil hinn mill-kontribuzzjonijiet mis-sħab u skattati mill-impriżi konġunti li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tagħhom.

(15) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq il-prinċipji u fuq il-kriterji stabbiliti fir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, inklużi l-aċċess miftuħ u t-trasparenza, effett ta' ingranaġġ qawwi u impenji fit-tul tal-partijiet kollha involuti. Wieħed mill-objettivi ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura l-aċċess miftuħ tal-inizjattivi għal firxa wiesgħa ta' entitajiet, inklużi dawk ġodda. Jenħtieġ li l-sħubiji jkunu miftuħa għal kwalunkwe entità li tkun lesta u kapaċi taħdem lejn l-għan komuni, u tippromwovi parteċipazzjoni wiesgħa u attiva tal-partijiet ikkonċernati fl-attivitajiet, fis-sħubija u fil-governanza tagħhom, u sabiex tiżgura li r-riżultati jkunu għall-benefiċċju tal-Ewropej kollha, b'mod partikolari permezz ta' disseminazzjoni wiesgħa tar-riżultati u tal-attivitajiet ta' qabel il-varar madwar l-Unjoni.

(16) Għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, mal-interessi, mal-awtonomija jew mas-sigurtà tal-Unjoni, jenħtieġ li l-miżuri stabbiliti fl-[Artikolu 16] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa jkunu applikabbli għal programmi ta' ħidma ta' impriżi konġunti.

(17) [L-Anness III] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa jeħtieġ li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji u/jew *in natura* minn sħab għajr l-Unjoni jilħqu tal-anqas il-50 % u jistgħu jaslu sa 75 % tal-impenji baġitarji aggregati tas-Sħubija Ewropea. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kontribuzzjoni meħtieġa mill-membri tal-impriżi konġunti fl-istess livell jew f'livell ogħla mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni li tnaqqas il-kontribuzzjoni tagħha jekk il-membri għajr l-Unjoni jonqsu milli jissodisfaw l-impenji tagħhom.

(18) F'konformità mal-ambizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, waħda mill-prekundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' sħubijiet istituzzjonalizzati hija li jiġu żgurati l-kontribuzzjonijiet tas-sħab tul il-ħajja tal-inizjattivi. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li s-sħab privati jagħtu parti sinifikanti mill-kontribuzzjonijiet tagħhom fil-forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-kostijiet operazzjonali tal-impriża konġunta. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jkunu jistgħu jfittxu miżuri sabiex jiffaċilitaw

dawn il-kontribuzzjonijiet permezz tal-programmi ta' ħidma tagħhom, b'mod partikolari billi jnaqqsu r-rati ta' finanzjament. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu bbażati fuq il-ħtiġijiet speċifiċi ta' impriża konġunta u fuq l-attivitajiet sottostanti. F'każijiet iġġustifikati, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu introdotti kundizzjonijiet addizzjonali li jirrikjedu l-parteċipazzjoni ta' membru tal-impriża konġunta jew tal-entitajiet kostitwenti jew affiljati tiegħu, immirati lejn attivitajiet li fihom is-sħab industrijali tal-impriża konġunta jista' jaqdu rwol ewlieni, bħal dimostrazzjonijiet fuq skala kbira u proġetti ewlenin, u jikkontribwixxu aktar permezz ta' rati ta' finanzjament aktar baxxi. Jenħtieġ li l-livell ta' parteċipazzjoni tal-membri jiġi mmonitorjat mid-direttur eżekuttiv sabiex il-bord ta' tmexxija jingħata s-setgħa li jieħu azzjonijiet xierqa, filwaqt li jiġi żgurat bilanċ bejn l-impenn mis-sħab u l-aċċess miftuħ. F'każijiet debitament iġġustifikati, in-nefqa kapitali għal, pereżempju, dimostraturi fuq skala kbira jew għal proġetti ewlenin, tista' titqies bħala kost eliġibbli f'konformità mal-qafas legali applikabbli.

(19) F'konformità mal-prinċipju tal-kondiviżjoni ġusta tal-kontribuzzjonijiet fost il-membri tal-impriżi konġunti, jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet amministrattivi tal-impriżi konġunti jinqasmu b'mod ugwali bejn l-Unjoni u l-membri għajr l-Unjoni. Jenħtieġ li devjazzjonijiet minn dak il-prinċipju jitqiesu biss f'każijiet eċċezzjonali u debitament iġġustifikati bħal meta d-daqs jew l-istruttura tas-sħubija ta' membru tal-impriża konġunta għajr l-Unjoni tkun tirriżulta f'kontribuzzjonijiet għal kull entità kostitwenti jew affiljata, b'mod partikolari intrapriżi żgħar u medji (SMEs), ta' livell li tant ikun għoli li jipperikola serjament l-inċentiv li entità ssir jew tibqa' entità kostitwenti jew affiljata tal-membru tal-impriża konġunta. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-perċentwal minimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali għall-kostijiet amministrattivi tal-impriża konġunta minn membri għajr l-Unjoni jkun ta' 20 % tal-kostijiet amministrattivi annwali totali u jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet mill-SMEs jkunu ferm anqas minn dawk minn entitajiet kostitwenti jew affiljati akbar. Ladarba tintlaħaq massa kritika ta' sħubija li tippermetti kontribuzzjoni ogħla minn 20 % tal-kostijiet amministrattivi annwali totali, jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet annwali għal kull entità kostitwenti jew affiljata jinżammu jew jiżdiedu bl-għan li gradwalment jiżdied is-sehem tal-membri għajr l-Unjoni fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-kostijiet amministrattivi annwali tal-impriża konġunta. Jenħtieġ li l-membri tal-impriża konġunta għajr l-Unjoni jagħmlu ħilithom sabiex iżidu l-għadd ta' entitajiet kostitwenti jew affiljati bl-għan li jimmassimizzaw il-kontribuzzjoni għal 50 % tal-kostijiet amministrattivi tal-impriża konġunta tul il-ħajja tagħha.

(20) Ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa jirrikjedi li s-sħab juru l-impenn fit-tul tagħhom, inkluż sehem minimu ta' investimenti pubbliċi u/jew privati. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament l-Unjoni tidentifika membri fundaturi stabbiliti fl-Istati Membri, fil-pajjiżi assoċjati mal-programm Orizzont Ewropa jew fl-organizzazzjonijiet internazzjonali. Madankollu, fejn ikun meħtieġ, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi estiża l-bażi ta' sħubija ta' impriżi konġunti wara li jiġu stabbiliti b'membri assoċjati magħżula wara proċeduri miftuħa u trasparenti, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda jew l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi addizzjonali mal-programm Orizzont Ewropa. L-entitajiet legali interessati li jappoġġaw l-objettivi tal-impriżi konġunti fl-oqsma speċifiċi tar-riċerka tagħhom, mingħajr ma jsiru membri, jenħtieġ li jiġu offruti wkoll il-possibbiltà li jsiru sħab kontribwenti ta' dawn l-impriżi konġunti.

(21) L-istabbiliment ta' impriża konġunta jiżgura sħubija pubblika-privata ta' benefiċċju reċiproku għall-membri involuti, inkluż billi tiġi promossa ċ-ċertezza dwar

allokazzjonijiet baġitarji kbar għall-industriji rilevanti matul perjodu ta' seba' snin. Meta wieħed isir membru fundatur jew membru assoċjat, jew waħda mill-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom, ikun jista' jikseb influwenza, jew direttament jew permezz tar-rappreżentanti tal-industrija, fil-bord ta' tmexxija tal-impriża konġunta. Il-bord ta' tmexxija huwa l-korp deċiżjonali tal-impriża konġunta li jiddeċiedi dwar l-orjentazzjoni strateġika fit-tul tas-sħubija, kif ukoll dwar il-prijoritajiet annwali tagħha. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-membri fundaturi u l-membri assoċjati u, jekk applikabbli li jirrappreżentaw l-entitajiet kostitwenti tagħhom, ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-aġenda u għall-iffissar tal-prijoritajiet tal-impriża konġunta permezz tal-adozzjoni u permezz tal-emendar possibbli tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni, kif ukoll l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali, inkluż il-kontenut tas-sejħiet għal proposti, ir-rata ta' finanzjament applikabbli għal kull suġġett ta' sejħa, u r-regoli relatati tal-proċeduri ta' sottomissjoni, ta' evalwazzjoni, tal-għażla, ta' għoti u ta' rieżami.

(22) Huwa xieraq li l-membri għajr l-Unjoni jimpenjaw ruħhom għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz ta' ittra ta' impenn. Jenħtieġ li dawk l-ittri ta' impenn jkunu legalment validi matul il-ħajja tal-inizjattiva u mmonitorjati mill-qrib mill-impriża konġunta u mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti joħolqu ambjent legali u organizzazzjonali li jippermetti lill-membri jwettqu l-impenji tagħhom filwaqt li jiżguraw l-aċċess miftuħ kontinwu tal-inizjattiva u trasparenza matul l-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari għall-iffissar tal-prijoritajiet u għall-parteċipazzjoni f'sejħiet għal proposti.

(23) Simplifikazzjoni ulterjuri hija l-pedament tal-Programm Qafas Orizzont Ewropa. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jkun hemm mekkaniżmu ta' rapportar simplifikat għas-sħab, li ma għadhomx meħtieġa jirrapportaw dwar il-kostijiet mhux eliġibbli. Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali jitqiesu biss fuq il-bażi tal-kostijiet eliġibbli. Dan jippermetti l-kalkolu awtomatizzat ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali permezz tal-għodod tal-IT ta' Orizzont Ewropa, inaqqas il-piż amministrattiv għas-sħab u jagħmel il-mekkaniżmu ta' rapportar għall-kontribuzzjonijiet aktar effettiv. Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali jiġu mmonitorjati mill-qrib mill-impriżi konġunti u jenħtieġ li jitħejjew rapporti regolari mid-direttur eżekuttiv tal-bord ta' tmexxija sabiex jiġi stabbilit jekk il-progress fl-ilħuq tal-miri tal-kontribuzzjonijiet *in natura* huwiex sodisfaċenti biżżejjed. Jenħtieġ li l-bord ta' tmexxija jivvaluta kemm l-isforzi magħmula kif ukoll ir-riżultati miksuba mill-membri li jikkontribwixxu għal attivitajiet operazzjonali, kif ukoll fatturi oħra, bħal-livell ta' parteċipazzjoni tal-SMEs u l-attraenza tal-inizjattiva għall-ġodda. Meta jkun meħtieġ, jenħtieġ li jieħu miżuri rimedjali u korrettivi xierqa filwaqt li jqis il-prinċipji tal-aċċess miftuħ u tat-trasparenza.

(24) Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jipprovdu opportunità u inċentiv sistematiċi għall-membri għajr l-Unjoni sabiex jikkombinaw l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tagħhom ma' dawk tal-impriża konġunta. Jenħtieġ li attivitajiet addizzjonali ma jirċevux appoġġ finanzjarju mill-impriża konġunta. Madankollu, dawn jistgħu jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri meta jikkontribwixxu għall-objettivi tal-impriża konġunta u marbuta direttament mal-attivitajiet tagħha. Dik ir-rabta tista' tiġi stabbilita permezz tal-adozzjoni tar-riżultati minn azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-impriża konġunta jew mill-inizjattivi preċedenti tagħha, jew billi jintwera valur miżjud sinifikanti tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet aktar speċifiċi dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali għal kull

impriża konġunta, sakemm dan ikun meħtieġ biex jinkisbu d-direzzjonalità u l-impatt mixtieqa. Jenħtieġ li jiġi deċiż ukoll mill-bordijiet ta' tmexxija tal-impriżi konġunti jekk, għall-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet, l-użu ta' metodi ta' simplifikazzjoni bħal somom f'daqqa jew kostijiet ta' unità huwiex meħtieġ sabiex jinkisbu simplifikazzjoni, kosteffettività u livell xieraq ta' protezzjoni ta' *data* kummerċjali kunfidenzjali.

(25) Jenħtieġ li l-governanza tal-impriżi konġunti tiżgura li l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom ikunu idonei sabiex iżommu l-pass mal-ambjent soċjoekonomiku u teknoloġiku li qed jinbidel b'rata mgħaġġla u mal-isfidi globali. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jibbenefikaw mill-għarfien espert, mill-pariri u mill-appoġġ mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, sabiex jimplimentaw b'mod effettiv il-kompiti tagħhom u jiżguraw sinerġiji fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-impriżi konġunti jingħataw is-setgħa li jistabbilixxu korpi konsultattivi bl-għan li jipprovdulhom pariri esperti u jwettqu kwalunkwe kompitu ieħor ta' natura konsultattiva li jkun meħtieġ għall-kisba tal-objettivi tal-impriżi konġunti. Fl-istabbiliment tal-korpi konsultattivi, jenħtieġ li l-impriżi konġunti jiżguraw rappreżentanza bbilanċjata ta' esperti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-impriża konġunta, inkluż fir-rigward tal-bilanċ bejn il-ġeneri. Jenħtieġ li l-parir ipprovdut minn dawn il-korpi kif ukoll minn dawk tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u ta' partijiet ikkonċernati oħra ta' impriżi konġunti jġib miegħu perspettivi xjentifiċi.

(26) Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jkunu jistgħu jistabbilixxu korp konsultattiv b'funzjoni konsultattiva xjentifika. Jenħtieġ li dak il-korp jew il-membri tiegħu jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu pariri xjentifiċi indipendenti u appoġġ lill-impriża konġunta rispettiva. Jenħtieġ li l-pariri xjentifiċi jikkonċernaw, b'mod partikolari, pjanijiet ta' ħidma annwali, attivitajiet addizzjonali kif ukoll kwalunkwe aspett ieħor tal-kompiti tal-impriżi konġunti, kif meħtieġ.

(27) Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jiżguraw li l-Istati Membri jkunu informati biżżejjed dwar l-attivitajiet tal-impriżi konġunti, ikunu jistgħu jipprovdu informazzjoni f'waqtha dwar l-attivitajiet imwettqa fl-Istati Membri u jkollhom l-opportunità li jikkontribwixxu għall-proċessi preparatorji u tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Tali djalogu mal-Istati Membri huwa partikolarment importanti fil-kuntest tas-sinerġiji u tal-ħtieġa li jiġi żgurat l-allinjament tal-isforzi u tal-attivitajiet fil-livell nazzjonali, reġjonali, tal-Unjoni u Ewropew sabiex jinħoloq impatt akbar. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti mingħajr il-parteċipazzjoni diretta jew indiretta tal-Istati Membri bħala sħab, jistabbilixxu Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istat bl-għan li l-attivitajiet tal-impriżi konġunti jiġu allinjati mal-politiki u mal-azzjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali u reġjonali.

(28) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-impriżi konġunti jkunu konxji tal-pożizzjonijiet u tal-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati mill-katina tal-valur kollha fl-oqsma rispettivi tagħhom, l-impriżi konġunti jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu l-gruppi ta' partijiet ikkonċernati konsultattivi rispettivi tagħhom, li għandhom jiġu kkonsultati dwar kwistjonijiet orizzontali jew fuq kwistjonijiet speċifiċi, skont il-ħtiġijiet ta' kull impriża konġunta. Jenħtieġ li tali gruppi jkunu miftuħa għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha, inklużi gruppi ta' interess organizzati, u gruppi ta' interess internazzjonali mill-Istati Membri, minn pajjiżi assoċjati kif ukoll minn pajjiżi oħrajn, attivi fil-qasam tal-impriżi konġunti.

(29) Jenħtieġ li l-impriżi konġunti joperaw b'mod miftuħ u trasparenti, billi jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha fil-ħin lill-korpi xierqa tagħhom kif ukoll billi jippromwovu l-attivitajiet tagħhom, inklużi attivitajiet ta' informazzjoni u ta' disseminazzjoni, lill-pubbliku usa'.

(30) Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jiġu implimentati bl-użu ta' struttura u ta' regoli li jtejbu l-effiċjenza u jiżguraw is-simplifikazzjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-impriżi konġunti jadottaw regoli finanzjarji speċifiċi għall-ħtiġijiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12].

(31) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-impriżi konġunti tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti għas-sħubijiet istituzzjonalizzati fir-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Jenħtieġ li dan jiġi appoġġat bl-użu ta' mezzi elettroniċi ġestiti mill-Kummissjoni. Informazzjoni relatata ma' azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-impriżi konġunti, inklużi r-riżultati, hija essenzjali għall-finijiet tal-iżvilupp, tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni ta' politiki jew tal-programmi tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-impriżi konġunti jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-azzjonijiet indiretti li jiffinanzjaw, inklużi r-riżultati tal-benefiċjarji li jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti. Tali drittijiet ta' aċċess jenħtieġ li jkunu limitati għal użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv u jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli ta' kunfidenzjalità applikabbli. Il-persunal tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-korpi, tal-uffiċċji jew tal-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li jingħata aċċess għal din l-informazzjoni soġġett għal standards adegwati dwar is-sigurtà tal-IT u s-sigurtà tal-informazzjoni u f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità.

(32) Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-impriżi konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa tikkonforma mar-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jiżguraw applikazzjoni konsistenti ta' dawk ir-regoli fuq il-bażi tal-miżuri rilevanti adottati mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jużaw il-mudell korporattiv tal-ftehim ta' għotja mħejji mill-Kummissjoni. Fir-rigward tal-perjodu sabiex jiġu kkontestati t-trasferimenti tas-sjieda tar-riżultati msemmija fl-[Artikolu 36(4)] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, jenħtieġ li titqies id-durata taċ-ċikli ta' innovazzjoni fl-oqsma koperti mill-impriżi konġunti rispettivi.

(33) Wieħed mill-finijiet ewlenin tal-impriżi konġunti huwa li jrawmu l-kapaċitajiet ekonomiċi tal-Unjoni u b'mod partikolari s-sovranità xjentifika u teknoloġika tagħha. Barra minn hekk, l-irkupru ta' wara l-pandemija jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment f'teknoloġiji ewlenin bħall-5G, l-IA, il-cloud, iċ-ċibersigurtà u t-teknoloġija ekoloġika u l-valorizzazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji fl-Unjoni. Ir-riżultati ġġenerati mill-parteċipanti kollha se jaqdu rwol importanti f'dan ir-rigward u l-parteċipanti kollha se jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni permezz tar-riżultati ġġenerati fil-proġett u mid-drittijiet ta' aċċess għalihom, anki dawk il-parteċipanti li ma jkunux irċevew finanzjament mill-Unjoni. Għalhekk, sabiex jiġu protetti l-interessi tal-Unjoni, jenħtieġ li d-dritt għal impriżi konġunti li joġġezzjonaw għal trasferimenti tas-sjieda

[12] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

tar-riżultati jew għal għotjiet ta' liċenzja esklużiva rigward ir-riżultati japplika wkoll għal parteċipanti li ma jkunux irċevew finanzjament mill-Unjoni. Fl-eżerċitar ta' dan id-dritt ta' kontestazzjoni, jenħtieġ li l-impriża konġunta ssib bilanċ ġust bejn l-interessi tal-Unjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fuq ir-riżultati tal-parteċipanti mingħajr finanzjament f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li dawn il-parteċipanti ma jkunu rċevew l-ebda finanzjament mill-Unjoni għall-azzjoni li minnha ġew iġġenerati r-riżultati.

(34) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi ġestita f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u mar-regoli dwar ġestjoni indiretta stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046.

(35) Għall-fini ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-piż amministrattiv jitnaqqas għall-partijiet kollha. Jenħtieġ li jiġu evitati awditi doppji u ammonti ta' dokumentazzjoni u rapportar sproporzjonati. Jenħtieġ li l-awditi tal-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jitwettqu f'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa u ma' programmi ta' finanzjament rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

(36) Jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-membri l-oħra tal-impriżi konġunti jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonati tul iċ-ċiklu tan-nefqa kollu kemm hu, li jinkludi l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod ħażin u, fejn xieraq, pieni amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-azzjonijiet implimentati minn xi wħud mill-impriżi konġunti li jirrikjedu li dawn jitneħħew gradwalment fuq diversi snin, jenħtieġ li jkun possibbli li l-impenji baġitarji pluriennali jinqasmu mill-Kummissjoni u mill-impriża konġunta rilevanti f'pagamenti parzjali annwali. F'dan ir-rigward, l-impenji baġitarji tal-impriżi konġunti msemmija fil-punti (b), (d) u (h) tal-Artikolu 3(1) jistgħu jinqasmu f'pagamenti parzjali annwali. Sal-31 ta' Diċembru 2024, l-ammont kumulattiv ta' dawk l-impenji baġitarji ma għandux jaqbeż il-50 fil-mija tal-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 145. Mill-1 ta' Jannar 2025, tal-anqas 20 fil-mija tal-baġit kumulattiv tas-snin residwi ma għandux ikun kopert minn pagamenti parzjali annwali.

(37) Fid-dawl tan-natura speċifika u tal-istatus attwali tal-impriżi konġunti, jenħtieġ li dawn jibqgħu soġġetti għal kwittanza separata. Jenħtieġ li l-awditjar tal-kontijiet u tal-legalità u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti jitwettaq mill-Qorti tal-Awdituri.

(38) F'konformità mal-[Artikolu 8(2)(c)] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, jenħtieġ li l-impriżi konġunti jkollhom approċċ ċar taċ-ċiklu tal-ħajja. Sabiex l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti b'mod adegwat, jenħtieġ li l-impriżi konġunti jiġu stabbiliti għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031 sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-għotjiet sakemm jitlestew l-aħħar azzjonijiet indiretti mnedija.

(39) Fil-kuntest tal-prijorità tal-Kummissjoni Ewropea ta' "Patt Ekoloġiku Ewropew"[13] appoġġat mill-Istrateġija riveduta tal-Unjoni dwar il-Bijoekonomija[14], mill-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità[15], mill-Komunikazzjoni Pjaneta Nadif għall-Kulħadd[16],

---

13 https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt
14 COM(2018)673 final
15 COM/2020/380 final
16 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018DC0773&from=MT

mill-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari[17] u mill-komunikazzjoni l-ġdida Mill-Għalqa sal-Platt[18], jenħtieġ li s-settur Ewropew b'bażi bijoloġika, inklużi l-SMEs, ir-reġjuni u l-produtturi primarji jsiru newtrali għall-klima, aktar ċirkolari u aktar sostenibbli filwaqt li jibqgħu kompetittivi fuq skala globali. Ekosistema tal-innovazzjoni b'bażi bijoloġika b'saħħitha, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva tista' tnaqqas id-dipendenza fuq materja prima u riżorsi minerali fossili mhux rinnovabbli u tħaffef is-sostituzzjoni tagħhom. Tista' tiżviluppa prodotti, materjali, proċessi u nutrijenti rinnovabbli b'bażi bijoloġika mill-iskart u mill-bijomassa permezz tal-innovazzjoni mmexxija mis-sostenibbiltà u miċ-ċirkolarità. Tali Ekosistema tista' toħloq ukoll valur mill-materja prima lokali – inklużi l-iskart, ir-residwi u l-flussi sekondarji – sabiex iġġib impjiegi, tkabbir ekonomiku u żvilupp madwar l-Unjoni mhux biss f'żoni urbani iżda wkoll f'territorji rurali u kostali fejn tiġi prodotta l-bijomassa u li spiss ikunu reġjuni periferali li rarament jibbenefikaw mill-iżvilupp industrijali.

(40) L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija Bbażata fuq il-Prodotti Bijoloġiċi stabbilita fil-qafas ta' Orizzont 2020 iffokat fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi, speċjalment f'setturi intensivi fir-riżorsi u b'impatt għoli, bħall-agrikoltura, il-manifattura tat-tessuti u l-kostruzzjoni, b'mod partikolari mmirata wkoll lejn l-operaturi lokali, il-manifatturi, l-impjanti u l-fabbriki. L-evalwazzjoni interim tagħha ppubblikata f'Ottubru 2017 inkludiet sett b'saħħtu ta' 34 rakkomandazzjoni li huma riflessi fit-tfassil tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika stabbilita b'dan ir-Regolament. L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika mhijiex kontinwazzjoni diretta tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija Bbażata fuq il-Prodotti Bijoloġiċi iżda, pjuttost, programm li jibni fuq il-kisbiet tal-predeċessur u jindirizza n-nuqqasijiet tiegħu. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika tinvolvi firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati inkluż is-settur primarju (l-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija) kif ukoll fornituri ta' skart, ta' residwi u ta' flussi sekondarji, awtoritajiet reġjonali u investituri sabiex tipprevjeni fallimenti tas-suq u proċessi b'bażi bijoloġika mhux sostenibbli. Sabiex tilħaq l-objettivi tagħha, jenħtieġ li tiffinanzja biss proġetti li jirrispettaw il-prinċipji taċ-ċirkolarità, tas-sostenibbiltà u tal-limiti planetarji.

(41) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika tistabbilixxi Gruppi ta' Varar li jenħtieġ li jservu bħala korpi konsultattivi u jenħtieġ li jipparteċipaw b'mod attiv fid-diskussjonijiet strateġiċi li qed jistabbilixxu l-aġenda għas-sħubija. Huwa kruċjali li dawn il-korpi konsultattivi jiġu inklużi fl-istruttura ta' governanza sabiex jiġu żgurati parteċipazzjoni usa' u investiment privat ogħla fis-settur ċirkolari b'bażi bijoloġika. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Gruppi ta' Varar jipprovdu appoġġ għal-laqgħat strateġiċi tal-Bord ta' Tmexxija fejn il-mexxejja industrijali u r-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati flimkien ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni ta' livell għoli jingħaqdu mal-Bord ta' Tmexxija permanenti sabiex jiddiskutu u jistabbilixxu d-direzzjoni strateġika tas-sħubija.

(42) Jenħtieġ li l-objettiv ewlieni tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa jkun li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta ekoloġika tal-avjazzjoni billi taċċellera l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-avjazzjoni newtrali għall-klima għall-aktar varar bikri possibbli tagħhom, u b'hekk tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-għanijiet ambizzjużi ta' mitigazzjoni tal-impatt ambjentali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jiġifieri

[17] COM(2020)98 final
[18] COM(2020)381 final

tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u newtralità klimatika sal-2050. Dan l-objettiv jista' jinkiseb biss permezz tal-aċċellerazzjoni u permezz tal-ottimizzazzjoni tal-proċessi ta' riċerka u ta' innovazzjoni fl-ajrunawtika u billi tittejjeb il-kompetittività globali tal-industrija tal-avjazzjoni tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa tiżgura wkoll li avjazzjoni aktar nadifa tibqa' sikura, sigura u effiċjenti għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bl-ajru.

(43) L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa tibni fuq l-esperjenza miksuba mill-Impriżi Konġunti Clean Sky u Clean Sky 2. Jenħtieġ li s-sħubija l-ġdida tkun aktar ambizzjuża billi tiffoka fuq l-iżvilupp ta' dimostraturi rivoluzzjonarji. F'konformità mas-sejbiet tal-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, jenħtieġ li inizjattiva ġdida tiżgura li kull dimostratur ikollu bażi ta' "argument għall-vijabbiltà" sabiex it-teknoloġiji żviluppati verament jaqdu l-"aktar varar bikri possibbli" li hija prijorità ewlenija. Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva l-ġdida tiffoka fuq iż-żieda fil-viżibbiltà tal-objettivi ta' sfruttament individwali tagħha u fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, ta' ġestjoni u ta' rapportar tal-impriża konġunta sabiex tirrifletti l-kumplessità tal-isforz ta' riċerka u ta' innovazzjoni meħtieġ sabiex is-sħubija tilħaq l-objettivi tagħha.

(44) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa tibni fuq bażi ta' sħubija diversa, li tiġbor flimkien spettru wiesa' ta' partijiet ikkonċernati u ta' ideat. Bl-għan li tidentifika l-aktar approċċi promettenti u l-entitajiet li kapaċi jwettquhom, il-Kummissjoni nediet sejħa għal espressjoni ta' ideat u ta' membri potenzjali[19]. Jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija jitħalla jagħżel membri assoċjati fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik is-sejħa sabiex jipprovdi għal espansjoni rapida tal-grupp ta' membri.

(45) Sabiex jiġi mmassimizzat u aċċellerat l-impatt tal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni mwettqa mill-Impriżi Konġunti Avjazzjoni Nadifa u Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 dwar it-tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet u d-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-avjazzjoni, jenħtieġ li dawn ifittxu kollaborazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) fil-ħidma tas-sħubija, bl-għan li jiżguraw skambju bikri ta' għarfien dwar it-teknoloġiji ġodda żviluppati. Dan se jkun kruċjali sabiex titħaffef l-adozzjoni mis-suq, billi jiġi ffaċilitat il-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi li jirriżultaw kif meħtieġ bir-Regolament (UE) 2018/1189[20].

(46) Sabiex jiġu mmassimizzati s-sinerġiji bejn il-programmi fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, jenħtieġ li l-membri tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa jesploraw il-possibbiltajiet li jipprovdu appoġġ finanzjarju fil-livell nazzjonali għal proposti eċċellenti li ma ntgħażlux għall-finanzjament mill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa minħabba abbonamenti eċċessivi.

(47) L-Ewropa qed taffaċċja l-isfida li jkollha taqdi rwol ewlieni fl-internalizzazzjoni tal-kostijiet soċjetali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-mudell tan-negozju tat-trasport bl-ajru filwaqt li tkompli tiżgura "kundizzjonijiet ekwi" għall-prodotti Ewropej fis-suq globali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa tappoġġa lir-rappreżentanti Ewropej fl-istandardizzazzjoni internazzjonali u fl-isforzi leġiżlattivi internazzjonali.

[19] https://ec.europa.eu/info/news/new-call-ideas-clean-aviation-partnerships-2020-aug-26_mt
[20] ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

(48) L-interess fl-Idroġenu evolva b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar ħames snin filwaqt li l-Istati Membri kollha ffirmaw u rratifikaw il-Konferenza tal-Partijiet (COP21) għall-Ftehim ta' Pariġi. Fl-aħħar tal-2019, il-Kummissjoni ppreżentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandu l-għan li jittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, li fiha fl-2050 ma jkun hemm l-ebda emissjoni netta ta' gassijiet serra. L-oqsma prijoritarji jinkludu idroġenu nadif, ċelloli tal-fjuwil, fjuwils alternattivi oħrajn u ħżin tal-enerġija. L-idroġenu huwa prominenti fil-Komunikazzjonijiet ta' Lulju 2020 dwar "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima" u "Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija" kif ukoll għat-tnedija tal-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif li tiġbor flimkien il-partijiet ikkonċernati kollha sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet tat-teknoloġija, l-opportunitajiet ta' investiment u l-ostakli regolatorji għall-bini ta' ekosistema tal-idroġenu nadif fl-Unjoni.

(49) Attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ddedikati relatati mal-applikazzjonijiet tal-idroġenu ilhom appoġġati mill-2008, prinċipalment permezz tal-Impriżi Konġunti taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (Impriża Konġunta FCH u l-Impriża Konġunta FCH 2) fil-qafas tal-PQ7 u ta' Orizzont 2020 kif ukoll permezz ta' proġetti kollaborattivi tradizzjonali, li jkopru l-istadji/l-oqsma kollha tal-katina tal-valur tal-idroġenu. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif ssaħħaħ u tintegra l-kapaċità xjentifika tal-Unjoni sabiex tħaffef l-iżvilupp u t-titjib ta' applikazzjonijiet avvanzati tal-idroġenu nadif lesti għas-suq, fl-użu finali għall-enerġija, għat-trasport, għall-bini u għall-industrija. Dan se jkun possibbli biss jekk ikun ikkombinat mat-tisħiħ tal-kompetittività tal-katina tal-valur tal-idroġenu nadif tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-SMEs.

(50) Sabiex jintlaħqu l-objettivi xjentifiċi tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, jenħtieġ li s-setturi kollha kkonċernati mill-ekonomija tal-idroġenu jingħataw il-possibbiltà li jinvolvu rwieħhom fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tagħha. Jenħtieġ li s-settur pubbliku jkun involut ukoll, speċjalment l-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali, b'dawn tal-aħħar li jkunu responsabbli għall-istabbiliment ta' politiki u ta' miżuri dwar il-klima relatati mal-mekkaniżmi tas-suq, sabiex jitneħħew id-diskrepanzi bejn l-iżvilupp tat-teknoloġija lesta għas-suq u l-adozzjoni fuq skala kbira.

(51) Peress li l-idroġenu jista' jiġi varat bħala fjuwil, bħala trasportatur tal-enerġija u għall-ħżin tal-enerġija, huwa essenzjali li s-sħubija għall-idroġenu nadif tistabbilixxi kollaborazzjoni strutturata ma' ħafna sħubijiet oħra ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari għall-użu finali. Jenħtieġ li s-sħubija għall-idroġenu nadif tinteraġixxi b'mod partikolari mat-trasport bit-triq u fuq l-ilma b'emissjonijiet żero, mas-sistema ferrovjarja Ewropea, mal-avjazzjoni nadifa, mal-proċessi għall-pjaneta u mas-sħubijiet tal-azzar nadif. Għal dik il-fini, jenħtieġ li tiġi stabbilita struttura li tirrapporta lill-Bord ta' Tmexxija sabiex jiġu żgurati l-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn dawn is-sħubiji fil-qasam tal-idroġenu. L-inizjattiva għall-idroġenu nadif tkun l-unika sħubija ffokata fuq l-indirizzar tat-teknoloġiji tal-produzzjoni tal-idroġenu. Jenħtieġ li l-kollaborazzjoni ma' sħubijiet tal-użu finali tiffoka b'mod partikolari fuq il-wiri tat-teknoloġija u fuq il-kodefinizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet.

(52) Il-ferroviji jikkontribwixxu għaż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport (SETA) u jirrappreżentaw element fundamentali tal-politika tal-Unjoni dwar l-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli fit-tul. F'termini ta' daqs ekonomiku, il-valur miżjud gross dirett tas-settur ferrovjarju Ewropew huwa ta' EUR 69 biljun u l-valur indirett ammonta għal

EUR 80 biljun. 1,3 miljun persuna kienu impjegati direttament fis-settur ferrovjarju u aktar minn miljun persuna indirettament[21].

(53) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prosperuża, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkun hemm l-ebda emissjoni netta ta' gassijiet serra sal-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. L-oqsma prijoritarji jinkludu l-aċċellerazzjoni tal-bidla għal mobilità sostenibbli u intelliġenti.

(54) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa[22] (Marzu 2020) tenfasizza li l-industriji tal-mobilità sostenibbli u intelliġenti, bħall-industrija ferrovjarja, għandhom kemm ir-responsabbiltà kif ukoll il-potenzjal li jixprunaw it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, jappoġġaw il-kompetittività industrijali tal-Ewropa u jtejbu l-konnettività. Għalhekk jenħtieġ li t-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bl-avjazzjoni u fuq l-ilma jikkontribwixxi għal tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet tat-trasport sal-2050. Bħala kwistjoni ta' prijorità, jenħtieġ li parti sostanzjali mill-75 % tal-merkanzija interna li illum il-ġurnata tinġarr bit-triq tibda tiġi ttrasportata bil-ferroviji u fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni.

(55) L-Impriża Konġunta Shift2Rail ġiet stabbilita fl-2014 sabiex tmexxi l-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp u ta' validazzjoni tal-inizjattiva Shift2Rail billi tgħaqqad il-finanzjament mis-settur pubbliku u privat ipprovdut mill-membri tagħha u billi tibbaża fuq riżorsi tekniċi interni u esterni. Hija stabbiliet forom ġodda ta' kollaborazzjoni, konsistenti mar-regoli tal-kompetizzjoni, bejn il-partijiet ikkonċernati mill-katina tal-valur ferrovjarja kollha u minn barra s-settur ferrovjarju tradizzjonali, u ġabet magħha l-esperjenza u l-għarfien espert tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji dwar kwistjonijiet relatati mal-interoperabbiltà u mas-sikurezza.

(56) Jenħtieġ li l-objettiv tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea jkun li tipprovdi network ferrovjarju Ewropew integrat b'kapaċità għolja billi telimina l-ostakli għall-interoperabbiltà u tipprovdi soluzzjonijiet għal integrazzjoni sħiħa, li jkopru l-ġestjoni tat-traffiku, il-vetturi, l-infrastruttura u s-servizzi. Jenħtieġ li din tisfrutta l-potenzjal enormi għad-diġitalizzazzjoni u għall-awtomatizzazzjoni sabiex jitnaqqsu l-kostijiet tal-ferroviji, tiżdied il-kapaċità, u jissaħħu l-flessibbiltà u l-affidabbiltà tagħhom, u jenħtieġ li tkun ibbażata fuq Arkitettura tas-Sistema Funzjonali ta' Referenza solida kondiviża mis-settur, f'koordinazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.

(57) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea tiddefinixxi fil-Pjan Regolatorju tagħha l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ta' prijorità, u l-arkitettura ġenerali tas-sistema u l-approċċ operazzjonali armonizzat, inklużi l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni fuq skala kbira, meħtieġa sabiex titħaffef il-penetrazzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi integrati, interoperabbli u standardizzati meħtieġa sabiex tiġi appoġġata ż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea.

(58) Il-ferroviji huma sistema kumplessa, b'interazzjonijiet mill-qrib ħafna bejn il-maniġers tal-infrastruttura, l-impriżi ferrovjarji (operaturi tal-ferroviji) u t-tagħmir rispettiv tagħhom (infrastruttura u materjal fuq ir-roti). Huwa impossibbli li tinkiseb innovazzjoni mingħajr speċifikazzjonijiet u strateġija komuni fis-sistema ferrovjarja kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pilastru tas-Sistema tal-Impriża Konġunta Sistema

---

[21] http://cer.be/topics/economic-footprint (2019).

[22] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1593086905382&uri=CELEX:52020DC0102

Ferrovjarja Ewropea jippermetti lis-settur jikkonverġi fuq kunċett operazzjonali u fuq arkitettura tas-sistema uniċi, li jinkludu d-definizzjoni tas-servizzi, tal-blokok funzjonali u tal-interfaċċi, li jifformaw il-bażi tal-operazzjonijiet tas-sistema ferrovjarja. Jenħtieġ li dan jipprovdi l-qafas ġenerali sabiex jiżgura li r-riċerka tkun immirata lejn ir-rekwiżiti tal-klijenti u l-ħtiġijiet operazzjonali li huma miftiehma b'mod komuni u lejn rekwiżiti tal-klijenti u ħtiġijiet operazzjonali kondiviżi. Jenħtieġ li l-mudell ta' governanza u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea jirriflettu r-rwol ewlieni tal-Kummissjoni fl-għaqda u fl-integrazzjoni tas-sistema ferrovjarja Ewropea, speċjalment fit-twettiq rapidu u effettiv tal-kunċett operazzjonali u tal-arkitettura tas-sistema uniċi, filwaqt li jkunu involuti s-sħab privati fi rwoli ta' konsulenza u ta' appoġġ tekniku.

(59) Sabiex jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka dwar il-Livelli baxxi ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL) jintużaw b'mod effettiv f'TRLs ogħla, u b'mod partikolari mill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, jenħtieġ li l-uffiċċju tal-programm tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea jimplimenta tali attivitajiet.

(60) Fejn ikun meħtieġ, sabiex jiġu żgurati tranżizzjoni u espansjoni rapidi tas-sħubija, jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea jitħalla jagħżel il-membri assoċjati fuq il-bażi tar-riżultati ta' sejħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Kummissjoni.

(61) Fil-kuntest tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-SDG 3, u l-Komunikazzjoni Lejn Strateġija Komprensiva mal-Afrika[23], l-Unjoni ħadet impenn li tikkontribwixxi sabiex tiżgura ħajjiet mimlija saħħa u tippromwovi l-benessri għal kulħadd, li tibni sħubija saħansitra aktar b'saħħitha bejn iż-żewġ kontinenti tagħna u li tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni fl-Afrika. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 tindirizza n-nuqqas ta' dijanjostika, ta' trattamenti u ta' vaċċini xierqa, fost l-hekk imsejħa teknoloġiji oħrajn tas-saħħa, sabiex jiġu indirizzati mard infettiv, bħall-HIV, il-malarja u t-tuberkolożi, iżda wkoll mard infettiv ieħor relatat mal-faqar u li ma jingħatax biżżejjed attenzjoni, li huwa prevalenti fl-Afrika, speċjalment fl-Afrika sub-Saħarjana. Il-pandemija tal-COVID19 żvelat li biż-żieda fil-konnettività bejn reġjuni differenti fid-dinja, permezz tal-kummerċ dinji u t-turiżmu, il-mard infettiv jista' jinfirex malajr madwar id-dinja kollha. Għalhekk, l-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-saħħa huwa kruċjali sabiex jiġi limitat it-tixrid ta' mard infettiv, kif ukoll sabiex dan jiġi miġġieled ladarba jinfirex, sabiex tiġi protetta s-saħħa taċ-ċittadini fil-pajjiżi kkonċernati u fl-Unjoni. Sabiex tinkiseb tmexxija aktar b'saħħitha fis-saħħa globali mill-inizjattiva attwali tal-EDCTP2, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tas-sħubija jiġi estiż sabiex ikopri r-rispons għal theddid ta' mard infettiv emerġenti, il-problemi dejjem akbar ta' reżistenza għall-antimikrobiċi u komorbiditajiet ta' mard mhux komunikabbli.

(62) L-indirizzar ta' mard infettiv li jaffettwa l-Afrika sub-Saħarjana b'għodod teknoloġiċi moderni jeħtieġ l-involviment ta' sett kbir ta' atturi u ta' impenji fit-tul. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, isservi bħala pont għall-bini ta' networks u ta' kooperazzjoni produttivi u sostenibbli bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u bejn partijiet differenti fin-Nofsinhar, filwaqt li tibni relazzjonijiet ma' diversi organizzazzjonijiet tas-settur privat u pubbliku sabiex jissaħħu l-kollaborazzjonijiet bejn il-proġetti u l-istituzzjonijiet. Jenħtieġ li l-programm jgħin ukoll sabiex jiġu

[23] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika, Brussell, 9.3.2020, JOIN(2020) 4 final.

stabbiliti kollaborazzjonijiet ġodda bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u bejn in-Nofsinhar u n-Nofsinhar sabiex jitwettqu studji fuq diversi pajjiżi u fuq diversi siti fl-Afrika sub-Saħarjana. Barra minn hekk, jenħtieġ li konferenza internazzjonali regolari, il-Forum tal-EDCTP, tipprovdi pjattaforma għal xjenzati u għan-networks rilevanti mill-Ewropa, mill-Afrika, u minn xi mkien ieħor sabiex jaqsmu s-sejbiet u l-ideat, u sabiex jiġu stabbiliti rabtiet kollaborattivi.

(63) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 tibni fuq l-esperjenza miksuba matul il-programmi EDCTP u EDCTP2, filwaqt li tikseb riżultati billi tisfrutta l-investimenti tal-Unjoni, tal-Istati Membri, tal-pajjiżi assoċjati u tal-pajjiżi Afrikani li ma setgħux jinkisbu minn pajjiżi individwali jew mill-programm qafas ta' riċerka tal-Unjoni waħdu. Jenħtieġ li l-Assoċjazzjoni tal-EDCTP, li tirrappreżenta lill-istati li jipparteċipaw fil-programm, tikkontribwixxi finanzjarjament u b'attivitajiet addizzjonali, għall-Programm EDCTP3 u għall-implimentazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li tipprovdi parteċipazzjoni u involviment sinifikanti tal-pajjiżi sub-Saħarjani fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, li huma essenzjali sabiex jiġi indirizzat il-piż tal-mard fil-pajjiżi sub-Saħarjani. Jenħtieġ li l-inizjattiva tinkludi finanzjaturi tar-riċerka internazzjonali oħrajn, bħal għaqdiet filantropiċi, l-industrija farmaċewtika u pajjiżi terzi oħra, li jenħtieġ li jikkontribwixxu għas-sħubija bħala sħab kontribwenti fuq bażi *ad hoc*. Barra minn hekk, sabiex jiżdied l-impatt tal-programm, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 ikollha, għal sejħiet speċifiċi, il-possibbiltà li tidentifika entitajiet legali li jistgħu jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti. Jenħtieġ li jkun possibbli li fil-programm ta' ħidma jiġi pprovdut li tali entitajiet legali ma jkunux eliġibbli għal finanzjament mill-impriża konġunta.

(64) Huwa essenzjali li l-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 jew li b'xi mod ieħor huma koperti mill-programm ta' ħidma tagħha, ikunu f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-Protokolli Supplimentari tagħha, mal-prinċipji etiċi inklużi fid-Dikjarazzjoni ta' Helsinki tal-2008 tal-Assoċjazzjoni Medika Dinjija, mal-istandards ta' prassi klinika tajba adottati mill-Konferenza Internazzjonali dwar l-Armonizzazzjoni tar-Rekwiżiti Tekniċi għar-Reġistrazzjoni ta' Farmaċewtiċi għall-Użu mill-Bniedem, mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u mar-rekwiżiti lokali dwar l-etika tal-pajjiżi fejn ikunu se jitwettqu l-attivitajiet ta' riċerka. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 tirrikjedi li l-innovazzjonijiet u l-interventi żviluppati fuq il-bażi tar-riżultati tal-azzjonijiet indiretti appoġġati mill-programm ikunu tajbin għall-but ta' popolazzjonijiet vulnerabbli u aċċessibbli għalihom.

(65) Sabiex l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 tirnexxi u tinċentiva l-parteċipazzjoni fis-sħubija, jenħtieġ li l-finanzjament tal-impriża konġunta jkun ristrett għall-entitajiet legali eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas tal-programm Orizzont Ewropa u stabbilit fi stati kostitwenti tal-Assoċjazzjoni tas-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP). Jenħtieġ li l-entitajiet stabbiliti fi Stati Membri oħra tal-Unjoni, f'pajjiżi assoċjati u f'pajjiżi tal-Afrika sub-Saħarjana xorta jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-sejħiet mingħajr ma jirċievu finanzjament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li entitajiet stabbiliti f'pajjiżi oħra li ma jkunux membri tal-Assoċjazzjoni tal-EDCTP3 ikunu eliġibbli għal finanzjament f'suġġetti speċifiċi tas-sejħiet jew f'każ ta' sejħa li tindirizza emerġenza tas-saħħa pubblika, fejn dan ikun previst fil-programm ta' ħidma. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 tieħu l-miżuri xierqa kollha, inklużi dawk kuntrattwali, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jenħtieġ li titfittex il-

konklużjoni ta' ftehimiet dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ma' pajjiżi terzi. Qabel il-konklużjoni tagħhom, meta l-entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz mingħajr tali ftehim jipparteċipaw b'finanzjament f'azzjoni indiretta, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta EDCTP3 tapplika miżuri alternattivi għas-salvagwardja tal-interessi tal-Unjoni: il-koordinatur finanzjarju tal-azzjoni jenħtieġ li jkun stabbilit fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat u l-ammont ta' prefinanzjament kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ftehim ta' għotja jenħtieġ li jiġu adattati sabiex iqisu b'mod adegwat ir-riskji finanzjarji.

(66) Fil-kuntest tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea ta' "Ekonomija għas-servizz tan-nies" u ta' "Ewropa lesta għall-era diġitali", l-industrija Ewropea, li tinkludi l-SMEs, jenħtieġ li ssir aktar ekoloġika, aktar ċirkolari u aktar diġitali filwaqt li tibqa' kompetittiva fuq skala globali. Il-Kummissjoni enfasizzat ir-rwol tal-apparati mediċi u tat-teknoloġiji diġitali fl-indirizzar tal-isfidi emerġenti u l-użu ta' servizzi tas-saħħa elettronika sabiex tiġi pprovduta kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, flimkien ma' sejħa sabiex tiġi żgurata l-provvista ta' mediċini affordabbli bl-għan li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Unjoni, filwaqt li tiġi appoġġata industrija farmaċewtika Ewropea innovattiva u fuq quddiem nett fid-dinja. L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija tas-saħħa tal-Unjoni, pedament tal-ekonomija bbażata fuq l-għarfien tal-Unjoni, għal attività ekonomika akbar fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-saħħa, b'mod partikolari ta' soluzzjonijiet integrati tas-saħħa, u b'hekk isservi bħala għodda sabiex tiżdied is-sovranità teknoloġika u titrawwem it-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetajiet tagħna. Prijoritajiet politiċi bħal dawn jistgħu jinkisbu billi jinġabru flimkien l-atturi kruċjali: l-akkademja, il-kumpaniji ta' diversi daqsijiet u l-utenti finali tal-innovazzjonijiet tas-saħħa, taħt il-kappa ta' sħubija pubblika-privata fir-riċerka u fl-innovazzjoni fis-saħħa. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva tgħin sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-"Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer"[24] u tal-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi"[25] . Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva tkun allinjata mal-Istrateġija Industrijali l-ġdida għall-Ewropa[26], mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa[27] u mal-istrateġija tal-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali[28] .

(67) L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva tibni fuq l-esperjenza miksuba mill-Impriża Konġunta Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (Impriża Konġunta IMI2) inkluż il-ħidma li saret minn din l-inizjattiva għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta IMI2[29], inizjattiva suċċessur jeħtieġ li "tippermetti l-involviment attiv ta' setturi oħra tal-industrija mal-industrija farmaċewtika sabiex jiġi sfruttat l-għarfien espert tagħhom fl-iżvilupp ta' interventi ġodda tal-kura tas-saħħa". Għalhekk, is-setturi tal-industrija jeħtieġ li jkopru s-setturi tal-bijofarmaċewtika, tal-bijoteknoloġija u tat-teknoloġija medika, inklużi kumpaniji attivi fil-qasam diġitali. Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva jkopri l-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-

[24] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12154-Europe-s-Beating-Cancer-Plan
[25] https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/antimicrobial_resistance/docs/amr_2017_action-plan.pdf
[26] COM(2020) 102.
[27] COM(2020) 761.
[28] COM(2020) 103.
[29] The Interim Evaluation of the Innovative Medicines Initiative 2 Joint Undertaking (2014-2016) operating under Horizon 2020 (ISBN 978-92-79-69299-4).

trattament u l-ġestjoni tal-mard u jrid jiġi stabbilit billi jitqies il-piż għoli għall-pazjenti u/jew għas-soċjetà minħabba s-severità tal-marda u/jew in-numru ta' persuni affettwati, kif ukoll l-impatt ekonomiku għoli tal-marda għall-pazjenti u għas-sistemi tal-kura tas-saħħa. L-azzjonijiet iffinanzjati jridu jagħti rispons lill-ħtiġijiet tas-saħħa pubblika tal-Unjoni, jappoġġaw l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet futuri tas-saħħa li jkunu sikuri, iffokati fuq in-nies, effettivi, kosteffettivi u tajbin għall-but tal-pazjenti u għas-sistemi tal-kura tas-saħħa.

(68) Sabiex tiġi żgurata l-aħjar opportunità għall-ġenerazzjoni ta' ideat xjentifiċi ġodda u għal attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ta' suċċess, jenħtieġ li l-atturi ewlenin fl-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva jkunu riċerkaturi minn diversi tipi ta' entitajiet, pubbliċi u privati. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-utenti finali bħaċ-ċittadini tal-Unjoni, il-professjonisti fil-kura tas-saħħa u l-fornituri tal-kura tas-saħħa jipprovdu kontribut fit-tfassil strateġiku u fl-attivitajiet tal-inizjattiva, filwaqt li jiżguraw li din tindirizza l-ħtiġijiet tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Unjoni kollha, il-korpi tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u l-kontribwenti għall-kura tas-saħħa jipprovdu wkoll kontribut bikri għall-attivitajiet tas-sħubija, filwaqt li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, sabiex tiżdied il-probabbiltà li r-riżultati tal-azzjonijiet iffinanzjati jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa għall-adozzjoni u b'hekk jilħqu l-impatti mistennija. Jenħtieġ li dak il-kontribut kollu jgħin sabiex l-isforzi tar-riċerka jiġu mmirati aħjar lejn oqsma ta' ħtiġijiet mhux issodisfati.

(69) L-isfidi u t-theddidiet attwali għas-saħħa huma globali. Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni minn atturi akkademiċi, industrijali u regolatorji internazzjonali, sabiex tibbenefika minn aċċess usa' għad-*data* u għall-għarfien espert, sabiex twieġeb għat-theddidiet emerġenti għas-saħħa u tikseb l-impatt soċjetali meħtieġ, b'mod partikolari eżiti tas-saħħa mtejba għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li ħafna mill-attivitajiet tas-sħubija jitwettqu fl-Istati Membri tal-Unjoni u fil-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa.

(70) Jenħtieġ li l-objettivi tas-sħubija jiffokaw fuq il-qasam prekompetittiv, u b'hekk joħolqu spazju sikur għal kollaborazzjoni effiċjenti bejn kumpaniji attivi f'teknoloġiji tas-saħħa differenti. Sabiex tiġi riflessa n-natura integrattiva tal-inizjattiva, tgħin sabiex tkisser is-silos bejn is-setturi tal-industrija tas-saħħa u ssaħħaħ il-kollaborazzjonijiet bejn l-industrija u l-akkademja, jenħtieġ li l-maġġoranza tal-proġetti ffinanzjati mill-inizjattiva jkunu transsettorjali.

(71) It-terminu Teknoloġiji Diġitali Ewlenin jirreferi għal komponenti u għal sistemi elettroniċi li jirfdu s-setturi ekonomiċi ewlenin kollha. Il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li dawk it-teknoloġiji jiġu ġestiti fl-Ewropa, b'mod partikolari fil-kuntest tat-twettiq tal-prijoritajiet tal-politika Ewropea bħall-awtonomija tat-teknoloġija diġitali[30]. L-importanza tal-qasam u l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-partijiet ikkonċernati fl-Unjoni jeħtieġu azzjoni urġenti sabiex ma titħalla l-ebda ħolqa dgħajfa fil-ktajjen tal-innovazzjoni u tal-valur tal-Ewropa. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu fil-livell tal-Unjoni li jgħaqqad u jiffoka l-għoti ta' appoġġ għar-riċerka u għall-innovazzjoni fil-komponenti u fis-sistemi elettroniċi mill-Istati Membri, mill-Unjoni u mis-settur privat.

30 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (COM(2020) 67 final).

(72) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin tindirizza suġġetti ddefiniti b'mod ċar li jippermettu lill-industriji Ewropej b'mod ġenerali jfasslu, jimmanifatturaw u jużaw l-aktar teknoloġiji innovattivi fil-komponenti u fis-sistemi elettroniċi. Appoġġ finanzjarju strutturat u kkoordinat fil-livell Ewropew huwa meħtieġ sabiex jgħin lit-timijiet tar-riċerka u lill-industriji Ewropej iżommu l-aspetti qawwija attwali tagħhom li jqegħduhom fuq quddiem nett fil-kuntest internazzjonali kompetittiv ħafna u jnaqqsu d-distakk fit-teknoloġiji li huma kritiċi għal trasformazzjoni diġitali fl-Ewropa li tirrifletti l-valuri ewlenin tal-Unjoni inklużi l-privatezza u l-fiduċja, is-sigurtà u s-sikurezza. Il-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati tal-ekosistema, li jirrappreżentaw is-segmenti kollha tal-ktajjen tal-valur, hija essenzjali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u għall-adozzjoni rapida tal-innovazzjoni mis-suq. L-aċċess miftuħ u l-flessibbiltà sabiex jiġu integrati l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi b'mod partikolari l-SMEs, f'oqsma emerġenti jew kontigwi tat-teknoloġija, jew fit-tnejn, huma vitali wkoll.

(73) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin tgħaqqad il-mezzi finanzjarji u tekniċi li huma essenzjali sabiex jinżamm il-pass dejjem aktar mgħaġġel tal-innovazzjoni f'dan il-qasam, sabiex jiġu ġġenerati esternalitajiet importanti għas-soċjetà, u sabiex jinqasam it-teħid tar-riskju billi l-istrateġiji u l-investimenti jiġu allinjati lejn interess Ewropew komuni. Għalhekk, jenħtieġ li l-membri tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin jkunu l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa fuq bażi volontarja, u assoċjazzjonijiet bħala membri privati li jirrappreżentaw il-kumpaniji kostitwenti tagħhom [u entitajiet legali oħrajn attivi fil-qasam tal-komponenti u tas-sistemi tal-elettronika fl-Ewropa]. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tiffaċilita allinjament koerenti mal-programmi u mal-istrateġiji nazzjonali, filwaqt li tnaqqas it-trikkib u l-frammentazzjoni tal-isforzi filwaqt li tiżgura sinerġiji bejn il-partijiet ikkonċernati u l-attivitajiet.

(74) F'konformità mal-[Artikolu 8(1)(c)] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, jenħtieġ li l-istati parteċipanti jafdaw lill-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin bl-implimentazzjoni tal-kontribut tagħhom lill-parteċipanti nazzjonali tagħhom f'azzjonijiet indiretti. Jenħtieġ li l-benefiċjarji iffirmaw ftehim ta' għotja uniku mal-impriża konġunta skont ir-regoli ta' Orizzont Ewropa, inkluż il-qafas rispettiv għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, skont il-programm tal-Unjoni li jappoġġa l-attività ta' għotja korrispondenti. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin tipproċessa l-pretensjonijiet għall-kostijiet u teżegwixxi l-pagamenti lill-benefiċjarji.

(75) Fl-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-istati parteċipanti lill-parteċipanti nazzjonali tagħhom f'azzjonijiet indiretti, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin tqis li l-istati parteċipanti jeħtiġilhom jirrispettaw regoli baġitarji nazzjonali stretti. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-istati parteċipanti u l-impriża konġunta jikkonkludu ftehimiet legalment vinkolanti li jimpenjaw lill-istati parteċipanti għall-ħlas tal-ammont sħiħ tal-kontribuzzjoni tagħhom għal azzjonijiet indiretti matul il-ħajja tal-inizjattiva. Jenħtieġ li tali ftehimiet jiġu konklużi fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali u tal-programmazzjoni tal-impriża konġunta. Jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija jadotta l-programm ta' ħidma annwali b'kunsiderazzjoni xierqa ta' dawk il-ftehimiet. Huwa biss wara dan u f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta li jenħtieġ li l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jagħmel l-impenji baġitarji u legali għal dawk l-azzjonijiet indiretti.

(76) Bħala kontinwazzjoni tal-prattika stabbilita fl-Impriża Konġunta ECSEL, hemm bżonn ta' deroga mill-[Artikolu 30] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa sabiex ikunu

permessi rati ta' rimborż differenti skont it-tip ta' parteċipant, jiġifieri SMEs u entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, u t-tip ta' azzjoni, li għandha tiġi applikata b'mod invarjabbli fost il-benefiċjarji mill-istati parteċipanti kollha. Jenħtieġ li din tiżgura bilanċ ġust bejn il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin u t-trawwim ta' involviment akbar tal-SMEs kif irrakkomandat fl-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta ECSEL.

(77) Il-qafas legali tal-Ajru Uniku Ewropew tal-Unjoni[31] jfittex li jirriforma s-sistema Ewropea ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) permezz ta' azzjonijiet istituzzjonali, operazzjonali, teknoloġiċi u regolatorji bl-għan li jtejjeb il-prestazzjoni tagħha f'termini ta' kapaċità, ta' sikurezza, ta' effiċjenza u ta' impatt ambjentali.

(78) Il-proġett ta' Riċerka u ta' Żvilupp tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (ATM) (il-"proġett SESAR")[32] għandu l-għan li jimmodernizza l-ATM u jiġbor flimkien l-innovazzjoni teknoloġika u operazzjonali b'appoġġ għall-Ajru Uniku Ewropew. Għandu l-għan li jipprovdi s-soluzzjonijiet teknoloġiċi għal ATM bi prestazzjoni għolja sal-2035 sabiex jippermetti funzjonament mhux konġestjonat, saħansitra aktar sikur u aktar ekoloġiku tas-settur tat-trasport bl-ajru. Il-proġett SESAR jinkludi tliet proċessi kollaborattivi relatati ma' xulxin, kontinwi u li qed jevolvu li jiddefinixxu, jiżviluppaw u jvaraw sistemi teknoloġiċi innovattivi u proċeduri operazzjonali li huma l-bażi tal-ajru diġitali Ewropew iddefinit fil-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM[33].

(79) Il-"Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM" huwa l-għodda ta' ppjanar għall-modernizzazzjoni tal-ATM madwar l-Ewropa, li jgħaqqad l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-ATM ma' xenarji ta' attivitajiet ta' varar sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew.

(80) L-Impriża Konġunta SESAR ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-2007[34] bl-objettiv li timmaniġġja l-fażijiet ta' definizzjoni u ta' żvilupp tal-proġett SESAR, billi tgħaqqad il-finanzjament mis-settur pubbliku u privat ipprovdut mill-membri tagħha u billi tisfrutta riżorsi tekniċi interni u esterni, kif ukoll teżegwixxi u taġġorna, meta jkun meħtieġ, il-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM. Hija stabbiliet forma ġdida u effiċjenti ta' kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati f'settur fejn il-progress huwa possibbli biss meta l-partijiet ikkonċernati kollha jimplimentaw soluzzjonijiet ġodda b'mod sinkronizzat. Minħabba l-istabbiliment b'suċċess tal-isem tal-marka SESAR, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta l-ġdida Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 tkompli tagħmel użu minnha.

(81) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 tibni fuq l-esperjenza tal-Impriża Konġunta SESAR u tkompli r-rwol ta' koordinazzjoni tagħha għar-riċerka dwar l-ATM fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-objettivi ewlenin tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku

---

31 Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 96 31.3.2004, p.1).

32 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.

33 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE li tendorsja l-Pjan Direttur Ewropew għall-Ġestjoni tal-Ajru tal-proġett ta' Riċerka tal-ATM tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) (ĠU L 95, 9.4.2009, p.41).

34 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.

Ewropew 3 jkunu li ssaħħaħ u tintegra aktar il-kapaċità ta' riċerka u ta' innovazzjoni fl-Ewropa, li tgħin sabiex taċċellera d-diġitalizzazzjoni tas-settur u tagħmlu aktar reżiljenti u skalabbli għall-varjazzjonijiet fit-traffiku. Jenħtieġ li ssaħħaħ, permezz tal-innovazzjoni, il-kompetittività tat-trasport bl-ajru u tas-servizzi tal-ATM bl-ekwipaġġ u mingħajr ekwipaġġ, sabiex tappoġġa l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir. Jenħtieġ li tiżviluppa u taċċellera l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi sabiex jiġi stabbilit l-ispazju tal-Ajru Uniku Ewropew bħala l-ajru l-aktar effiċjenti u ekoloġiku għat-titjiriet fid-dinja.

(82) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta l-ġdida Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 tkun tista' tiżviluppa u tivvalida l-kontribut tekniku li jassisti lill-Kummissjoni fl-attivitajiet regolatorji dwar l-ATM, eż. fit-tħejjija tad-dokumentazzjoni teknika kollha għall-proġetti komuni stabbiliti skont ir-Regolament dwar l-Ajru Uniku Ewropew[35], fit-twettiq ta' studji tekniċi jew fl-għoti ta' appoġġ għal attivitajiet ta' standardizzazzjoni. Jenħtieġ li tiżgura wkoll l-intendenza tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE, inklużi l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-aġġornament tiegħu. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha voti fi proporzjon għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit, u tal-anqas 25 % tal-voti. Din l-istruttura tiżgura li l-Kummissjoni żżomm kapaċità b'saħħitha li tmexxi, minn perspettiva ta' politika, il-ħidma mwettqa mill-Impriża Konġunta fir-rigward ta' dawn il-kompiti permezz tal-mekkaniżmi ta' superviżjoni msaħħa stabbiliti għal dawn il-korpi.

(83) Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fl-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 tkun miftuħa għall-aktar firxa u rappreżentazzjoni wisgħin possibbli ta' partijiet ikkonċernati mill-Istati Membri u mill-pajjiżi kollha assoċjati ma' Orizzont Ewropa, inklużi l-SMEs, permezz ta' forom differenti ta' parteċipazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tiżgura bilanċ xieraq bejn il-manifatturi tat-tagħmir kemm għall-avjazzjoni bl-ekwipaġġ kif ukoll għal dik mingħajr ekwipaġġ, għall-utenti tal-ispazju tal-ajru, għall-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, għall-ajruporti, għall-assoċjazzjonijiet tal-persunal militari u professjonali, u toffri opportunitajiet lill-SMEs, lill-akkademja u lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka. Bl-għan li tidentifika l-aktar approċċi promettenti u l-entitajiet li kapaċi jwettquhom, il-Kummissjoni nediet sejħa għal espressjoni ta' interess għal membri potenzjali. Jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija jitħalla jagħżel membri assoċjati fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik is-sejħa sabiex jipprovdi għal espansjoni rapida tal-grupp ta' membri.

(84) L-imposti fuq ir-rotot jiġġarrbu kompletament mill-utenti tal-ispazju tal-ajru, li jikkontribwixxu b'mod indirett għall-isforzi ta' riċerka u ta' żvilupp iffinanzjati minn partijiet ikkonċernati ewlenin tal-ATM bħall-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jew l-industrija tal-manifattura li tibni u tgħammar l-inġenji tal-ajru użati mill-utenti tal-ispazju tal-ajru. Għalhekk, jenħtieġ li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jingħataw rappreżentanza xierqa fi ħdan il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3.

(85) Sabiex jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka esploratorja dwar l-ATM (Livelli baxxi ta' Tħejjija Teknoloġika) jintużaw b'mod effettiv f'Livelli ogħla ta' Tħejjija Teknoloġika, u b'mod partikolari mill-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-

[35] COM(2020) 579, il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni).

Ajru Uniku Ewropew 3, jenħtieġ li l-uffiċċju tal-programm tal-impriża konġunta jimmaniġġja attivitajiet bħal dawn.

(86) L-Aġenzija EUROCONTROL għandha infrastruttura xierqa u s-servizzi ta' appoġġ amministrattiv, tal-IT, tal-komunikazzjonijiet u tal-loġistika meħtieġa. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 tibbenefika minn tali infrastruttura u servizzi minn EUROCONTROL. F'dan il-kuntest, hemm xi sinerġiji potenzjali li jistgħu jinkisbu mill-ġbir flimkien ta' riżorsi amministrattivi ma' Impriżi Konġunti oħrajn permezz ta' back office komuni. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 tagħżel li ma tibqax taħdem bil-funzjonijiet tal-back office komuni stabbiliti b'dan ir-Regolament.

(87) Bil-fini li tinħoloq bażi wiesgħa għall-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu żgurati l-objettivi tas-sħubija tan-Networks u tas-Servizzi Intelliġenti, ġiet stabbilita l-Assoċjazzjoni għall-infrastruttura tal-5G[36] li tibni fuq l-Assoċjazzjoni tal-Infrastruttura tal-5G. Filwaqt li l-assoċjazzjoni tal-industrija l-ġdida, fl-ewwel snin wara l-istabbiliment tagħha, hija mistennija jkollha biss għadd limitat ta' entitajiet kostitwenti u affiljati, hija għandha l-objettiv li tinkludi membri ġodda minn kostitwenzi ta' partijiet ikkonċernati attivi fil-katina tal-valur tan-Networks u tas-Servizzi Intelliġenti. Meta wieħed iqis id-daqs modest mistenni tagħha u l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u medji li se jkunu l-entitajiet kostitwenti tagħha, mhuwiex sostenibbli li l-assoċjazzjoni tikkontribwixxi għal 50 % tal-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta Networks Servizzi Intelliġenti tul il-ħajja tagħha, b'mod partikolari fl-ewwel snin wara li tiġi stabbilita. Barra minn hekk, il-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-impatti tagħha fuq l-ekonomija ħolqot sfidi fuq l-atturi ekonomiċi Ewropej inkluż fil-qasam tal-ICT. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li s-sħab privati tal-impriża konġunta jkunu jistgħu jissodisfaw l-impenji tagħhom, filwaqt li l-kundizzjonijiet jibqgħu attraenti u sħab ġodda jiġu inċentivati sabiex jissieħbu fl-assoċjazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-perċentwal minimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali għall-kostijiet amministrattivi minn membri għajr l-Unjoni jkun ta' 20 % tal-kostijiet amministrattivi annwali totali. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun possibbli li l-entitajiet kostitwenti li jkunu intrapriżi żgħar u medji jikkontribwixxu anqas minn intrapriżi akbar. Jenħtieġ li l-membri tal-impriża konġunta għajr l-Unjoni jagħmlu ħilithom sabiex iżidu l-għadd ta' entitajiet kostitwenti jew affiljati bl-għan li jimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tagħhom ta' 50 % tal-kostijiet amministrattivi tal-impriża konġunta tul il-ħajja tagħha.

(88) Fil-kuntest tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-2019-2024 "Ewropa lesta għall-era diġitali", "Ekonomija għas-servizz tan-nies" u tal-objettivi ta' politika stabbiliti fil-kuntest tal-Komunikazzjonijiet tagħha "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa", l-Ewropa jeħtieġ li tiżviluppa l-infrastrutturi diġitali kritiċi bbażati fuq networks tal-5G u tibni l-kapaċitajiet teknoloġiċi tagħha lejn is-6G sal-2030. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza strateġika ta' Sħubija Ewropea għal Networks u Servizzi Intelliġenti sabiex tipprovdi servizzi siguri bbażati fuq il-konnettività lill-konsumaturi u lin-negozji. Dawk il-prijoritajiet jistgħu jinkisbu billi jinġabru flimkien l-atturi ewlenin, jiġifieri l-industrija, l-akkademja u l-awtoritajiet pubbliċi, taħt il-kappa ta' sħubija Ewropea li tibni fuq il-kisbiet tal-inizjattiva tal-PPP tal-5G, li żviluppat b'suċċess it-teknoloġija u l-istandards tal-5G.

---

[36] L-Assoċjazzjoni tal-Infrastruttura tal-5G (5GIA) tippjana li timmodifika isimha qabel it-tnedija tal-Impriża Konġunta SNS, sabiex tirrifletti aħjar il-komunitajiet il-ġodda tal-partijiet ikkonċernati u l-ambitu estiż tal-Impriża Konġunta SNS, meta mqabbla mal-PPP tal-5G ta' Orizzont 2020.

(89) L-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti hija mfassla sabiex tindirizza kwistjonijiet ta' politika fil-qasam tal-infrastruttura diġitali u sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tat-teknoloġija ta' riċerka u ta' innovazzjoni għan-networks tas-6G. Jenħtieġ li, b'involviment mill-qrib tal-Istati Membri, din issaħħaħ ir-rispons għall-politika tal-Unjoni u għall-ħtiġijiet soċjali fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika tan-network, taċ-ċibersigurtà, tas-sovranità teknoloġika, tal-privatezza u tal-etika u se testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' riċerka u ta' innovazzjoni min-networks għall-provvista ta' servizzi bbażati fuq il-cloud kif ukoll għal komponenti u għal apparati li jippermettu servizzi għaċ-ċittadini u għal firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi bħall-kura tas-saħħa, it-trasport, il-manifattura u l-media.

(90) L-objettivi tal-ordni pubbliku relatati ma' Networks u ma' Servizzi Intelliġenti ma jistgħux jiġu indirizzati biss mill-industrija u mill-Kummissjoni. L-indirizzar tagħhom minn perspettiva olistika u kkoordinata jirrikjedi b'mod partikolari l-involviment strateġiku tal-Istati Membri bħala parti mill-istruttura ta' governanza. Għalhekk, jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija jqis bis-sħiħ l-opinjonijiet tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, b'mod partikolari fir-rigward tal-gwida strateġika li tikkonċerna l-programmi ta' ħidma u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament.

(91) L-infrastrutturi avvanzati tal-5G se jkunu l-bażi għall-iżvilupp tal-ekosistemi għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u, fil-pass li jmiss, għall-pożizzjoni tal-Ewropa sabiex tadotta t-teknoloġija tas-6G. Il-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) 2 - Diġitali kif ukoll il-Programm Ewropa Diġitali u InvestEU joffru opportunitajiet għall-iżvilupp ta' ekosistemi diġitali bbażati fuq il-5G u aktar tard fuq is-6G. Meta jitqies is-sett wiesa' ta' partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati involuti f'tali proġetti ta' varar, huwa essenzjali li jiġu kkoordinati l-istabbiliment ta' aġenda strateġika, il-kontribut għall-programmazzjoni, kif ukoll l-informazzjoni u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati relatati ma' tali programmi. Bħala bażi strateġika għal dawk il-kompiti, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti tikkoordina l-iżvilupp ta' Aġendi Strateġiċi ta' Varar għall-oqsma rilevanti tat-tnedija, bħas-sistemi tal-5G tul it-toroq u tul il-binarji ferrovjarji. Jenħtieġ li, fost l-oħrajn dawk l-aġendi jistabbilixxu pjanijiet direzzjonali għall-varar, l-għażliet ewlenin għall-mudelli ta' kooperazzjoni u kwistjonijiet strateġiċi oħra.

(92) [L-Artikolu 16(3)] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa jipprevedi li, fejn xieraq, il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament għandu jwettaq skrutinju tas-sigurtà għal proposti li jqajmu kwistjonijiet ta' sigurtà.

(93) Skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2019 u r-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Marzu 2019 dwar iċ-Ċibersigurtà tan-networks tal-5G għal azzjoni koordinata fil-livell tal-Unjoni, il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar is-Sigurtà tan-Networks u tal-Informazzjoni ppubblika s-sett ta' għodod tal-UE ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jikkonċernaw iċ-ċibersigurtà tan-networks tal-5G ta' Jannar 2020 (is-sett ta' għodod). Dak is-sett ta' għodod jinkludi sett ta' miżuri strateġiċi u tekniċi kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ sabiex jitnaqqsu r-riskji ewlenin taċ-ċibersigurtà tan-networks tal-5G, li ġew identifikati fir-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju kkoordinat tal-Unjoni, u jenħtieġ li tiġi pprovduta gwida għall-għażla ta' miżuri li jingħataw prijorità fil-pjanijiet ta' mitigazzjoni fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2020 dwar l-Implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE[37] tapprova l-miżuri u l-gwida kollha stabbiliti fis-sett ta' għodod u tenfasizza l-ħtieġa għal restrizzjonijiet, inklużi l-

[37] COM(2020)50 tad-29 ta' Jannar 2020.

esklużjonijiet meħtieġa, fir-rigward tal-fornituri meqjusa li huma ta' riskju għoli fuq il-bażi tal-fatturi speċifikati fil-valutazzjoni tar-riskju koordinata tal-UE kif ukoll miżuri sabiex tiġi evitata d-dipendenza fuq dawn il-fornituri. Hija tidentifika wkoll sett ta' azzjonijiet speċifiċi għall-Kummissjoni, b'mod partikolari li tiżgura li l-parteċipazzjoni fil-programmi ta' finanzjament tal-UE f'oqsma tat-teknoloġija rilevanti tkun kondizzjonali għall-konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà, billi jsir użu sħiħ mill-kundizzjonijiet tas-sigurtà u billi dawn jiġu implimentati b'mod ulterjuri. Għalhekk, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tintroduċi dispożizzjonijiet xierqa sabiex jiġu riflessi l-miżuri ta' sigurtà permezz ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta SNS u, fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tagħha, minn korpi ta' finanzjament oħrajn li jimplimentaw programmi oħrajn tal-Unjoni fil-qasam tan-networks u tas-servizzi intelliġenti.

(94) L-impriżi konġunti fil-qafas ta' Orizzont 2020 ġew stabbiliti għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jipprovdu appoġġ kontinwu għall-programmi ta' riċerka rispettivi billi jimplimentaw l-azzjonijiet li jifdal li nbdew jew li tkomplew skont ir-Regolamenti (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 561/2014, (UE) Nru 642/2014 u r-Regolament (KE) Nru 219/2007 f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti sal-istralċ tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li fl-interess taċ-ċertezza u ċ-ċarezza tad-dritt, dawk ir-Regolamenti jitħassru.

(95) Jenħtieġ li l-Unjoni taġixxi biss meta jkun hemm vantaġġ li jista' jintwera li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tkun aktar effettiva mill-azzjoni meħuda fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. L-inizjattivi jiffokaw fuq oqsma fejn ikun hemm valur miżjud evidenti fil-ħidma fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, il-veloċità u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa sabiex l-Unjoni tilħaq l-objettivi fit-tul tat-Trattat tagħha u tilħaq il-prijoritajiet u l-impenji tal-politika strateġika tagħha. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-inizjattivi proposti jitqiesu bħala komplementari għall-attivitajiet nazzjonali u subnazzjonali fl-istess qasam u jenħtieġ li jsaħħuhom.

(96) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, billi jevitaw duplikazzjoni żejda, iżommu massa kritika u jiżguraw li l-finanzjament pubbliku jintuża bl-aħjar mod, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# L-EWWEL PARTI

# DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

## TITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi disa' impriżi konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni ta' sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati ddefiniti fl-[Artikolu 2(3)] u msemmija fil-punt [(c)] tal-[Artikolu 8(1)]tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Dan jiddetermina l-objettivi u l-kompiti, is-sħubija, l-organizzazzjoni u regoli operatorji oħrajn tagħhom.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "membru għajr l-Unjoni" tfisser kwalunkwe stat parteċipanti, membru privat jew organizzazzjoni internazzjonali li hija membru ta' impriża konġunta;
2. "membru fundatur" tfisser kwalunkwe entità legali stabbilita fi Stat Membru, pajjiż assoċjat mal-Programm Orizzont Ewropa, jew organizzazzjoni internazzjonali li hija identifikata bħala membru ta' impriża konġunta f'dan ir-Regolament jew f'wieħed mill-Annessi tiegħu;
3. "membru assoċjat" tfisser kwalunkwe entità legali stabbilita fi Stat Membru, pajjiż assoċjat mal-programm Orizzont Ewropa jew organizzazzjoni internazzjonali li taderixxi ma' impriża konġunta billi tiffirma ittra ta' impenn f'konformità mal-Artikolu 7(4) u soġġetta għal approvazzjoni f'konformità ma' dak l-artikolu;
4. "stat parteċipanti" tfisser kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż assoċjat mal-programm Orizzont Ewropa man-notifika ta' parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin permezz ta' ittra ta' impenn;
5. "membru privat" tfisser kwalunkwe membru ta' impriża konġunta għajr l-Unjoni, l-istati parteċipanti jew organizzazzjonijiet internazzjonali;
6. "entitajiet kostitwenti" tfisser l-entitajiet li jikkostitwixxu membru privat ta' impriża konġunta, skont l-istatuti ta' dak il-membru;
7. "sieħeb kontribwenti" tfisser kwalunkwe pajjiż, organizzazzjoni internazzjonali jew entità legali għajr membru, jew entità kostitwenti ta' membru jew ta' entità affiljata ta' wieħed minnhom, li tappoġġa l-objettivi ta' impriża konġunta fil-qasam speċifiku tar-riċerka tagħha u li l-applikazzjoni tagħha ġiet approvata f'konformità mal-Artikolu 9(3);
8. "kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali" tfisser kontribuzzjonijiet minn membri privati, mill-entitajiet kostitwenti tagħhom, mill-entitajiet affiljati ta' waħda minnhom, minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn sħab kontribwenti, li jikkonsistu fil-kostijiet eliġibbli mġarrba minnhom fl-

implimentazzjoni ta' azzjonijiet indiretti li minnhom titnaqqas il-kontribuzzjoni ta' dik l-impriża konġunta, tal-istati parteċipanti ta' dik l-impriża konġunta u ta' kwalunkwe kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni għal dawk il-kostijiet;

9. "attività addizzjonali" tfisser attività barra mill-parti ewlenija tal-programm ta' ħidma li ma tirċevix appoġġ finanzjarju mill-impriża konġunta iżda tikkontribwixxi għall-objettivi tagħha u hija marbuta direttament mal-użu tar-riżultati minn proġetti ta' dik l-impriża konġunta jew tal-inizjattivi preċedenti tagħha jew li għandha valur miżjud sinifikanti tal-Unjoni;

10. "kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali" tfisser kontribuzzjonijiet mill-membri privati, mill-entitajiet kostitwenti tagħhom jew mill-entitajiet affiljati ta' waħda minnhom, li jikkonsistu fil-kostijiet imġarrba minnhom fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet addizzjonali wara li titnaqqas kwalunkwe kontribuzzjoni għal dawk il-kostijiet mill-Unjoni u mill-istati parteċipanti ta' dik l-impriża konġunta;

11. "inizjattiva preċedenti" tfisser kwalunkwe sħubija f'wieħed mill-oqsma koperti minn impriża konġunta li rċeviet appoġġ finanzjarju minn wieħed mill-programmi qafas preċedenti għar-riċerka;

12. "Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni" tfisser id-dokument li jkopri d-durata ta' Orizzont Ewropa li jidentifika l-prijoritajiet ewlenin u t-teknoloġiji u l-innovazzjonijiet essenzjali meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' impriża konġunta;

13. "programm ta' ħidma" tfisser id-dokument imsemmi fil-[punt (20)] tal-[Artikolu 2] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa.

14. "kunflitt ta' interess" tfisser sitwazzjoni li tinvolvi attur finanzjarju jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046.

*Artikolu 3*

*Stabbiliment*

1. L-impriżi konġunti li ġejjin huma stabbiliti bħala korpi tal-Unjoni għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031:

(a) l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika;

(b) l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa;

(c) l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif;

(d) l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea;

(e) l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3;

(f) l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva;

(g) l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin;

(h) l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3;

(i) l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti.

2. Il-korpi tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom kollettivament jissejħu "l-impriżi konġunti".

3. Sabiex jittieħed kont tad-durata ta' Orizzont Ewropa, is-sejħiet għal proposti tal-impriżi konġunti għandhom jitnedew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. F'każijiet debitament iġġustifikati, is-sejħiet għal proposti jistgħu jitnedew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2028.

4. L-impriżi konġunti għandu jkollhom personalità ġuridika. F'kull wieħed mill-Istati Membri, dawn għandhom igawdu mill-aktar kapaċità ġuridika estensiva mogħtija lill-persuni ġuridiċi skont il-liġijiet ta' dawk l-Istati Membri. Huma jistgħu, b'mod partikolari, jakkwistaw jew jiddisponu minn proprjetà mobbli u immobbli u jistgħu jkunu parti għal proċedimenti ġudizzjarji.

5. Is-sede tal-impriżi konġunti għandha tkun fi Brussell, il-Belġju.

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Ewwel Parti u fit-Tielet Parti għandhom japplikaw għall-impriżi konġunti kollha. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Tieni Parti għandhom japplikaw għall-impriżi konġunti individwali, kif xieraq.

7. Għall-finijiet tal-Ewwel u tat-Tielet Partijiet ta' dan ir-Regolament u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, referenza għal impriża jew għal korp konġunt individwali għandha tindika referenza għal kull impriża konġunta jew għal kull korp ekwivalenti tal-impriżi konġunti individwali u għall-kompetenzi tiegħu fir-rigward ta' korpi oħra tal-istess impriża konġunta.

# TITOLU II

# FUNZJONAMENT TAL-IMPRIŻI KONĠUNTI

## KAPITOLU 1

## Objettivi u kompiti

*Artikolu 4*

*Objettivi u prinċipji*

1. L-impriżi konġunti msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa kif stabbilit fl-[Artikolu 3] tiegħu.

2. Permezz tal-involviment u tal-impenn ta' sħab fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programm ta' attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni, l-impriżi konġunti għandhom jilħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin:

   (a) it-tisħiħ u l-integrazzjoni tal-kapaċitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni sabiex jiġu appoġġati l-ħolqien u d-disseminazzjoni ta' għarfien ġdid ta' kwalità għolja, b'mod partikolari bil-ħsieb li jingħelbu l-isfidi globali, jiġu żgurati l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-Unjoni u jingħata kontribut għal Żona Ewropea tar-Riċerka msaħħa;

(b) l-iżgurar ta' tmexxija globali mmexxija mis-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-valur tal-Unjoni u ta' awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni f'teknoloġiji u f'industriji ewlenin f'konformità mal-istrateġija industrijali għall-Ewropa;

(c) l-iżvilupp u l-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi madwar l-Unjoni li jindirizzaw sfidi klimatiċi, ambjentali, tas-saħħa u sfidi soċjetali globali oħrajn li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u tinkiseb in-newtralità fil-klima fl-Unjoni sal-2050.

3. L-impriżi konġunti għandhom iwettqu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) isaħħu l-massa kritika u l-kapaċitajiet xjentifiċi fir-riċerka u fl-innovazzjoni transsettorjali u interdixxiplinari madwar l-Unjoni;

(b) jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet soċjali, ekoloġiċi u ekonomiċi f'oqsma u f'setturi ta' importanza strateġika għall-prijoritajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 f'konformità mal-miri stabbiliti f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

(c) isaħħu l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni u l-prestazzjoni ta' ktajjen tal-valur ta' riċerka u ta' innovazzjoni Ewropej eżistenti u ġodda, inkluż f'intrapriżi żgħar u medji (SMEs);

(d) jaċċelleraw l-varar, l-adozzjoni u d-disseminazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi f'ekosistemi ta' riċerka u ta' innovazzjoni Ewropej imsaħħin, inkluż permezz ta' involviment u ta' kokreazzjoni wesgħin u bikrin mal-utenti finali, maċ-ċittadini u mal-korpi regolatorji u tal-istandardizzazzjoni;

(e) jiksbu titjib ambjentali u fil-produttività fi prodotti u f'servizzi ġodda billi jisfruttaw il-kapaċitajiet u r-riżorsi tal-Unjoni.

4. L-impriżi konġunti għandu jkollhom ukoll l-objettivi addizzjonali stabbiliti fit-Tieni Parti.

5. Fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, l-impriżi konġunti għandhom jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-[Artikolu 6(a)] ta' dak ir-Regolament.

6. L-impriżi konġunti għandhom jaderixxu mal-kundizzjonijiet u mal-kriterji għas-sħubijiet Ewropej stabbiliti fl-[Artikolu 8] u fl-[Anness III] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa.

*Artikolu 5*

*Objettivi operazzjonali u kompiti*

1. L-impriżi konġunti għandhom jaderixxu mal-objettivi operazzjonali li ġejjin f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-[Anness III] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u jikkontribwixxu għall-objettivi operazzjonali ta' Orizzont Ewropa stabbiliti fil-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill XXX/XXXX/UE[38]:

(a) isaħħu u jxerrdu l-eċċellenza, inkluż billi jrawmu parteċipazzjoni usa' fl-Unjoni kollha;

[38] Jekk jogħġbok daħħal it-titolu sħiħ + referenza tal-ĠU

(b) jistimolaw l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni fl-SMEs u jikkontribwixxu għall-ħolqien u għall-espansjoni ta' kumpaniji innovattivi, b'mod partikolari negozji ġodda, SMEs, u f'każijiet eċċezzjonali kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;

(c) isaħħu r-rabta bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni, u fejn xieraq, l-edukazzjoni u politiki oħrajn, inklużi l-komplementarjetajiet mal-politiki u mal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni nazzjonali u reġjonali u tal-Unjoni;

(d) iżidu r-rabtiet ta' kollaborazzjoni fir-riċerka u fl-innovazzjoni Ewropej u fis-setturi u fid-dixxiplini kollha, inklużi x-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi;

(e) isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali;

(f) iżidu s-sensibilizzazzjoni pubblika, l-aċċettazzjoni, id-domanda u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda billi jinvolvu liċ-ċittadini u lill-utenti finali fil-proċessi ta' kodisinn u ta' kokreazzjoni;

(g) iħeġġu l-isfruttament tar-riżultati ta' riċerka u ta' innovazzjoni u jiddisseminaw u jisfruttaw b'mod attiv ir-riżultati, b'mod partikolari għall-ingranaġġ ta' investimenti privati u għall-iżvilupp tal-politika;

(h) iħaffu t-trasformazzjoni industrijali, inkluż permezz ta' ħiliet imtejba għall-innovazzjoni;

(i) jappoġġaw l-implimentazzjoni bbażata fuq l-evidenza ta' politiki tal-Unjoni relatati, kif ukoll attivitajiet regolatorji, ta' standardizzazzjoni u ta' investiment sostenibbli fil-livelli Ewropej u globali.

2. L-impriżi konġunti għandhom iwettqu l-kompiti li ġejjin billi jadottaw approċċ sistemiku sabiex jintlaħqu l-objettivi:

(a) jipprovdu appoġġ finanzjarju, prinċipalment fil-forma ta' għotjiet, għal azzjonijiet indiretti ta' riċerka u ta' innovazzjoni, magħżula wara sejħiet miftuħa u kompetittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-programm ta' ħidma tagħhom;

(b) jiżviluppaw kooperazzjoni mill-qrib u jiżguraw koordinazzjoni ma' sħubijiet Ewropej oħrajn, inkluż billi, fejn xieraq, jallokaw parti mill-baġit tal-impriża konġunta għal sejħiet konġunti;

(c) ifittxu sinerġiji ma' attivitajiet u ma' programmi rilevanti, u, fejn xieraq, possibbiltajiet għal aktar finanzjament minnhom, fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari ma' dawk li jappoġġaw il-varar ta' soluzzjonijiet innovattivi, l-edukazzjoni u l-iżvilupp reġjonali, bħall-fondi tal-politika ta' Koeżjoni f'konformità mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;

(d) jiżguraw li l-operazzjonijiet tagħhom jikkontribwixxu għall-ippjanar pluriennali strateġiku, għar-rapportar, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni u għal rekwiżiti oħrajn ta' Orizzont Ewropa stabbiliti fl-[Artikoli 45 u 47] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, bħall-implimentazzjoni tal-qafas komuni ta' feedback dwar il-politika;

(e) jippromwovu l-involviment tal-SMEs fl-attivitajiet tagħhom u jieħdu miżuri li jiżguraw informazzjoni lill-SMEs, f'konformità mal-objettivi ta' Orizzont Ewropa;

(f) jimmobilizzaw ir-riżorsi tas-settur pubbliku u privat meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(g) jimmonitorjaw il-progress fil-kisba tal-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll skont dawk stabbiliti fl-[Artikolu 45] u fl-[Anness V] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa;

(h) jiddefinixxu u jimplimentaw il-programm ta' ħidma tagħhom;

(i) jikkollegaw mal-aktar firxa estensiva tal-partijiet ikkonċernati inklużi, iżda mhux limitati għal, aġenziji deċentralizzati, organizzazzjonijiet ta' riċerka u universitajiet, utenti finali u awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari għall-fini li jiġu ddefiniti l-prijoritajiet u l-attivitajiet ta' kull inizjattiva kif ukoll sabiex tiġi żgurata l-inklużività;

(j) iwettqu attivitajiet ta' informazzjoni, ta' komunikazzjoni, ta' pubbliċità u ta' disseminazzjoni u ta' użu billi japplikaw *mutatis mutandis* l-[Artikolu 46] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, inkluż billi jagħmlu l-informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati mill-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ffinanzjati disponibbli u aċċessibbli f'bażi ta' *data* elettronika komuni ta' Orizzont Ewropa;

(k) jipprovdu lill-Kummissjoni bl-appoġġ tekniku, xjentifiku u amministrattiv meħtieġ sabiex twettaq il-kompiti tagħha għall-finijiet li jiġu żgurati l-funzjonament u l-iżvilupp xierqa fl-Unjoni tal-oqsma speċifiċi indirizzati mill-impriża konġunta;

(l) jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' interfaċċa aktar effettiva bejn il-politika u x-xjenza, għat-trawwim tax-xjenza miftuħa billi jiġi żgurat sfruttament aħjar tar-riżultati u għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-politika, kif ukoll għall-promozzjoni ta' disseminazzjoni u ta' adozzjoni aktar mgħaġġla tar-riżultati;

(m) jidentifikaw u jirrapportaw – f'konformità mal-qafas komuni ta' feedback dwar il-politika u mal-istrateġiji u mal-azzjonijiet sabiex jiġu appoġġati l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew – l-għarfien rilevanti miksub mill-ġestjoni ta' proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni u mir-riżultati tagħhom lill-Kummissjoni sabiex jikkontribwixxi għall-monitoraġġ, għall-evalwazzjoni, u għar-rettifika (jekk meħtieġ) ta' miżuri ta' politika eżistenti jew għat-tfassil ta' inizjattivi u ta' deċiżjonijiet ta' politika ġodda;

(n) jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' kriterji tekniċi ta' Skrinjar robusti bbażati fuq ix-xjenza skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 dwar investimenti sostenibbli, permezz ta' monitoraġġ, u permezz ta' valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom fis-settur ekonomiku li joperaw, sabiex jipprovdu feedback *ad hoc* għat-tfassil tal-politika, meta jkun meħtieġ;

(o) jikkunsidraw il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 u jqisu d-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament sabiex itejbu l-aċċess għal finanzjament sostenibbli, fejn rilevanti;

(p) iwettqu kwalunkwe kompitu ieħor meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. Minbarra l-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu u fit-Tieni Parti, l-impriżi konġunti jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni ta' kompiti addizzjonali li jeħtieġu

finanzjament kumulattiv, komplementari jew ikkombinat bejn il-programmi tal-Unjoni.

# KAPITOLU 2

## Membri, sħab kontribwenti u kontribuzzjonijiet

*Artikolu 6*

*Membri*

1. Il-membri tal-impriżi konġunti msemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu:

   (a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

   (b) Stati Parteċipanti;

   (c) Membri Fundaturi;

   (d) Membri Assoċjati.

2. Is-sħubija f'impriża konġunta ma tistax tiġi ttrasferita lil parti terza mingħajr il-qbil minn qabel tal-bord ta' tmexxija msemmi fil-Kapitolu 3, Taqsima 1 ta' dan it-Titolu.

*Artikolu 7*

*Għażla tal-membri assoċjati*

1. L-impriżi konġunti jistgħu jniedu sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess bl-għan li jintgħażlu l-membri assoċjati. Is-sejħa għal espressjoni ta' interess għandha tistabbilixxi l-kapaċitajiet ewlenin meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-impriża konġunta. Is-sejħiet kollha għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-impriża konġunta u jiġu kkomunikati permezz tal-mezzi xierqa kollha, inkluż, fejn applikabbli, il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati, sabiex tiġi żgurata l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fl-interess tal-kisba tal-objettivi tal-impriża konġunta.

2. Id-direttur eżekuttiv għandu jivvaluta l-applikazzjonijiet għas-sħubija bl-assistenza ta' esperti indipendenti u, fejn xieraq, ta' korpi rilevanti tal-impriża konġunta, fuq il-bażi ta' għarfien, ta' esperjenza u ta' valur miżjud potenzjali ddokumentati tal-applikant fil-kisba tal-objettivi tal-impriża konġunta, tas-solidità finanzjarja u tal-impenn fit-tul tal-applikant għal kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* għall-impriża konġunta, u b'kunsiderazzjoni tal-kunflitti ta' interess potenzjali.

3. Il-bord ta' tmexxija għandu jivvaluta u, fejn xieraq, japprova l-applikazzjonijiet għas-sħubija.

4. Għandha tiġi ffirmata ittra ta' impenn bejn il-membri assoċjati magħżula u d-direttur eżekuttiv, li jaġixxi bħala rappreżentant tal-impriża konġunta, li għandha tiddeskrivi fid-dettall l-kamp ta' applikazzjoni tas-sħubija f'termini ta' kontenut, ta' attivitajiet u ta' durata, il-kontribuzzjoni tal-membri assoċjati għall-impriża konġunta, inkluża indikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali previsti msemmija fl-Artikolu 11(1)(b), kif

ukoll id-dispożizzjonijiet relatati mar-rappreżentazzjoni u mad-drittijiet tal-vot tal-membru assoċjat fil-bord ta' tmexxija.

*Artikolu 8*

*Tibdil fis-sħubija jew terminazzjoni tagħha*

1. Kwalunkwe membru ta' impriża konġunta jista' jtemm is-sħubija tiegħu f'dik l-impriża konġunta. It-terminazzjoni għandha ssir effettiva u irrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lid-direttur eżekuttiv tal-impriża konġunta, li għandu jinforma lill-membri l-oħrajn. Mid-data tat-terminazzjoni, il-membru għandu jiġi rrilaxxat minn kwalunkwe obbligu għajr dawk approvati jew imġarrba mill-impriża konġunta qabel it-terminazzjoni tas-sħubija, sakemm ma jkunx hemm qbil reċiproku mod ieħor.

2. Kull membru għandu jinforma lill-impriża konġunta dwar kwalunkwe fużjoni jew akkwiżizzjoni bejn il-membri li x'aktarx taffettwa l-impriża konġunta jew kwalunkwe akkwiżizzjoni ta' membru minn entità li ma tkunx membru tal-impriża konġunta.

3. Il-bord ta' tmexxija għandu jiddeċiedi jekk itemmx is-sħubija ta' kwalunkwe membru msemmi fil-paragrafu 2, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat u li jiġi protett l-interess tal-Unjoni jew tal-impriża konġunta. It-terminazzjoni għandha ssir effettiva u irrevokabbli mhux aktar tard minn sitt xhur mid-deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija jew fid-data speċifikata f'dik id-deċiżjoni, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. Il-membru jew il-membri kkonċernati ma għandhomx jipparteċipaw fil-vot tal-bord ta' tmexxija.

4. Kull membru privat għandu jinforma lill-impriża konġunta bi kwalunkwe tibdil sinifikanti ieħor fis-sjieda, fil-kontroll jew fil-kompożizzjoni tiegħu. Meta l-Kummissjoni tqis li t-tibdil x'aktarx jaffettwa l-interess tal-Unjoni jew tal-impriża konġunta għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku, tista' tipproponi lill-bord ta' tmexxija sabiex itemm is-sħubija tal-membru privat ikkonċernat. Il-bord ta' tmexxija għandu jiddeċiedi dwar it-terminazzjoni tas-sħubija tal-membru kkonċernat. Il-membru privat ikkonċernat ma għandux jipparteċipa fil-vot tal-bord ta' tmexxija.

5. It-terminazzjoni għandha ssir effettiva u irrevokabbli mhux aktar tard minn sitt xhur mid-deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija jew fid-data speċifikata f'dik id-deċiżjoni, skont liema minnhom tiġi l-ewwel.

6. Il-bord ta' tmexxija jista' jtemm is-sħubija ta' kwalunkwe membru li jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26(6) tapplika *mutatis mutandis*.

7. Meta jkun hemm tibdil fis-sħubija jew terminazzjoni, l-impriża konġunta għandha tippubblika minnufih fuq is-sit web tagħha lista aġġornata tal-membri tagħha, flimkien mad-data meta tali tibdil għandu jidħol fis-seħħ.

8. Fejn xieraq u soġġett għall-Artikolu 15(2), il-bord ta' tmexxija għandu jiddeċiedi dwar ridistribuzzjoni tad-drittijiet tal-vot fil-bord ta' tmexxija.

*Artikolu 9*

*Sħab kontribwenti*

1. Kwalunkwe sieħeb kontribwenti kandidat kif iddefinit fl-Artikolu 2(7) għandu jippreżenta ittra ta' approvazzjoni lill-bord ta' tmexxija. L-ittra ta' approvazzjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tas-sħubija f'termini ta' suġġett, ta' attivitajiet u ta' durata u tagħti dettalji dwar il-kontribuzzjoni tal-applikant lill-impriża konġunta.

2. Il-bord ta' tmexxija għandu jivvaluta l-ittra ta' approvazzjoni u għandu japprova jew jirrifjuta l-applikazzjoni.

3. Meta l-applikazzjoni tiġi approvata, l-Unjoni tista' tirrikonoxxi l-kontribuzzjoni tas-sieħeb kontribwenti lill-impriża konġunta billi tirrilaxxa kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali sal-ammonti massimi speċifikati fl-Artikoli 100(b) u 116(b).

4. Is-sħab kontribwenti ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot fil-bord ta' tmexxija ta' impriża konġunta.

*Artikolu 10*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-impriżi konġunti, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, għandha tkopri l-kostijiet amministrattivi u operazzjonali sal-ammonti massimi speċifikati fit-Tieni Parti. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni speċifikata fit-Tieni Parti tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

2. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill XXX/XXXX/UE, f'konformità mal-punt (iv) tal-Artikolu 62(1)(c) u mal-Artikolu 154 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fil-każ ta' korpi msemmija fl-Artikolu 71 ta' dak ir-Regolament.

3. Fondi addizzjonali tal-Unjoni li jikkomplementaw il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jiġu fdati lill-impriżi konġunti f'konformità mal-punt (iv) tal-Artikolu 62(1)(c) u mal-Artikolu 154 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

4. Għal kontribuzzjonijiet li jikkorrispondu għal kompiti addizzjonali fdati lil Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu 5(3) jew mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, huma applikabbli r-rekwiżiti tal-Artikolu 155 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

5. Il-kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-programmi tal-Unjoni li jikkorrispondu għal kompiti addizzjonali fdati lil impriża konġunta skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jew l-Artikolu 5(3) ma għandhomx jingħaddu fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni speċifikata fit-Tieni Parti.

*Artikolu 11*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni u sħab kontribwenti*

1. Il-kontribuzzjonijiet tal-membri privati għandhom jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

(a) kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali;

(b) kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali, approvati mill-bord ta' tmexxija f'konformità mal-punt (l) tal-Artikolu 16(2);

(c) kontribuzzjonijiet finanzjarji.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fit-Tieni Parti, il-membri privati għandhom jirrapportaw sal-31 ta' Marzu ta' kull sena lill-bord ta' tmexxija rispettiv tagħhom fuq il-valur tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 magħmula f'kull waħda mis-snin finanzjarji preċedenti. Għall-finijiet tal-valorizzazzjoni ta' dawn il-kontribuzzjonijiet, il-kostijiet għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-prattiki kontabilistiċi tal-kostijiet tas-soltu tal-entitajiet ikkonċernati, skont l-istandards kontabilistiċi applikabbli tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-entità, u skont l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà u l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju applikabbli. Il-kostijiet għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur estern indipendenti maħtur mill-entità konċernata. Il-metodu ta' evalwazzjoni jista' jiġi vverifikat mill-impriża konġunta jekk miċ-ċertifikazzjoni tirriżulta xi inċertezza. F'każijiet debitament speċifikati, il-bord ta' tmexxija jista' jawtorizza l-użu ta' somom f'daqqa jew ta' kostijiet unitarji għall-valwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kostijiet imġarrba f'attivitajiet addizzjonali ma għandhomx jiġu awditjati mill-impriża konġunta jew minn kwalunkwe korp tal-Unjoni.

4. Il-kontribuzzjonijiet mill-istati parteċipanti għandhom jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet finanzjarji.

5. Il-kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet finanzjarji u f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali.

6. Il-kontribuzzjonijiet mis-sħab kontribwenti għandhom jikkorrispondu għall-ammonti li jieħdu impenn għalihom fl-ittra ta' approvazzjoni meta jsiru sieħeb kontribwenti u għandhom jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

(a) kontribuzzjonijiet finanzjarji;

(b) kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali.

7. Il-Kummissjoni tista' ttemm, tnaqqas b'mod proporzjonali jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni lil impriża konġunta jew tagħti bidu għall-proċedura ta' stralċ imsemmija fl-Artikolu 43 fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-impriża konġunta kkonċernata tonqos milli tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-inkarigu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jew

(b) meta l-membri għajr l-Unjoni jew l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jonqsu milli jikkontribwixxu, jikkontribwixxu biss parzjalment, ma jirrispettawx il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2 fir-rigward tal-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, jew

(c) bħala riżultat tal-evalwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 171(2).

8. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttemm, tnaqqas b'mod proporzjonali jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex tfixkel ir-rimborż tal-kostijiet

eliġibbli diġà mġarrba mill-membri għajr l-Unjoni qabel ma d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-impriża konġunta.

9. Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26(6), kwalunkwe membru tal-impriża konġunta għajr l-Unjoni li jonqos milli jissodisfa l-impenji tiegħu rigward il-kontribuzzjonijiet imsemmija f'dan ir-Regolament għandu jiġi skwalifikat milli jivvota fil-bord ta' tmexxija sakemm jiġu ssodisfati l-obbligi tiegħu. Meta kwalunkwe membru bħal dan jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu malli jiskadi perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, is-sħubija tiegħu għandha tiġi rrevokata, sakemm il-bord ta' tmexxija ma jiddeċidix mod ieħor f'każijiet debitament ġustifikati. L-entità kkonċernata ma għandhiex tipparteċipa fil-vot tal-bord ta' tmexxija.

# KAPITOLU 3

## Organizzazzjoni tal-impriżi konġunti

*Artikolu 12*

*Sinerġiji u effiċjenzi fil-funzjonijiet tal-back office komuni*

1. L-impriżi konġunti għandhom, fi żmien sena wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, jikkonkludu ftehimiet dwar il-livell ta' servizz dwar il-funzjonijiet tal-back office komuni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fit-Tieni Parti u soġġett għall-ħtieġa li jiġi ggarantit livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni meta l-kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil impriżi konġunti. Tali funzjonijiet għandhom jinkludu l-oqsma li ġejjin, soġġetti għall-konferma tal-vijabbiltà u wara l-iskrinjar tar-riżorsi:

   (a) appoġġ għar-riżorsi umani;

   (b) appoġġ legali;

   (c) teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

   (d) kontabbiltà (eskluż it-teżor);

   (e) komunikazzjoni;

   (f) loġistika, avvenimenti u ġestjoni tas-swali tal-laqgħat;

   (g) appoġġ għall-istrateġija ta' awditjar u ta' kontra l-frodi ta' kull impriża konġunta.

2. Il-funzjonijiet tal-back office komuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu pprovduti minn impriża konġunta magħżula waħda jew aktar lill-oħrajn kollha. Il-funzjonijiet relatati ma' xulxin għandhom jinżammu fl-istess impriża konġunta sabiex tiġi żgurata struttura organizzazzjonali koerenti.

3. Il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippermettu t-trasferiment tal-approprjazzjonijiet jew l-irkupru tal-kostijiet għall-forniment tas-servizzi komuni bejn l-impriżi konġunti.

4. Mingħajr preġudizzju għall-assenjar mill-ġdid għal kompiti oħra fi ħdan l-impriża konġunta, jew għal arranġamenti amministrattivi oħrajn, li ma jaffettwawx kuntratti ta' impjieg, il-persunal assenjat għall-funzjonijiet ittrasferiti lill-back office komuni,

ospitat minn impriża konġunta oħra, jista' jiġi ttrasferit lil dik l-impriża konġunta. Meta membru tal-persunal ikkonċernat jesprimi r-rifjut tiegħu bil-miktub, il-kuntratt ta' dak il-membru tal-persunal jista' jiġi tterminat mill-impriża konġunta skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 47 tas-CEOS.

5. Il-persunal imsemmi fil-paragrafu 4, li jiġi ttrasferit lill-impriża konġunta li tkun qed tospita l-uffiċċju tal-back office komuni, għandu jżomm l-istess tip ta' kuntratt u grupp ta' funzjoni u grad, u għandu jitqies li jkun serva s-servizz kollu tiegħu f'dik l-impriża konġunta.

*Artikolu 13*

*Korpi tal-impriżi konġunti*

1. Kull impriża konġunta għandu jkollha bord ta' tmexxija u direttur eżekuttiv.

2. Impriża konġunta jista' jkollha wkoll korp konsultattiv xjentifiku, grupp ta' rappreżentanti tal-istati u grupp ta' partijiet ikkonċernati u tali korp ieħor f'konformità mad-dispożizzjonijiet fit-Tieni Parti.

3. Meta jwettaq il-kompiti tiegħu, kull korp tal-impriżi konġunti għandu jsegwi biss l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament u għandu jaġixxi biss fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-impriża konġunta li għall-fini tagħhom tkun ġiet stabbilita.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-korpi ta' żewġ impriżi konġunti jew aktar jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu kooperazzjoni strutturata, inkluż permezz ta' laqgħat regolari jew permezz ta' kumitati konġunti.

## TAQSIMA 1

### BORD TA' TMEXXIJA

*Artikolu 14*

*Kompożizzjoni tal-bord ta' tmexxija*

1. Il-bord ta' tmexxija għandu jkun magħmul minn tal-anqas żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u min-numru ta' rappreżentanti minn kull wieħed mill-membri tal-impriża konġunta għajr l-Unjoni kif stabbilit fit-Tieni Parti fir-rigward ta' kull impriża konġunta.

2. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 6(1)(b), il-membri tal-impriża konġunta jinkludu stati parteċipanti, rappreżentant wieħed ta' kull stat parteċipanti għandu jinħatar fil-bord ta' tmexxija.

*Artikolu 15*

*Funzjonament tal-bord ta' tmexxija*

1. Ir-rappreżentanti tal-membri fil-bord ta' tmexxija għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jadottaw deċiżjonijiet b'kunsens. Fin-nuqqas ta' kunsens, għandu jittieħed

vot. Deċiżjoni għandha titqies adottata b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-voti inklużi l-voti tar-rappreżentanti li jkunu assenti.

L-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-bord ta' tmexxija tista' tkun soġġetta wkoll għal kwalunkwe regola speċifika rilevanti stabbilita fit-Tieni Parti.

2. L-Unjoni għandu jkollha 50 % tad-drittijiet tal-vot, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fit-Tieni Parti. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni għandhom ikunu indiviżibbli.

Id-drittijiet tal-vot tal-membri għajr l-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għar-regoli speċifiċi stabbiliti fit-Tieni Parti.

3. Il-President tal-bord ta' tmexxija għandu jinħatar fuq bażi annwali b'rotazzjoni mill-Unjoni u mir-rappreżentanti l-oħrajn, f'sekwenza, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-Tieni Parti.

4. Il-bord ta' tmexxija għandu jorganizza l-laqgħat ordinarji tiegħu tal-anqas darbtejn fis-sena. Laqgħat straordinarji jistgħu jissejħu fuq talba tal-President, tad-direttur eżekuttiv, tal-Kummissjoni jew ta' maġġoranza tar-rappreżentanti tal-membri għajr l-Unjoni jew tal-istati parteċipanti. Il-laqgħat tal-bord ta' tmexxija għandhom jissejħu mill-President u għandhom isiru fis-sede tal-impriża konġunta kkonċernata, sakemm ma jiġix deċiż b'mod eċċezzjonali mod ieħor mill-bord ta' tmexxija f'każijiet debitament ġustifikati.

5. Id-Direttur eżekuttiv għandu jattendi l-laqgħat u għandu jkollu d-dritt li jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet iżda ma għandux ikollu drittijiet tal-vot.

6. Il-Presidenti tal-korpi l-oħrajn tal-impriża konġunta kkonċernata għandu jkollhom id-dritt li jattendu l-laqgħat tal-bord ta' tmexxija bħala osservaturi kull meta jiġu diskussi kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tagħhom. Dawn jistgħu jieħdu sehem f'deliberazzjonijiet iżda ma għandu jkollhom l-ebda dritt tal-vot.

7. Persuni oħrajn, b'mod partikolari rappreżentanti ta' sħubijiet Ewropej oħrajn, aġenziji eżekuttivi jew regolatorji, awtoritajiet reġjonali fi ħdan l-Unjoni u pjattaformi teknoloġiċi Ewropej jistgħu jiġu mistiedna wkoll jattendu mill-President bħala osservaturi fuq bażi ta' każ b'każ soġġetti għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-kunflitt ta' interess.

8. Il-kworum tal-bord ta' tmexxija għandu jkun magħmul mill-Kummissjoni, mill-membri privati u, jekk applikabbli, minn tal-anqas tliet delegati ewlenin tal-istati parteċipanti.

9. Ir-rappreżentanti tal-membri ma għandhomx ikunu responsabbli personalment għal azzjonijiet meħuda fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti tal-bord ta' tmexxija.

10. Il-bord ta' tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

11. Ir-rappreżentanti tal-membri għandhom ikunu marbutin bid-dispożizzjonijiet ta' kodiċi ta' kondotta. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jistabbilixxi l-obbligi ta' tali membri sabiex jissalvagwardjaw l-integrità u r-reputazzjoni tal-impriża konġunta kkonċernata u tal-Unjoni.

*Artikolu 16*

*Kompiti tal-bord ta' tmexxija*

1. Il-bord ta' tmexxija ta' kull impriża konġunta għandu jkollu responsabbiltà ġenerali għall-orjentazzjoni strateġika u għall-operazzjonijiet ta' dik l-impriża konġunta u għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha.

   Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha fil-bord ta' tmexxija, għandha tfittex li tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-attivitajiet tal-impriżi konġunti u l-attivitajiet rilevanti tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni bl-għan li tippromwovi sinerġiji u komplementarjetajiet meta tidentifika l-prijoritajiet koperti bir-riċerka kollaborattiva.

2. Il-bord ta' tmexxija għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

   (a) jiżgura monitoraġġ mill-qrib u f'waqtu tal-progress tal-programm ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-impriża konġunta u tal-azzjonijiet individwali fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni u tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u jieħu miżuri korrettivi fejn meħtieġa sabiex jiżgura li l-impriża konġunta tilħaq l-objettivi tagħha;

   (b) jivvaluta, jaċċetta jew jirrifjuta applikazzjonijiet għal sħubija f'konformità mal-Artikolu 7;

   (c) jivvaluta, jaċċetta jew jirrifjuta applikazzjonijiet ta' sħab kontribwenti prospettivi f'konformità mal-Artikolu 9;

   (d) jiddeċiedi dwar it-terminazzjoni tas-sħubija fl-impriża konġunta fir-rigward ta' kwalunkwe membru li ma jissodisfax l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew f'konformità mal-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 8;

   (e) jadotta r-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta f'konformità mal-Artikolu 25;

   (f) jadotta l-baġit annwali u l-pjan ta' stabbiliment tal-persunal inkluż in-numru ta' pożizzjonijiet permanenti u temporanji skont il-grupp ta' funzjoni u skont il-grad kif ukoll in-numru ta' persunal bil-kuntratt u ta' esperti nazzjonali sekondati espressi f'ekwivalenti full-time;

   (g) jiddeċiedi dwar id-distribuzzjoni tal-kostijiet amministrattivi fost il-membri għajr l-Unjoni, meta dawn il-membri jonqsu milli jilħqu ftehim f'konformità mal-Artikolu 26(2);

   (h) jeżerċita, f'konformità mal-paragrafu 4 u fir-rigward tal-persunal tal-impriża konġunta, is-setgħat mogħtija mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ir-"Regolamenti tal-Persunal") lill-Awtorità tal-Ħatra u mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea ("is-CEOS") lill-Awtorità bis-Setgħa li Tikkonkludi Kuntratt ta' Impjieg ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra");

   (i) jaħtar, jagħti s-sensja, jestendi l-mandat, jipprovdi gwida u jissorvelja l-prestazzjoni tad-direttur eżekuttiv;

   (j) jadotta l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni fil-bidu tal-inizjattiva u jemendaha matul id-durata ta' Orizzont Ewropa, fejn meħtieġ. L-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni għandha tidentifika l-impatt immirat tas-sħubija, il-portafoll previst tal-attivitajiet, l-eżiti mistennija li jistgħu jitkejlu, ir-riżorsi, ir-riżultati, u l-objettivi intermedji f'perjodu ta' żmien definit. Għandu jidentifika wkoll is-sħubijiet Ewropej l-oħra li magħhom l-

impriża konġunta għandha tistabbilixxi kollaborazzjoni formali u regolari u l-possibbiltajiet għal sinerġiji bejn l-azzjonijiet tal-impriża konġunta u l-inizjattivi u l-politiki nazzjonali jew reġjonali bbażati fuq informazzjoni riċevuta mill-istati parteċipanti jew mill-grupp tar-rappreżentanti tal-istati kif ukoll għal sinerġiji ma' programmi oħrajn tal-Unjoni;

(k) jadotta l-programm ta' ħidma u l-istimi tan-nefqa korrispondenti kif proposti mid-direttur eżekuttiv sabiex jimplimenta l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni, inklużi l-attivitajiet amministrattivi, il-kontenut tas-sejħiet għal proposti, l-oqsma ta' riċerka soġġetti għal sejħiet konġunti u għal kooperazzjoni ma' sħubijiet oħra, ir-rata ta' finanzjament applikabbli għal kull suġġett tas-sejħa, kif ukoll ir-regoli relatati għall-proċeduri ta' sottomissjoni, ta' evalwazzjoni, ta' selezzjoni, ta' għoti u ta' rieżami, b'attenzjoni partikolari għall-feedback għar-rekwiżiti ta' politika;

(l) japprova l-pjan annwali tal-attivitajiet addizzjonali, stabbilit f'anness tal-parti ewlenija tal-programm ta' ħidma, fuq il-bażi ta' proposta mill-membri għajr l-Unjoni u wara li jkun ikkonsulta lill-korp konsultattiv xjentifiku jew lil tali korp kif stabbilit fit-Tieni Parti;

(m) jipprovdi orjentazzjoni strateġika fir-rigward tal-kollaborazzjoni ma' sħubijiet Ewropej oħrajn f'konformità mal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni;

(n) jivvaluta r-rapport annwali konsolidat tal-attività, li jinkludi n-nefqa korrispondenti u l-baġit iddedikat għal sejħiet konġunti ma' sħubijiet Ewropej oħrajn;

(o) jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-impriża konġunta;

(p) jagħmel arranġamenti, kif xieraq, għall-istabbiliment ta' kapaċità tal-awditjar intern tal-impriża konġunta;

(q) japprova l-istruttura organizzazzjonali tal-uffiċċju tal-programm fuq rakkomandazzjoni tad-direttur eżekuttiv;

(r) japprova l-politika ta' komunikazzjoni tal-impriża konġunta fuq rakkomandazzjoni mid-direttur eżekuttiv;

(s) japprova l-lista ta' azzjonijiet magħżula għall-finanzjament;;

(t) jadotta regoli ta' implimentazzjoni sabiex jagħtu effett lir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

(u) jadotta regoli dwar is-sekondar ta' esperti nazzjonali għall-impriżi konġunti jew l-użu ta' trainees;

(v) jistabbilixxi, kif meħtieġ, gruppi konsultattivi jew ta' ħidma, inkluż f'kollaborazzjoni ma' impriżi konġunti oħrajn, minbarra l-korpi tal-impriża konġunta msemmija fl-Artikolu 13, għal perjodu determinat ta' żmien u sabiex jissodisfaw għan speċifiku;

(w) jissottometti lill-Kummissjoni, fejn xieraq, kwalunkwe talba sabiex jiġi emendat dan ir-Regolament proposta minn membru tal-impriża konġunta;

(x) jitlob parir xjentifiku jew analiżi dwar kwistjonijiet speċifiċi lill-korp konsultattiv xjentifiku konġunt jew lill-membri tiegħu, inkluż fir-rigward ta' żviluppi f'setturi kontigwi;

(y) jadotta, sa tmiem l-2022, pjan għall-eliminazzjoni gradwali tal-impriża konġunta mill-finanzjament ta' Orizzont Ewropa fuq rakkomandazzjoni tad-direttur eżekuttiv;

(z) jiżgura t-twettiq ta' kwalunkwe kompitu li ma jkunx assenjat speċifikament lil korp partikolari ta' impriża konġunta, soġġett għall-possibbiltà li l-bord ta' tmexxija jista' jassenja tali kompitu lil korp ieħor tal-impriża konġunta kkonċernata.

3. Il-bord ta' tmexxija ta' impriża konġunta jista' jkun soġġett ukoll għal regoli speċifiċi stabbiliti fit-Tieni Parti.

4. Il-bord ta' tmexxija għandu jadotta, f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 2(1) ta' dawk ir-Regolamenti tal-Persunal u fuq l-Artikolu 6 tas-CEOS, li tiddelega s-setgħat rilevanti tal-awtorità tal-ħatra lid-direttur eżekuttiv u li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom tista' tiġi sospiża dik id-delega tas-setgħat. Id-direttur eżekuttiv għandu jkun awtorizzat li jissottodelega dawk is-setgħat.

## TAQSIMA 2

### DIRETTUR EŻEKUTTIV

*Artikolu 17*

*Ħatra, għoti tas-sensja jew estensjoni tal-mandat tad-direttur eżekuttiv*

1. Id-direttur eżekuttiv għandu jinħatar mill-bord ta' tmexxija fuq il-bażi tal-mertu u tal-ħiliet, mil-lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni, wara proċedura ta' għażla miftuħa u trasparenti li għandha tirrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri.

2. Il-Kummissjoni għandha tipproponi lista ta' kandidati għal direttur eżekuttiv wara konsultazzjoni mal-membri għajr l-Unjoni tal-impriża konġunta. Għall-finijiet ta' tali konsultazzjoni, il-membri għajr l-Unjoni tal-impriża konġunta għandhom jaħtru bi qbil komuni r-rappreżentanti tagħhom kif ukoll osservatur f'isem il-bord ta' tmexxija.

3. Id-direttur eżekuttiv għandu jkun membru tal-persunal u għandu jinħatar bħala aġent temporanju tal-impriża konġunta skont l-Artikolu 2(a) tas-CEOS.

Għall-fini tal-konklużjoni tal-kuntratt tad-direttur eżekuttiv, l-impriża konġunta għandha tkun rappreżentata mill-President tal-bord ta' tmexxija.

4. Il-mandat tad-direttur eżekuttiv għandu jkun ta' erba' snin. Sa tmiem dak il-perjodu, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-membri għajr l-Unjoni, għandha twettaq valutazzjoni tal-prestazzjoni tad-direttur eżekuttiv u tal-kompiti u tal-isfidi futuri tal-impriża konġunta.

5. Il-bord ta' tmexxija tal-impriża konġunta, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, jista' jestendi l-mandat tad-direttur eżekuttiv darba, għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

6. Direttur eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura ta' selezzjoni oħra għall-istess pożizzjoni.

7. Direttur eżekuttiv jista' jingħata s-sensja biss fuq deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, wara li jikkonsulta, kif xieraq, lill-membri għajr l-Unjoni tal-impriża konġunta.

*Artikolu 18*

*Kompiti tad-direttur eżekuttiv*

1. Id-direttur eżekuttiv għandu jkun il-kap eżekuttiv responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-impriża konġunta f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-bord ta' tmexxija. Huwa għandu jipprovdi lill-bord ta' tmexxija bl-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-bord ta' tmexxija, id-direttur eżekuttiv la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi korp ieħor.

2. Id-direttur eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-impriża konġunta. Huwa għandu jkun responsabbli quddiem il-bord ta' tmexxija tal-impriża konġunta.

3. Id-direttur eżekuttiv għandu jimplimenta l-baġit tal-impriża konġunta.

4. Id-direttur eżekuttiv għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin għall-impriża konġunta:

(a) jiżgura ġestjoni sostenibbli u effiċjenti tal-impriża konġunta;

(b) iħejji u jippreżenta għall-adozzjoni lill-bord ta' tmexxija l-abbozz tal-baġit annwali u l-pjan ta' stabbiliment tal-persunal;

(c) iħejji u jippreżenta għall-adozzjoni lill-bord ta' tmexxija, il-programm ta' ħidma u l-istimi tan-nefqa korrispondenti għall-impriża konġunta, sabiex tiġi implimentata l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni;

(d) jippreżenta għal opinjoni lill-bord ta' tmexxija l-kontijiet annwali tal-impriża konġunta;

(e) iħejji u jissottometti għall-valutazzjoni u għall-approvazzjoni lill-bord ta' tmexxija r-rapport annwali konsolidat tal-attività;

(f) jimmonitorja l-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1), jirrapporta regolarment lill-bord ta' tmexxija dwar il-progress fl-ilħuq tal-miri u jipproponi miżuri ta' rimedju jew korrettivi, fejn meħtieġ;

(g) jistabbilixxi kollaborazzjoni formali u regolari mas-sħubijiet Ewropej identifikati fl-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u f'konformità mal-orjentazzjoni strateġika pprovduta mill-bord ta' tmexxija;

(h) jirrappreżenta lill-impriża konġunta f'laqgħat fl-ambitu tal-governanza ta' Orizzont Ewropa;

(i) jissottometti għall-approvazzjoni tal-bord ta' tmexxija l-lista ta' azzjonijiet li għandhom jintgħażlu għall-finanzjament mill-impriża konġunta;

(j) jivvaluta l-applikazzjonijiet għal membri assoċjati lill-impriża konġunta wara sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess u jissottometti proposti għal membri assoċjati lill-bord ta' tmexxija;

(k) jinforma regolarment lill-korpi l-oħrajn tal-impriża konġunta dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għar-rwol tagħhom;

(l) jiffirma ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet individwali fil-mandat tiegħu f'isem l-impriża konġunta;

(m) jiffirma kuntratti ta' akkwist f'isem l-impriża konġunta;

(n) jimplimenta l-politika ta' komunikazzjoni tal-impriża konġunta;

(o) jorganizza, jidderieġi u jissorvelja l-operazzjonijiet u l-persunal tal-impriża konġunta fil-limiti tad-delegazzjonijiet mill-bord ta' tmexxija;

(p) jistabbilixxi u jiżgura l-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u jirrapporta kwalunkwe tibdil sinifikanti fiha lill-bord ta' tmexxija;

(q) jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi japplika miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, billi jirkupra ammonti li tħallsu bi żball u, fejn xieraq, jimponi penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi;

(r) jiżgura t-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju u ta' ġestjoni tar-riskju għall-impriża konġunta;

(s) jieħu kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-valutazzjoni tal-progress tal-impriża konġunta fil-kisba tal-objettivi tagħha;

(t) iħejji u jippreżenta għall-adozzjoni lill-bord ta' tmexxija pjan għat-tneħħija gradwali tal-impriża konġunta mill-finanzjament ta' Orizzont Ewropa;

(u) iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor fdat jew iddelegat lilu mill-bord ta' tmexxija jew kif jista' jkun meħtieġ minn dan ir-Regolament;

(v) ikollu s-setgħa li jiddelega s-setgħat tiegħu lil membri oħrajn tal-persunal soġġett għar-regoli li għandhom jiġu adottati f'konformità mal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 16(4).

5. Id-direttur eżekuttiv jista' jkun soġġett ukoll għal kwalunkwe regola speċifika stabbilita fit-Tieni Parti.

6. Id-direttur eżekuttiv għandu jistabbilixxi uffiċċju tal-programm għall-eżekuzzjoni taħt ir-responsabbiltà tiegħu, tal-kompiti ta' appoġġ kollha tal-impriża konġunta li jirriżultaw minn dan ir-Regolament. L-uffiċċju tal-programm għandu jkun magħmul mill-persunal tal-impriża konġunta u għandu b'mod partikolari jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jipprovdi appoġġ fl-istabbiliment u fil-ġestjoni ta' sistema kontabilistika xierqa f'konformità mar-regoli finanzjarji għall-impriża konġunta;

(b) jiġġestixxi l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-impriża konġunta matul iċ-ċiklu ta' implimentazzjoni;

(c) jipprovdi lill-membri u lill-korpi tal-impriża konġunta l-informazzjoni rilevanti kollha u l-appoġġ meħtieġ għalihom sabiex iwettqu dmirijiethom;

(d) jaġixxi bħala s-segretarjat tal-korpi tal-impriża konġunta u jipprovdi appoġġ lil gruppi konsultattivi stabbiliti mill-bord ta' tmexxija.

# TAQSIMA 3

## KORPI KONSULTATTIVI

*Artikolu 19*

*Parir xjentifiku*

1. L-impriżi konġunti għandhom ifittxu parir xjentifiku indipendenti permezz ta':

(a) korp konsultattiv xjentifiku, jew il-membri tiegħu, li għandu jiġi stabbilit mill-impriża konġunta f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fit-Tieni Parti, u soġġett għad-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu; u/jew

(b) talbiet *ad hoc* għal għarfien espert estern mill-bord ta' tmexxija lill-impriża konġunta dwar kwistjonijiet speċifiċi.

F'każijiet eċċezzjonali u fejn dan ikun debitament ġustifikat, parti mill-funzjoni ta' parir xjentifiku tista' titwettaq mill-membri tal-impriża konġunta għajr l-Unjoni, sakemm ma jkunx hemm kunflitt ta' interess.

2. Għandu jkun hemm rappreżentanza bbilanċjata ta' esperti fost il-membri tal-korp konsultattiv xjentifiku, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-impriża konġunta, inkluż fir-rigward tal-bilanċ bejn il-ġeneri. Kollettivament, il-membri tal-korp konsultattiv xjentifiku għandu jkollhom il-kompetenzi u l-għarfien espert meħtieġa li jkopru l-qasam tekniku sabiex jagħmlu rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza lill-impriża konġunta, filwaqt li jqisu l-impatt soċjoekonomiku ta' tali rakkomandazzjonijiet u l-objettivi tal-impriża konġunta.

3. Il-membri tal-korp konsultattiv xjentifiku, kif ukoll l-osservaturi mistiedna, għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali li, bis-saħħa tat-Trattati u tar-regoli li jimplimentawhom, japplika għall-membri kollha tal-istituzzjonijiet u għall-persunal tagħhom, kif ukoll għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u informazzjoni klassifikata tal-Unjoni, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443[39] u 2015/444[40] rispettivament.

4. Il-bord ta' tmexxija għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess ta' selezzjoni għall-kompożizzjoni tal-korp konsultattiv xjentifiku tal-impriża konġunta u għandu jaħtar il-membri tiegħu. Fejn rilevanti, il-bord ta' tmexxija għandu jqis il-kandidati potenzjali proposti mill-grupp tar-rappreżentanti tal-istati.

5. Il-korp konsultattiv xjentifiku għandu jeleġġi l-President tiegħu minn fost il-membri tiegħu.

---

39 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

40 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

6. Il-korp konsultattiv xjentifiku għandu jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena u l-laqgħat għandhom jissejħu mill-President. Il-President jista' jistieden persuni oħra sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi. Il-korp konsultattiv xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

7. Il-korp konsultattiv xjentifiku għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jagħti pariri dwar il-prijoritajiet xjentifiċi li għandhom jiġu indirizzati fil-programmi ta' ħidma, f'konformità mal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u l-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa;

(b) jagħti pariri dwar il-kisbiet xjentifiċi li għandhom jiġu deskritti fir-rapport annwali tal-attività;

(c) jissuġġerixxi, fid-dawl tal-progress tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u azzjonijiet individwali, miżuri korrettivi jew orjentazzjonijiet mill-ġdid lill-bord ta' tmexxija, fejn meħtieġ

(d) jipprovdi pariri indipendenti u analiżi xjentifika dwar kwistjonijiet speċifiċi kif mitlub mill-bord ta' tmexxija, b'mod partikolari fir-rigward ta' żviluppi f'setturi kontigwi;

(e) fejn speċifikat fit-Tieni Parti, jevalwa r-riżultati minn azzjonijiet ta' teknoloġija u ta' innovazzjoni li huma ffinanzjati mill-impriża konġunta u jirrapporta lill-bord ta' tmexxija;

(f) fejn speċifikat fit-Tieni Parti, jipparteċipa f'kumitati għall-integrazzjoni tas-settur stabbiliti speċifikament bejn sħubiji Ewropej fil-qafas ta' Orizzont Ewropa sabiex jippermettu sinerġiji;

(g) iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor, kif speċifikat fit-Tieni Parti.

8. Wara kull laqgħa tal-korp konsultattiv xjentifiku, il-President tiegħu għandu jissottometti lill-bord ta' tmexxija rapport li jiddeskrivi l-opinjonijiet tal-korp u tal-membri tiegħu dwar il-kwistjonijiet diskussi matul il-laqgħa.

9. Il-korp konsultattiv xjentifiku jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jagħti pariri lill-bord ta' tmexxija sabiex jikkonsulta dwar punti speċifiċi mhux koperti mill-kompiti stabbiliti fil-paragrafu 7.

*Artikolu 20*

*Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati*

1. Ħlief f'każijiet fejn l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati jipparteċipaw f'impriża konġunta bħala membri jew entitajiet kostitwenti ta' membri, l-impriżi konġunti għandhom jistabbilixxu grupp tar-rappreżentanti tal-istati kif speċifikat fit-Tieni Parti soġġetti għad-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu.

2. Il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati għandu jikkonsisti f'rappreżentant wieħed u f'sostitut wieħed minn kull Stat Membru u ta' kull pajjiż assoċjat. Il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati għandu jeleġġi President minn fost il-membri tiegħu.

3. Il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati għandu jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-President. Il-President tal-bord ta' tmexxija u d-direttur eżekuttiv jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jattendu l-laqgħat bħala osservaturi.

4. Il-laqgħat tal-grupp tar-rappreżentanti tal-istati jistgħu jiġu rregolati bi kwalunkwe dispożizzjoni speċifika rilevanti stabbilita fit-Tieni Parti.

5. Il-President tal-grupp tar-rappreżentanti tal-istati jista' jistieden persuni oħra sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi, b'mod partikolari rappreżentanti tal-awtoritajiet federali jew reġjonali rilevanti fl-Unjoni, rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tal-SMEs u rappreżentanti ta' korpi oħrajn tal-impriża konġunta.

6. L-aġenda tal-laqgħat tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istat għandha tiġi ċċirkolata biżżejjed minn qabel sabiex tiġi żgurata rappreżentanza xierqa minn kull Stat Membru u pajjiż assoċjat. L-aġenda għandha tiġi ċċirkolata wkoll għal informazzjoni lill-bord ta' tmexxija.

7. Il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati għandu jiġi kkonsultat u, b'mod partikolari, għandu jirrevedi l-informazzjoni u jipprovdi opinjonijiet dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

   (a) il-progress tal-programm tal-impriża konġunta u l-kisba tal-miri tiegħu bħala parti minn Orizzont Ewropa, inkluża l-informazzjoni dwar is-sejħiet għal proposti u l-proċess ta' evalwazzjoni tal-proposti;

   (b) l-aġġornament tal-orjentazzjoni strateġika f'konformità mal-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa u ma' strumenti ta' finanzjament oħrajn tal-Unjoni u tal-Istati Membri;

   (c) ir-rabtiet ma' Orizzont Ewropa u ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn rilevanti, reġjonali, inklużi fondi tal-politika ta' koeżjoni f'konformità mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;

   (d) programmi ta' ħidma;

   (e) l-involviment tal-SMEs.

8. Fejn applikabbli, il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati għandu jirrapporta wkoll b'mod regolari lill-bord ta' tmexxija, u jaġixxi bħala interfaċċa mal-impriża konġunta dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

   (a) l-istatus tal-programmi ta' riċerka u ta' innovazzjoni nazzjonali jew reġjonali rilevanti u l-identifikazzjoni ta' oqsma potenzjali ta' kooperazzjoni, inklużi azzjonijiet konkreti meħuda jew previsti għall-varar ta' teknoloġiji rilevanti u ta' soluzzjonijiet innovattivi;

   (b) miżuri speċifiċi meħuda fil-livell nazzjonali jew reġjonali fir-rigward ta' avvenimenti ta' disseminazzjoni, ta' workshops tekniċi dedikati u ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni;

   (c) miżuri speċifiċi fil-livell nazzjonali jew reġjonali fir-rigward ta' attivitajiet ta' varar fir-rigward ta' kull inizjattiva rispettiva;

   (d) politiki u inizjattivi nazzjonali jew reġjonali bl-għan li jiġu żgurati komplementaritajiet fir-rigward tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u l-programmi ta' ħidma annwali tal-impriża konġunta.

9. Il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati għandu jippreżenta, fl-aħħar ta' kull sena kalendarja, rapport li jiddeskrivi l-politiki nazzjonali jew reġjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impriża konġunta u jidentifika modi speċifiċi ta' kooperazzjoni mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-impriża konġunta.

10. Il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati jista' joħroġ, fuq inizjattiva tiegħu stess, rakkomandazzjonijiet jew proposti lill-bord ta' tmexxija dwar kwistjonijiet tekniċi, maniġerjali u finanzjarji kif ukoll dwar programmi ta' ħidma u dokumenti oħra, b'mod partikolari meta dawk il-kwistjonijiet jaffettwaw l-interessi nazzjonali jew reġjonali.

Il-bordijiet ta' tmexxija għandhom jinformaw mingħajr dewmien bla bżonn lill-grupp tar-rappreżentanti tal-istati bis-segwitu li jkun taw għal tali rakkomandazzjonijiet jew proposti, jew għandhom jagħtu raġunijiet jekk ma jiġux segwiti.

11. Il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati għandu jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari, fost l-oħrajn dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-impriża konġunta, dwar l-eżitu ta' kull sejħa għal proposti u l-implimentazzjoni tal-proġetti, dwar sinerġiji ma' programmi rilevanti oħrajn tal-Unjoni u dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-impriża konġunta.

12. Il-grupp tar-rappreżentanti tal-istati għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

13. Impriża konġunta waħda jew aktar jistgħu jistabbilixxu Grupp konġunt tar-Rappreżentanti tal-Istati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fit-Tieni Parti.

*Artikolu 21*

*Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati*

1. L-impriżi konġunti jistgħu jistabbilixxu grupp tal-partijiet ikkonċernati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fit-Tieni Parti u soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Il-grupp tal-partijiet ikkonċernati għandu jkun miftuħ għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha, inklużi gruppi organizzati, attivi fil-qasam tal-impriża konġunta, gruppi ta' interess internazzjonali mill-Istati Membri, pajjiżi assoċjati kif ukoll minn pajjiżi oħra.

3. Il-grupp tal-partijiet ikkonċernati għandu jiġi informat b'mod regolari dwar l-attivitajiet tal-impriża konġunta u għandu jkun mistieden sabiex jipprovdi kummenti dwar l-inizjattivi ppjanati tal-impriża konġunta.

4. Il-laqgħat tal-grupp tal-partijiet ikkonċernati għandhom jissejħu mid-direttur eżekuttiv.

5. Id-direttur eżekuttiv jista' jagħti pariri lill-bord ta' tmexxija sabiex jikkonsulta lill-grupp tal-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet speċifiċi. Meta ssir tali konsultazzjoni, għandu jiġi sottomess rapport lill-bord ta' tmexxija wara d-diskussjoni rilevanti fil-grupp tal-partijiet ikkonċernati.

# KAPITOLU 4

# Dispożizzjonijiet finanzjarji u operazzjonali

## TAQSIMA 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 22*

*Regoli applikabbli għall-attivitajiet iffinanzjati mill-impriżi konġunti*

1. Ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa għandu japplika għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-impriżi konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa. F'konformità ma' dak ir-Regolament, kull impriża konġunta għandha titqies bħala korp ta' finanzjament u għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti skont l-[Artikolu 5] ta' dak ir-Regolament.

2. L-azzjonijiet iffinanzjati mill-impriżi konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika stabbilita fit-Tieni Parti.

3. Permezz ta' deroga mill-[Artikolu 36(4)(a)] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, id-dritt ta' oġġezzjoni għandu japplika wkoll għall-parteċipanti li jiġġeneraw ir-riżultati li ma jkunux irċevew finanzjament minn impriża konġunta.

*Artikolu 23*

*Ippjanar operazzjonali u finanzjarju*

1. Id-direttur eżekuttiv għandu jissottometti għall-adozzjoni abbozz ta' programm ta' ħidma lill-bord ta' tmexxija.

2. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi adottat sal-aħħar tas-sena qabel dik tal-implimentazzjoni tiegħu. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-impriża konġunta, u, sabiex tiġi appoġġata l-koordinazzjoni mal-istrateġija ġenerali ta' Orizzont Ewropa, għandu jiġi kondiviż mal-kumitat tal-programm tar-raggruppamenti rilevanti għall-informazzjoni.

3. Id-direttur eżekuttiv għandu jħejji abbozz ta' baġit annwali għas-sena ta' wara u jissottomettih lill-bord ta' tmexxija għall-adozzjoni.

4. Il-baġit annwali għal sena partikolari għandu jiġi adottat mill-bord ta' tmexxija sa tmiem is-sena qabel dik tal-implimentazzjoni tiegħu.

5. Il-baġit annwali għandu jiġi adottat sabiex jitqies l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni kif stabbilit fil-baġit tal-Unjoni.

*Artikolu 24*

*Rapportar operazzjonali u finanzjarju*

1. Id-direttur eżekuttiv għandu jipprovdi lill-bord ta' tmexxija rapport annwali konsolidat tal-attività dwar it-twettiq ta' dmirijietu f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta.

2. Ir-rapport annwali konsolidat tal-attività għandu jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

   (a) ir-riċerka, l-innovazzjoni u azzjonijiet oħrajn imwettqa u n-nefqa korrispondenti;

   (b) il-proposti mressqa, inkluża diżaggregazzjoni skont it-tip ta' parteċipanti, inklużi l-SMEs, u skont il-pajjiż;

   (c) l-azzjonijiet indiretti magħżula għall-finanzjament, inkluża diżaggregazzjoni skont it-tip ta' parteċipant, inklużi l-SMEs, u skont il-pajjiż u li tindika l-kontribuzzjoni tal-impriża konġunta rispettiva għall-parteċipanti u għall-azzjonijiet individwali;

   (d) l-attivitajiet addizzjonali mwettqa mill-membri għajr l-Unjoni;

   (e) il-kollaborazzjoni ma' sħubijiet Ewropej oħrajn, inklużi sejħiet konġunti, u sinerġiji bejn l-azzjonijiet tal-impriża konġunta u l-inizjattivi u l-politiki nazzjonali jew reġjonali.

3. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-impriża konġunta għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta.

4. Id-direttur eżekuttiv għandu jibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta.

5. Il-proċedura ta' kwittanza għandha titwettaq f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta.

## TAQSIMA 2

### DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

*Artikolu 25*

*Regoli Finanzjarji*

1. L-impriżi konġunti għandhom jadottaw ir-regoli finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

2. Ir-regoli finanzjarji għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-impriża konġunta rispettiva.

*Artikolu 26*

*Sorsi ta' finanzjament*

1. Kull impriża konġunta għandha tiġi ffinanzjata b'mod konġunt mill-Unjoni, mill-membri għajr l-Unjoni u mis-sħab kontribwenti permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali.

2. Il-membri għajr l-Unjoni għandhom jaqblu dwar kif għandhom jaqsmu bejniethom il-kontribuzzjoni kollettiva tagħhom f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta.

3. Il-kostijiet operazzjonali ta' impriża konġunta għandhom ikunu koperti permezz ta':

   (a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni;

   (b) kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-membri privati, mill-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom, mis-sħab kontribwenti jew minn organizzazzjoni internazzjonali li hija membru ta' impriża konġunta;

   (c) kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-istati parteċipanti;

   (d) kontribuzzjonijiet *in natura* ddefiniti fl-Artikolu 2(8);

4. Ir-riżorsi ta' impriża konġunta mdaħħlin fil-baġit tagħha għandhom ikunu magħmula mill-kontribuzzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri għall-impriża konġunta għall-kostijiet amministrattivi, maqsuma b'mod ugwali fuq bażi annwali bejn l-Unjoni u l-membri għajr l-Unjoni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor minħabba n-natura speċifika tas-sħubija ta' impriża konġunta;

   (b) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri jew tas-sħab kontribwenti għall-impriża konġunta għall-kostijiet operazzjonali;

   (c) kwalunkwe dħul iġġenerat mill-impriża konġunta;

   (d) kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja, riżorsa u dħul oħrajn.

   Kwalunkwe mgħax li jirriżulta mill-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 għandu jitqies bħala dħul tagħha.

5. Kwalunkwe parti mhux użata tal-kontribuzzjoni għall-kostijiet amministrattivi tista' ssir disponibbli sabiex tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-impriża konġunta kkonċernata.

6. Jekk il-membri għajr l-Unjoni tal-impriża konġunta jkunu inadempjenti fl-impenn tagħhom rigward il-kontribuzzjoni tagħhom, id-direttur eżekuttiv għandu jinformahom bil-miktub u għandu jistabbilixxi perjodu raġonevoli li fih tali inadempjenza jenħtieġ li tiġi rrimedjata. Meta, mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-membru għajr l-Unjoni kkonċernat ikun għadu inadempjenti, id-direttur eżekuttiv għandu jinforma lill-Kummissjoni fid-dawl tal-miżuri potenzjali u lill-membru kkonċernat li huwa skwalifikat milli jivvota fil-bord ta' tmexxija f'konformità mal-Artikolu 11(9).

7. Ir-riżorsi tal-impriża konġunta u l-attivitajiet tagħha għandhom jintużaw għat-twettiq tal-objettivi u tal-kompiti tagħha stabbiliti fl-Artikoli 4, 5, 44, 45, 55, 56, 71, 72, 83, 84, 97, 98, 113, 114, 124, 125, 142, 143, 159 u 160.

8. L-impriża konġunta għandha tkun is-sid tal-assi kollha ġġenerati minnha jew ittrasferiti lilha għat-twettiq tal-objettivi u tal-kompiti tagħha stabbiliti fl-Artikoli 4, 5, 44, 45, 55, 56, 71, 72, 83, 84, 97, 98, 113, 114, 124, 125, 142, 143, 159 u 160.

9. Ħlief meta l-impriża konġunta tiġi stralċata, kwalunkwe dħul żejjed fuq in-nefqa ma għandux jitħallas lill-membri ta' dik l-impriża konġunta, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-bord ta' tmexxija.

*Artikolu 27*

*Impenji finanzjarji*

1. L-impenji finanzjarji ta' impriża konġunta ma għandhomx jaqbżu l-ammont ta' riżorsi finanzjarji disponibbli jew impenjati għall-baġit tagħha mill-membri u mis-sħab kontribwenti tagħha.

2. L-impenji baġitarji tal-impriżi konġunti msemmija fil-punti (b), (d) u (h) tal-Artikolu 3(1) jistgħu jinqasmu f'pagamenti parzjali annwali. Sal-31 ta' Diċembru 2024, l-ammont kumulattiv ta' dawk l-impenji baġitarji f'pagamenti parzjali ma għandux jaqbeż il-50 fil-mija tal-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 10. Minn Jannar 2025, tal-anqas 20 fil-mija tal-baġit kumulattiv tas-snin residwi ma għandux ikun kopert minn pagamenti parzjali annwali.

*Artikolu 28*

*Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-membri*

1. L-impriża konġunta għandha tagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u lil persuni oħrajn awtorizzati mill-impriża konġunta rispettiva jew mill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u għall-bini tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, li tkun meħtieġa sabiex jitwettqu l-awditi tagħhom.

2. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[41] u mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42] u bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim, ma' deċiżjoni jew ma' kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament.

3. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[43], bl-għan li jinvestiga reati kriminali li

---

41 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

42 Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

43 ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

4. Minkejja l-paragrafi 1 sa 3, il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa b'mod espliċitu lill-Kummissjoni, lill-impriża konġunta rispettiva, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-UPPE u lill-OLAF sabiex iwettqu tali awditi, kontrolli fuq il-post u investigazzjonijiet f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

5. Kull impriża konġunta għandha tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-membri tagħha jkunu protetti b'mod adegwat billi twettaq jew tikkummissjona kontrolli interni u esterni xierqa.

6. Kull impriża konġunta għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[44]. Kull impriża konġunta għandha tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex tiffaċilita l-investigazzjonijiet interni mmexxija mill-OLAF.

*Artikolu 29*

*Awditi ex post*

L-awditi tan-nefqa fuq azzjonijiet indiretti għandhom jitwettqu f'konformità mal-[Artikolu 48] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa bħala parti mill-azzjonijiet indiretti ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari f'konformità mal-istrateġija ta' awditjar imsemmija [fl-Artikolu 48(2)] f'dak ir-Regolament.

*Artikolu 30*

*Awditu intern*

1. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess setgħat fuq l-impriżi konġunti bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni.

2. Il-bord ta' tmexxija jista' jistabbilixxi kapaċità tal-awditjar intern f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta kkonċernata.

## TAQSIMA 3

### DISPOŻIZZJONIJIET OPERAZZJONALI

*Artikolu 31*

*Kunfidenzjalità*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 32 u 34, kull impriża konġunta għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali li d-divulgazzjoni tagħha lil hinn mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u minn korpi, minn uffiċċji jew minn aġenziji oħrajn tal-Unjoni

---

44 ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

tista' tkun ta' ħsara għall-interessi tal-membri tagħha jew tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-impriża konġunta rispettiva. Tali informazzjoni kunfidenzjali tinkludi iżda mhijiex limitata għal informazzjoni personali, kummerċjali, sensittiva mhux klassifikata u klassifikata.

*Artikolu 32*

*Trasparenza*

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45] għandu japplika għal dokumenti miżmuma minn impriża konġunta.

*Artikolu 33*

*Proċessar ta' data personali*

Meta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tirrikjedi l-proċessar ta' *data* personali, din għandha tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46].

*Artikolu 34*

*Aċċess għar-riżultati u għall-informazzjoni dwar il-proposti*

1. L-impriża konġunta għandha tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-korpi, lill-uffiċċji jew lill-aġenziji tal-Unjoni aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-azzjonijiet indiretti li tiffinanzja. Tali informazzjoni għandha tinkludi r-riżultati tal-benefiċjarji li jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti tal-impriża konġunta jew kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa neċessarja għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-politiki jew tal-programmi tal-Unjoni. Tali drittijiet ta' aċċess huma limitati għal użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv u għandhom jikkonformaw mar-regoli ta' kunfidenzjalità applikabbli.

2. Għall-finijiet tal-iżvilupp, tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-politiki jew tal-programmi tal-Unjoni, l-impriża konġunta għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni inkluża fil-proposti sottomessi.

---

45 Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.).

46 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

# KAPITOLU 5

# Persunal u responsabbiltà

## TAQSIMA 1

## PERSUNAL, PRIVILEĠĠI U IMMUNITAJIET

*Artikolu 35*

*Persunal*

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u s-CEOS stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tas-CEOS għandhom japplikaw għall-persunal tal-impriżi konġunti.

2. Ir-riżorsi tal-persunal għandhom jiġu ddeterminati fil-pjan ta' stabbiliment tal-persunal ta' kull impriża konġunta li jindika n-numru ta' pożizzjonijiet temporanji skont il-grupp ta' funzjoni u skont il-grad u n-numru ta' persunal bil-kuntratt espress f'ekwivalenti full-time, f'konformità mal-baġit annwali tagħha.

3. Il-persunal tal-impriża konġunta għandu jikkonsisti f'persunal temporanju u f'persunal bil-kuntratt.

4. Il-kostijiet kollha relatati mal-persunal għandhom jiġġarrbu mill-impriża konġunta.

*Artikolu 36*

*Esperti nazzjonali sekondati u trainees*

1. Impriża konġunta tista' tagħmel użu minn esperti nazzjonali sekondati u minn trainees mhux impjegati direttament minnha. L-għadd ta' esperti nazzjonali sekondati espress f'ekwivalenti full-time għandu jiżdied mal-informazzjoni dwar ir-riżorsi tal-persunal kif imsemmi fl-Artikolu 35(2) f'konformità mal-baġit annwali tal-impriża konġunta kkonċernata.

2. Il-bord ta' tmexxija tal-impriża konġunta kkonċernata għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar is-sekondar ta' esperti nazzjonali fl-impriża konġunta rispettiva u dwar l-impjieg ta' trainees.

*Artikolu 37*

*Privileġġi u immunitajiet*

Il-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu japplika għall-impriżi konġunti u għall-persunal tagħhom.

## TAQSIMA 2

### RESPONSABBILTÀ

*Artikolu 38*

*Responsabbiltà tal-impriżi konġunti*

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' impriża konġunta għandha tkun irregolata bid-dispożizzjonijiet kuntrattwali rilevanti u bil-liġi applikabbli għall-ftehim, għad-deċiżjoni jew għall-kuntratt inkwistjoni.

2. Meta r-responsabbiltà tkun ta' natura mhux kuntrattwali, impriża konġunta għandha, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-persunal tagħha fit-twettiq ta' dmirijietu.

3. Kwalunkwe ħlas minn impriża konġunta fir-rigward tar-responsabbiltà msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u l-kostijiet u l-ispejjeż imġarrba b'rabta ma' din għandhom jitqiesu bħala nefqa tal-impriża konġunta u għandhom ikunu koperti mir-riżorsi tagħha.

4. L-impriżi konġunti għandhom ikunu unikament responsabbli sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

*Artikolu 39*

*Responsabbiltà tal-membri u assigurazzjoni*

1. L-obbligazzjoni finanzjarja tal-membri ta' impriża konġunta għad-djun tagħha għandha tkun limitata għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom magħmula lill-impriża konġunta.

2. L-impriżi konġunti għandhom jagħmlu u jżommu assigurazzjoni xierqa.

*Artikolu 40*

*Kunflitt ta' interess*

1. L-impriża konġunta, il-korpi u l-persunal tagħha għandhom jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom.

2. Il-bord ta' tmexxija għandu jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tal-persunal tal-impriża konġunta, tal-membri u ta' persuni oħra li jservu lill-bord ta' tmexxija u fil-korpi jew fil-gruppi l-oħrajn tal-impriża konġunta, f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-impriża konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

# KAPITOLU 6

## Soluzzjoni tat-tilwim

*Artikolu 41*

*Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u d-dritt applikabbli*

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni:

   (a) skont kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tinsab fi ftehimiet jew f'kuntratti konklużi minn impriża konġunta, jew fid-deċiżjonijiet tagħha;

   (b) f'tilwim relatat ma' kumpens għal dannu kkawżat mill-persunal tal-impriża konġunta fit-twettiq ta' dmirijietu;

   (c) fi kwalunkwe tilwima bejn l-impriża konġunta u l-persunal tagħha fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal u fis-CEOS.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni mhux koperta minn dan ir-Regolament jew minn atti legali oħrajn tal-Unjoni, għandha tapplika l-liġi tal-Istat fejn tinsab is-sede tal-impriża konġunta.

*Artikolu 42*

*Ilmenti lill-Ombudsman*

Id-deċiżjonijiet meħuda minn impriża konġunta fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jifformaw is-suġġett ta' lment lill-Ombudsman f'konformità mal-Artikolu 238 tat-Trattat.

# KAPITOLU 7

## Stralċ

*Artikolu 43*

*Stralċ*

1. Impriżi konġunti għandhom jiġu stralċati fi tmiem il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

2. Minbarra l-paragrafu 1, il-proċedura ta' stralċ ta' impriża konġunta għandha tiġi skattata awtomatikament meta l-Unjoni jew il-membri kollha għajr l-Unjoni jirtiraw mill-impriża konġunta.

3. Għall-fini tat-tmexxija tal-proċedimenti ta' stralċ ta' impriża konġunta, il-bord ta' tmexxija għandu jaħtar likwidatur wieħed jew aktar, li għandhom jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-bord ta' tmexxija.

4. Matul il-proċedura ta' stralċ, l-assi tal-impriża konġunta għandhom jintużaw sabiex ikopru l-obbligazzjonijiet tagħha u n-nefqa relatata mal-istralċ tagħha. Kwalunkwe eċċess għandu jitqassam fost il-membri tal-impriża konġunta fiż-żmien tal-istralċ fi

proporzjon mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom għall-impriża konġunta. Kull tali surplus distribwit lill-Unjoni, għandu jiġi rritornat fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

5. Għandha tiġi stabbilita proċedura *ad hoc* sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni xierqa ta' kwalunkwe ftehim konkluż jew deċiżjoni adottata mill-impriża konġunta li tkun qed tiġi stralċata kif ukoll kwalunkwe kuntratt ta' akkwist li d-durata tiegħu testendi lil hinn mid-durata tal-impriża konġunta.

# IT-TIENI PARTI

# DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TA' IMPRIŻI KONĠUNTI INDIVIDWALI

# TITOLU I

# IMPRIŻA KONĠUNTA EWROPA ĊIRKOLARI B'BAŻI BIJOLOĠIKA

*Artikolu 44*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika għandu jkollha wkoll l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) tħaffef il-proċess ta' innovazzjoni u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi b'bażi bijoloġika;

(b) tħaffef il-varar mis-suq tas-soluzzjonijiet maturi u innovattivi eżistenti b'bażi bijoloġika;

(c) tiżgura livell għoli ta' prestazzjoni ambjentali ta' sistemi industrijali b'bażi bijoloġika.

2. L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) iżżid l-intensità ta' attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni interdixxiplinari sabiex jinkisbu l-benefiċċji tal-avvanz fix-xjenzi tal-ħajja u f'dixxiplini xjentifiċi oħrajn għall-iżvilupp u għad-dimostrazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli b'bażi bijoloġika;

(b) iżżid u tintegra l-kapaċità ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-partijiet ikkonċernati madwar l-Unjoni sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bijoekonomija lokali;

(c) iżżid il-kapaċità ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet aktar sostenibbli b'bażi bijoloġika;

(d) issaħħaħ l-integrazzjoni ta' proċessi ta' riċerka u ta' innovazzjoni b'bażi bijoloġika fil-ktajjen tal-valur industrijali tal-Unjoni;

(e) tnaqqas ir-riskju għall-investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni f'kumpaniji u fi proġetti b'bażi bijoloġika;

(f) tiżgura li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ambjentali fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni b'bażi bijoloġika.

*Artikolu 45*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika għandha twettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) tiżgura li l-objettivi tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika jintlaħqu permezz tal-programmazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tas-sħab pubbliċi u privati;

(b) timmobilizza finanzjament pubbliku u privat għal attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika;

(c) tappoġġa proġetti multidixxiplinari ta' riċerka u ta' innovazzjoni b'impatt għoli li jtejbu l-innovazzjoni industrijali fl-industrija b'bażi bijoloġika sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika;

(d) tintensifika l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika tul il-katina ta' innovazzjoni kollha minn Livelli baxxi sa għoljin ta' Tħejjija għat-Teknoloġija;

(e) timmobilizza u tintegra atturi ta' riċerka u ta' innovazzjoni minn żoni rurali, kostali, urbani u minn reġjuni b'potenzjal mhux sfruttat għall-iżvilupp tal-industrija b'bażi bijoloġika sabiex jikkooperaw f'attivitajiet ta' proġetti;

(f) tiżgura li l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika jiffokaw fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku, speċifikament fuq il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-industrija b'bażi bijoloġika, kemm f'termini ta' fehim tal-problemi rilevanti kif ukoll f'termini ta' żvilupp ta' soluzzjonijiet għalihom;

(g) tippromwovi l-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi ta' riċerka u ta' innovazzjoni u l-partijiet ikkonċernati industrijali fl-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika sabiex toħloq sensibilizzazzjoni dwar l-għarfien u t-teknoloġija li qed jevolvu malajr, tiffaċilita l-kollaborazzjoni transsettorjali u tiffaċilita l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi b'bażi bijoloġika;

(h) timmobilizza l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li jistgħu joħolqu kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-adozzjoni mis-suq ta' innovazzjonijiet b'bażi bijoloġika;

(i) tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà u parametri referenzjarji tal-prestazzjoni xjentifikament robusti, tapplikahom u tissorveljahom fl-attivitajiet kollha ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, u tippromwovihom lil hinn mill-inizjattiva għall-industrija b'bażi bijoloġika;

(j) tikkomunika u tippromwovi soluzzjonijiet innovattivi b'bażi bijoloġika ma' dawk li jfasslu l-politika, mal-industrija, mal-NGOs u mal-konsumaturi b'mod ġenerali.

*Artikolu 46*

*Membri*

Il-membri tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika għandhom ikunu:

(a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

(b) il-Konsorzju tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita skont id-dritt tal-Belġju, bl-uffiċċju permanenti tagħha fi Brussell, il-Belġju, man-notifika tad-deċiżjoni tagħha li taderixxi mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika permezz ta' ittra ta' impenn;

(c) il-membri assoċjati magħżula f'konformità mal-Artikolu 7, soġġetti għal deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija.

*Artikolu 47*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u operazzjonali, għandha tkun sa EUR 1 000 000 000, inkluż sa EUR 23 500 000 għall-kostijiet amministrattivi. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

*Artikolu 48*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu, kontribuzzjoni totali ta' mill-inqas EUR 1 000 000 000, inklużi sa EUR 23 500 000 għall-kostijiet amministrattivi matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

2. Il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika f'konformità mal-Artikolu 11(1).

*Artikolu 49*

*Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali*

1. Minkejja s-setgħa ta' deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija dwar il-pjan ta' attivitajiet addizzjonali skont l-Artikolu 16(2)(l) u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(9) u tal-Artikolu 2(10), il-Konsorzju tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika jew l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tiegħu għandhom kull sena jagħmlu proposta għall-attivitajiet addizzjonali. L-attivitajiet addizzjonali huma dawk direttament marbutin ma' proġetti u ma' attivitajiet tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, inklużi b'mod partikolari:

   (a) investimenti f'faċilitajiet ġodda li juru katina tal-valur ġdida, inklużi investimenti f'tagħmir, f'għodod u f'infrastruttura ta' akkumpanjament durabbli, b'mod partikolari relatati mal-varar reġjonali u mal-verifika tas-sostenibbiltà tagħha;

   (b) investimenti f'impjant ta' produzzjoni jew f'inizjattiva ewlenija ġdida innovattiva u sostenibbli;

   (c) investimenti f'riċerka u f'innovazzjoni ġodda u f'infrastruttura ġġustifikata, inklużi faċilitajiet, għodod, tagħmir durabbli, jew impjanti pilota (ċentri ta' riċerka);

   (d) attivitajiet ta' standardizzazzjoni;

   (e) attivitajiet ta' komunikazzjoni, ta' disseminazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni.

2. L-investimenti marbuta direttament mal-proġetti huma b'mod partikolari:

(a) investimenti mhux eliġibbli meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' proġett tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika matul id-durata ta' dak il-proġett;

(b) investiment li jsir b'mod parallel ma' proġett tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, li jikkomplementa r-riżultati tal-proġett u jġibu f'livell ogħla ta' Tħejjija Teknoloġika;

(c) investimenti meħtieġa għall-varar tar-riżultati ta' proġett tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika wara l-għeluq tal-proġett sal-istralċ tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika. F'każijiet ġustifikati, jista' jitqies l-investiment relatat mal-varar tar-riżultati tal-proġetti mis-sħubija predeċessuri (l-Impriża Konġunta BBI).

*Artikolu 50*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika*

Il-korpi tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika għandhom ikunu:

(a) il-Bord ta' Tmexxija;

(b) id-Direttur Eżekuttiv;

(c) il-Kumitat Xjentifiku;

(d) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati;

(e) il-Gruppi ta' Varar.

*Artikolu 51*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni; u

(b) ħames rappreżentanti tal-membri għajr l-Unjoni, li tal-anqas wieħed minnhom jenħtieġ li jirrappreżenta lill-SMEs.

*Artikolu 52*

*Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Il-membri għajr l-Unjoni għandu jkollhom kollettivament 50 % tad-drittijiet tal-vot.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jeleġġi l-President tiegħu għal perjodu ta' sentejn.

3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jsejjaħ il-laqgħat ordinarji tiegħu erba' darbiet fis-sena.

4. Minbarra l-laqgħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Bord ta' Tmexxija għandu jsejjaħ ukoll laqgħa strateġika tal-anqas darba fis-sena bl-objettiv primarju li jiġu identifikati l-isfidi u l-opportunitajiet għal industrija sostenibbli b'bażi bijoloġika u li tiġi pprovduta orjentazzjoni strateġika addizzjonali għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika.

5. Fil-laqgħa strateġika għandhom jiġu mistiedna uffiċjali kapijiet eżekuttivi addizzjonali jew uffiċjali b'setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' kumpaniji Ewropej ewlenin b'bażi bijoloġika u l-Kummissjoni. Il-Presidenti tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, il-Kumitat Xjentifiku u l-Gruppi ta' Varar jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi.

*Artikolu 53*

*Il-Kumitat Xjentifiku*

1. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jkun il-korp konsultattiv xjentifiku tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika msemmija fl-Artikolu 19(1).

2. Jenħtieġ li l-Kumitat Xjentifiku ma jkollux aktar minn 15-il membru permanenti.

3. Il-President tal-Kumitat Xjentifiku għandu jiġi elett għal sentejn.

4. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jistabbilixxi task force magħmula minn membri bil-profili xierqa li tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' ffukar suffiċjenti fuq l-aspetti kollha ta' sostenibbiltà tal-programm ta' ħidma. Kull meta jkun possibbli, il-parir tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-programm ta' ħidma għandu jinkludi aspetti relatati maċ-ċirkolarità, mas-sostenibbiltà ambjentali, mal-preservazzjoni u mat-titjib tal-bijodiversità, kif ukoll ma' aspetti usa' tas-sostenibbiltà tas-sistemi b'bażi bijoloġika u tal-ktajjen tal-valur relatati.

5. Il-Kumitat Xjentifiku jista' jagħti l-parir tiegħu fuq talba tal-Bord ta' Tmexxija u ta' korpi oħrajn tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, jew fuq inizjattiva tiegħu stess.

*Artikolu 54*

*Il-Gruppi ta' Varar*

1. Għandu jiġi stabbilit Grupp ta' Varar wieħed jew aktar skont l-Artikolu 21. Ir-rwol tal-Gruppi ta' Varar huwa li jagħtu pariri lill-Bord ta' Tmexxija fuq kwistjonijiet kritiċi għall-adozzjoni mis-suq ta' innovazzjoni b'bażi bijoloġika u li jippromwovu l-varar ta' soluzzjonijiet sostenibbli b'bażi bijoloġika.

2. Il-kompożizzjoni tal-Gruppi ta' Varar għandha tiżgura ffukar tematiku xieraq u rappreżentattività tal-partijiet ikkonċernati tal-innovazzjoni b'bażi bijoloġika. Kwalunkwe parti kkonċernata għajr il-membri tal-Konsorzju tal-Industrija b'Bażi Bijoloġika, l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom tista' tesprimi l-interess tagħha li ssir membru ta' Grupp ta' Varar. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi d-daqs u l-kompożizzjoni previsti tal-Gruppi ta' Varar, id-durata tal-mandati u l-possibbiltà ta' tiġdid tal-membri tiegħu, u jagħżel il-membri tagħhom. Il-lista tal-membri għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

3. Il-Gruppi ta' Varar għandhom jiltaqgħu tal-anqas darba fis-sena f'laqgħa fiżika jew virtwali. Fl-ewwel laqgħa, il-Gruppi ta' Varar għandhom jadottaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom. Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu approvati mill-Bord ta' Tmexxija. Il-laqgħat straordinarji tal-Gruppi ta' Varar għandhom jissejħu fuq it-talba tal-Bord ta' Tmexxija. Il-Bord ta' Tmexxija jista' jitlob il-parteċipazzjoni ta' persuni addizzjonali fil-laqgħat straordinarji. Il-lista ta' dawk li jattendu għal dawk il-laqgħat straordinarji għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

4. Il-Gruppi ta’ Varar għandhom jagħżlu President, u Viċi President għal kull lenti tematika, għal perjodu ta’ sentejn. Il-President jikkoordina l-attivitajiet u jirrappreżenta l-Grupp ta’ Varar. Il-President jista’ jiġi mistieden għal-laqgħat tal-Bord ta’ Tmexxija bħala osservatur mingħajr drittijiet tal-vot, u għal-laqgħat tal-Kumitat Xjentifiku u tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati.

5. Il-Gruppi ta’ Varar għandhom jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet relatati mal-użu tal-innovazzjoni b’bażi bijoloġika fuq talba mill-Bord ta’ Tmexxija. Il-Gruppi ta’ Varar jistgħu wkoll joħorġu rakkomandazzjonijiet lill-Bord ta’ Tmexxija fi kwalunkwe ħin fuq inizjattiva tagħhom stess.

# TITOLU II

# IMPRIŻA KONĠUNTA AVJAZZJONI NADIFA

*Artikolu 55*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandu jkollha wkoll l-objettivi ġenerali li ġejjin:

   (a) li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta ekoloġika tal-avjazzjoni billi tħaffef l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-avjazzjoni newtrali għall-klima għall-varar mill-aktar fis possibbli, u għalhekk tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kisba tal-għanijiet ġenerali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[47], b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u fir-rigward ta' perkors lejn l-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050;

   (b) li tiżgura li l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatati mal-ajrunawtika jikkontribwixxu għall-kompetittività sostenibbli globali tal-industrija tal-avjazzjoni tal-Unjoni, u li tiżgura li t-teknoloġiji tal-avjazzjoni newtrali għall-klima jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tas-sikurezza tal-avjazzjoni,[48] u jibqgħu mezz sigur, affidabbli, kosteffettiv u effiċjenti ta' trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija;

   (c) li tavvanza l-kapaċità Ewropea ta' riċerka u ta' innovazzjoni fl-avjazzjoni.

2. L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

   (a) li tintegra u turi innovazzjonijiet teknoloġiċi fixkiela tal-inġenji tal-ajru li kapaċi jnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mhux anqas minn 30 % sal-2030, meta mqabbla mat-teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-2020 filwaqt li twitti t-triq għal avjazzjoni newtrali għall-klima sal-2050;

   (b) li tiżgura li l-prontezza teknoloġika u industrijali potenzjali tal-innovazzjonijiet tista' tappoġġa t-tnedija ta' prodotti u ta' servizzi fixkiela ġodda sal-2035, bl-għan li tissostitwixxi 75 % tal-flotta operattiva sal-2050 u tiżviluppa sistema tal-avjazzjoni Ewropea innovattiva, affidabbli, sikura u kosteffettiva li tkun kapaċi tilħaq l-objettiv ta' newtralità klimatika sal-2050;

   (c) li tespandi u trawwem l-integrazzjoni tal-ktajjen tal-valur tar-riċerka u tal-innovazzjonijiet fl-avjazzjoni newtrali għall-klima, inklużi l-akkademja, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-industrija u l-SMEs, billi jittieħed benefiċċju wkoll mit-tħaddim ta' sinerġiji ma' programmi nazzjonali u Ewropej relatati oħrajn.

---

47 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM/2019/640 final.

48 Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 56*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandha twettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) tippubblika fuq is-siti web rilevanti l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tħejjija u għas-sottomissjoni tal-proposti għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa;

(b) timmonitorja u tivvaluta l-progress teknoloġiku lejn il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 55 u tiffaċilita l-aċċess sħiħ għad-*data* u għall-informazzjoni għall-monitoraġġ indipendenti tal-impatt ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-avjazzjoni mwettqa taħt is-superviżjoni diretta tal-Kummissjoni;

(c) tassisti lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, fl-istabbiliment u fil-koordinazzjoni tal-iżvilupp ta' regolamenti u ta' standards li jappoġġaw l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet tal-avjazzjoni nadifa, b'mod partikolari billi twettaq studji, simulazzjonijiet u tipprovdi pariri tekniċi, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jiġu eliminati l-ostakli għad-dħul fis-suq.

*Artikolu 57*

*Membri*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandhom ikunu:

   (a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

   (b) il-membri fundaturi elenkati fl-Anness I, man-notifika tad-deċiżjoni tagħhom li jaderixxu mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa permezz ta' ittra ta' impenn;

   (c) il-membri assoċjati li għandhom jintgħażlu f'konformità mal-Artikolu 7 soġġetti għal deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija.

2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 7(1) u (2), il-Bord ta' Tmexxija jista', matul l-ewwel sitt xhur wara l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, jagħżel membri assoċjati wkoll minn lista mfassla wara sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Kummissjoni qabel l-istabbiliment tagħha[49].

*Artikolu 58*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet operazzjonali, għandha tkun sa EUR 1 700 000 000,

49 https://ec.europa.eu/info/news/new-call-ideas-clean-aviation-partnerships-2020-aug-26_mt

inkluż sa EUR 39 223 000 għall-kostijiet amministrattivi. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

*Artikolu 59*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu, kontribuzzjoni totali ta' mill-inqas EUR 3 039 223 000, inklużi sa EUR 39 223 000 għall-kostijiet amministrattivi] matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

2. Il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet lill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa kif stabbilit fl-Artikolu 11(1).

*Artikolu 60*

*Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali*

1. Għall-fini tal-Artikolu 11(1)(b), l-attivitajiet addizzjonali jistgħu jinkludu:

   (a) attivitajiet koperti taħt l-azzjonijiet indiretti tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa iżda mhux iffinanzjati taħt tali azzjonijiet indiretti;

   (b) attivitajiet marbutin direttament mal-programm ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa;

   (c) l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ta' proġetti b'rabta ċara mal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni, u ffinanzjati fil-qafas ta' programmi nazzjonali jew reġjonali fl-Unjoni;

   (d) proġetti privati ta' riċerka u ta' innovazzjoni li jikkomplementaw proġetti dwar l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni;

   (e) attivitajiet li jwasslu għall-varar jew għall-adozzjoni tar-riżultati tal-proġetti minn inizjattivi preċedenti mill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, jew mit-tnejn li ma rċevew l-ebda finanzjament mill-Unjoni.

   (f) Attivitajiet Ewropej ta' standardizzazzjoni u ta' ċertifikazzjoni relatati ma' soluzzjonijiet tal-avjazzjoni nadifa mill-proġetti tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa jew mill-inizjattivi preċedenti tagħha.

2. L-attivitajiet addizzjonali għandu jkollhom riżultati ddefiniti b'mod ċar.

*Artikolu 61*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa*

Il-korpi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandhom ikunu:

(a) il-Bord ta' Tmexxija;

(b) id-Direttur Eżekuttiv;

(c) il-Kumitat Tekniku;

(d) il-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni Nadifa;

(e) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati.

*Artikolu 62*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni;

(b) disa' rappreżentanti tal-membri għajr l-Unjoni magħżula minn fost u mill-membri fundaturi u minn fost u mill-membri assoċjati li jiżguraw rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-katina tal-valur ajrunawtika bħall-integraturi tal-inġenji tal-ajru, il-manifatturi tal-magni u l-manifatturi tat-tagħmir. Il-bord ta' tmexxija għandu jistabbilixxi fir-regoli ta' proċedura tiegħu mekkaniżmu ta' rotazzjoni għall-allokazzjoni tas-siġġijiet tal-membri għajr l-Unjoni. Ir-rappreżentanti magħżula għandhom jinkludu tal-anqas rappreżentant wieħed tal-SMEs Ewropej, rappreżentant wieħed tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka u rappreżentant wieħed tal-istituzzjonijiet akkademiċi.

*Artikolu 63*

*Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Kull wieħed mir-rappreżentanti tal-membri għajr l-Unjoni għandu jkollu numru ugwali ta' voti.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u jkun kopresedut minn rappreżentant mill-membri għajr l-Unjoni.

3. Il-Presidenti tal-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni, tal-Kumitat Tekniku u tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u rappreżentant wieħed mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) għandhom jattendu l-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservaturi permanenti. Huma għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet iżda ma għandu jkollhom l-ebda dritt tal-vot.

4. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jiżgura rabta u koordinazzjoni diretti bejn l-attivitajiet tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati jew ta' korpi konsultattivi oħrajn. Għal dak l-għan, il-Bord ta' Tmexxija jista' jiddelega wkoll membru sabiex isegwi l-attivitajiet ta' dawk il-korpi.

*Artikolu 64*

*Kompiti addizzjonali tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Minbarra l-kompiti elenkati fl-Artikolu 16, il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandu jwettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

   (a) jissorvelja r-rilevanza għall-avjazzjoni nadifa tal-istrateġiji għall-attivitajiet addizzjonali tal-membri għajr l-Unjoni;

(b) jippromwovi l-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji u ta' soluzzjonijiet sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u jiżgura l-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-Impriża Konġunta fl-Artikolu 55;

(c) ifittex sinerġiji bejn l-attivitajiet ta' riċerka u ta' dimostrazzjoni fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni jew it-tnejn li huma u li huma relatati mal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u mal-programm ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa;

(d) jissorvelja l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-progress tal-programm meta mqabbel mal-indikaturi tal-impatt u mal-objettivi speċifiċi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa stabbiliti fl-Artikolu 55(2);

(e) jiżgura t-tmexxija u l-ġestjoni kontinwi tat-tranżizzjoni tal-prijoritajiet tekniċi tal-programm Clean Sky 2 u tal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni sat-tlestija tagħhom, f'konformità mal-objettivi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa u jiżgura, fejn rilevanti, it-trasferiment tar-riżultati għall-programm Avjazzjoni Nadifa.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jiddeċiedi b'rabta mal-implimentazzjoni tal-programm u mal-ilħuq tal-objettivi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, inkluż dwar:

(a) l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u l-emendi possibbli tagħha u l-programm ta' ħidma, inkluż dwar sejħiet miftuħin għal proposti;

(b) l-ippjanar pluriennali strateġiku ta' sejħiet għal Avjazzjoni Nadifa u l-allinjament tagħhom mal-objettivi ta' Orizzont Ewropa u mal-programmi ta' ħidma relatati u mal-prijoritajiet tekniċi u mal-azzjonijiet ta' riċerka, inklużi s-sejħiet miftuħin għal proposti;

(c) ir-reviżjonijiet jew l-ottimizzazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tekniku tal-programm sabiex il-pjan ta' ħidma u l-objettivi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa jiġu allinjati mal-programmi ta' ħidma ġenerali relatati ma' Orizzont Ewropa u ma' sħubijiet Ewropej oħrajn;

(d) ir-rakkomandazzjonijiet minn korpi konsultattivi u azzjonijiet speċifiċi mill-Artikolu 56 sabiex jiżdiedu l-penetrazzjoni tas-suq u l-impatt tas-soluzzjonijiet tal-avjazzjoni nadifa f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ma' azzjonijiet ta' politika relatati sabiex dawn jittejbu.

*Artikolu 65*

*Kumitat Tekniku*

1. Il-Kumitat Tekniku għandu jkun imsawwar kif ġej:

(a) numru xieraq ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni u ta' korpi tal-Unjoni, kif deċiż mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija;

(b) numru xieraq ta' rappreżentanti mill-membri għajr l-Unjoni, kif deċiż mill-Bord ta' Tmexxija u kif meqjus neċessarju għal riflessjoni ġusta tal-ambitu tekniku tal-programm u tat-teknoloġiji ewlenin riflessi fih, inkluż l-iżgurar tal-kontinwazzjoni u tat-tranżizzjoni tal-programm Clean Sky 2 sat-tlestija tiegħu;

(c) żewġ rappreżentanti superjuri tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa kif delegati mid-Direttur Eżekuttiv;

(d) rappreżentant wieħed tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA).

2. Il-Kumitat Tekniku għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-membri fundaturi, b'rotazzjoni kull sentejn, u mill-Kummissjoni. Għandu jirrapporta lill-Bord ta' Tmexxija u s-segretarjat tiegħu għandu jiġi pprovdut mill-uffiċċju tal-programm tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun osservatur permanenti fil-Kumitat Tekniku. Ir-rappreżentanti tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u tal-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni jistgħu jattendu bħala osservaturi fuq stedina tal-President, jew fuq talba tagħhom stess, f'liema każ l-attendenza tagħhom għandha tkun soġġetta għall-qbil tal-President u tar-rappreżentanti tal-Impriża Konġunta.

4. Il-Kumitat Tekniku għandu jipproponi r-regoli ta' proċedura tiegħu u għandu jissottomettuhom għall-adozzjoni mill-Bord ta' Tmexxija.

5. Il-Kumitat Tekniku għandu jiżviluppa u jżomm aġġornati l-pjan direzzjonali teknoloġiku u l-istrateġija tal-programm. Għandu jipproponi u jħejji għall-adozzjoni mill-Bord ta' Tmexxija, kif xieraq, il-kamp ta' applikazzjoni u l-programmazzjoni tal-azzjonijiet ta' riċerka, tal-istrateġija teknika u tal-pjan direzzjonali ġenerali tar-riċerka tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa. Membru tal-Bord ta' Tmexxija jista' jiġi ddelegat sabiex isegwi l-attivitajiet fih.

6. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) iħejji proposti għall-emenda tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni kif meħtieġ għad-deliberazzjoni u għat-teħid ta' deċiżjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija;

(b) iħejji proposti għall-prijoritajiet tekniċi u għall-azzjonijiet ta' riċerka li għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma, inklużi s-suġġetti ta' riċerka għal sejħiet miftuħin għal proposti;

(c) jipprovdi informazzjoni dwar azzjonijiet ta' riċerka ppjanati jew li jkunu għaddejjin f'livelli nazzjonali, reġjonali jew oħrajn mhux tal-Unjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji possibbli tal-programm tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa;

(d) jipproponi, għad-deliberazzjoni u għat-teħid ta' deċiżjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija, reviżjonijiet jew ottimizzazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tekniku tal-programm sabiex jallinja l-programm ta' ħidma u l-objettivi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa mal-programmi ta' ħidma globali relatati ma' Orizzont Ewropa u ma' sħubijiet Ewropej oħrajn;

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-adozzjoni potenzjali mis-suq tar-riżultati tal-programm.

*Artikolu 66*

*Kompiti addizzjonali tad-Direttur Eżekuttiv*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 18, id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandu jwettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) jiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tal-programm ta' ħidma;

(b) jieħu azzjoni xierqa sabiex jimmaniġġja l-interazzjonijiet bejn il-proġetti appoġġati mill-impriża konġunta, jevita trikkib żejjed bejniethom u jiffavorixxi sinerġiji fil-programm kollu;

(c) jiżgura li jintlaħqu l-iskadenzi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa lid-diversi korpi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa;

(d) jiffaċilita l-koordinazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-parir tal-Kumitat Tekniku bejn l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa u l-attivitajiet rilevanti ta' riċerka u ta' innovazzjoni fi ħdan Orizzont Ewropa bl-għan li jiġi evitat it-trikkib u jiġu promossi s-sinerġiji;

(e) jiffaċilita l-kooperazzjoni mill-qrib u jiżgura l-koordinazzjoni ma' sħubijiet Ewropej oħrajn;

(f) jiżgura l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programm tal-progress meta mqabbel mal-indikaturi tal-impatt u mal-objettivi speċifiċi tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa fl-Artikolu 55;

(g) jiżgura li l-Impriża Konġunta tiffaċilita l-aċċess sħiħ għad-*data* u għall-informazzjoni għall-monitoraġġ indipendenti tal-impatt ta' riċerka u ta' innovazzjoni fl-avjazzjoni mwettqa taħt is-superviżjoni diretta tal-Kummissjoni u jieħu kwalunkwe azzjoni xierqa meħtieġa sabiex jiżgura l-indipendenza ta' dan il-proċess mill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa nnifisha, bħal permezz ta' akkwist pubbliku, evalwazzjonijiet indipendenti, rieżamijiet jew analiżi *ad hoc*. Ir-rapport ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni tal-programm għandu jiġi ppreżentat lill-Bord ta' Tmexxija darba fis-sena;

(h) jassisti lill-Bord tat-Tmexxija fl-adattamenti tal-kontenut tekniku u tal-allokazzjonijiet tal-baġit tal-programm ta' ħidma matul l-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni sabiex jiġu mmassimizzati l-kisbiet tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa.

*Artikolu 67*

*Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati*

1. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom iqisu l-opinjoni tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, jekk ikun hemm, qabel ma jivvotaw fil-Bord ta' Tmexxija.

2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jorganizza laqgħat ta' koordinazzjoni mal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati ta' impriżi konġunti rilevanti oħrajn bħall-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, tal-anqas darbtejn fis-sena, bl-għan li joħloq interfaċċa bejn l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa u jagħti pariri lill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa fuq din il-bażi.

3. Minbarra l-paragrafi 7 u 8 tal-Artikolu 20, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jkollu wkoll il-kompiti addizzjonali li ġejjin:

   (a) jipproponi miżuri sabiex itejjeb il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni dwar l-Avjazzjoni Nadifa u l-programmi ta' riċerka nazzjonali li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni, kif ukoll ma' inizjattivi u ma' proġetti internazzjonali u nazzjonali oħrajn;

(b) jippromwovi miżuri speċifiċi fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmirati sabiex iżidu l-involviment tal-SMEs fir-Riċerka u fl-Innovazzjoni dwar l-Avjazzjoni Nadifa, inkluż permezz ta' avvenimenti ta' disseminazzjoni, workshops tekniċi u komunikazzjoni dedikati, u kwalunkwe azzjoni oħra mmirata lejn il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-varar ta' teknoloġiji ajrunawtiċi;

(c) jippromwovi l-investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni mill-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni bħall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fondi Soċjali Ewropej, il-Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta, u l-Fondi tan-Next Generation EU fil-kuntest tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa.

*Artikolu 68*

*Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni Nadifa*

1. Il-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni Nadifa għandu jkun il-korp konsultattiv xjentifiku tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa stabbilit f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 19(1).

2. Il-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni Nadifa ma għandux ikollu aktar minn 15-il membru permanenti.

3. Il-President tal-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni għandu jiġi elett għal sentejn.

4. Rappreżentant tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) għandu jkun membru permanenti tal-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni.

5. Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni għandu jikkoopera mal-fora Ewropej rilevanti tal-partijiet ikkonċernati tal-avjazzjoni, bħall-Kunsill Konsultattiv għar-Riċerka Ajrunawtika fl-Ewropa (ACARE).

6. Il-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni Nadifa għandu, skont l-Artikolu 19(7)(f), jorganizza laqgħat ta' koordinazzjoni mal-korpi konsultattivi ta' impriżi konġunti rilevanti oħra bħall-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, bl-għan li jippromwovi sinerġiji u kooperazzjoni fost l-inizjattivi rilevanti tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-avjazzjoni u li jipprovdi pariri għal dak il-għan lill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa fuq din il-bażi.

7. Il-Korp Konsultattiv Ewropew għall-Avjazzjoni Nadifa għandu jagħti pariri u jappoġġa wkoll lill-Kummissjoni u lill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa dwar inizjattivi li jippromwovu r-riċerka dwar l-avjazzjoni fis-sistemi edukattivi Ewropej, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u tal-kompetenzi ajrunawtiċi u l-kurrikuli aġġornati dwar l-inġinerija ajrunawtika.

*Artikolu 69*

*Ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda*

1. L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) tista' tiġi mistiedna mill-applikanti, mill-benefiċjarji, jew mid-Direttur Eżekuttiv, sabiex tagħti pariri dwar proġetti individwali u attivitajiet ta' dimostrazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-istandards dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, l-interoperabbiltà u l-ambjent, sabiex jiġi żgurat li dawn iwasslu għal żvilupp f'waqtu ta' standards rilevanti, ta' kapaċità ta' ttestjar u ta' rekwiżiti regolatorji għall-iżvilupp ta' prodotti u għall-varar ta' teknoloġiji ġodda.

2. L-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u s-servizzi pprovduti għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar it-tariffi u l-imposti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50].

*Artikolu 70*
*Deroga mir-regoli għall-parteċipazzjoni*

Meta l-azzjonijiet ikunu ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa u meta jkun debitament ġustifikat fid-deskrizzjoni tas-suġġetti rilevanti fil-programm ta' ħidma, entità legali waħda stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat jew f'konsorzji li ma jissodisfawx il-kundizzjoni stabbilita fl-[Artikolu 19(2)] tar-Regolament [dwar Orizzont Ewropa] għandha tkun eliġibbli sabiex tipparteċipa f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa.

[50] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32018R1139.

# TITOLU III

# IMPRIŻA KONĠUNTA IDROĠENU NADIF

*Artikolu 71*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandu jkollha wkoll l-objettivi ġenerali li ġejjin:

   (a) li tikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030[51], u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew[52], billi żżid l-ambizzjoni tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal tal-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030, u għan-newtralità klimatika sal-2050;

   (b) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea tal-2020 għall-Idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima[53];

   (c) li ssaħħaħ il-kompetittività tal-katina tal-valur tal-idroġenu nadif tal-Unjoni, bil-ħsieb li tappoġġa, b'mod partikolari għall-SMEs involuti, l-aċċellerazzjoni tad-dħul fis-suq ta' soluzzjonijiet nodfa innovattivi u kompetittivi;

   (d) li tistimola l-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u l-applikazzjonijiet għal użu finali tal-idroġenu nadif.

2. L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

   (a) ittejjeb, permezz tar-riċerka u tal-innovazzjoni, il-kosteffettività, l-affidabbiltà, il-kwantità u l-kwalità ta' soluzzjonijiet tal-idroġenu nadif, inklużi l-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u l-użi finali żviluppati fl-Unjoni bħal elettrolizzaturi tal-idroġenu aktar effiċjenti u orħos u applikazzjonijiet tat-trasport u industrijali orħos;

   (b) isaħħaħ l-għarfien u l-kapaċità tal-atturi xjentifiċi u industrijali tul il-katina tal-valur tal-idroġenu tal-Unjoni;

   (c) twettaq dimostrazzjonijiet ta' soluzzjonijiet tal-idroġenu nadif bil-ħsieb tal-użu lokali, reġjonali u fl-Unjoni kollha, li jindirizzaw il-produzzjoni rinnovabbli, id-distribuzzjoni, il-ħżin, u l-użu għall-industriji tat-trasport u li jużaw ħafna enerġija kif ukoll għal applikazzjonijiet oħra;

   (d) iżżid is-sensibilizzazzjoni pubblika u privata, l-aċċettazzjoni, u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-idroġenu nadif, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni ma' sħubijiet Ewropej oħrajn fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

---

51 COM/2020/562 final.

52 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM/2019/640 final.

53 COM(2020) 301 final: Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima.

*Artikolu 72*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandha twettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) tivvaluta u timmonitorja l-progress teknoloġiku u l-ostakli teknoloġiċi, ekonomiċi u soċjetali għad-dħul fis-suq;

(b) minkejja l-prerogattivi tal-politika tal-Kummissjoni, skont il-gwida u s-superviżjoni tal-politika tal-Kummissjoni, tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' regolamenti u ta' standards bl-għan li jiġu eliminati l-ostakli għad-dħul fis-suq u jiġu appoġġati l-interkambjabbiltà, l-interoperabbiltà, u l-kummerċ fis-suq intern u globalment;

(c) tappoġġa lill-Kummissjoni fl-inizjattivi internazzjonali tagħha dwar l-istrateġija tal-idroġenu, bħas-Sħubija Internazzjonali dwar l-Ekonomija tal-Idroġenu (IPHE), il-Missjoni Innovazzjoni u l-Inizjattiva dwar l-Idroġenu tal-Forum Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa.

*Artikolu 73*

*Membri*

Il-membri tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandhom ikunu:

(a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

(b) Hydrogen Europe AISBL, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita skont id-Dritt Belġjan (numru ta' reġistrazzjoni: 890 025 478) bl-uffiċċju permanenti tagħha fi Brussell, il-Belġju (ir-"Raggruppament Industrijali"), man-notifika tad-deċiżjoni tagħha li taderixxi mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif permezz ta' ittra ta' impenn;

(c) Hydrogen Europe Research AISBL, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita skont id-Dritt Belġjan (numru ta' reġistrazzjoni: 0897 679 372) bl-uffiċċju permanenti tagħha fi Brussell, il-Belġju (ir-"Raggruppament ta' Riċerka"), man-notifika tad-deċiżjoni tagħha li taderixxi mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif permezz ta' ittra ta' impenn.

*Artikolu 74*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u operazzjonali, għandha tkun sa EUR 1 000 000 000, inkluż sa EUR 30 193 000 għall-kostijiet amministrattivi. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

*Artikolu 75*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni totali ta' mill-inqas EUR 1 000 000 000, inklużi sa EUR 30 193 000 għall-kostijiet amministrattivi matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

2. Il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet lill-Impriża Konġunta Idroġenu Nadifa f'konformità mal-Artikolu 11(1).

*Artikolu 76*

*Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali*

1. Għall-fini tal--Artikolu 11(1)(b), l-attivitajiet addizzjonali jistgħu jinkludu attivitajiet marbutin direttament mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif u li jikkontribwixxu għall-objettivi tagħha, inklużi dawn li ġejjin:

   (a) provi prekummerċjali u testijiet fuq il-post;

   (b) prova tal-kunċett;

   (c) titjib tal-linji ta' produzzjoni eżistenti għall-espansjoni;

   (d) studji tal-każ fuq skala kbira;

   (e) attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar it-teknoloġiji tal-idroġenu u l-miżuri ta' sikurezza;

   (f) l-adozzjoni tar-riżultati minn proġetti fi prodotti, aktar użu u attivitajiet fi ħdan il-katina tar-riċerka jew f'Livelli ogħla ta' Tħejjija Teknoloġika jew f'oqsma paralleli ta' attività.

2. Attivitajiet addizzjonali tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandu jkollhom l-għan li jiżguraw sinerġiji mal-Alleanza għall-Idroġenu Nadif[54], mal-Isfida tal-Missjoni Innovazzjoni "Idroġenu Rinnovabbli u Nadif"[55], mal-Fond ta' Innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea[56] u mal-pjattaforma S3 tar-Reġjuni tal-H2[57].

*Artikolu 77*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif*

Il-korpi tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-Bord ta' Tmexxija;

(b) id-Direttur Eżekuttiv;

---

54 https://ec.europa.eu/growth/industry/policy/european-clean-hydrogen-alliance_mt
55 http://mission-innovation.net/our-work/innovation-challenges/renewable-and-clean-hydrogen/
56 https://ec.europa.eu/clima/policies/innovation-fund_mt
57 https://s3platform.jrc.ec.europa.eu/hydrogen-valleys

(c) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati; u

(d) l-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati.

*Artikolu 78*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) rappreżentanti tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni;

(b) sitt rappreżentanti ta' Hydrogen Europe, b'kont meħud tar-rappreżentanza ġeografika, tal-ġeneri u tas-setturi;

(c) rappreżentant wieħed ta' Hydrogen Europe Research.

*Artikolu 79*

*Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Minbarra r-regoli tal-votazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(2), ir-Raggruppament Industrijali għandu jkollu 43 % tad-drittijiet tal-vot u r-Raggruppament tar-Riċerka għandu jkollu 7 % tad-drittijiet tal-vot fil-Bord ta' Tmexxija.

2. Il-President tal-Bord ta' Tmexxija għandu jkun rappreżentant tal-membri privati u għandu jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija.

*Artikolu 80*

*Kompiti addizzjonali tal-Bord ta' Tmexxija*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 16, il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadifa għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) irawwem sinerġiji ma' attivitajiet u ma' programmi rilevanti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari ma' dawk li jappoġġaw il-varar ta' soluzzjonijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni, l-infrastruttura, l-edukazzjoni u l-iżvilupp reġjonali dwar l-użu tal-idroġenu nadif;

(b) jipprovdi, skont l-Artikolu 5(2)(b) u l-Artikolu 16(l), orjentazzjoni strateġika fir-rigward tal-kollaborazzjoni ma' sħubijiet Ewropej oħrajn, inklużi s-sħubijiet lejn trasport bit-triq mingħajr emissjonijiet, trasport fuq l-ilma mingħajr emissjonijiet, is-sistema ferrovjarja Ewropea, avjazzjoni nadifa, proċessi għall-pjaneta u għall-azzar nadif f'konformità mal-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni rispettivi tagħhom jew ma' dokument ekwivalenti ieħor;

(c) iħeġġeġ l-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji u ta' soluzzjonijiet sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

*Artikolu 81*

*Kompiti addizzjonali tad-Direttur Eżekuttiv*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 18, id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jipproponi attivitajiet li jiffavorixxu sinerġiji ma' attivitajiet u ma' programmi rilevanti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali;

(b) jappoġġa u jikkontribwixxi għal inizjattivi oħrajn tal-Unjoni relatati mal-idroġenu, soġġett għall-approvazzjoni mill-Bord ta' Tmexxija;

(c) isejjaħ forum annwali tas-sħubija Ewropea għall-Idroġenu Nadif, li, fejn possibbli, għandu jsir b'mod konġunt u b'mod parallel mal-Forum Ewropew dwar l-Idroġenu tal-Alleanza għall-Idroġenu Nadif.

*Artikolu 82*

*Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati*

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif.

2. Il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati għandu jikkonsisti f'rappreżentanti ta' setturi li jiġġeneraw, iqassmu, jaħżnu, jeħtieġu jew jużaw idroġenu nadif madwar l-Unjoni, inklużi r-rappreżentanti ta' sħubijiet Ewropej rilevanti oħrajn, kif ukoll rappreżentanti tas-Sħubija Interreġjonali Ewropea tal-Widien tal-Idroġenu.

3. Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 21, il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati għandu jkollu wkoll il-kompiti li ġejjin:

   (a) jipprovdi kontribut dwar il-prijoritajiet strateġiċi u teknoloġiċi li għandhom jiġu indirizzati mill-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif kif stabbiliti fl-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni jew fi kwalunkwe dokument ekwivalenti ieħor u fi pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi dettaljati assoċjati, b'kont meħud tal-progress u tal-ħtiġijiet f'setturi kontigwi;

   (b) jipprovdi suġġerimenti sabiex ikunu jistgħu jseħħu sinerġiji konkreti bejn l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif u s-setturi kontigwi jew kwalunkwe settur li miegħu jitqiesu sinerġiji ta' valur miżjud;

   (c) jipprovdi kontribut għall-Forum Ewropew annwali dwar l-Idroġenu tal-Alleanza għall-Idroġenu Nadif.

# TITOLU IV

# IMPRIŻA KONĠUNTA SISTEMA FERROVJARJA EWROPEA

*Artikolu 83*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandu jkollha wkoll l-objettivi ġenerali li ġejjin:

   (a) tikkontribwixxi għall-kisba taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea;

   (b) tiżgura tranżizzjoni rapida lejn sistema ferrovjarja Ewropea aktar attraenti, faċli għall-utent, kompetittiva, għall-but ta' kulħadd, effiċjenti u sostenibbli, integrata fis-sistema usa' tal-mobilità;

   (c) tappoġġa l-iżvilupp ta' industrija ferrovjarja Ewropea b'saħħitha u kompetittiva globalment.

2. Minbarra l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

   (a) twassal network ferrovjarju Ewropew integrat skont id-disinn, filwaqt li telimina l-ostakli għall-interoperabbiltà u tipprovdi soluzzjonijiet għal integrazzjoni sħiħa, tkopri l-ġestjoni tat-traffiku, il-vetturi, l-infrastruttura u s-servizzi, u tipprovdi l-aħjar tweġiba għall-ħtiġijiet tal-passiġġieri u tan-negozji, taċċellera l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi b'appoġġ taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, filwaqt li żżid il-kapaċità u l-affidabbiltà u tnaqqas il-kostijiet tat-trasport ferrovjarju;

   (b) tipprovdi sistema ferrovjarja sostenibbli u reżiljenti: billi tiżviluppa sistema ferrovjarja mingħajr emissjonijiet u silenzjuża u infrastruttura reżiljenti għall-klima, tapplika l-ekonomija ċirkolari għas-settur ferrovjarju, tmexxi l-użu ta' proċessi, ta' teknoloġiji, ta' disinji u ta' materjali innovattivi fiċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tas-sistemi ferrovjarji u tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi oħrajn għat-trasport iggwidat fuq is-superfiċje;

   (c) tiżviluppa, permezz tal-Pilastru tas-Sistema tagħha, kunċett operazzjonali unifikat u arkitettura ta' sistema funzjonali għal sistemi Ewropej integrati ta' ġestjoni, ta' kmand, ta' kontroll u ta' sinjalar tat-traffiku ferrovjarju, inkluża operazzjoni ferrovjarja awtomatizzata li għandha tiżgura li r-riċerka u l-innovazzjoni jkunu mmirati lejn rekwiżiti tal-klijenti maqbula b'mod komuni u kondiviżi u ħtiġijiet operazzjonali miftuħa għall-evoluzzjoni;

   (d) twettaq attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatati mas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u tat-trasport intermodali sabiex tipprovdi trasport ferrovjarju tal-merkanzija ekoloġiku, kompetittiv u integrat bis-sħiħ fil-katina tal-valur loġistika, bl-awtomatizzazzjoni u bid-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji tal-merkanzija fil-qalba;

   (e) tiżviluppa proġetti ta' dimostrazzjoni fi Stati Membri interessati inklużi dawk li attwalment ma għandhomx sistema ferrovjarja stabbilita fit-territorju tagħhom;

   (f) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' industrija ferrovjarja Ewropea b'saħħitha u kompetittiva globalment.

3. Fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandha tfittex involviment ġeografikament ibbilanċjat tal-membri u tas-sħab fl-attivitajiet tagħha. Għandha tistabbilixxi wkoll il-konnessjonijiet internazzjonali meħtieġa fir-rigward tar-riċerka u tal-innovazzjoni ferrovjarji, f'konformità mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni.

*Artikolu 84*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea*

1. Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea flimkien mal-Kummissjoni għandha tħejji u tissottometti wkoll għall-adozzjoni mill-Bord ta' Tmexxija, il-Pjan Regolatorju, żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fis-sistema ferrovjarja u fl-industrija tal-provvista tal-ferroviji.

2. Il-Kummissjoni tista' tibda t-tħejjija tal-Pjan Regolatorju qabel l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

3. Il-Pjan Regolatorju għandu jikkostitwixxi pjan direzzjonali komuni li jħares 'il quddiem ibbażat fuq perspettiva tas-sistema. Għandu jidentifika l-oqsma ta' intervent fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea. L-objettivi stabbiliti fil-Pjan Regolatorju għandhom ikunu xprunati mill-prestazzjoni u msejsa fuq l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 83.

4. Il-Pjan Regolatorju għandu jiġi adottat mill-Bord ta' Tmexxija u approvat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 bl-eċċezzjoni tat-taqsima tal-Pjan Regolatorju relatata mal-Pilastru tas-Sistema li għandha tiġi adottata f'konformità mal-Artikolu 91(3). Qabel l-approvazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-Pjan Regolatorju lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Sussegwentement, kwalunkwe modifika għandha tiġi kkomunikata lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

5. Il-Pjan Regolatorju għandu jikkostitwixxi l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 2(12). Dan għandu jipprovdi gwida għall-kompiti aktar speċifiċi tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, jiġifieri:

   (a) tiżviluppa fil-Pilastru tas-Sistema tagħha perspettiva tas-sistema li tlaqqa' flimkien l-industrija tal-manifattura ferrovjarja, il-komunità operattiva ferrovjarja u partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi ferrovjarji oħra, inklużi korpi li jirrappreżentaw il-klijenti, bħall-passiġġieri u l-merkanzija u l-persunal, kif ukoll atturi rilevanti barra mis-settur ferrovjarju tradizzjonali. Il-"perspettiva tas-sistema" għandha tinkludi:

      i. l-iżvilupp tal-kunċett operazzjonali u ta' arkitettura tas-sistema, li jinkludu d-definizzjoni tas-servizzi, tal-blokok funzjonali u tal-interfaċċi, li jifformaw il-bażi tal-operazzjonijiet tas-sistema ferrovjarja;

      ii. l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet assoċjati inklużi interfaċċi, speċifikazzjonijiet tar-rekwiżiti funzjonali u speċifikazzjonijiet tar-rekwiżiti tas-sistema sabiex jikkontribwixxu għall-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi ta' Interoperabilità (TSI) stabbiliti skont id-Direttiva (UE)

2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58] jew proċessi ta' standardizzazzjoni li jwasslu għal livelli ogħla ta' diġitalizzazzjoni u ta' awtomatizzazzjoni;

iii. l-iżgurar li s-sistema tkun mantnuta, jiġu kkoreġuti l-iżbalji fiha u tkun tista' tadatta maż-żmien u tiżgura kunsiderazzjonijiet ta' migrazzjoni minn arkitetturi attwali;

iv. l-iżgurar li l-interfaċċi meħtieġa ma' modalitajiet oħra jiġu vvalutati u vvalidati, b'mod partikolari għall-flussi tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

(b) twettaq l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, inklużi attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ffokati fuq il-ferroviji b'livell baxx ta' tħejjija teknoloġika (TRL). F'dak ir-rigward, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandha:

i. tiddefinixxi u torganizza l-attivitajiet ta' riċerka, ta' innovazzjoni, ta' dimostrazzjoni, ta' validazzjoni u ta' studju, li għandhom jitwettqu taħt l-awtorità tagħha, filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' attivitajiet bħal dawn;

ii. tisfrutta l-opportunitajiet ta' standardizzazzjoni u ta' modularità, u tiffaċilita l-interfaċċi ma' modalitajiet u ma' sistemi oħrajn;

iii. tiżviluppa proġetti ta' dimostrazzjoni;

iv. tiżviluppa kooperazzjoni mill-qrib u tiżgura koordinazzjoni ma' attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatati Ewropej, nazzjonali u internazzjonali fis-settur ferrovjarju u lil hinn minnu, kif meħtieġ, b'mod partikolari fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, sabiex b'hekk l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea tkun tista' taqdi rwol ewlieni fir-riċerka u fl-innovazzjoni relatati mal-ferroviji filwaqt li tibbenefika wkoll mill-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi milħuqa f'setturi oħrajn;

v. permezz tal-kooperazzjoni msemmija fil-punt (iv), l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandha tiżgura t-traduzzjoni tar-riċerka fi sforz ta' żvilupp effettiv u fl-iżvilupp ta' innovazzjonijiet pijunieri u, fl-aħħar mill-aħħar, f'innovazzjoni ffokata fuq is-suq permezz ta' dimostrazzjoni u tnedija.

(c) twettaq kwalunkwe kompitu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 84.

*Artikolu 85*

*Membri*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandhom ikunu:

(a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

[58] Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

(b) il-membri fundaturi elenkati fl-Anness II, man-notifika tad-deċiżjoni tagħhom li jaderixxu mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta permezz ta' ittra ta' impenn;

(c) il-membri assoċjati li għandhom jintgħażlu f'konformità mal-Artikolu 7. Il-lista tal-Membri Assoċjati għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni.

2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 7(1) u 7(2), il-Bord ta' Tmexxija jista', matul l-ewwel sitt xhur wara l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, jagħżel membri assoċjati minn lista mfassla wara sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Kummissjoni qabel l-istabbiliment tagħha.

*Artikolu 86*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet operazzjonali għandha tkun sa EUR 600 000 000, inklużi tal-anqas EUR 50 000 000 għall-Pilastru tas-Sistema, u sa EUR 24 000 000 għall-kostijiet amministrattivi. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

*Artikolu 87*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

Il-membri tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni totali ta' mill-inqas EUR 600 000 000, inklużi sa EUR 24 000 000 għall-kostijiet amministrattivi matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

*Artikolu 88*

*Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 11(1)(b), l-attivitajiet addizzjonali jistgħu jinkludu:

(a) attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni li jibnu fuq attivitajiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea jew mill-Impriża Konġunta Shift2Rail;

(b) attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni paralleli u komplementarji ffinanzjati mill-membri għajr l-Unjoni, li għandhom valur miżjud ċar tal-Unjoni u li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea;

(c) attivitajiet iffinanzjati mill-membri għajr l-Unjoni fi proġetti ffinanzjati minn programmi nazzjonali jew minn programmi reġjonali li jikkomplementaw attivitajiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea

(d) l-adozzjoni tar-riżultati tal-attivitajiet iffinanzjati fil-qafas tal-Impriża Konġunta Shift2Rail, aktar użu, attivitajiet ta' dimostrazzjoni u standardizzazzjoni.

2. Fir-rigward tal-attivitajiet iffinanzjati mill-membri għajr l-Unjoni fi proġetti ffinanzjati minn sħubijiet Ewropej oħra jew minn programmi oħrajn tal-Unjoni u sforzi u investimenti oħrajn ta' riċerka u ta' innovazzjoni li għandhom valur miżjud sinifikanti tal-Unjoni u li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea u tal-attivitajiet komplementari tagħha ffinanzjati minnha, il-valur ta' tali attivitajiet għandu jiġi rrapportat, filwaqt li jiġu indikati t-tip, il-livell u s-sors tal-finanzjament tal-Unjoni sabiex jiġi evitat l-għadd doppju.

*Artikolu 89*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea*

1. Il-korpi tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandhom ikunu:

(a) il-Bord ta' Tmexxija;

(b) id-Direttur Eżekuttiv;

(c) il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema;

(d) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati;

(e) il-Grupp ta' Varar.

2. Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea tista' tistabbilixxi grupp ta' tmexxija xjentifiku jew tfittex parir xjentifiku minn esperti akkademiċi indipendenti jew minn korpi konsultattivi xjentifiċi kondiviżi.

*Artikolu 90*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni;

(b) rappreżentant wieħed minn kull wieħed mill-membri għajr l-Unjoni

*Artikolu 91*

*Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

2. Il-President jew il-Viċi-President tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jkun mistieden fuq bażi permanenti sabiex jattendi l-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservatur u jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu, iżda mingħajr drittijiet tal-vot. Ir-rappreżentanti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u tal-Kunsill Konsultattiv Ewropew għar-Riċerka dwar il-Ferroviji għandhom jiġu mistiedna

jattendu l-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservaturi u jieħdu sehem fid-deliberazzjoni tiegħu, iżda ma għandu jkollhom l-ebda dritt tal-vot.

3. Minkejja l-Artikolu 15(1) fir-rigward tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu fil-qafas tal-Pilastru tas-Sistema, deċiżjoni għandha titqies adottata b'maġġoranza ta' mill-inqas 55 % tal-voti inklużi l-voti tar-rappreżentanti li huma assenti.

4. Minkejja l-Artikolu 15(4), il-Bord ta' Tmexxija għandu jiltaqa' darba fis-sena f'assemblea ġenerali u l-parteċipanti kollha għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandhom jiġu mistiedna jattendu. L-assemblea għandha tistimola riflessjoni dwar id-direzzjoni ġenerali tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea filwaqt li twettaq diskussjoni miftuħa u trasparenti dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju.

*Artikolu 92*

*Kompiti addizzjonali tal-Bord ta' Tmexxija*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 16, il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandu jwettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) jadotta l-Pjan Regolatorju u kwalunkwe proposta għall-modifika tiegħu;

(b) jadotta l-programmi ta' ħidma, inkluż il-baġit, tal-Pilastru tas-Sistema u l-emendi tagħhom fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema u fuq il-proposti tad-Direttur Eżekuttiv.

*Artikolu 93*
*Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema*

1. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, minn rappreżentanti tas-settur ferrovjarju u tal-mobilità u ta' organizzazzjonijiet rilevanti, mid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea u minn rappreżentanti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni finali dwar il-kompożizzjoni tal-Grupp. Meta jkun iġġustifikat, il-Kummissjoni tista' tistieden esperti u partijiet ikkonċernati rilevanti addizzjonali sabiex jattendu l-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema bħala osservaturi.

2. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni.

3. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema għandhom jiġu adottati b'kunsens. Fejn ma jintlaħaq l-ebda kunsens, id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandu jħejji rapport għall-Bord ta' Tmexxija, li jiddeskrivi l-punti komuni ewlenin u l-fehmiet diverġenti.

4. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

5. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema għandu jkun responsabbli, għall-għoti ta' pariri lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija dwar kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-approċċ għall-armonizzazzjoni operazzjonali u l-iżvilupp tal-arkitettura tas-sistema, inkluż fil-parti rilevanti tal-Pjan Regolatorju;

(b) l-ilħuq tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 83(2)(c);

(c) it-twettiq tal-kompitu stabbilit fl-Artikolu 84(5)(a);

(d) il-pjan ta' implimentazzjoni annwali dettaljat għall-Pilastru tas-Sistema f'konformità mal-programmi ta' ħidma adottati mill-Bord ta' Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 92(b).

*Artikolu 94*
*Grupp ta' Varar*

1. Il-Grupp ta' Varar għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 21. Ir-rwol tal-Grupp ta' Varar għandu jkun li jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-adozzjoni mis-suq tal-innovazzjoni ferrovjarja żviluppata fl-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea u li jappoġġa l-varar tas-soluzzjonijiet innovattivi.

2. Il-Grupp ta' Varar għandu jkun miftuħ għall-partijiet ikkonċernati kollha bħala l-Grupp ta' Tmexxija tal-Pilastru tas-Sistema. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jagħżel il-membri tal-Grupp ta' Varar u jistabbilixxi b'mod partikolari d-daqs u l-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Varar, id-durata tal-mandat u t-termini tat-tiġdid tal-membri tiegħu. Il-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Varar għandha tiżgura fokus tematiku u rappreżentanza xierqa. Il-lista tal-membri għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea.

3. Rappreżentant tal-Grupp ta' Varar jista' jiġi mistieden għal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservatur mingħajr drittijiet tal-vot.

4. Il-Grupp ta' Varar għandu jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-varar ta' soluzzjonijiet innovattivi ferrovjarji fuq talba tal-Bord ta' Tmexxija. Il-Grupp ta' Varar jista' joħroġ ukoll rakkomandazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

*Artikolu 95*

*Kollaborazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji*

L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandha tiżgura kollaborazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju. Skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59], dik il-kollaborazzjoni għandha tikkonsisti fil-kompiti konsultattivi li ġejjin:

(a) kontribut dwar il-ħtiġijiet ta' riċerka relatati mat-twettiq taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea għall-konsiderazzjoni mill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea fil-Pjan Regolatorju u fl-emendi tiegħu kif ukoll fil-programmi ta' ħidma;

(b) feedback u pariri dwar l-interoperabbiltà u s-sikurezza li għandhom jiġu kkunsidrati fl-attivitajiet ta' innovazzjoni u ta' riċerka u, b'mod aktar speċifiku, fil-kuntest tal-attivitajiet u tar-riżultati tal-proġetti għall-objettivi identifikati fl-Artikolu 84(5)(a);

---

[59] Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1.

(c) appoġġ lill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għal kwalunkwe validazzjoni jew studju speċifiku addizzjonali li għandu jitwettaq minnha, inkluż permezz tal-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza;

(d) għoti ta' pariri fir-rigward tal-Pilastru tas-Sistema;

(e) żgurar li l-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet inklużi l-interfaċċi, tal-ispeċifikazzjonijiet tar-rekwiżiti funzjonali, u tal-ispeċifikazzjonijiet tar-rekwiżiti tas-sistema jqis l-esperjenza u l-feedback dwar it-TSI jew l-istandards.

*Artikolu 96*

*Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti rispettivi tagħhom jippreżentaw pożizzjoni koordinata li tirrifletti l-fehmiet tal-Istat Membru tagħhom espressi f'dawn:

   (a) il-Kumitat għall-Interoperabbiltà u għas-Sikurezza tal-Ferroviji, stabbilit bl-Artikolu 51 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

   (b) il-Kumitat tal-Programm fil-qafas ta' Orizzont Ewropa – ir-Raggruppament 5 tal-Kumitat tal-Programm Strateġiku;

   (c) il-Kumitat taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, stabbilit bl-Artikolu 62 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jagħti opinjoni lill-Bord ta' Tmexxija dwar is-suġġetti ta' riċerka ta' Livell baxx ta' Tħejjija Teknoloġika li għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma.

# TITOLU V

# IMPRIŻA KONĠUNTA SAĦĦA GLOBALI EDCTP3

*Artikolu 97*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCPT3*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandu jkollha wkoll l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) li tnaqqas il-piż soċjoekonomiku tal-mard infettiv fl-Afrika sub-Saħarjana li jippromwovi l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji tas-saħħa ġodda jew imtejba;

(b) li żżid is-sigurtà tas-saħħa fl-Afrika sub-Saħarjana u globalment billi ssaħħaħ il-kapaċitajiet ibbażati fuq ir-riċerka u fuq l-innovazzjoni għat-tħejjija u għar-rispons għall-kontroll tal-mard infettiv.

2. L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) li tavvanza l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji tas-saħħa ġodda jew imtejba sabiex jiġi indirizzat il-mard infettiv billi tappoġġa t-twettiq ta' provi kliniċi fl-Afrika sub-Saħarjana;

(b) li ssaħħaħ il-kapaċità ta' riċerka u ta' innovazzjoni u s-sistemi nazzjonali tar-riċerka dwar is-saħħa fl-Afrika sub-Saħarjana sabiex jiġi indirizzat il-mard infettiv;

(c) li tiffaċilita allinjament aħjar tal-Istati Membri tal-Unjoni, tal-pajjiżi assoċjati u tal-pajjiżi sub-Saħarjani madwar Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni komuni fil-qasam tas-saħħa globali sabiex tiżdied il-kosteffettività tal-investiment pubbliku Ewropew;

(d) li ssaħħaħ il-kapaċità fl-Afrika sub-Saħarjana għat-tħejjija għall-epidemiji permezz ta' rispons effettiv u rapidu għar-riċerka sabiex jiġu żviluppati dijanjostika, vaċċini u terapiji essenzjali għall-identifikazzjoni bikrija u għall-kontroll ta' mard emerġenti b'potenzjal epidemiku;

(e) li tippromwovi l-bini ta' networks u ta' sħubijiet produttivi u sostenibbli fil-qasam tar-riċerka globali dwar is-saħħa filwaqt li tibni relazzjonijiet bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u bejn partijiet differenti tan-Nofsinhar ma' diversi organizzazzjonijiet privati u tas-settur pubbliku.

*Artikolu 98*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandha twettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) trawwem relazzjonijiet produttivi bejn individwi, gruppi u istituzzjonijiet Ewropej u Afrikani;

(b) toħloq sensibilizzazzjoni dwar l-interessi komuni u l-għanijiet kondiviżi bejn l-istituzzjonijiet u l-gruppi ta' riċerka sabiex jiġu ffaċilitati u jissaħħu l-kollaborazzjonijiet tal-proġetti u dawk istituzzjonali;

(c) tikkontribwixxi sabiex jiġi ffaċilitat l-allinjament tal-istrateġiji tas-saħħa globali tal-finanzjaturi, tal-istituzzjonijiet u tal-awtoritajiet Ewropej u Afrikani;

(d) tiġbed investiment addizzjonali li jinvolvi sħab fis-setturi privati, pubbliċi u tal-karità.

*Artikolu 99*

*Membri*

Il-membri tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandhom ikunu:

(a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

(b) l-Assoċjazzjoni tal-EDCTP, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita skont id-dritt Olandiż, man-notifika tad-deċiżjoni tagħha li taderixxi mingħajr kundizzjonijiet mal-impriża konġunta Saħħa Globali EDCTP3 permezz ta' ittra ta' impenn.

*Artikolu 100*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet operazzjonali, għandha tkun sa EUR 800 000 000, inkluż sa EUR 29 878 000 għall-kostijiet amministrattivi, u għandha tikkonsisti f'dawn li ġejjin:

(a) sa EUR 400 000 000 dment li l-kontribuzzjoni tal-membri għajr l-Unjoni, jew l-entitajiet kostitwenti tagħha, tkun tal-anqas daqs dan l-ammont;

(b) sa EUR 400 000 000 dment li l-kontribuzzjonijiet mis-sħab kontribwenti, jew mill-entitajiet kostitwenti tagħhom, ikunu tal-anqas ugwali għal dan l-ammont.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

*Artikolu 101*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni totali ta' mill-inqas EUR 439 878 000, inklużi sa EUR 29 878 000 għall-kostijiet amministrattivi matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

2. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 kif stabbiliti fl-Artikolu 11(1).

*Artikolu 102*

*Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali*

1. L-attivitajiet addizzjonali tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandhom jiġu żviluppati u implimentati b'mod allinjat, integrat u koerenti mill-Assoċjazzjoni tal-EDCTP u mill-entitajiet kostitwenti tagħha u għandhom isegwu l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tas-Saħħa Globali EDCTP3.

2. Għall-fini tal-Artikolu 11(1)(b), l-attivitajiet addizzjonali jistgħu jinkludu:

   (a) attivitajiet ta' entitajiet kostitwenti tal-Assoċjazzjoni tal-EDCTP allinjati ma' attivitajiet simili minn entitajiet kostitwenti oħrajn tal-Assoċjazzjoni tal-EDCTP u ġestiti b'mod indipendenti f'konformità mar-regoli nazzjonali ta' finanzjament;

   (b) attivitajiet implimentati mill-organizzazzjonijiet governattivi tar-riċerka tal-Afrika sub-Saħarjana;

   (c) attivitajiet li jippromwovu networking u sħubijiet li jibnu relazzjonijiet ma' diversi organizzazzjonijiet privati u tas-settur pubbliku;

   (d) kwalunkwe attività oħra meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3.

*Artikolu 103*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3*

3. Il-korpi tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandhom ikunu:

   (a) il-Bord ta' Tmexxija;

   (b) id-Direttur Eżekuttiv;

   (c) il-Kumitat Xjentifiku;

   (d) il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati.

*Artikolu 104*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) sitt rappreżentanti tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni;

(b) sitt rappreżentanti tal-Assoċjazzjoni tal-EDCTP.

*Artikolu 105*

*Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-membri tal-Assoċjazzjoni tal-EDCTP għandhom kollettivament iżommu 50 % tad-drittijiet tal-vot.

*Artikolu 106*

*Kumitat Xjentifiku*

1. Skont l-Artikolu 19(1)(a), il-Kumitat Xjentifiku għandu jkun il-korp konsultattiv xjentifiku tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3.

2. Minbarra l-kompiti elenkati fl-Artikolu 19, il-Kumitat Xjentifiku għandu jwettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

   (a) jassisti fit-tfassil tal-ippjanar strateġiku u xjentifiku tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3;

   (b) jagħti pariri dwar strateġiji sabiex jitrawmu sinerġiji u sħubijiet mal-partijiet ikkonċernati kollha;

   (c) jikkontribwixxi għat-tħejjija ta' dokumenti strateġiċi u xjentifiċi rilevanti għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, kif meħtieġ;

   (d) jipprovdi pariri strateġiċi u xjentifiċi lill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 u jiżgura t-tlestija b'suċċess tal-proġetti li għaddejjin;

   (e) jidentifika ħtiġijiet u prijoritajiet strateġiċi sabiex jitħaffef l-iżvilupp ta' interventi kliniċi ġodda jew imtejba, inkluż it-taħriġ meħtieġ, in-networking u l-bini tal-kapaċità li għandhom jitwettqu sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi;

   (f) jirrieżamina l-kuntest tal-mard relatat mal-faqar u mal-mard ittraskurat sabiex jiġi identifikat ir-rwol tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 fi sħubija ma' partijiet ikkonċernati oħrajn sabiex jitħaffef l-iżvilupp jew it-titjib tal-interventi kontra dak il-mard;

   (g) jivvaluta l-istat tal-perkorsi globali tal-iżvilupp tal-prodotti u l-opportunitajiet kritiċi tal-perkors għall-iżvilupp futur tal-prodotti;

   (h) jipprovdi pariri dwar ir-rieżami ta' kwalunkwe sejħa għal proposti u ta' programmi oħrajn;

   (i) jipprovdi appoġġ u input dwar il-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, kif ukoll fil-monitoraġġ tal-eżiti xjentifiċi u tal-impatti strateġiċi tal-għotjiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3;

   (j) jagħti pariri, jassisti u jipparteċipa fil-gruppi ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, fil-laqgħat mal-partijiet ikkonċernati, fil-Forum tal-EDCTP u f'avvenimenti rilevanti oħrajn.

3. Il-President għandu jħejji rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-kisbiet tas-sena ta' qabel tal-Kumitat Xjentifiku u jissottomettih għall-approvazzjoni mill-Bord ta' Tmexxija.

*Artikolu 107*

*Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 21, il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati għandu jwettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) jipprovdi input dwar il-prijoritajiet xjentifiċi, strateġiċi u teknoloġiċi li għandhom jiġu indirizzati mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 kif stabbilit fl-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni jew fi kwalunkwe dokument ekwivalenti ieħor li jqis il-progress u l-ħtiġijiet tas-setturi tas-Saħħa Globali u dawk kontigwi;

(b) jipprovdi suġġerimenti sabiex ikunu jistgħu jseħħu sinerġiji konkreti bejn l-Impriża Konġunta Sħubija Saħħa Globali EDCTP3 u s-setturi kontigwi jew kwalunkwe settur li miegħu se jitqiesu sinerġiji ta' valur miżjud;

(c) jipprovdi kontribut lill-Forum tal-EDCTP.

*Artikolu 108*

*Eliġibbiltà għall-finanzjament*

1. F'konformità mal-Artikolu 13(1) u b'deroga mill-[Artikolu 19(1)] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, il-finanzjament mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandu jkun ristrett għall-entitajiet legali eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas tal-programm Orizzont Ewropa u stabbiliti fl-istati kostitwenti tal-Assoċjazzjoni tal-EDCTP. B'mod eċċezzjonali u jekk previst fil-programm ta' ħidma, l-entitajiet stabbiliti fi stati oħrajn jistgħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 f'suġġetti ta' sejħiet speċifiċi jew f'każ ta' sejħa li tindirizza emerġenza tas-saħħa pubblika.

2. L-Unjoni għandha tfittex li tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jippermettu l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni. Qabel il-konklużjoni tagħhom u sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, meta entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz mingħajr tali ftehim jipparteċipaw b'finanzjament f'azzjoni indiretta, il-koordinatur finanzjarju tal-azzjoni indiretta għandu jkun stabbilit fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat, l-ammont ta' prefinanzjament għandu jiġi adattat b'mod adegwat u d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ftehim ta' għotja għandhom iqisu kif xieraq ir-riskji finanzjarji.

*Artikolu 109*

*Parteċipanti identifikati*

Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet identifikati mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 tista' tkun kriterju ta' eliġibbiltà fis-sejħa għall-proposti. Dan għandu jkun iġġustifikat kif xieraq fil-programm ta' ħidma li jista' jipprovdi wkoll li tali parteċipanti identifikati ma għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 fil-qafas tal-azzjonijiet indiretti magħżula.

*Artikolu 110*

*Prinċipji etiċi*

Il-provi kliniċi u r-riċerka dwar l-implimentazzjoni mwettqa fil-qafas tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-prinċipji etiċi

fundamentali, mal-istandards regolatorji internazzjonali rikonoxxuti u mal-prattiki parteċipatorji tajbin.

*Artikolu 111*

*Kollaborazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard*

L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandha tiżgura kollaborazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard.

*Artikolu 112*
*Aċċess f'kundizzjonijiet favorevoli*

Il-parteċipanti għal azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandhom jiżguraw li l-prodotti u s-servizzi żviluppati bbażati jew parzjalment ibbażati fuq ir-riżultati tal-azzjoni indiretta jkunu disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli. Għal dik il-fini, fejn rilevanti, il-programm ta' ħidma għandu jispeċifika obbligi addizzjonali ta' sfruttament applikabbli għal azzjonijiet indiretti speċifiċi.

# TITOLU VI

# IMPRIŻA KONĠUNTA INIZJATTIVA GĦAL SAĦĦA INNOVATTIVA

*Artikolu 113*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandha tilħaq ukoll l-objettivi ġenerali li ġejjin sal-2030:

(a) tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekosistema ta' riċerka u ta' innovazzjoni dwar is-saħħa fl-Unjoni kollha li tiffaċilita t-traduzzjoni tal-għarfien xjentifiku f'innovazzjonijiet, b'mod partikolari billi tniedi tal-anqas 30 proġett transsettorjali fuq skala kbira, b'enfasi fuq l-innovazzjonijiet fil-qasam tas-saħħa;

(b) trawwem l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet sikuri, effettivi, iffokati fuq in-nies u kosteffettivi li jwieġbu għal ħtiġijiet strateġiċi mhux issodisfati tas-saħħa pubblika, billi turi, f'tal-anqas ħames eżempji, il-fattibbiltà tal-integrazzjoni ta' prodotti jew ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, b'adegwatezza murija għall-użu mis-sistemi tal-kura tas-saħħa. Jenħtieġ li l-proġetti relatati jindirizzaw il-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament u/jew il-ġestjoni tal-mard li jaffettwa l-popolazzjoni tal-Unjoni, inkluż il-kontribut għall-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer;

(c) tixpruna l-innovazzjoni transsettorjali tas-saħħa għal industrija tas-saħħa Ewropea kompetittiva madwar id-dinja, u tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Istrateġija Industrijali l-ġdida għall-Ewropa u tal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa.

2. L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) tikkontribwixxi għal fehim aħjar tad-determinanti tal-oqsma tas-saħħa u tal-mard ta' prijorità;

(b) tintegra l-isforzi frammentati ta' riċerka u ta' innovazzjoni dwar is-saħħa li jlaqqgħu flimkien setturi tal-industrija tas-saħħa u partijiet ikkonċernati oħrajn, filwaqt li tiffoka fuq il-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-saħħa pubblika, sabiex tippermetti l-iżvilupp ta' għodod, ta' *data*, ta' pjattaformi, ta' teknoloġiji u ta' proċessi għal tbassir, għal prevenzjoni, għal interċettazzjoni, għal dijanjożi, għal trattament u għal ġestjoni mtejba tal-mard, filwaqt li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti finali;

(c) turi l-fattibbiltà ta' soluzzjonijiet integrati tal-kura tas-saħħa ffokati fuq in-nies;

(d) tisfrutta l-potenzjal sħiħ tad-diġitalizzazzjoni u tal-iskambju tad-*data* fil-kura tas-saħħa;

(e) tippermetti l-iżvilupp ta' metodoloġiji u ta' mudelli ġodda u mtejba għal valutazzjoni komprensiva tal-valur miżjud ta' soluzzjonijiet tal-kura tas-saħħa innovattivi u integrati.

*Artikolu 114*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandha twettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) trawwem kooperazzjoni mill-qrib u fit-tul bejn l-Unjoni, membri oħrajn, sħab kontribwenti, u partijiet ikkonċernati oħrajn involuti fil-kura tas-saħħa bħal industriji rilevanti oħrajn, awtoritajiet tal-kura tas-saħħa (bħal korpi regolatorji, korpi ta' valutazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa u kontribwenti), organizzazzjonijiet tal-pazjenti, professjonisti u fornituri tal-kura tas-saħħa, kif ukoll akkademiċi;

(b) tappoġġa b'mod effettiv ir-riċerka u l-innovazzjoni prekompetittivi dwar is-saħħa, speċjalment azzjonijiet li jlaqqgħu flimkien entitajiet minn diversi setturi tal-industrija tal-kura tas-saħħa sabiex jaħdmu flimkien fuq oqsma ta' ħtieġa mhux issodisfata tas-saħħa pubblika;

(c) tiżgura li l-partijiet ikkonċernati kollha jkollhom il-possibbiltà li jipproponu oqsma għal sejħiet futuri għal proposti;

(d) tirrieżamina regolarment u tagħmel kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi li jseħħu matul l-implimentazzjoni tagħha jew tal-ħtiġijiet emerġenti tas-saħħa pubblika;

(e) tippubblika informazzjoni dwar il-proġetti, inklużi l-entitajiet parteċipanti u l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva u tal-kontribuzzjonijiet *in natura* impenjati għal kull parteċipant;

(f) torganizza komunikazzjoni regolari, inkluż tal-anqas laqgħa annwali waħda mal-gruppi ta' interess u mal-partijiet ikkonċernati tagħha sabiex tiżgura aċċess miftuħ u trasparenza għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva;

(g) kwalunkwe kompitu ieħor meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 113.

*Artikolu 115*

*Membri*

Il-membri tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandhom ikunu:

(a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

(b) il-Kumitat Ewropew ta' Koordinazzjoni tal-Industrija Radjoloġika, Elettromedika u tal-IT tal-Kura tas-Saħħa (COCIR), il-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi, EuropaBio, MedTech Europe, VaccinesEurope, man-notifika tad-deċiżjonijiet rispettivi tagħhom sabiex jaderixxu mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva permezz ta' ittra ta' impenn;

(c) il-membri assoċjati li għandhom jintgħażlu f'konformità mal-Artikolu 7.

*Artikolu 116*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet operazzjonali, għandha tkun sa EUR 1 200 000 000, inkluż sa EUR 30 212 000 għall-kostijiet amministrattivi, u għandha tikkonsisti f'dawn li ġejjin:

(a) sa EUR 1 000 000 000 dment li dak l-ammont ikun milħuq ukoll mill-kontribuzzjoni tal-membri għajr l-Unjoni, jew tal-kostitwenti jew tal-entitajiet affiljati tagħhom;

(b) sa EUR 200 000 000 dment li dak l-ammont ikun milħuq mill-kontribuzzjonijiet addizzjonali mis-sħab kontribwenti, jew mill-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

*Artikolu 117*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni totali ta' mill-inqas EUR 1 000 000 000, inklużi sa EUR 30 212 000 għall-kostijiet amministrattivi matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

2. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet għall-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva f'konformità mal-Artikolu 11(1).

3. Kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali ma għandhomx jikkostitwixxu aktar minn 50 % tal-kontribuzzjonijiet *in natura* ta' membri għajr l-Unjoni, fil-livell tal-programm Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva.

4. Il-kostijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet ipprovduti mill-parteċipanti għal azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandhom jammontaw għal tal-anqas 45 % tal-kostijiet eliġibbli ta' azzjoni indiretta u tal-kostijiet relatati tal-attivitajiet addizzjonali. Meta jkun iġġustifikat, il-programm ta' ħidma jista' b'mod eċċezzjonali jippermetti proporzjon aktar baxx ta' kontribuzzjonijiet fil-livell ta' azzjoni indiretta individwali u tal-attivitajiet addizzjonali relatati tagħha.

5. Il-kostijiet imġarrbin f'azzjonijiet indiretti f'pajjiżi terzi għajr pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa għandhom ikunu ġġustifikati u rilevanti għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 113. Dawn ma għandhomx jaqbżu l-20 % tal-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-kostijiet operazzjonali pprovduti minn membri għajr l-Unjoni u minn sħab kontribwenti fil-livell tal-programm Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva. Kostijiet li jaqbżu l-20 % tal-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-kostijiet operazzjonali fil-livell tal-programm Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva ma għandhomx jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet *in natura* għall-kostijiet operazzjonali.

6. Il-programmi ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva jistgħu jistabbilixxu limiti speċifiċi għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-kostijiet operazzjonali mġarrba f'pajjiżi terzi għajr pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa f'livell ta' azzjoni indiretta. Id-deċiżjonijiet dwar dawn il-limiti speċifiċi għandhom iqisu b'mod partikolari l-objettivi u l-impatt imfittex mill-azzjonijiet ikkonċernati u ma għandhomx jirriżultaw f'eċċess tal-limitu massimu stabbilit fil-paragrafu 5 fil-livell tal-programm Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva.

*Artikolu 118*

*Kundizzjonijiet relatati mal-attivitajiet addizzjonali*

1. Għall-fini tal-Artikolu 11(1)(b), għandhom jitwettqu attivitajiet addizzjonali fl-Unjoni jew fil-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u jistgħu jinkludu:

(a) attivitajiet li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva;

(b) attivitajiet li jikkontribwixxu għad-disseminazzjoni, għas-sostenibbiltà jew għall-isfruttament tar-riżultati tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva.

2. Fejn rilevanti, il-proposti għal proġetti għandhom jinkludu pjan għall-attivitajiet addizzjonali relatati tagħhom. Il-kostijiet assoċjati ma' tali attivitajiet addizzjonali speċifiċi għall-proġetti jridu jiġġarrbu bejn id-data tas-sottomissjoni tal-proposta u sa sentejn wara d-data tat-tmiem tal-azzjoni indiretta.

3. Sabiex il-kostijiet jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet *in natura* msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 11(1), l-attivitajiet addizzjonali sottostanti għandhom jitwettqu fl-Unjoni Ewropea jew fil-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa.

*Artikolu 119*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva*

Il-korpi tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandhom ikunu:

(a) il-Bord ta' Tmexxija;

(b) id-Direttur Eżekuttiv;

(c) il-Bord għall-Innovazzjoni;

(d) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati.

*Artikolu 120*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea f'isem l-Unjoni;

(b) rappreżentant wieħed għal kull membru għajr l-Unjoni.

*Artikolu 121*

*Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-membri għajr l-Unjoni għandu jkollhom kollettivament 50 % tad-drittijiet tal-vot.

*Artikolu 122*

*Bord għall-Innovazzjoni*

1. Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar kwistjonijiet rilevanti għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva b'applikazzjoni tal-Artikolu 19.

2. Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jkun magħmul mill-membri permanenti li ġejjin:

   (a) erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni;

   (b) erba' rappreżentanti tal-membri għajr l-Unjoni;

   (c) żewġ rappreżentanti tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati;

   (d) żewġ rappreżentanti tal-komunità xjentifika, maħtura mill-Bord ta' Tmexxija wara proċess ta' għażla miftuħ b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(4);

   (e) sa sitt membri tal-bord permanenti, maħtura mill-Bord ta' Tmexxija wara proċess ta' għażla miftuħ b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(4), li jiżguraw b'mod partikolari rappreżentanza xierqa tal-partijiet ikkonċernati involuti fil-kura tas-saħħa, li jkopru b'mod partikolari s-settur pubbliku, il-pazjenti u l-utenti finali b'mod ġenerali;

   (f) id-Direttur Eżekuttiv u rappreżentant addizzjonali wieħed tal-uffiċċju tal-programm.

3. Il-membri tal-bord li jirrappreżentaw il-membri tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva jistgħu jaħtru membri tal-bord *ad hoc* fejn xieraq sabiex jiddiskutu suġġetti speċifiċi. Dawn jistgħu jaħtru b'mod konġunt massimu ta' sitt membri tal-bord *ad hoc* għal kull laqgħa.

   Tali membri tal-bord *ad hoc* għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-għarfien espert xjentifiku jew tekniku tagħhom dwar is-suġġetti li għandhom jiġu diskussi f'laqgħat partikolari jew b'kunsiderazzjoni tal-ħtieġa li jinħolqu sinerġiji ma' programmi oħrajn ta' riċerka.

   Il-membri tal-bord li jirrappreżentaw membri tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandhom jaħtru membri tal-panel *ad hoc* b'mod kunsenswali għal perjodu fiss. Huma għandhom jikkomunikaw id-deċiżjonijiet tagħhom lill-uffiċċju tal-programm u lill-membri permanenti l-oħrajn tal-bord.

4. Minkejja l-kompiti tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati stabbiliti fl-Artikolu 20(7), il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jipprovdi pariri lill-Bord ta' Tmexxija, fuq talba tiegħu jew fuq inizjattiva tiegħu stess, dwar kwistjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi relatati mal-objettivi tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, b'mod partikolari dwar:

   (a) il-prijoritajiet xjentifiċi;

   (b) l-abbozz tal-programm ta' ħidma, inkluż il-kontenut tas-sejħiet għal proposti;

(c) l-ippjanar tal-attivitajiet addizzjonali ta’ membri għajr l-Unjoni msemmija fl-Artikolu 118;

(d) l-istabbiliment ta’ gruppi konsultattivi ffokati fuq prijoritajiet xjentifiċi speċifiċi;

(e) il-ħolqien ta’ sinerġiji ma’ attivitajiet oħrajn ta’ Orizzont Ewropa, inklużi sħubijiet Ewropej oħrajn, kif ukoll programmi ta’ finanzjament oħrajn tal-Unjoni u programmi ta’ finanzjament nazzjonali.

5. Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jkun ippresedut mid-Direttur Eżekuttiv. F’każijiet debitament iġġustifikati, id-Direttur Eżekuttiv jista’ jaħtar membru anzjan tal-persunal tal-uffiċċju tal-programm tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva sabiex jippresjedi l-Bord għall-Innovazzjoni f’ismu.

6. Bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 19(8), il-membri tal-Bord li jirrappreżentaw lill-membri tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandhom jadottaw mozzjonijiet rigward il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 b’kunsens wara diskussjonijiet mal-membri tal-Bord kollha preżenti waqt il-laqgħa. Fin-nuqqas ta’ kunsens, il-President għandu jirrapporta s-sitwazzjoni lill-Bord ta’ Tmexxija. Kull membru tal-Bord jista’ jesprimi opinjoni kuntrarja fir-rapport.

7. Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jorganizza l-laqgħat ordinarji tiegħu tal-anqas darbtejn fis-sena. Jista’ jsejjaħ laqgħat straordinarji fuq talba tal-membri tal-Bord li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni jew ta’ maġġoranza tal-membri tal-Bord li jirrappreżentaw lill-membri għajr l-Unjoni.

8. Il-membri tal-Bord għall-Innovazzjoni għandhom jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti u jiddiskutu l-ideat tagħhom qabel il-laqgħat fi kwalunkwe forma xierqa. Huma għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom ma’ dawk ta’ kwalunkwe grupp konsultattiv ieħor, kif xieraq.

### *Artikolu 123*

### *Kundizzjonijiet applikabbli għal azzjonijiet indiretti*

1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, ħtieġa tas-saħħa pubblika mhux issodisfata għandha tiġi ddefinita bħala ħtieġa li bħalissa mhijiex indirizzata mis-sistemi tal-kura tas-saħħa għal raġunijiet ta’ disponibbiltà jew ta’ aċċessibbiltà, pereżempju fejn ma jkun hemm l-ebda metodu sodisfaċenti ta’ dijanjożi, ta’ prevenzjoni jew ta’ trattament għal kundizzjoni tas-saħħa partikolari jew jekk l-aċċess tal-persuni għall-kura tas-saħħa jkun limitat minħabba l-kost, id-distanza għall-faċilitajiet tas-saħħa jew il-ħinijiet ta’ stennija. Il-kura ffokata fuq in-nies tirreferi għal approċċ għall-kura li b’mod konxju jadotta l-perspettivi tal-individwi, tal-persuni li jindukraw, tal-familji u tal-komunitajiet u jqishom bħala parteċipanti kif ukoll bħala benefiċjarji tas-sistemi tal-kura tas-saħħa li huma organizzati skont il-ħtiġijiet u l-preferenzi tagħhom aktar milli skont il-mard individwali.

2. Azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva jistgħu jinkludu studji kliniċi li fihom il-qasam fil-mira jew l-użu maħsub jirrappreżenta ħtieġa mhux issodisfata tas-saħħa pubblika, li taffettwa b’mod sinifikanti jew thedded lill-popolazzjoni tal-Unjoni.

3. Il-parteċipanti għal azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva jridu jiżguraw li l-prodotti u s-servizzi żviluppati bbażati jew

parzjalment ibbażati fuq ir-riżultati tal-azzjonijiet indiretti jkunu disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli. Għal dik il-fini, fejn rilevanti, il-programm ta' ħidma għandu jispeċifika obbligi addizzjonali ta' sfruttament applikabbli għal azzjonijiet indiretti speċifiċi.

4. Fejn previst fil-programm ta' ħidma, l-entitajiet legali identifikati mill-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti speċifiċi. Dawk l-entitajiet ma għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva.

5. Kwalunkwe entità legali li tipparteċipa f'azzjonijiet indiretti speċifiċi mal-entitajiet legali identifikati msemmija fil-paragrafu 4 ma għandhiex tkun eliġibbli għal finanzjament fejn:

(a) tkun entità legali bi skop ta' qligħ b'fatturat annwali ta' EUR 500 miljun jew aktar;

(b) tkun taħt il-kontroll dirett jew indirett ta' entità legali deskritta fil-punt (a), jew taħt l-istess kontroll dirett jew indirett bħal entità legali deskritta fil-punt (a);

(c) tkun tikkontrolla direttament jew indirettament entità legali msemmija fil-punt (a).

# TITOLU VII
# IMPRIŻA KONĠUNTA TEKNOLOĠIJI DIĠITALI EWLENIN

*Artikolu 124*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandu jkollha wkoll l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) issaħħaħ l-awtonomija teknoloġika miftuħa tal-Unjoni fil-komponenti u fis-sistemi elettroniċi sabiex tappoġġa l-ħtiġijiet futuri tal-industriji vertikali u tal-ekonomija b'mod ġenerali. Il-mira ġenerali hija li tikkontribwixxi għall-irduppjar tal-valur tad-disinn u tal-produzzjoni ta' komponenti u ta' sistemi elettroniċi fl-Ewropa sal-2030, f'konformità mas-sehem tal-Unjoni fil-prodotti u fis-servizzi;

(b) tistabbilixxi eċċellenza xjentifika tal-Unjoni u tmexxija fl-innovazzjoni f'komponenti u f'teknoloġiji tas-sistemi emerġenti bl-involviment attiv tal-SMEs. Jenħtieġ li l-SMEs jirrappreżentaw tal-anqas terz tal-għadd totali ta' parteċipanti f'azzjonijiet indiretti u jenħtieġ li tal-anqas 20 % tal-finanzjament pubbliku jmur għalihom;

(c) tiżgura li l-komponenti u t-teknoloġiji tas-sistemi jindirizzaw l-isfidi soċjetali u ambjentali tal-Ewropa. Il-mira hija li tiġi allinjata mal-politika tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika u li tikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija bi 32,5 % fl-2030.

2. Minbarra l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) tistabbilixxi kapaċitajiet ta' disinn u ta' produzzjoni fl-Ewropa għal oqsma strateġiċi ta' applikazzjoni;

(b) tniedi portafoll ibbilanċjat ta' proġetti kbar u żgħar li jappoġġaw it-trasferiment rapidu ta' teknoloġiji mir-riċerka għall-ambjent industrijali;

(c) tibni ekosistema dinamika fl-Unjoni kollha bbażata fuq ktajjen tal-valur diġitali b'aċċess simplifikat għal parteċipanti ġodda;

(d) ittejjeb it-teknoloġiji tal-komponenti li jiggarantixxu s-sigurtà, il-fiduċja u l-effiċjenza enerġetika għall-infrastrutturi u għas-setturi kritiċi fl-Ewropa;

(e) trawwem il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi nazzjonali u tiżgura allinjament koerenti tal-programmi ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali fil-qasam tal-komponenti u tas-sistemi elettroniċi;

(f) tistabbilixxi l-koerenza bejn l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-inizjattiva u l-politiki tal-UE sabiex il-komponenti elettroniċi u t-teknoloġiji tas-sistemi jikkontribwixxu b'mod effiċjenti.

*Artikolu 125*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandha timmonitorja wkoll l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti u timmaniġġja l-ftehimiet u d-deċiżjonijiet ta' għotja tal-Bord ta' Tmexxija u tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.

*Artikolu 126*

*Membri*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandhom ikunu:

   (a) l-awtoritajiet pubbliċi li jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

   (i) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

   (ii) l-istati parteċipanti li ġejjin:

   - […];
   - […].

   (b) il-membri privati li jikkonsistu fl-assoċjazzjonijiet industrijali li ġejjin u fl-entitajiet kostitwenti tagħhom: l-Assoċjazzjoni AENEAS, irreġistrata skont id-dritt Franċiż, bl-uffiċċju reġistrat tagħha f'Pariġi, Franza; l-Assoċjazzjoni tal-industrija ARTEMIS (ARTEMISIA) irreġistrata skont id-dritt Olandiż, bl-uffiċċju reġistrat tagħha f'Eindhoven, in-Netherlands; l-Assoċjazzjoni EPoSS e.V., irreġistrata skont id-dritt Ġermaniż, bl-uffiċċju reġistrat tagħha f'Berlin, il-Ġermanja.

2. Kull stat parteċipanti għandu jaħtar ir-rappreżentanti tiegħu fil-korpi tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin u għandu jaħtar l-entità jew l-entitajiet nazzjonali responsabbli għat-twettiq tal-obbligi tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

*Artikolu 127*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet operazzjonali, għandha tkun sa EUR 1 800 000 000, inkluż sa EUR 22 090 000 għall-kostijiet amministrattivi. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

Artikolu 128

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

1. Matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3, l-istati parteċipanti tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandhom jagħmlu kontribuzzjoni totali li tal-anqas

tilħaq l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-kostijiet operazzjonali msemmija fl-Artikolu 127.

2. Matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3, il-membri privati tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjonijiet ta' mill-inqas EUR 2 511 164 000 għall-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

3. F'konformità mal-Artikolu 26(4), il-membri privati għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti u affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni finanzjarja sa EUR 22 090 000 għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

4. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu fil-kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(4). Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jikkonsistu fil-kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(1), inklużi tal-anqas EUR 2 489 074 000 fil-kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(1)(a). Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jikkonsistu fil-kontribuzzjonijiet kif stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 11(1).

### *Artikolu 129*

### *Kontribuzzjonijiet mill-istati parteċipanti*

1. Kull stat parteċipanti għandu jafda lill-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin bl-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-parteċipanti f'azzjonijiet indiretti stabbiliti f'dak l-istat parteċipanti permezz tal-ftehimiet ta' għotja konklużi mill-impriża konġunta. Huma għandhom jafdaw ukoll lill-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin bil-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-parteċipanti. Dawn għandhom jispeċifikaw l-ammonti ddedikati għall-azzjonijiet indiretti.

2. Il-benefiċjarji ta' azzjonijiet indiretti tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandhom jiffirmaw ftehim ta' għotja uniku mal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin. Regoli dettaljati tal-ftehim ta' għotja, inkluż il-qafas rispettiv għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandhom isegwu r-regoli ta' Orizzont Ewropa.

3. L-Istati parteċipanti għandhom jimpenjaw ruħhom għall-ħlas tal-ammont sħiħ tal-kontribuzzjonijiet tagħhom permezz ta' ftehimiet legalment vinkolanti bejn l-entitajiet maħtura minn kull wieħed mill-istati parteċipanti għal dik il-fini u l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin. Tali ftehimiet għandhom jiġu konklużi qabel l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma.

4. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jqis kif xieraq il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 meta jadotta l-istimi tan-nefqa tal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatati sabiex jiżgura l-prinċipju ta' ekwilibriju tal-baġit tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija l-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 b'appoġġ tal-istimi tan-nefqa tal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatati.

6. Arranġamenti oħra għall-kooperazzjoni bejn l-istati parteċipanti u l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin u għall-impenji rigward il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehimiet li għandhom jiġu konklużi bejn l-entitajiet maħtura minn kull wieħed mill-istati parteċipanti għal dik il-fini u l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

*Artikolu 130*

*Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali*

1. Il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin jista' japprova fejn meħtieġ il-pjan ta' attivitajiet addizzjonali msemmi fl-Artikolu 11(1)(b) wara proposta mill-Bord tal-Membri Privati, filwaqt li jqis l-opinjoni tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.

2. Għall-fini tal-Artikolu 11(1)(b), l-attivitajiet addizzjonali jistgħu jinkludu:

(a) investiment privat li jkollu l-għan li jindustrijalizza r-riżultati tal-proġetti tal-Impriżi Konġunti Teknoloġiji Diġitali Ewlenin u ECSEL;

(b) piloti, dimostraturi, applikazzjonijiet, varar, industrijalizzazzjoni, inkluża n-nefqa kapitali rilevanti;

(c) attivitajiet relatati ta' riċerka u ta' żvilupp mhux iffinanzjati pubblikament;

(d) attivitajiet iffinanzjati minn self tal-Bank Ewropew tal-Investiment u mhux iffinanzjati permezz ta' għotja mill-Unjoni;

(e) attivitajiet sabiex tiġi żviluppata l-ekosistema li tappoġġa l-kooperazzjoni tal-utenti u tal-fornituri tat-teknoloġija.

*Artikolu 131*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin*

Il-korpi tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandhom ikunu:

(a) il-Bord ta' Tmexxija;

(b) id-Direttur Eżekuttiv;

(c) il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi;

(d) il-Bord tal-Membri Privati.

*Artikolu 132*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

Kull membru tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandu jaħtar ir-rappreżentanti tiegħu u delegat ewlieni li għandu jkollu d-drittijiet tal-vot tal-membru fil-Bord ta' Tmexxija.

*Artikolu 133*

*Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Id-drittijiet tal-vot fil-Bord ta' Tmexxija għandhom jitqassmu kif ġej:

   (a) terz għall-Kummissjoni;

   (b) terz għall-membri privati kollettivament; u

   (c) terz għall-istati parteċipanti kollettivament.

2. Għall-ewwel sentejn finanzjarji wara l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, id-drittijiet tal-vot tal-istati parteċipanti għandhom jitqassmu kif ġej:

   (a) wieħed fil-mija għal kull stat parteċipanti;

   (b) il-perċentwal li jifdal imqassam kull sena fost l-istati parteċipanti fi proporzjon skont il-kontribuzzjonijiet finanzjarji attwali tagħhom għall-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin u/jew għall-inizjattiva preċedenti tagħha matul l-aħħar sentejn.

3. Għas-snin finanzjarji sussegwenti, id-distribuzzjoni tad-drittijiet tal-vot tal-istati parteċipanti għandha tiġi stabbilita kull sena u fi proporzjon mal-fondi li jkunu impenjaw għal azzjonijiet indiretti matul l-aħħar sentejn finanzjarji.

4. Id-drittijiet tal-vot tal-membri privati għandhom jitqassmu b'mod ugwali fost l-assoċjazzjonijiet industrijali sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Bord tal-Membri Privati.

5. Id-drittijiet tal-vot għal kwalunkwe membru ġdid tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin li mhuwiex Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandhom jiġu ddeterminati mill-Bord ta' Tmexxija qabel ma dak il-membru jissieħeb fl-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

6. Il-kworum tal-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul mill-Kummissjoni, mill-membri privati u minn tal-anqas tliet delegati ewlenin tal-istati parteċipanti tat-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

*Artikolu 134*

*Kompiti addizzjonali tal-Bord ta' Tmexxija*

1. L-Artikolu 16(2)(s) ma għandux japplika għall-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

2. Meta l-Kummissjoni titlob li jsir hekk, l-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet speċifiċi għandha tkun ristretta f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att bażiku settorjali applikabbli għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni kkonċernata.

*Artikolu 135*

*Kompożizzjoni tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi*

Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

Kull awtorità pubblika għandha taħtar ir-rappreżentanti tagħha u delegat ewlieni li għandu jkollhom id-drittijiet tal-vot fil-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.

*Artikolu 136*

*Funzjonament tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi*

1. Id-drittijiet tal-vot fil-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandhom jiġu assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi fuq bażi annwali fi proporzjon skont il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għal dik is-sena f'konformità mal-Artikolu 129, u b'limitu massimu għal kwalunkwe membru partikolari ta' 50 % tad-drittijiet tal-vot totali fil-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.

2. Jekk anqas minn tliet stati parteċipanti jkunu kkomunikaw lid-Direttur Eżekuttiv il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom skont l-Artikolu 129(3), il-Kummissjoni għandu jkollha 50 % tad-drittijiet tal-vot u l-50 % li jifdal għandhom jitqassmu b'mod ugwali fost l-istati parteċipanti sakemm aktar minn tliet Stati parteċipanti tat-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin ikunu kkomunikaw il-kontribut tagħhom.

3. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiksbu kunsens. Fin-nuqqas ta' kunsens, il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-istati parteċipanti li ma jkunux preżenti.

4. Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jeleġġi l-President tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal perjodu ta' mill-inqas sentejn.

5. Il-President jista' jistieden lil persuni oħrajn sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi, b'mod partikolari rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali fl-Unjoni, rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-SMEs u rappreżentanti ta' korpi oħrajn tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

6. Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jsejjaħ il-laqgħat ordinarji tiegħu tal-anqas darbtejn fis-sena. Huwa jista' jsejjaħ laqgħat straordinarji fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' maġġoranza tar-rappreżentanti tal-istati parteċipanti, jew fuq talba tal-President. Il-laqgħat tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandhom jissejħu mill-President tiegħu u normalment għandhom isiru fis-sede tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

7. Il-kworum tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jkun magħmul mill-Kummissjoni u minn tal-anqas tliet delegati ewlenin tal-istati parteċipanti.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jattendi l-laqgħat tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi, iżda ma għandux ikollu drittijiet tal-vot.

9. Fuq stedina mill-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi, kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż assoċjat li mhuwiex membru tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin

jista' jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi bħala osservatur. L-osservaturi għandhom jirċievu d-dokumenti rilevanti kollha u jistgħu jagħtu parir dwar kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi. Dawn l-osservaturi kollha se jkunu marbutin bir-regoli ta' kunfidenzjalità li japplikaw għall-membri tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.

10. Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi jista' jaħtar gruppi ta' ħidma fejn meħtieġ taħt il-koordinazzjoni ġenerali ta' awtorità pubblika waħda jew aktar.

11. Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

12. L-Artikolu 11(7) u l-Artikolu 26(6) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.

*Artikolu 137*

*Kompiti tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi*

Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu:

(a) jikkontribwixxi għall-abbozzar tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni;

(b) jipprovdi kontribut għall-abbozz tal-programm ta' ħidma, b'mod partikolari s-sejħiet għal proposti, inklużi r-regoli għall-evalwazzjoni, għall-għażla u għall-monitoraġġ ta' azzjonijiet indiretti;

(c) japprova t-tnedija ta' sejħiet għal proposti, f'konformità mal-programm ta' ħidma;

(d) jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni ta' finanzjament pubbliku għal proposti magħżula fuq il-bażi tal-lista ta' klassifikazzjoni mħejjija mill-kumitat ta' evalwazzjoni, sal-limitu tal-baġits disponibbli. Għal proposti ta' mertu ekwivalenti, din l-allokazzjoni tista' tqis il-kontribut tal-proposti għall-kisba ta' objettivi speċifiċi tal-politika, inklużi sinerġiji mal-prijoritajiet nazzjonali. Tali deċiżjoni għandha tkun vinkolanti mingħajr ebda proċess ulterjuri ta' evalwazzjoni jew ta' għażla;

(e) jipprovdi opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan ta' attivitajiet addizzjonali msemmi fl-Artikolu 11(1)(b).

*Artikolu 138*

*Kompożizzjoni tal-Bord tal-Membri Privati*

1. Il-Bord tal-Membri Privati għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-membri privati tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

2. Kull membru privat għandu jaħtar ir-rappreżentanti tiegħu u delegat ewlieni li għandu jkollu d-drittijiet tal-vot fil-Bord tal-Membri Privati.

*Artikolu 139*

*Funzjonament tal-Bord tal-Membri Privati*

1. Il-Bord tal-Membri Privati għandu jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena.

2. Il-Bord tal-Membri Privati jista' jaħtar gruppi ta' ħidma fejn meħtieġ taħt il-koordinazzjoni ġenerali ta' membru wieħed jew aktar.

3. Il-Bord tal-Membri Privati għandu jeleġġi l-President tiegħu minn fost il-membri tiegħu.

4. Il-Bord tal-Membri Privati għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 140*

*Kompiti tal-Bord tal-Membri Privati*

Il-Bord tal-Membri Privati għandu:

(a) ifassal u jaġġorna regolarment l-abbozz tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni għall-kisba tal-objettivi tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 124 b'kont meħud tal-kontribut tal-awtoritajiet pubbliċi;

(b) jissottometti l-abbozz tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni lid-Direttur Eżekuttiv sal-iskadenzi stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija;

(c) jorganizza Forum Konsultattiv tal-Partijiet Ikkonċernati li jkun miftuħ għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha li għandhom interess fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali ewlenin sabiex jiġbor u jinformahom dwar l-abbozz tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni għal sena partikolari;

(d) fejn xieraq, u b'kont meħud tal-Artikolu 130, ifassal u jippreżenta għall-approvazzjoni lill-Bord ta' Tmexxija l-abbozz tal-pjan ta' attivitajiet addizzjonali msemmi fl-Artikolu 11(1)(b) b'kont meħud tal-opinjoni tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.

*Artikolu 141*

*Rati ta' rimborż*

F'konformità mal-[Artikolu 13(1)] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa u b'deroga mill-[Artikolu 30] ta' dak ir-Regolament, l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin tista' tapplika rati ta' rimborż differenti għall-finanzjament mill-Unjoni f'azzjoni skont it-tip ta' parteċipant, jiġifieri l-SMEs u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, u t-tip ta' azzjoni. Ir-rati ta' rimborż għandhom ikunu indikati fil-programm ta' ħidma.

# TITOLU VIII

# IMPRIŻA KONĠUNTA RIĊERKA DWAR IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU UNIKU EWROPEW 3

*Artikolu 142*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandu jkollha wkoll l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) issaħħaħ u tintegra l-kapaċità ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Unjoni fis-settur tal-ATM, u b'hekk tkun aktar reżiljenti u skalabbli għall-varjazzjonijiet fit-traffiku filwaqt li tippermetti l-operat mingħajr xkiel tal-inġenji tal-ajru kollha;

(b) issaħħaħ, permezz tal-innovazzjoni, il-kompetittività tat-trasport bl-ajru bl-ekwipaġġ u mingħajr ekwipaġġ fl-Unjoni, u tas-swieq tas-servizzi tal-ATM sabiex tappoġġa t-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni;

(c) tiżviluppa u taċċellera l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi sabiex jiġi stabbilit l-ispazju tal-Ajru Uniku Ewropew bħala l-ajru l-aktar effiċjenti u ekoloġiku għat-titjiriet fid-dinja.

2. L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) tiżviluppa ekosistema ta' riċerka u ta' innovazzjoni li tkopri l-ktajjen tal-valur sħaħ tal-ATM u tal-ispazju tal-ajru U-space[60] kollha li jippermettu l-bini tal-Ajru Diġitali Ewropew[61] iddefinit fil-Pjan regolatorju Ewropew tal-ATM, sabiex ikunu jistgħu jseħħu l-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni meħtieġa bejn il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-utenti tal-ispazju tal-ajru sabiex tiġi żgurata sistema unika armonizzata tal-ATM tal-Unjoni kemm għal operazzjonijiet bl-ekwipaġġ kif ukoll għal dawk mingħajr ekwipaġġ;

(b) tiżviluppa u tivvalida soluzzjonijiet tal-ATM li jappoġġaw livelli għoljin ta' awtomatizzazzjoni;

(c) tiżviluppa u tivvalida l-arkitettura teknika[62] tal-Ajru Diġitali Ewropew;

---

60 "Spazju tal-ajru U-space" tfisser żona ġeografika tas-sistema fl-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAS) magħżula mill-Istati Membri, fejn l-operazzjonijiet tal-UAS jitħallew isiru biss bl-appoġġ ta' servizzi tal-U-space u pprovduti minn fornitur ta' servizzi tal-U-space;

61 "Ajru Diġitali Ewropew" tirreferi għall-viżjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, li jfittex li jittrasforma l-infrastruttura tal-avjazzjoni tal-Ewropa sabiex din tkun tista' timmaniġġja t-tkabbir futur u d-diversità tat-traffiku tal-ajru b'mod sikur u effiċjenti, filwaqt li jimminimizza l-impatt ambjentali.

62 "arkitettura tal-Ajru Diġitali Ewropew" tirreferi għall-viżjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, li jfittex li jindirizza l-arkitettura ineffiċjenti kurrenti tal-ispazju tal-ajru fit-terminu medju sa twil billi jikkombina l-konfigurazzjoni u d-disinn tal-ispazju tal-ajru mat-teknoloġiji għad-diżakkoppjament tal-provvista ta' servizzi mill-infrastruttura lokali u progressivament iżid il-livelli ta' kollaborazzjoni u ta' appoġġ għall-awtomatizzazzjoni.

(d) tappoġġa l-varar aċċellerat fis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi permezz ta' dimostraturi;

(e) tikkoordina l-prijoritizzazzjoni u l-ippjanar għall-isforzi ta' modernizzazzjoni tal-ATM tal-Unjoni, fuq il-bażi ta' proċess immexxi mill-kunsens fost il-partijiet ikkonċernati tal-ATM;

(f) tiffaċilita l-iżvilupp ta' standards għall-industrijalizzazzjoni tas-soluzzjonijiet SESAR.

*Artikolu 143*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandha:

(a) tikkoordina l-kompiti tal-fażi tad-definizzjoni tar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR)[63], timmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġett SESAR u temenda, fejn meħtieġ, il-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM[64];

(b) timplimenta l-aspetti tar-riċerka u tal-iżvilupp tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, b'mod partikolari billi:

(i) torganizza, tikkoordina u timmonitorja l-ħidma tal-fażi ta' żvilupp tas-SESAR f'konformità mal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, inklużi l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni b'livelli baxxi ta' tħejjija għat-teknoloġija (TRL) (0 sa 2);

(ii) tforni soluzzjonijiet tas-SESAR, li huma outputs li jistgħu jiġu varati tal-fażi ta' żvilupp tas-SESAR filwaqt li tintroduċi proċeduri jew teknoloġiji operazzjonali standardizzati u interoperabbli ġodda jew imtejbin;

(iii) tiżgura l-involviment tal-partijiet ikkonċernati ċivili u militari tas-settur tal-avjazzjoni, b'mod partikolari: fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, utenti tal-ispazju tal-ajru, assoċjazzjonijiet tal-persunal professjonali, ajruporti, l-industrija tal-manifattura u l-istituzzjonijiet xjentifiċi rilevanti u l-komunità xjentifika;

(c) tiffaċilita l-adozzjoni aċċellerata mis-suq tas-soluzzjonijiet SESAR billi:

(i) torganizza u tikkoordina attivitajiet ta' dimostrazzjonijiet fuq skala kbira;

(ii) tikkoordina mill-qrib mal-EASA sabiex tippermetti l-iżvilupp f'waqtu mill-EASA ta' miżuri regolatorji li jaqgħu taħt ir-Regolament Bażiku tal-EASA[65] u r-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti;

---

[63] Il-fażi ta' definizzjoni tas-SESAR tfisser il-fażi li tinkludi l-istabbiliment u l-aġġornament tal-viżjoni fit-tul tal-proġett SESAR, tal-kunċett relatat ta' operazzjonijiet li jippermetti titjib f'kull stadju tat-titjira, tat-tibdiliet operazzjonali essenzjali meħtieġa fi ħdan l-EATMN u tal-prijoritajiet ta' żvilupp u ta' varar meħtieġa.

[64] Approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

[65] Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014

(iii) tappoġġa l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni relatati, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi ta' standardizzazzjoni u mal-EASA, kif ukoll mal-entità stabbilita sabiex tikkoordina l-kompiti tal-fażi ta' varar tas-SESAR[66] f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013[67].

*Artikolu 144*

*Membri*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandhom ikunu:

(a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

(b) l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru (EUROCONTROL), irrappreżentata mill-Aġenzija tagħha, man-notifika tad-deċiżjoni tagħha li taderixxi mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 permezz ta' ittra ta' impenn;

(c) il-membri fundaturi elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, man-notifika tad-deċiżjoni tagħhom li jaderixxu mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 permezz ta' ittra ta' impenn;

(d) il-membri assoċjati li għandhom jintgħażlu f'konformità mal-Artikolu 7.

2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 7(1) u (2), il-Bord ta' Tmexxija jista', matul l-ewwel sitt xhur wara l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, jagħżel membri assoċjati minn lista mfassla wara sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Kummissjoni qabel l-istabbiliment tagħha.

3. Meta jagħżel il-membri assoċjati, il-Bord ta' Tmexxija għandu jfittex li jiżgura r-rappreżentazzjoni xierqa tal-katina tal-valur kollha tal-ATM u, fejn meħtieġ, l-għażla tal-atturi rilevanti minn barra s-settur. Kwalunkwe entità jew korp pubbliku jew privat, inklużi dawk minn pajjiżi terzi li kkonkludew tal-anqas ftehim wieħed mal-Unjoni fil-qasam tat-trasport bl-ajru, jistgħu jintgħażlu bħala membri assoċjati tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3.

---

u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018)

[66] "fażi ta' varar tas-SESAR" tfisser il-fażijiet suċċessivi tal-industrijalizzazzjoni u tal-implimentazzjoni, li matulhom jitwettqu l-attivitajiet li ġejjin: l-istandardizzazzjoni, il-produzzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir u ta' proċessi fuq l-art u fl-ajru meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet tas-SESAR (industrijalizzazzjoni); u l-akkwist, l-installazzjoni u t-tqegħid fis-servizz ta' tagħmir u ta' sistemi bbażati fuq soluzzjonijiet tas-SESAR, inklużi proċeduri operazzjonali assoċjati (implimentazzjoni)

[67] ĠU L 123, 4.5.2013, p. 1.

*Artikolu 145*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta tar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet operazzjonali, għandha tkun sa EUR 600 000 000, inkluż sa EUR 30 000 000 għall-kostijiet amministrattivi. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

*Artikolu 146*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

1. Il-membri privati tal-Impriża Konġunta tar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni totali ta' mill-inqas EUR 500 000 000, inklużi sa EUR 25 000 000 għall-kostijiet amministrattivi matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

2. IL-EUROCONTROL għandha tagħti kontribuzzjoni għall-kostijiet operazzjonali u amministrattivi tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 ta' mill-inqas EUR 500 000 000, inklużi sa EUR 25 000 000 għall-kostijiet amministrattivi matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

3. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet lill-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 kif imsemmi fl-Artikolu 11(1). Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet lill-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 kif imsemmi fl-Artikolu 11(5).

*Artikolu 147*

*Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali*

Għall-finijiet tal-Artikolu 11(1)(b), l-attivitajiet addizzjonali jistgħu jinkludu:

(a) attivitajiet li jkopru l-parti kollha mhux iffinanzjata mill-Unjoni tal-proġetti ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew li jikkontribwixxu għall-kisba tal-programm ta' ħidma miftiehem tal-Impriża Konġunta;

(b) attivitajiet ta' industrijalizzazzjoni, inklużi l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-produzzjoni, relatati mas-Soluzzjonijiet tas-SESAR mill-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 jew mill-inizjattiva preċedenti, l-Impriża Konġunta SESAR;

(c) attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni relatati mas-Soluzzjonijiet tas-SESAR mill-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 jew mill-inizjattiva preċedenti, l-Impriża Konġunta SESAR;

(d) attivitajiet li jiżguraw l-armonizzazzjoni globali tal-ATM fuq il-bażi tas-Soluzzjonijiet tas-SESAR Solutions mill-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni

tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 jew mill-inizjattiva preċedenti, l-Impriża Konġunta SESAR;

(e) il-varar jew l-użu ta' riżultati minn proġetti fil-qafas tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 jew mill-inizjattiva preċedenti, l-Impriża Konġunta SESAR, li ma rċevew l-ebda finanzjament mill-Unjoni.

*Artikolu 148*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3*

Il-korpi tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandhom ikunu:

(a) il-Bord ta' Tmexxija;

(b) id-Direttur Eżekuttiv;

(c) il-korp Konsultattiv Xjentifiku;

(d) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati.

*Artikolu 149*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni;

(b) rappreżentant wieħed minn kull wieħed mill-membri għajr l-Unjoni.

*Artikolu 150*

*Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu l-osservaturi permanenti li ġejjin:

   (a) rappreżentant tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;

   (b) rappreżentant tal-utenti ċivili tal-ispazju tal-ajru, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew;

   (c) rappreżentant tal-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew;

   (d) rappreżentant tal-manifatturi tat-tagħmir, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew;

(e) rappreżentant tal-ajruporti, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew;

(f) rappreżentant mill-korpi li jirrappreżentaw il-persunal fis-settur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew;

(g) rappreżentant tal-istituzzjonijiet xjentifiċi rilevanti jew tal-komunità xjentifika rilevanti, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew:

(h) rappreżentant tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea;

(i) rappreżentant tal-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni fl-avjazzjoni;

(j) rappreżentant tal-industrija tal-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew.

3. L-għadd ta' voti tal-membri tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandu jkun proporzjonat mal-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-impriża konġunta. Madankollu, l-Unjoni u l-EUROCONTROL għandu jkollhom tal-anqas 25 % tal-għadd totali ta' voti u r-rappreżentant tal-utenti ċivili tal-ispazju tal-ajru msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għandu jkollhom tal-anqas 10 % tan-numru totali ta' voti.

4. Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa. Meta l-voti jkunu maqsuma ndaqs, l-Unjoni għandu jkollha l-vot deċiżiv.

5. Deċiżjonijiet relatati mar-reviżjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM għandhom jirrikjedu l-voti pożittivi tal-Unjoni u tal-EUROCONTROL. Tali deċiżjonijiet għandhom iqisu l-opinjonijiet espressi mill-osservaturi permanenti kollha msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 151*

*Kompiti addizzjonali tal-Bord ta' Tmexxija*

Minbarra l-kompiti elenkati fl-Artikolu 16, il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandu jissorvelja wkoll it-twettiq tal-komponenti ta' riċerka u ta' żvilupp identifikati fil-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM.

*Artikolu 152*

*Kompiti addizzjonali tad-Direttur Eżekuttiv*

Minbarra l-kompiti elenkati fl-Artikolu 18, id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jidderieġi l-eżekuzzjoni tal-fażijiet ta' definizzjoni u ta' żvilupp tal-proġett SESAR fi ħdan il-linji gwida stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija;

(b) jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija kwalunkwe proposta li tinvolvi tibdiliet fit-tfassil tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR.

*Artikolu 153*

*Kumitat Xjentifiku*

1. Il-korp xjentifiku konsultattiv tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 imsemmi fl-Artikolu 19(1)(a) għandu jkun il-Kumitat Xjentifiku.

2. Il-Kumitat Xjentifiku ma għandux ikollu aktar minn 15-il membru permanenti.

3. Il-President tal-Kumitat Xjentifiku għandu jiġi elett għal perjodu ta' sentejn.

4. Il-Kumitat Xjentifiku jista' jagħti pariri fuq talba tal-Bord ta' Tmexxija u ta' korpi oħrajn tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, b'mod partikolari dwar attivitajiet relatati ma' Livelli baxxi ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL) (0 sa 2).

5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jikkollabora mal-korpi konsultattivi rilevanti stabbiliti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

*Artikolu 154*

*Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati*

1. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jikkonsisti f'massimu ta' żewġ rappreżentanti ta' kull Stat Membru u pajjiż assoċjat, inklużi rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-avjazzjoni u inkarigati mir-riċerka. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri għandhom jippreżentaw pożizzjoni koordinata, filwaqt li jqisu l-fehmiet espressi fi:

   (a) il-Kumitat dwar l-Ajru Uniku, stabbilit bl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68];

   (b) il-Kumitat tal-Programm fil-qafas ta' Orizzont Ewropa[69].

2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jiltaqa' tal-anqas darba fis-sena.

*Artikolu 155*

*Atti ta' implimentazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni li tikkonċerna l-emenda tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM*

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-ħsieb li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emenda tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

[68] Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) - Dikjarazzjoni mill-Istati Membri dwar kwistjonijiet militari relatati mal-ajru uniku Ewropew (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

[69] Daħħal ir-referenza ladarba jiġi adottat ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 549/2004. Il-Kumitat dwar l-Ajru Uniku għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[70].

*Artikolu 156*

*Ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda*

1. L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) tista' tiġi mistiedna mill-applikanti, mill-benefiċjarji, jew mid-Direttur Eżekuttiv sabiex tagħti pariri dwar proġetti individwali u attivitajiet ta' dimostrazzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-istandards dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, l-interoperabbiltà u l-ambjent, sabiex jiġi żgurat li dawn iwasslu għal żvilupp f'waqtu ta' standards rilevanti, kapaċità ta' ttestjar u rekwiżiti regolatorji għall-iżvilupp tal-prodotti u għall-varar ta' teknoloġiji ġodda.

2. L-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u s-servizzi pprovduti għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar it-tariffi u l-imposti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[71].

*Artikolu 157*

*Ftehim mal-EUROCONTROL*

Bħala membru fundatur tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, ir-rwol u l-kontribuzzjoni tal-EUROCONTROL għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim amministrattiv bejn iż-żewġ partijiet (l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 u l-EUROCONTROL). Dak il-ftehim għandu jiddeskrivi l-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-kontribuzzjoni tal-EUROCONTROL għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) l-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp u ta' validazzjoni tal-EUROCONTROL f'konformità mal-programm ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3;

(b) l-għoti ta' appoġġ speċjalizzat u ta' pariri lill-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 fuq talba tagħha;

(c) l-appoġġ u l-għoti ta' pariri dwar l-iżviluppi komuni għas-sistemi tal-ATM futuri Ewropej, b'mod partikolari dawk relatati mal-arkitettura futura tal-ispazju tal-ajru;

---

70 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. ĠU L 55, 28.2.2011, p.13.

71 Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018, dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1)https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32018R1139.

(d) l-appoġġ għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-Soluzzjonijiet tas-SESAR f'konformità mal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM;

(e) il-komunikazzjoni mal-Istati Membri tal-EUROCONTROL sabiex jiġi żgurat appoġġ wiesa' għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni u għar-riżultati tal-attivitajiet ta' riċerka, ta' validazzjoni u ta' dimostrazzjoni fost is-sħab tan-network pan-Ewropew;

(f) l-għoti ta' appoġġ għall-Ġestjoni tal-Programmi;

(g) il-kontribuzzjoni għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 u l-għoti ta' appoġġ fit-teknoloġija tal-informazzjoni, fil-komunikazzjoni u fil-loġistika lill-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3.

*Artikolu 158*

*Funzjonijiet tal-back office komuni*

L-Artikolu 12 ma għandux japplika għall-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3.

# TITOLU IX

# IMPRIŻA KONĠUNTA NETWORKS U SERVIZZI INTELLIĠENTI

*Artikolu 159*

*Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti*

1. Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għandu jkollha wkoll l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) trawwem is-sovranità teknoloġika tal-Ewropa f'networks u f'servizzi intelliġenti futuri billi ssaħħaħ l-aspetti pożittivi attwali tal-industrija u billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni mill-konnettività tal-5G għall-katina tal-valur strateġika usa' inkluż il-forniment ta' servizzi bbażati fuq il-cloud kif ukoll il-komponenti u l-apparati;

(b) tallinja l-pjanijiet direzzjonali strateġiċi ta' firxa usa' ta' atturi industrijali, li jinkludu mhux biss l-industrija tat-telekomunikazzjoni, iżda wkoll atturi mill-Internet tal-Oġġetti, il-cloud, kif ukoll il-komponenti u l-apparati;

(c) tavvanza l-eċċellenza teknoloġika u xjentifika Ewropea sabiex tappoġġa t-tmexxija Ewropea fit-tiswir u fil-ħakma ta' sistemi tas-6G sal-2030;

(d) issaħħaħ il-varar tal-infrastrutturi diġitali u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali fis-swieq Ewropej u b'mod partikolari billi tiżgura mekkaniżmu ta' koordinazzjoni strateġika għall-qasam Diġitali tal-FNE2 kif ukoll sinerġiji fi ħdan il-FNE2, u mad-DEP u ma' InvestEU bħala parti mill-ambitu u mill-governanza tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti;

(e) tħejji l-industrija Ewropea tal-provvista tan-networks u tas-servizzi intelliġenti għall-opportunitajiet fit-tul li jirriżultaw mill-iżvilupp ta' swieq vertikali għall-infrastrutturi u għas-servizzi tal-5G u aktar tard tas-6G fl-Ewropa;

(f) tiffaċilita l-innovazzjoni diġitali, sal-2030, billi tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq u r-rekwiżiti tal-politika pubblika Ewropej, inklużi r-rekwiżiti l-aktar eżiġenti tal-industriji vertikali, kif ukoll ir-rekwiżiti tas-soċjetà f'oqsma li jinkludu s-sigurtà, l-effiċjenza enerġetika u l-kampijiet elettromanjetiċi;

(g) tappoġġa l-allinjament ta' networks u ta' servizzi intelliġenti futuri mal-objettivi ta' politika tal-Unjoni inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, is-Sigurtà tan-Networks u tal-Informazzjoni, l-etika, il-privatezza, kif ukoll Internet iffokat fuq il-bniedem u sostenibbli.

2. L-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għandu jkollha wkoll l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) tiffaċilita l-iżvilupp ta' teknoloġiji li kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' komunikazzjoni avvanzati filwaqt li tappoġġa l-eċċellenza Ewropea f'teknoloġiji u f'arkitetturi tan-networks u tas-servizzi intelliġenti u l-evoluzzjoni tagħhom lejn is-6G, inklużi pożizzjonijiet Ewropej b'saħħithom dwar l-istandards, il-privattivi essenzjali, u l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti ewlenin, bħall-baned ta' spettru meħtieġa għal teknoloġiji avvanzati tan-networks intelliġenti tal-futur;

(b) tħaffef l-iżvilupp ta' teknoloġiji tan-network effiċjenti fl-enerġija bl-għan li tnaqqas b'mod sinifikanti l-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi tal-infrastruttura diġitali kollha sal-2030 u tnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-industriji vertikali ewlenin appoġġati minn teknoloġiji tan-networks u tas-servizzi intelliġenti;

(c) tħaffef l-iżvilupp u l-varar mifrux tal-infrastruttura tal-5G sal-2025 u aktar tard tas-6G fl-Ewropa billi, b'mod partikolari, tiżgura l-koordinazzjoni u l-appoġġ strateġiku tal-varar tal-5G għal Mobilità Konnessa u Awtomatizzata tul il-kurituri transfruntieri, l-użu tal-programm tal-qasam Diġitali tal-FNE2 u ta' programmi oħrajn ta' varar fil-qasam Diġitali tal-FNE2 kif ukoll id-DEP u InvestEU;

(d) trawwem katina tal-provvista u tal-valur sostenibbli u diversa f'konformità mas-sett ta' għodod taċ-Ċibersigurtà tal-5G;

(e) issaħħaħ il-pożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni fil-katina tal-valur globali ta' networks u ta' servizzi intelliġenti billi toħloq massa kritika ta' atturi pubbliċi u privati, b'mod partikolari billi żżid il-kontribuzzjoni mill-atturi tas-software u tal-Internet tal-Oġġetti, tingrana inizjattivi nazzjonali u tappoġġa l-feġġa ta' atturi ġodda;

(f) tappoġġa l-allinjament mar-rekwiżiti etiċi u ta' sigurtà, tinkludihom fl-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni u tipprovdi kontribut għall-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni kif xieraq.

*Artikolu 160*

*Kompiti addizzjonali tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti*

Minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għandha twettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

(a) tikkontribwixxi għall-programmi ta' ħidma ta' programmi oħrajn tal-Unjoni, bħall-qasam Diġitali tal-FNE2, id-DEP u InvestEU li qed jimplimentaw attivitajiet fil-qasam ta' networks u ta' servizzi intelliġenti;

(b) tikkoordina inizjattivi pilota u ta' varar tal-Unjoni fil-qasam tan-networks u tas-servizzi intelliġenti, bħal kurituri pan-Ewropej tal-5G għal mobilità konnessa u awtomatizzata fil-qasam Diġitali tal-FNE2, f'kollegament mal-Kummissjoni u mal-korpi ta' finanzjament rilevanti kompetenti;

(c) tippromwovi sinerġiji fost provi, proġetti pilota u attivitajiet ta' varar rilevanti ffinanzjati mill-Unjoni fil-qasam tan-networks u tas-servizzi intelliġenti, bħal dawk iffinanzjati permezz tal-qasam Diġitali tal-FNE2, id-DEP u InvestEU, u tiżgura disseminazzjoni effettiva u ingranaġġ tal-għarfien u tal-għarfien espert miġbur fil-kuntest ta' dawk l-attivitajiet;

(d) tiżviluppa u tikkoordina l-aġendi ta' varar strateġiku għall-kurituri tal-5G pan-Ewropej għall-mobilità konnessa u awtomatizzata bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati. Dawk l-aġendi għandhom ikunu dokumenti ta' programmazzjoni li jkopru d-durata tal-qasam Diġitali tal-FNE2 billi jiddefinixxu viżjoni komuni għall-iżvilupp ta' ekosistemi attivati mill-5G u r-rekwiżiti sottostanti tan-networks u tas-servizzi, u jidentifikaw l-objettivi u l-pjanijiet direzzjonali tal-varar kif ukoll il-mudelli ta' kooperazzjoni potenzjali.

*Artikolu 161*

*Membri*

Il-membri tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għandhom ikunu:

(a) l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni;

(b) l-Assoċjazzjoni tal-Infrastruttura tal-5G, man-notifika tad-deċiżjoni tagħha li taderixxi mingħajr kundizzjonijiet mal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti permezz ta' ittra ta' impenn.

*Artikolu 162*

*Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-programm Orizzont Ewropa għall-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet operazzjonali, għandha tkun sa EUR 900 000 000, inkluż sa EUR 13 929 000 għall-kostijiet amministrattivi. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jekk dawn tal-aħħar ikunu disponibbli.

*Artikolu 163*

*Kontribuzzjonijiet minn membri għajr l-Unjoni*

1. Il-membri tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni totali ta' mill-inqas EUR 900 000 000 matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3.

2. Il-membri tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu mod jew jistabbilixxu arranġamenti sabiex l-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni finanzjarja annwali għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti ta' mill-inqas 20 % tal-kostijiet amministrattivi totali. Huma għandhom jagħmlu ħilithom sabiex iżidu l-għadd ta' entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom bl-għan li jimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tagħhom għal 50 % tal-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti tul il-ħajja tagħha, filwaqt li jqisu kif xieraq l-entitajiet kostitwenti li huma intrapriżi żgħar jew medji.

3. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet lill-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti msemmija fl-Artikolu 11(1).

*Artikolu 164*

*Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet addizzjonali*

Għall-fini tal-Artikolu 11(1)(b), l-attivitajiet addizzjonali jistgħu jinkludu:

(a) attivitajiet spin-off ta' riċerka u ta' żvilupp;

(b) kontribuzzjonijiet għall-istandardizzazzjoni;

(c) kontribuzzjonijiet għall-proċessi regolatorji;

(d) attivitajiet iffinanzjati minn self tal-Bank Ewropew tal-Investiment u mhux iffinanzjati permezz ta' għotja mill-Unjoni;

(e) kontribuzzjonijiet għall-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni tal-Infrastruttura tal-5G u kwalunkwe grupp jew assoċjazzjoni oħra ta' partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, mhux iffinanzjati minn xi għotja mill-Unjoni;

(f) attivitajiet sabiex tiġi żviluppata l-ekosistema inkluż il-bini ta' kooperazzjoni mal-vertikali;

(g) attivitajiet ta' disseminazzjoni globali ta' riżultati sabiex jinkiseb kunsens dwar teknoloġiji appoġġati bħala tħejjija ta' standards futuri;

(h) provi, wirjiet, proġetti pilota, rikors għas-suq, varar bikri tat-teknoloġiji;

(i) kooperazzjoni internazzjonali mhux iffinanzjata permezz ta' għotja mill-Unjoni;

(j) attivitajiet relatati mat-tħejjija ta' proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni ffinanzjati minn korpi privati jew pubbliċi għajr l-Unjoni, u l-parteċipazzjoni fihom.

*Artikolu 165*

*Korpi tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti*

Il-korpi tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għandhom ikunu:

(a) il-Bord ta' Tmexxija;

(b) id-Direttur Eżekuttiv;

(c) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati;

(d) il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati.

*Artikolu 166*

*Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni;

(b) ħames rappreżentanti tal-Assoċjazzjoni tal-Infrastruttura tal-5G.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40, ir-rappreżentanti tal-membri privati għandhom jiddivulgaw minnufih lill-Bord ta' Tmexxija l-involviment tagħhom f'attivitajiet professjonali ma' entitajiet li ma jkunux stabbiliti fl-Unjoni, jew ma' entitajiet li ma jkunux ikkontrollati minn persuni ġuridiċi jew minn entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni. F'każ bħal dan, ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jiddeċiedu li jitolbu lill-membru kkonċernat jaħtar rappreżentant ieħor.

### *Artikolu 167*

### *Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija*

Il-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Infrastruttura tal-5G għandhom kollettivament iżommu 50 % tad-drittijiet tal-vot.

### *Artikolu 168*

### *Kompiti addizzjonali tal-Bord ta' Tmexxija*

1. Minbarra l-kompiti elenkati fl-Artikolu 16, il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għandu jwettaq ukoll il-kompiti li ġejjin:

   (a) jadotta aġendi strateġiċi ta' varar u, jekk xieraq, jemendahom matul id-durata tal-programm tal-qasam Diġitali tal-FNE2;

   (b) jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà u l-gwida koordinata eżistenti u futura tal-Istati Membri jitqiesu fl-attivitajiet kollha tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti;

   (c) jippromwovi sinerġiji u komplementaritajiet bejn is-setturi diġitali, tat-trasport u tal-enerġija tal-FNE2 permezz tal-identifikazzjoni ta' oqsma ta' intervent u l-kontribut għall-programmi ta' ħidma, kif ukoll sinerġiji u komplementarjetajiet mal-programmi rilevanti l-oħrajn tal-Unjoni.

2. Ir-rappreżentanti tal-membri tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għandhom iqisu l-opinjoni tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, jekk ikun hemm, qabel ma jivvutaw fil-Bord ta' Tmexxija.

### *Artikolu 169*

### *Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati*

Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jkun magħmul minn rappreżentant ewlieni wieħed ta' kull Stat Membru u ta' kull pajjiż assoċjat u, fejn rilevanti, minn rappreżentant alternattiv wieħed għal kull stat sabiex ikopri b'mod konġunt kwistjonijiet strateġiċi ġenerali kif ukoll l-attivitajiet rilevanti kollha tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, b'mod partikolari:

(a) il-kwistjonijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatati ma' Orizzont Ewropa; u

(b) l-attivitajiet ta' varar relatati ma' programmi oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-qasam Diġitali tal-FNE2, iżda wkoll attivitajiet fil-qafas tad-DEP u ta' InvestEU li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti.

### *Artikolu 170*

### *Sigurtà*

1. Meta jitqies rilevanti, il-Bord ta' Tmexxija jista' jordna li azzjoni ffinanzjata mill-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għandha tiżgura li l-elementi tan-network varati għall-esperimentazzjoni fuq skala kbira jew għat-tnedija isegwu

valutazzjonijiet ta' skrutinju tas-sigurtà. Il-valutazzjonijiet għandhom jirriflettu l-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà, kif ukoll il-gwida koordinata eżistenti u futura tal-Istati Membri.

2. Meta l-Kummissjoni titlob li jsir hekk, l-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet speċifiċi għandha tkun ristretta f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa.

3. Fir-rigward tal-kompitu tiegħu msemmi fl-Artikolu 160(a), il-Bord ta' Tmexxija għandu jirrakkomanda li korpi ta' finanzjament oħrajn japplikaw il-paragrafi 1 u 2 għall-azzjonijiet tagħhom *mutatis mutandis,* fejn iqis xieraq.

# IT-TIELET PARTI

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 171*

*Monitoraġġ u evalwazzjoni*

1. L-attivitajiet tal-impriżi konġunti għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ kontinwu u għal rieżamijiet perjodiċi f'konformità mar-regoli finanzjarji tagħhom, sabiex jiġu żgurati l-ogħla impatt, eċċellenza xjentifika u l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. L-eżiti tal-monitoraġġ u tar-rieżamijiet perjodiċi għandhom jikkontribwixxu għall-monitoraġġ tas-sħubijiet Ewropej u tal-evalwazzjonijiet tal-Impriżi Konġunti bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa.

2. Jenħtieġ li l-impriżi konġunti jorganizzaw monitoraġġ kontinwu tal-attivitajiet ta' ġestjoni tagħhom u rieżamijiet perjodiċi tal-eżiti, tar-riżultati u tal-impatti tal-proġetti tagħhom implimentati f'konformità mal-[Artikolu 45] u mal-[Anness III] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Dak il-monitoraġġ għandu jinkludi:

   (a) indikaturi marbutin biż-żmien għall-fini ta' rapportar fuq bażi annwali dwar il-progress tal-attivitajiet tagħhom fil-kisba tal-objettivi, kif ukoll tul il-perkorsi tal-impatt stabbiliti fl-[Anness V] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa;

   (b) informazzjoni dwar il-livell ta' integrazzjoni tax-xjenzi soċjali u tal-istudji umanistiċi, il-proporzjon bejn il-livelli aktar baxxi u ogħla ta' Tħejjija Teknoloġika fir-riċerka kollaborattiva, il-progress fit-twessigħ tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi, il-kompożizzjoni ġeografika tal-konsorzji fi proġetti kollaborattivi, l-użu ta' proċedura ta' sottomissjoni u ta' evalwazzjoni f'żewġ stadji, il-miżuri mmirati sabiex jiffaċilitaw ir-rabtiet kollaborattivi fir-riċerka u fl-innovazzjoni Ewropej, l-użu tar-rieżami tal-evalwazzjoni u l-għadd u t-tipi ta' lmenti, il-livell tal-integrazzjoni tal-klima u n-nefqiet relatati, il-parteċipazzjoni tal-SMEs, il-parteċipazzjoni tas-settur privat, il-parteċipazzjoni tal-ġeneri f'azzjonijiet iffinanzjati, il-gruppi ta' evalwazzjoni, il-bordijiet u l-gruppi konsultattivi, ir-rata ta' kofinanzjament, il-finanzjament komplementari u kumulattiv minn fondi oħrajn tal-Unjoni, iż-żmien għall-għotja, il-livell ta' kooperazzjoni internazzjonali, l-involviment taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili;

   (c) il-livelli ta' nefqa diżaggregati fil-livell tal-proġett sabiex tkun tista' ssir analiżi speċifika, inkluż għal kull qasam ta' intervent;

   (d) il-livell ta' sottoskrizzjoni żejda, b'mod partikolari n-numru ta' proposti u għal kull sejħa għal proposti, il-punteġġ medju, is-sehem ta' proposti 'l fuq u 'l isfel mil-limiti tal-kwalità.

3. L-evalwazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-impriżi konġunti għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet interim u finali ġenerali ta' Orizzont Ewropa u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet relatat dwar Orizzont Ewropa, is-suċċessur tiegħu u inizjattivi oħrajn rilevanti għar-riċerka u għall-innovazzjoni, imsemmija fl-[Artikolu 47] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa.

4. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim u finali ta' kull Impriża Konġunta li tikkontribwixxi għall-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, kif speċifikat fl-[Artikolu 47] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. L-evalwazzjonijiet għandhom jeżaminaw kif kull impriża konġunta tissodisfa l-missjoni u l-objettivi

tagħha, tkopri l-attivitajiet kollha tal-impriża konġunta u tevalwa l-valur miżjud Ewropew, l-effettività, l-effiċjenza tal-impriża konġunta kkonċernata, inklużi l-aċċess miftuħ u t-trasparenza tagħha, ir-rilevanza tal-attivitajiet segwiti u l-koerenza u l-komplementarjetà tagħhom mal-politiki reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, inklużi sinerġiji ma' partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, bħal missjonijiet, raggruppamenti jew programmi tematiċi jew speċifiċi. L-evalwazzjonijiet għandhom iqisu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali u għandhom jinkludu wkoll, fejn rilevanti, valutazzjoni tal-impatti xjentifiċi, soċjetali, ekonomiċi u teknoloġiċi fit-tul tal-inizjattivi msemmija fil-paragrafi (3) sa (9) tal-Artikolu 174. L-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll, fejn rilevanti, valutazzjoni tal-aktar mod effettiv ta' intervent permezz ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura, kif ukoll ir-rilevanza u l-koerenza ta' kwalunkwe tiġdid possibbli ta' kull impriża konġunta minħabba l-prijoritajiet tal-politika ġenerali u l-kuntest ta' appoġġ għar-riċerka u għall-innovazzjoni, inkluża l-pożizzjoni tagħha kontra inizjattivi oħra appoġġati permezz tal-Programm Qafas, b'mod partikolari sħubijiet jew missjonijiet Ewropej. L-evalwazzjonijiet għandhom iqisu wkoll il-pjan ta' eliminazzjoni gradwali adottat mill-Bord ta' Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 16(2)(y).

5. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni interim imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' taġixxi f'konformità mal-Artikolu 11(7) jew tieħu kwalunkwe azzjoni xierqa oħra.

6. Il-Kummissjoni tista' twettaq aktar evalwazzjonijiet ta' temi jew ta' suġġetti ta' rilevanza strateġika, bl-assistenza ta' esperti indipendenti esterni magħżula fuq il-bażi ta' proċess trasparenti, sabiex teżamina l-progress li jkun sar minn impriża konġunta fl-objettivi stabbiliti, tidentifika l-fatturi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tidentifika l-aħjar prattiki. Billi twettaq dawk l-evalwazzjonijiet ulterjuri, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra bis-sħiħ l-impatt amministrattiv fuq l-impriża konġunta kkonċernata.

7. L-impriżi konġunti għandhom iwettqu rieżamijiet perjodiċi tal-attivitajiet tagħhom sabiex iservu bħala bażi għall-evalwazzjonijiet interim u finali tagħhom bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa msemmija fl-[Artikolu 47] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa.

8. Ir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet perjodiċi għandhom jitqiesu matul l-istralċ, l-eliminazzjoni gradwali jew it-tiġdid possibbli tal-impriża konġunta msemmija fl-Artikolu 43, f'konformità mal-[Anness III] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Fi żmien sitt xhur wara l-istralċ ta' impriża konġunta, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-proċedura ta' stralċ imsemmija fl-Artikolu 43, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali ta' dik l-impriża konġunta f'konformità mal-evalwazzjoni finali ta' Orizzont Ewropa.

9. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultati tal-evalwazzjonijiet tal-impriżi konġunti, li għandhom jinkludu konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u l-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa msemmija fl-[Artikolu 47] tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa.

*Artikolu 172*

*Appoġġ mill-istat ospitanti*

Jista' jiġi konkluż ftehim amministrattiv bejn impriża konġunta u l-istat fejn tinsab is-sede tagħha dwar privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata minn dak l-Istat Membru lill-impriża konġunta kkonċernata.

*Artikolu 173*

*Azzjonijiet inizjali*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-istabbiliment u għall-operat inizjali tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 u tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti sakemm ikollhom il-kapaċità operazzjonali sabiex jimplimentaw il-baġit tagħhom stess. Il-Kummissjoni għandha twettaq l-azzjonijiet meħtieġa kollha f'kollaborazzjoni mal-membri l-oħrajn u bl-involviment tal-korpi kompetenti ta' dawk l-impriżi konġunti.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1:

   (a) sakemm id-Direttur Eżekuttiv jassumi l-kariga tiegħu wara l-ħatra tiegħu mill-Bord ta' Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 17(1), il-Kummissjoni tista' taħtar uffiċjal tal-Kummissjoni sabiex jaġixxi bħala Direttur Eżekuttiv interim u jeżerċita d-dmirijiet assenjati lid-Direttur Eżekuttiv;

   (b) b'deroga mill-Artikolu 16(2)(h), id-Direttur Eżekuttiv interim għandu jeżerċita s-setgħat rilevanti tal-awtorità tal-ħatra fir-rigward ta' kwalunkwe pożizzjoni tal-persunal li jeħtieġ li timtela qabel ma d-Direttur Eżekuttiv jassumi l-kariga tiegħu f'konformità mal-Artikolu 17(1);

   (c) il-Kummissjoni tista' tassenja għadd limitat ta' uffiċjali tagħha fuq bażi interim.

3. Id-Direttur(i) Eżekuttiv(i) interim jista'/jistgħu jawtorizza(w) il-pagamenti kollha koperti mill-approprjazzjonijiet ipprovduti fil-baġit annwali tal-Impriżi Konġunti msemmija fil-paragrafu 1 wara li jiġu approvati mill-Bord ta' Tmexxija u jista'/jistgħu jikkonkludi/u ftehimiet, deċiżjonijiet u kuntratti, inklużi kuntratti ta' impjieg tal-persunal, wara l-adozzjoni tal-pjan ta' stabbiliment tal-persunal ta' dawk l-impriżi konġunti.

4. Id-Direttur Eżekuttiv interim għandu, bil-qbil tad-Direttur Eżekuttiv li jkun se jibda u soġġett għall-approvazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija, jiddetermina d-data li fiha l-impriża konġunta kkonċernata titqies li jkollha l-kapaċità li timplimenta l-baġit tagħha stess. Minn dik id-data, il-Kummissjoni għandha tastjeni milli tagħmel impenji u teżegwixxi pagamenti għall-attivitajiet ta' dik l-impriża konġunta.

*Artikolu 174*

*Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali*

1. Jitħassru r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014[72], ir-Regolament (UE) Nru 558/2014[73], ir-Regolament (UE) Nru 559/2014[74], ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014[75], ir-Regolament (KE) Nru 219/2007[76], ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014[77] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014[78].

2. L-azzjonijiet mibdija jew li jitkomplew skont ir-Regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 u l-obbligi finanzjarji relatati ma' tali azzjonijiet għandhom ikomplu jiġu rregolati b'dawk ir-Regolamenti sakemm jitlestew.

3. L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika għandha tkun is-suċċessur legali u universali fir-rigward tal-kuntratti kollha, inklużi l-kuntratti ta' impjieg u l-ftehimiet ta' għotja, l-obbligazzjonijiet u l-proprjetà akkwistata tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'Bażi Bijoloġika stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014, li tagħha għandha tkun is-sostitut u s-suċċessur.

4. L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandha tkun is-suċċessur legali u universali fir-rigward tal-kuntratti kollha, inklużi l-kuntratti ta' impjieg u l-ftehimiet ta' għotja, l-obbligazzjonijiet u l-proprjetà akkwistata tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014, li tagħha għandha tkun is-sostitut u s-suċċessur.

5. L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandha tkun is-suċċessur legali u universali fir-rigward tal-kuntratti kollha, inklużi l-kuntratti ta' impjieg u l-ftehimiet ta' għotja, l-obbligazzjonijiet u l-proprjetà akkwistata tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014, li tagħha għandha tkun is-sostitut u s-suċċessur.

6. L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandha tkun is-suċċessur legali u universali fir-rigward tal-kuntratti kollha, inklużi l-kuntratti ta' impjieg u l-ftehimiet ta' għotja, l-obbligazzjonijiet u l-proprjetà akkwistata tal-impriża konġunta Shift2Rail stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014, li tagħha għandha tkun is-sostitut u s-suċċessur.

7. L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għandha tkun is-suċċessur legali u universali fir-rigward tal-kuntratti kollha, inklużi l-kuntratti ta' impjieg u l-ftehimiet ta' għotja, l-obbligazzjonijiet u l-proprjetà akkwistata tal-Impriża Konġunta

---

72 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

73 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77).

74 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

75 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 5.6.2014, p.54).

76 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

77 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

78 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014, li tagħha għandha tkun is-sostitut u s-suċċessur.

8. L-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għandha tkun is-suċċessur legali u universali fir-rigward tal-kuntratti kollha, inklużi l-kuntratti ta' impjieg u l-ftehimiet ta' għotja, l-obbligazzjonijiet u l-proprjetà akkwistata tal-impriża konġunta ECSEL stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014, li tagħha għandha tkun is-sostitut u s-suċċessur.

9. L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandha tkun is-suċċessur legali u universali fir-rigward tal-kuntratti kollha, inklużi l-kuntratti ta' impjieg u l-ftehimiet ta' għotja, l-obbligazzjonijiet u l-proprjetà akkwistata tal-Impriża Konġunta SESAR stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007, li tagħha għandha tkun is-sostitut u s-suċċessur.

10. Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-persunal impjegat skont ir-Regolamenti msemmija fil-paragrafu 1.

11. Id-Diretturi Eżekuttivi maħtura skont ir-Regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom, għall-bqija tal-mandat tagħhom, jiġu assenjati għall-funzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv kif previst f'dan ir-Regolament b'effett minn [data tal-Artikolu 175]. Il-kundizzjonijiet l-oħrajn tal-kuntratt ma għandhomx jinbidlu.

12. Fl-ewwel laqgħa tiegħu, il-Bord ta' Tmexxija ta' kull impriża konġunta għandu jadotta lista ta' deċiżjonijiet adottati mill-Bord ta' Tmexxija tal-impriżi konġunti preċedenti msemmija fil-paragrafi 3 sa 9 li għandhom ikomplu japplikaw għall-impriża konġunta kkonċernata stabbilita b'dan ir-Regolament.

13. L-evalwazzjonijiet interim imsemmija fl-Artikolu 171(2) għandhom jinkludu evalwazzjoni finali tal-impriżi konġunti preċedenti msemmija fil-paragrafi 3 sa 9 ta' dan l-Artikolu.

14. Kwalunkwe approprjazzjoni mhux użata skont ir-regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ttrasferita lill-impriża konġunta korrispondenti stabbilita b'dan ir-regolament. Kwalunkwe approprjazzjoni operazzjonali mhux użata ttrasferita b'dan il-mod, għandha l-ewwel tintuża sabiex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti mibdija fil-qafas ta' Orizzont 2020. L-approprjazzjonijiet operazzjonali li jifdal jistgħu jintużaw għal azzjonijiet indiretti mibdija skont dan ir-regolament. Meta tali approprjazzjonijiet operazzjonali jintużaw għal azzjonijiet indiretti mibdija skont dan ir-regolament, dawn għandhom jgħoddu mal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha tiġi pprovduta mill-Unjoni lill-impriża konġunta rispettiva skont dan ir-regolament.

*Artikolu 175*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA


**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA - EWROPA ĊIRKOLARI B'BAŻI BIJOLOĠIKA

## 6. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 6.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika |

### 6.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

| |
|---|
| Orizzont Ewropa, sistemi Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, Raggruppament 6 |

### 6.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[79]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 6.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

#### *6.4.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-objettiv ta' din l-inizjattiva huwa li tipproduċi kontribuzzjonijiet kbar għall-miri klimatiċi tal-UE għall-2030 u li twitti t-triq għan-newtralità klimatika sal-2050, u żżid is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tas-sistemi ta' produzzjoni u ta' konsum, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Dan se jinkiseb billi:

a) Jissaħħu l-kapaċitajiet xjentifiċi tal-UE sabiex jiġu indirizzati theddidiet emerġenti u sfidi futuri f'Żona Ewropea tar-Riċerka msaħħa;

b) Jiġu żgurati tmexxija xprunata mis-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-valur tal-UE u l-awtonomija strateġika tal-UE fit-teknoloġiji u fl-industriji ewlenin; u

c) It-tisħiħ tal-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw l-isfidi klimatiċi, ambjentali, tas-saħħa u sfidi soċjetali globali oħrajn f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, inkluż l-ilħuq tan-newtralità klimatika fl-Unjoni fl-2050.

L-inizjattiva hija mistennija tibda topera fit-tieni jew fit-tielet trimestru tal-2021 (skont id-data tal-adozzjoni tal-att bażiku uniku mill-Kunsill). L-Impriżi Konġunti huma stabbiliti sabiex joperaw sal-31 ta' Diċembru 2027, bl-aħħar sejħiet tagħhom imnedija sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. F'konformità mal-kriterji għas-Sħubijiet Ewropej fl-Anness III tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, l-Att Bażiku Uniku jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni, għat-tneħħija gradwali u għat-tiġdid tagħhom. Dan jinkludi obbligu għall-Bord ta' Tmexxija sabiex jissottometti pjan għat-tneħħija gradwali tal-Impriża Konġunta mill-finanzjament ta' Orizzont Ewropa u valutazzjoni tal-aktar modalità ta' intervent effettiva permezz ta'

[79] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

politika għal kwalunkwe azzjoni futura bħala parti minn rieżamijiet u minn evalwazzjonijiet perjodiċi.

### 6.4.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*):

Il-problemi indirizzati mill-inizjattiva huma ta' natura u ta' firxa li azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE tkun aktar xierqa mill-iżvilupp ta' inizjattivi waħedhom minn Stati Membri individwali. Dan jippermetti sforzi aktar koerenti u koordinati, u jevita duplikazzjoni.

L-intervent fil-livell tal-UE f'dan il-qasam kien appoġġat minn maġġoranza kbira ta' rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika online dwar l-inizjattiva proposta tas-CBE.

Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-ostakli u tal-isfidi fit-tul sabiex jiġi żviluppat aktar is-settur b'bażi bijoloġika mhumiex indirizzati b'mod adegwat fil-livell nazzjonali iżda huma msejsa b'mod sod fuq ir-regolamentazzjoni fil-livell tal-UE. L-eżempji jvarjaw minn provvista sostenibbli tal-bijomassa għal domanda tas-suq permezz ta' miri, standardizzazzjoni tal-prodotti u skemi ta' akkwist pubbliku ekoloġiku

Valur miżjud ġġenerat mistenni tal-Unjoni (*ex post*):

Valur miżjud ċar tal-UE tal-inizjattiva tas-CBE proposta jinsab fir-rwol abilitanti ewlieni tagħha għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni aġġornati tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Bijoekonomija. Huwa meħtieġ ukoll approċċ koerenti madwar l-UE kollha sabiex jiġi żgurat li jinstab bilanċ tajjeb bejn l-objettivi tat-tkabbir (kompetittività industrijali Ewropea) u tas-sostenibbiltà (soċjali u ambjentali).

Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati b'mod ulterjuri fid-dokument ta' Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta.

### 6.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Waħda mill-karatteristiċi uniċi tal-inizjattiva tal-Impriża Konġunta BBI kienet li trawwem kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-komunità xjentifika u l-industrija, iżżid l-iskala tal-Livell ta' Tħejjija għat-Teknoloġija (TRL) u b'hekk tippermetti bidla aktar rapida lejn l-innovazzjoni msemmija fl-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni 2017. Il-mobilizzazzjoni tal-komunità xjentifika tidher mil-livell ta' parteċipazzjoni ta' 28,4 % tal-universitajiet u taċ-ċentri ta' riċerka fil-proġetti tal-Impriża Konġunta BBI. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-istħarriġ annwali dirett lejn il-koordinaturi tal-proġetti tal-Impriża Konġunta BBI: skont ir-rapporti tal-proġetti, 80 % minnhom jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-għarfien, 79 % jikkontribwixxu sabiex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-akkademja u l-industrija, u aktar minn nofs jikkontribwixxu għall-bini ta' networks tal-komunità xjentifika u għat-trasferiment tat-teknoloġija. Fir-rigward tal-mobilizzazzjoni tal-komunità tal-SMEs, l-Impriża Konġunta BBI kellha suċċess kbir, b'41 % tal-benefiċjarji tal-proġetti tal-Impriża Konġunta BBI li kienu SMEs, u 35 % tal-finanzjament iddedikat għall-SMEs. Dan jirrappreżenta livell ferm ogħla meta mqabbel mal-mira ta' 20 % għal Orizzont 2020.

L-impatt ambjentali mistenni mill-proġetti minbarra l-inizjattivi ewlenin huwa kbir hekk kif żewġ terzi minnhom jirrapportaw li jipproduċu prodotti b'bażi bijoloġika b'emissjonijiet ta' gassijiet serra aktar baxxi. Aktar minn nofshom jistennew li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-iskart, għall-użu mill-ġdid, għall-valorizzazzjoni jew għar-riċiklaġġ u għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija tagħhom. Fl-aħħar nett, 40 % tal-proġetti jirrapportaw li jistennew li jtejbu l-użu tal-art u seba' proġetti jirrapportaw impatt pożittiv fuq il-bijodiversità, eż. billi jiżviluppaw prattika sostenibbli ta' kultivazzjoni tal-bijomassa tal-agroforestrija.

X'inhuma l-oqsma ewlenin għat-titjib u l-isfidi mhux milqugħin?

Madankollu, tqajmu diversi kwistjonijiet u ttieħdu ħafna tagħlimiet matul l-implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta BBI, li jridu jitqiesu meta tiġi stabbilita inizjattiva ġdida fil-qasam.

Oqsma għal titjib / sfidi li għandhom jingħelbu:

- Huma meħtieġa sinerġiji aħjar mal-iżviluppi nazzjonali u reġjonali sabiex jiġu żviluppati interkonnessjonijiet bejn il-produtturi primarji, l-awtoritajiet reġjonali u l-impjanti tal-bijoraffinerija, kif ukoll operaturi privati bħas-sidien tal-marki, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal ċirkolarità u għal diġitalizzazzjoni ogħla, għal kooperazzjoni transsettorjali, kif ukoll għal parteċipazzjoni mtejba fost l-atturi tal-UE-13, u għal integrazzjoni tat-territorji li jeħtieġ li jiġu rrivitalizzati.

- Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jkunu konxji tal-potenzjal ekonomiku u ambjentali ta' soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika u appoġġati fl-użu ta' soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika, u jenħtieġ li jiġi stabbilit skambju mtejjeb tal-aħjar prattiki.

- Jenħtieġ li l-programmazzjoni tal-inizjattiva tqis l-interess pubbliku, speċjalment kritiku għall-impatt fit-tul, u tevita r-riskju ta' kkapparrar min-naħa tal-industrija, filwaqt li tikkunsidra xenarji ta' benefiċċju għal kulħadd għall-kooperazzjoni internazzjonali.

- F'dan l-istadju tal-inizjattiva attwali tal-Impriża Konġunta BBI, għall-biċċa l-kbira tal-KPIs speċifiċi għall-BBI, il-proġetti tal-Impriża Konġunta BBI huma mistennija li fil-biċċa l-kbira jaqbżu l-miri ewlenin tal-prestazzjoni (KPI) stabbiliti għall-2020. Minn naħa waħda, dan juri li l-Impriża Konġunta BBI kkontribwiet għall-evoluzzjoni sistemika tas-settur sabiex tnaqqas id-distakk bejn l-innovazzjoni u s-suq. Min-naħa l-oħra, dan jagħti x'jifhem ukoll li hemm possibbiltà li l-KPIs ma ġewx ivvalutati b'mod akkurat minn qabel, jew ma kellhomx biżżejjed ambizzjoni.

- Il-fokus baxx fuq il-preservazzjoni u fuq it-titjib tal-bijodiversità bħala parti mill-ktajjen tal-valur tal-bijomassa segwiti jrid jitjieb.

- Is-sieħeb privat tal-Impriża Konġunta BBI, BIC, ma tax segwitu għall-impenn tiegħu dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet operazzjonali; dan wassal għall-ħtieġa li jiġi emendat ir-Regolament ta' stabbiliment (u b'hekk ġie ġġenerat ukoll piż amministrattiv addizzjonali). Il-Mudell emendat tar-Regolament Finanzjarju jiżgura li s-sieħeb privat ikollu jagħti segwitu għall-impenn finanzjarju uffiċjali tiegħu.

- Il-mod kif jiġu rrapportati l-kontribuzzjonijiet *in natura* tas-sieħeb privat għall-kostijiet operazzjonali u addizzjonali wera li huwa kkumplikat u għali. Fuq il-bażi tat-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza attwali, huwa possibbli li dan ir-riskju jittaffa

billi jiġi segwit l-abbozz tal-linji gwida legali dwar l-impenji finanzjarji, u billi jittejjeb il-kejl tal-impatt.

• Ir-Regolament dwar l-Impriża Konġunta BBI fil-qafas ta' Orizzont 2020 speċifika li l-Unjoni u l-BIC kellhom jaqsmu l-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta b'mod ugwali. Madankollu, benefiċjarji li ma kinux membri tal-Impriża Konġunta ntalbu kontribuzzjoni tal-ammont tal-għotja (4 %) sabiex ikopru s-sehem privat ta' dawn il-kostijiet. Bl-adozzjoni tal-mudell rivedut tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regoli Finanzjarji rilevanti tal-Impriża Konġunta BBI, din il-prattika ġiet fi tmiemha.

Dan l-aħħar, Corporate Europe Observatory (CEO), NGO korporattiva, ikkritikat l-inizjattiva eżistenti tal-Impriża Konġunta BBI talli ġiet ikkapparrata minn interessi privati. Huwa leġittimu għall-pubbliku li jitlob li l-investiment pubbliku fi sħubija mal-industrija privata jġib benefiċċji għas-soċjetà inġenerali. Ir-rapport ta' CEO tenna wkoll uħud mit-tagħlimiet meħuda matul l-implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta BBI. Din hija r-raġuni għaliex kwalunkwe inizjattiva futura fil-qasam jeħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni soda tal-għażliet ta' politika mill-perspettiva tal-governanza, inkluża b'mod partikolari l-possibbiltà li jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati sabiex jiġi żgurat li l-interessi pubbliċi jiġu rrispettati kif xieraq fl-operazzjonijiet kollha. Dan huwa kompletament konformi mar-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta BBI msemmija aktar 'il fuq

*6.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-Sħubijiet Ewropej kollha jeħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni u/jew attivitajiet konġunti ma' inizjattivi rilevanti oħrajn ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex jiġi żgurat livell ottimali ta' interkonnessjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji effettivi. F'konformità ma' dan, l-Att Bażiku Uniku huwa żviluppat fuq il-bażi tal-prinċipju ewlieni li l-kollaborazzjoni mill-qrib u s-sinerġiji bejn l-Impriżi Konġunti u l-inizjattivi rilevanti fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari sħubijiet Ewropej oħrajn, se jkunu kruċjali sabiex jinkiseb impatt akbar u jiġi żgurat l-użu tar-riżultati. F'dan ir-rigward, l-Att Bażiku Uniku (L-Ewwel Parti, dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Impriża Konġunti kollha) jiffaċilita sinerġiji permezz ta' għadd kbir ta' dispożizzjonijiet operattivi.

Is-CBE torganizza dan kif ġej:

• Fil-livell tal-UE: Orizzont Ewropa (prinċipalment il-Pilastru II, Raggruppament 6), l-istrument InvestEU, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-programm LIFE, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni Agrikola (SEI-AGRI), il-Fond Ewropew għall-Bijoekonomija Ċirkolari (ECBF), l-inizjattiva BIOEAST, u l-Istrateġija tal-UE dwar il-Proteini. Approċċi ta' taħlit promossi minn InvestEU jistgħu jikkombinaw eż. self għall-infrastruttura ma' għotjiet ta' riċerka tas-CBE sabiex jiġu żviluppati bijoraffineriji fuq skala kbira, fejn il-ħtiġijiet tal-infrastruttura jistgħu jiġu ffinanzjati b'sorsi oħra minbarra programmi ta' appoġġ bħas-CBE. Proġetti transdixxiplinari konġunti ( ) ma' sħubijiet oħra, eż. CCNI (Industriji Ċirkolari u Newtrali għall-Klima; is-suċċessur potenzjali ta' SPIRE), jistgħu jibnu fuq il-kooperazzjoni ta' suċċess preċedenti bejn l-Impriża Konġunta BBI u SPIRE, li rnexxielha tbiddel is-sensji f'sinerġiji.

• Fil-livelli nazzjonali u reġjonali, is-CBE għandha tinteraġixxi mal-Istati Membri u mar-reġjuni li jqisu l-istrateġiji u l-pjanijiet bħall-istrateġiji u l-programmi tal-bijoekonomija sabiex javvanzaw fuq is-sinerġiji u s-sħubija għall-iżviluppi reġjonali, pereżempju dwar is-sinerġiji ma' strumenti u ma' programmi ta' finanzjament għall-varar tal-infrastruttura u tal-bijoraffineriji. Dan se jinkludi segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta BBI sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE-13, li hija parzjalment mistennija permezz tas-sinerġiji msemmija hawn fuq mal-inizjattiva BIOEAST.

•Fil-livell internazzjonali, ħafna partijiet ikkonċernati ssuġġerew li s-CBE tista' tinżamm miftuħa għall-atturi internazzjonali, speċjalment għall-mexxejja u għall-fornituri tat-teknoloġija u tar-riċerka, sabiex jinkiseb benefiċċju minn kollaborazzjonijiet magħhom, u jiġi żgurat rwol ewlieni Ewropew fl-iżvilupp internazzjonali tal-ekonomija b'bażi bijoloġika. Is-CBE tista' ssegwi r-rakkomandazzjonijiet eżistenti mill-evalwazzjoni interim tal-inizjattiva tal-Impriża Konġunta BBI, sabiex tidentifika strateġiji ta' benefiċċju għal kulħadd għal involviment akbar ta' Pajjiżi Terzi filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tal-industrija tal-UE.

Fl-aħħar nett, ta' min iżid li qafas ta' politika favorevoli huwa fattur importanti għall-vijabbiltà ta' ktajjen tal-valur u ta' innovazzjonijiet ġodda b'bażi bijoloġika, speċjalment jekk is-swieq jonqsu milli jipprovdu biżżejjed inċentivi sabiex dawn jiġu adottati. Is-CBE tista' tikkontribwixxi għall-aspetti regolatorji u tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-istandards, għall-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja li jistgħu jappoġġaw dawn l-istandards jew il-prodotti, u għall-iżvilupp ta' proċessi ta' valutazzjoni tal-proġetti. Tista' tappoġġa wkoll l-espansjoni tas-suq għal prodotti u għal soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika billi jippromwovi l-akkwist pubbliku ekoloġiku. Dan jista' jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni, jidentifika ostakli regolatorji u jipprovdi stejjer ta' suċċess sabiex jiġu indirizzati aspetti regolatorji.

Il-monitoraġġ tas-sinerġiji u tal-kollaborazzjoni se jsir permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività.

**6.5. Durata u impatt finanzjarju**

☒ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ mill-01 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2031

– ☐ Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u mill-2021 sal-2031 għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b’perjodu ta’ tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b’operazzjoni fuq skala sħiħa.

**6.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)**[80]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta’ implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b’missjoni ta’ servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta’ Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta’ sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta’ ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

80 Id-dettalji tal-modi ta’ ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 7. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 7.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

F'konformità mar-regolament dwar Orizzont Ewropa, is-sħubija għandha tadotta sistema ta' monitoraġġ li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45, fl-Anness III u fl-Anness V tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u tikkontribwixxi għall-istess bażi tad-*data* unika bħall-komponenti l-oħrajn ta' Orizzont Ewropa. Is-sistema ta' rapportar u ta' monitoraġġ għandha tipprovdi *data* importanti dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni (inkluża mikrodata fil-livell ta' entitajiet individwali), tippermetti li jiġi traċċat il-progress skont il-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt (inkluż il-progress sabiex jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE), u l-kriterji ta' sħubija. Barra minn hekk, is-sħubija għandha tirrapporta dwar indikaturi speċifiċi (li mhumiex koperti mill-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt) li jippermettu li jiġi traċċat il-progress li sar fit-terminu qasir, medju u twil fl-ilħuq tal-viżjoni u tal-objettivi speċifiċi u operazzjonali tas-sħubija kif stabbilit fir-Regolament li jistabbilixxi s-Sħubija, inkluż dwar il-miri stabbiliti sal-2030. L-indikaturi, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġiji għandhom jippermettu valutazzjoni matul iż-żmien tal-kisbiet, il-progress fl-impatti, inkluż it-twettiq ta' objettivi tal-politika tal-UE, u l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet potenzjali għal miżuri korrettivi. Jenħtieġ li tikkunsidra kemm *data* kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, tidentifika r-responsabbiltajiet għall-ġbir tad-*data*, u tistabbilixxi approċċi konkreti għall-iżvilupp ta' linja bażi, ta' miri u/jew ta' parametri referenzjarji realistiċi sabiex jiġi identifikat il-progress, fejn rilevanti, u f'konformità mal-approċċ tal-impatt ta' Orizzont Ewropa. L-informazzjoni kollha miġbura għandha tiġi pprovduta fi kważi ħin reali lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' mudelli komuni tad-*data* u tiddaħħal f'bażi tad-*data* unika kif speċifikat fl-Artikolu 45 ta' Orizzont Ewropa.

Għal dik il-fini, għandhom jiġu stabbiliti sistemi ta' rapportar xierqa sabiex jappoġġaw rapportar kontinwu u trasparenti, inkluż dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* impenjati u fil-fatt ipprovduti, dwar viżibbiltà u pożizzjonament fil-kuntest internazzjonali, dwar impatt fuq ir-riskji relatati mar-riċerka u mal-innovazzjoni tal-investimenti tas-settur privat. Jenħtieġ li r-rapportar ikun konformi mal-obbligi standard ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa. L-iżvilupp tas-sistemi ta' rapportar fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinvolvi wkoll lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-sħubija sabiex jiġu żgurati s-sinkronizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' rapportar u ta' monitoraġġ, inkluż dwar id-diviżjoni tal-kompiti ta' ġbir u rapportar tad-*data*. Is-sistema ta' rapportar fil-livell tal-proġetti għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti ffinanzjati, ir-riżultati tagħhom, id-diffużjoni u l-użu tagħhom minn gruppi fil-mira ewlenin, u d-differenza ġenerali li qed jagħmlu għax-xjenza, għall-ekonomija, għas-soċjetà u/jew għall-ambjent, f'konformità mal-objettivi tal-proġetti u mal-impatti mmirati. Jenħtieġ li dan jiġi kkomplementat minn *data* rilevanti dwar il-valur miżjud u l-impatt tas-sħubija fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Jeħtieġ li jiġi żgurat mekkaniżmu xieraq ta' kondiviżjoni tad-*data* b'bażijiet tad-*data* komuni ta' monitoraġġ u ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa.

Is-Sħubijiet Ewropej għandhom jiġu evalwati skont il-qafas ta' evalwazzjoni ta' Orizzont Ewropa, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tiegħu.

### 7.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*7.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika hija sħubija pubblika-privata b'parti mill-finanzjament miġjub fil-forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri oħra għajr l-Unjoni.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika se tittieħed permezz tal-Baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim ta' Trasferiment ta' Fondi mal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, u mal-ħruġ, mill-Impriża Konġunta, ta' talbiet għal pagamenti korrispondenti lill-membri għajr l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. F'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika għandha tikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Mudell tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Impriża Konġunta. Kwalunkwe deroga minn dan il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju, meħtieġa għall-fini tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Impriża Konġunta, għandha tkun soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż permezz tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, kif ukoll l-arranġamenti ta' rapportar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità Baġitarja.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li tal-anqas joffru garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;
- proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u għat-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti matul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq 100 % tal-pretensjonijiet, inklużi r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditjar u ta' ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- awditi *ex post* fuq kampjun ta' pretensjonijiet bħala parti mill-awditi *ex post* ta' Orizzont Ewropa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett

*7.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew stabbiliti diversi miżuri sabiex itaffu r-riskju inerenti ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, speċjalment:

- voti ugwali għall-Kummissjoni u għall-membri għajr l-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija,

- l-għażla tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni,
- indipendenza tal-persunal,
- evalwazzjonijiet minn esperti indipendenti bbażati fuq kriterji tal-għażla ppubblikati flimkien ma' mekkaniżmi ta' appell u ma' dikjarazzjonijiet sħaħ ta' kwalunkwe interess,
- rekwiżit biex il-Bord ta' Tmexxija jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fl-Impriża Konġunta f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

L-istabbiliment ta' valuri etiċi u organizzattivi se jkun wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Impriża Konġunta, u se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, se jkun meħtieġ jintroduċi sistema kosteffettiva ta' kontroll intern u ta' ġestjoni. Huwa se jkun meħtieġ jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern adottat.

Il-Kummissjoni se timmonitorja r-riskju ta' nuqqas ta' konformità permezz tas-sistema ta' rapportar li se tiżviluppa, kif ukoll billi ssegwi r-riżultati tal-awditi *ex post* fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE mill-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, bħala parti mill-awditi *ex post* li jkopru l-Orizzont Ewropa kollu.

Hemm bżonn ċar li l-baġit jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effettiv, u li jiġu evitati l-frodi u l-ħela. Madankollu, is-sistema ta' kontroll jeħtieġ li ssib bilanċ ġust bejn il-kisba ta' rata ta' errur aċċettabbli u l-piż ta' kontroll meħtieġ u l-evitar tat-tnaqqis tal-attraenza tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni.

*7.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' errur (mal-pagament u mal-għeluq)*

Peress li r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' Orizzont Ewropa applikabbli għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika huma simili għal dawk li l-Kummissjoni se tuża fil-Programm ta' Ħidma tagħha, u b'popolazzjoni ta' benefiċjarji bi profil tar-riskju simili għal dawk tal-Kummissjoni, jista' jkun mistenni li l-marġni ta' errur se jkun simili għal dak previst mill-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, jiġifieri li tingħata assigurazzjoni raġonevoli li r-riskju ta' errur matul il-perjodu tan-nefqa pluriennali huwa, fuq bażi annwali, fi ħdan medda ta' 2-5 %, bl-għan aħħari li tinkiseb rata ta' errur residwu kemm jista' jkun qrib it-2 % fl-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba jitqies l-impatt finanzjarju tal-awditi, tal-korrezzjonijiet u tal-miżuri ta' rkupru kollha.

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa għad-dettalji sħaħ tar-rata ta' errur mistennija fir-rigward tal-parteċipanti.

### 7.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-proċeduri għall-ġlieda kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni jiġu applikati mill-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika.

Il-proposti li jikkonċernaw l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa kienu soġġetti għal verifika tal-protezzjoni kontra l-frodi u għal valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi akbar fuq l-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi msaħħa.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ bl-għan li tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interess finanzjarju tal-Unjoni jkun protett bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

L-Impriża Konġunta attwali dwar l-Industriji b'Bażi Bijoloġika ta' H2020 diġà tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-frodi u mal-irregolarità. Il-Kummissjoni se tiżgura li dan se jkompli u jissaħħaħ.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, fuq il-kuntratturi u fuq is-sottokuntratturi kollha li jirċievu fondi tal-Unjoni fil-qafas tal-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk seħħx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni. L-Impriżi Konġunti se jkollhom ukoll jaderixxu mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, bl-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

## 8. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 8.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa ġdida/ġodda proposta/i

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Intestatura 1**<br>**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali – Orizzont Ewropa** | Diff./Mhux diff.[81] | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati[82] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 01 02 02 61 – Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

81 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

82 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

* Il-kontribuzzjoni għal din il-linja baġitarja hija mistennija li tiġi minn:

Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Linja baġitarja** | **Sena 2021** | **Sena 2022** | **Sena 2023** | **Sena 2024** | **Sena 2025** | **Sena 2026** | **Sena 2027** | **Wara l-2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa relatata ma' uffiċjali u ma' persunal temporanju li jimplimentaw "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 01 | | | | | | | | | |
| Persunal estern li jimplimenta "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 02 | | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' ġestjoni għal "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 03 | | | | | | | | | |
| Raggruppament Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent 01 02 02 60 | 71,130 | 178,490 | 147,800 | 148,340 | 148,930 | 148,910 | 156,400 | 0,000 | 1000,00 |
| **Nefqa totali** | 71,130 | 178,490 | 147,800 | 148,340 | 148,930 | 148,910 | 156,400 | 0,000 | 1000,00 |

Impatt stmat fuq in-nefqa

## 8.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *8.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **1** | **Intestatura Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**<br>Orizzont Ewropa |
|---|---|---|

| **Impriża Konġunta**[83][84] | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027**[85] | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1 | Impenji | (1) | 0,180 | 0,270 | 0,440 | 0,740 | 1,610 | 1,610 | 8,000 | | 12,850 |
| | Pagamenti | (2) | 0,180 | 0,270 | 0,440 | 0,740 | 1,610 | 1,610 | 1,600 | 6,400 | 12,850 |
| Titolu 2 | Impenji | (1a) | 0,150 | 0,220 | 0,360 | 0,600 | 1,320 | 1,300 | 6,700 | | 10,650 |
| | Pagamenti | (2 a) | 0,150 | 0,220 | 0,360 | 0,600 | 1,320 | 1,300 | 1,300 | 5,400 | 10,650 |
| Titolu 3 | Impenji | (3 a) | 70,800 | 178,000 | 147,000 | 147,000 | 146,000 | 146,000 | 141,700 | 0,000 | 976,500 |
| | Pagamenti | (3b) | 1,000 | 43,480 | 129,040 | 149,680 | 151,100 | 147,400 | 147,100 | 207,700 | 976,500 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-Impriża Konġunta** | Impenji | =1+1a +3a | 71,130 | 178,490 | 147,800 | 148,340 | 148,930 | 148,910 | 156,400 | 0,000 | 1000,00 |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | 1,330 | 43,970 | 129,840 | 151,020 | 154,030 | 150,310 | 150,000 | 219,500 | 1000,00 |

[83] L-ammonti fit-Titoli 1 u 2 jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tal-UE (sa EUR 23.5 miljun) għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta. Il-parti l-oħra li jifdal tiġi minn kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħrajn tal-Impriża Konġunta kif muri fit-taqsima 3.2.4.

[84] L-approprjazzjonijiet ta' pagament għat-Titoli 1 u 2 huma bbażati fuq konsum annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti kollha, filwaqt li għat-Titolu 3 huma ddeterminati billi jitqiesu n-natura tal-azzjonijiet indiretti u l-iskeda ta' pagamenti tagħhom (prefinanzjament, pagamenti interim u pagament tal-bilanċ).

[85] It-Titoli 1 u 2 għas-sena 2027 fihom l-impenji għas-sena u l-*frontloading* tal-impenji għas-snin li jifdal tal-Impriża Konġunta fil-perjodu 2027-2031.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| DĠ RTD | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani[86]<br>(3 uffiċjali + 2 Aġenti Kuntrattwali) | | 0,491 | 0,503 | 0,513 | 0,523 | 0,533 | 0,544 | 0,555 | - | 3,662 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0,128 | 0,130 | 0,133 | 0,135 | 0,138 | 0,141 | 0,144 | - | 0,949 |
| **TOTAL TAD-DĠ** | Approprjazzjonijiet | 0,619 | 0,633 | 0,646 | 0,658 | 0,671 | 0,685 | 0,699 | - | 4,611 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-pakkett tal-Programm - Intestatura 1**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 71,749 | 179,123 | 148,446 | 148,998 | 149,601 | 149,595 | 157,099 | - | 1 004,611 |
| | Pagamenti | 1,949 | 44,603 | 130,486 | 151,678 | 154,691 | 150,995 | 150,699 | 219,500 | 1 004,611 |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |

[86] Li jkopru l-amministrazzjoni tal-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa. Il-kostijiet FTE huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju li għandu jintuża minn Jannar 2021 għas-salarji għall-Persunal Permanenti (EUR 0,127), għall-Aġenti Kuntrattwali (EUR 0,057) u għal kostijiet amministrattivi oħra (EUR 0,0255) b'riferiment għall-bini u għall-kostijiet tal-IT għall-persunal tar-Riċerka Indiretta. Ġie applikat indiċjar annwali ta' 2 % għall-perjodu 2022-27. L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 71,749 | 179,123 | 148,446 | 148,998 | 149,601 | 149,595 | 157,099 | - | 1 004,611 |
| | Pagamenti | 1,949 | 44,603 | 130,486 | 151,678 | 154,701 | 150,995 | 150,699 | 219,500 | 1 004,611 |

*8.2.2. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Impriża Konġunta*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Numri ta' persunal (f'għadd ta' persuni / FTE)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Aġenti kuntrattwali | 14 | 16 | 16 | 16 | 16 | 16 | 16 | 16 | 16 |
| Aġenti temporanji | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL**[87] | 27 | 29 | 29 | 29 | 29 | 29 | 29 | 29 | 29 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | 0,0 | 0,0 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | 0,3 | 0,6 |
| Aġenti kuntrattwali | 0,1 | 0,2 | 0,2 | 0,3 | 0,4 | 0,4 | 0,4 | 1,7 | 3,9 |
| Aġenti temporanji | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,1 | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 2,2 | 3,9 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 |

87 L-għadd totali ta' FTEs tal-Impriżi Konġunti kollha stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill fil-qafas ta' Orizzont Ewropa se jitnaqqas b'10 FTEs bejn l-2024 u l-2027 wara valutazzjoni tal-effettività tal-operazzjonijiet tal-Impriżi Konġunti filwaqt li jitqies it-titjib fl-effiċjenza li jirriżulta mill-istabbiliment tal-Back Office Komuni. Għal din il-fini, l-LFS riveduta li tkopri l-perjodu 2024-2027 se tiġi ċċirkolata sal-aħħar tal-2023.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **0,11** | **0,18** | **0,29** | **0,48** | **1,05** | **1,05** | **1,05** | **4,20** | **8,41** |

Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta' stabbiliment

| Grupp ta' funzjoni u grad | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD16 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD15 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD14 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AD13 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD12 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AD11 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AD10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD9 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 0 |
| AD8 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 0 |
| AD7 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 0 |
| AD6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total AD | **10** | **10** | **10** | **10** | **10** | **10** | **10** | **10** | **10** | **10** | **10** | **0** |
| AST11 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST9 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST8 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST7 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST5 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AST4 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AST3 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AST2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total AST | **3** | **3** | **3** | **3** | **3** | **3** | **3** | **3** | **3** | **3** | **3** | **0** |
| AST/SC 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total AST/SC | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |

Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) – persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp ta' funzjoni IV | 8 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 |
| Grupp ta' funzjoni III | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 |
| Grupp ta' funzjoni II | | | | | | | | | | | | |
| Grupp ta' funzjoni I | | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | **14** | **16** | **16** | **16** | **16** | **16** | **16** | **16** | **16** | **16** | **16** | **16** |

| Esperti Nazzjonali Sekondati | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |

### 8.2.3. *Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani tal-Kummissjoni*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt[88]:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| **Snin** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | | | | | | | |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JPD** [89]<br>Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm [90] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |
| Persunal estern | |

88 L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

89 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonist Subaltern fid-Delegazzjonijiet.

90 Sottolimitu għall-persunal estern kopert b'approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu linji "BA").

8.2.4. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

– Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)([91])

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta koperti minn Membri għajr l-Unjoni | 0,33 | 0,49 | 0,80 | 1,34 | 2,93 | 2,91 | 14,70 | 0,00 | **23,5** |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati[92] | 0([93]) | 0 | 0 | 0 | 0 | 15,000 | 50,000 | 185,000 | **250,000**[94] |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | **0,3** | **0,5** | **0,8** | **1,3** | **2,9** | **17,9** | **164,7** | **185,0** | **273,5** |

***Peress li l-BIC ma qiesx l-SBA, dan ma jistax jitqies bħala impenn uffiċjali u definittiv. Impenn finali jista' jingħata biss ladarba l-BIC u l-KE jkollhom ftehim u opinjoni ċara dwar l-aspetti kollha tal-SBA finali u l-implimentazzjoni tiegħu. Dan jinkludi b'mod partikolari l-objettivi u l-prijoritajiet tas-CBE, kif jiġu kkalkolati u mmonitorjati l-IKOP, l-IKAA u l-ingranaġġ, l-aspetti legali finali kollha, ir-rati ta' finanzjament, id-distribuzzjoni tal-finanzjament pubbliku fuq it-TRLs differenti, il-finanzjament tal-kost amministrattiv, eċċ.***

91 Dawn is-suppożizzjonijiet (kontribuzzjonijiet amministrattivi u operazzjonali) isiru għal baġit (pubbliku) ta' EUR 1 000 miljun, maqsum kif ġej fuq perjodu ta' seba' snin: 20 % għall-RIA; 45 % għall-wiri; 35 % għall-inizjattiva ewlenija u kost amministrattiv tas-CBE ta' EUR 47,4 miljun (50 % għandhom jitħallsu mill-BIC)

92 Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet *in natura* jintwerew fit-tabella fis-snin meta jkunu previsti li jiġġarrbu.

93 Għall-IKOP (kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati - Art 22.3.d SBA): Peress li l-ewwel proġetti mhux se jibdew qabel l-2022, u proġett normali jieħu erba' snin, l-ewwel IKOP mhux se jiġu rrapportati/iċċertifikati qabel l-2026. Aħna nistennew programm ta' ħidma b'baġit iżgħar fl-2021, li jfisser li l-ewwel IKOP fl-2026 se jkunu iżgħar minn tas-snin ta' wara. Sabiex ikun hemm tbassir aktar preċiż, ir-regoli għar-rapportar iridu jiġu diskussi u miftiehma.

94 Għall-IKOP (kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati - Art 22.3.d SBA): dawn se jkunu proporzjonali għall-kontribuzzjoni mistennija li tiġi riċevuta mill-membri tal-BIC, mill-baġit operazzjonali. In-numru eżatt se jiddependi mir-rati ta' finanzjament (li għadhom mhumiex magħrufin), mill-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-membri tal-BIC (li għadhom mhumiex magħrufin) u mill-possibbiltajiet li jissieħbu membri addizzjonali (li wkoll mhumiex magħrufin). Għalhekk, skont il-ftehim finali, dawn in-numri tal-IKOP jistgħu jinbidlu.

## 8.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[95] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

95 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA - AVJAZZJONI NADIFA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar is-Sħubija Ewropea għal Avjazzjoni Nadifa

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

Attività: Orizzont Ewropa

Raggruppament 5: klima, enerġija u mobilità

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

**☐ azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja[96]**

**X l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-objettiv ewlieni tal-inizjattiva jkun li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta ekoloġika billi tħaffef l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-avjazzjoni newtrali għall-klima għall-aktar varar bikri possibbli, u b'hekk tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kisba tal-għanijiet ġenerali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jiġifieri: tnaqqis ta' 50 % sa 55 % fl-emissjonijiet sal-2030, u newtralità klimatika sal-2050.

It-tieni objettiv ġenerali jkun li tiżgura li l-attività ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatata mal-ajrunawtika tikkontribwixxi għall-kompetittività globali tal-industrija tal-avjazzjoni tal-UE billi taċċellera u tottimizza l-proċess ta' riċerka u ta' innovazzjoni. Mingħajr katina tal-provvista Ewropea b'saħħitha, l-Ewropa ma għandha l-ebda ingranaġġ sabiex issegwi politika ambjentali ambizzjuża.

It-tielet objettiv ikun li tiżgura li avjazzjoni aktar nadifa tibqa' sikura, sigura u effiċjenti għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bl-ajru. Dan l-objettiv huwa allinjat ma' diversi SDGs, speċjalment mal-SDG 9 (Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura).

L-inizjattiva hija mistennija tibda topera fit-tieni jew fit-tielet trimestru tal-2021 (skont id-data tal-adozzjoni tal-Att Bażiku Uniku mill-Kunsill). L-Impriżi Konġunti huma stabbiliti sabiex joperaw sal-31 ta' Diċembru 2027, bl-aħħar sejħiet tagħhom imnedija sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. F'konformità mal-kriterji għas-Sħubijiet Ewropej fl-Anness III tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, l-att bażiku uniku jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni, għat-tneħħija gradwali u għat-tiġdid tagħhom. Dan jinkludi obbligu għall-Bord ta' Tmexxija sabiex jissottometti pjan għat-tneħħija gradwali tal-Impriża Konġunta mill-finanzjament ta'

[96] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Orizzont Ewropa u valutazzjoni tal-aktar modalità ta' intervent effettiva permezz ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura bħala parti minn rieżamijiet u minn evalwazzjonijiet perjodiċi.

*1.4.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Il-problemi indirizzati mill-inizjattiva huma ta' natura u ta' firxa li azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE tkun aktar xierqa mill-iżvilupp ta' inizjattivi waħedhom minn Stati Membri individwali. Dan jippermetti sforzi aktar koerenti u koordinati, u jevita duplikazzjoni.

Il-ġustifikazzjoni primarja għall-intervent pubbliku tal-UE fir-R&I fl-avjazzjoni hija li jiġu armonizzati, ottimizzati u kkoordinati r-riżorsi fil-livell tal-ekosistema mill-pajjiżi Ewropej kollha favur in-newtralità klimatika fl-avjazzjoni – mira ambizzjuża li ma tistax tintlaħaq minn kumpanija tal-ajrunawtika waħda waħedha jew minn pajjiż wieħed waħdu. Kif enfasizzat aktar 'il fuq, hemm bżonn ta' approċċ olistiku tar-R&I favur in-newtralità klimatika.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ħtiġijiet kollha tar-riċerka jkunu koerenti mal-miżuri tas-suq, mal-inċentivi kif ukoll ma' qafas regolatorju u ta' standardizzazzjoni robust u modern, li jista' jitfassal biss fil-kuntest tal-UE u permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li dan il-qafas ikun koerenti u allinjat mal-politiki ambjentali u klimatiċi, mal-kummerċ, mad-difiża, mal-ispazju, mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, ma' skemi ta' ċertifikazzjoni u ma' skemi ta' standardizzazzjoni li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE.

Barra minn hekk, ir-riċerka Ewropea b'sejħiet kompetittivi miftuħin tippermetti lill-parteċipanti jitilqu mill-fornituri naturali tagħhom u jiżviluppaw sħubijiet ġodda ma' tipi differenti ta' organizzazzjonijiet (akkademiċi, ċentri ta' riċerka, industrija eċċ.) inklużi dawk minn pajjiżi tal-UE mingħajr industrija tal-avjazzjoni tradizzjonali iżda li potenzjalment iġibu approċċi ġodda.

Ir-raġunament għall-intervent tal-UE jinkludi l-kondiviżjoni tar-riskju, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet għoljin tal-iżvilupp u tal-wiri ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi, li ma jistgħux jitwettqu minn kumpaniji individwali waħedhom.

Fil-kuntest tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-avjazzjoni, il-kostijiet u r-riskji ta' żviluppi ġodda jiddependu fuq kooperazzjoni effettiva fuq skala Ewropea. Il-kooperazzjoni bejn partijiet ikkonċernati differenti hija importanti, kemm fl-istadji tal-iżvilupp kif ukoll matul il-maturazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi.

B'politika ċara dwar il-klima u b'objettivi ċari għall-2030 u għall-2050, hemm bżonn kbir ta' direzzjonalità tal-investimenti Ewropej kif ukoll ta' addizzjonalità. L-azzjoni tal-UE tikkomplementa l-iskemi nazzjonali sabiex jiġi pprovdut approċċ ta' politika aktar ċar, speċjalment peress li l-innovazzjonijiet huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex jitwettaq il-pjan ta' azzjoni u jintlaħqu l-objettivi dwar il-klima.

Il-Kummissjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni ideali sabiex tagħmel sforz favur il-kooperazzjoni bejn il-programmi nazzjonali ta' R&I fl-avjazzjoni u l-inizjattiva Avjazzjoni Nadifa, filwaqt li tevita duplikazzjoni tal-isforzi u tgħaqqad ir-riżorsi favur l-ilħuq tal-miri tal-Patt Ekoloġiku.

Fl-istess ħin, tieħu l-inizjattiva dwar ħafna miżuri ta' politika relatati mal-avjazzjoni u tista' tiżgura li l-miżuri ta' politika, il-leġiżlazzjoni u l-isforzi tar-R&I jkunu allinjati.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea hija osservatur *ad hoc* f'ħafna korpi tal-ICAO (Assemblea u korpi tekniċi oħrajn) li jiffokaw fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni, fuq is-sigurtà, fuq l-ambjent, fuq il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u fuq it-trasport bl-ajru.

Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati b'mod ulterjuri fid-dokument ta' Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta.

*1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Saret riċerka fuq diversi soluzzjonijiet promettenti newtrali għall-klima fil-qafas ta' programmi pubbliċi u privati preċedenti ta' riċerka u ta' innovazzjoni, fil-programmi tal-UE (mir-raba' programm ta' riċerka u ta' żvilupp), jew dawk nazzjonali jew reġjonali. Numru fost dawk it-teknoloġiji, li laħqu livelli għoljin ta' maturità fil-programmi ta' riċerka FP 7 Clean Sky u Clean Sky 2 ta' H2020, ġew ivvalutati fl-Evalwatur tat-Teknoloġija tal-PQ7-Clean Sky u nstab li jekk jintużaw f'ajruplani ġodda, dawn għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-emissjonijiet sa 30 % meta mqabbla mal-inġenju tal-ajru ta' referenza Y2000.

L-Evalwazzjoni Interim tal-Impriżi Konġunti li joperaw fil-qafas ta' Orizzont 2020 ikkonkludiet li sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs) ibbażati fuq l-Impriżi Konġunti wrew titjib fl-effiċjenza meta mqabbla mal-PQ7, minkejja xi nuqqasijiet identifikati li għandhom jiġu indirizzati.

Filwaqt li għadu kmieni wisq sabiex wieħed jasal għal konklużjonijiet għas-CS2 (li se tibqa' topera sal-2024), il-valutazzjonijiet preliminari juru li tinsab fit-triq it-tajba sabiex tilħaq l-objettivi tagħha li turi u tivvalida teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 u ta' NOx b'20 % sa 30 % meta mqabbla mal-inġenji tal-ajru "tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku" mdaħħla fis-servizz mill-2014 'l hawn. Għadd dejjem akbar ta' pubblikazzjonijiet u ta' applikazzjonijiet għal privattivi jappoġġaw il-progress tajjeb tad-dimostraturi ewlenin. B'xorti ħażina, l-introduzzjoni ta' dawk it-teknoloġiji fl-ajruplani fis-suq mhijiex ċerta, għaliex fil-biċċa l-kbira din hija ddeterminata mill-forzi tas-suq.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-Sħubijiet Ewropej kollha jeħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni u/jew attivitajiet konġunti ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex jiġi żgurat l-aħjar livell ta' interkonnessjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji effettivi. F'konformità ma' dan, l-Att Bażiku Uniku huwa żviluppat madwar il-prinċipju ewlieni li l-kollaborazzjoni mill-qrib u s-sinerġiji bejn l-Impriżi Konġunti u l-inizjattivi rilevanti fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari Sħubijiet Ewropej oħra, se jkunu kruċjali sabiex jinkiseb impatt akbar u jiġi żgurat l-użu tar-riżultati. F'dan ir-rigward, l-Att Bażiku Uniku (L-Ewwel Parti, dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Impriża Konġunti kollha) jiffaċilita sinerġiji permezz ta' għadd kbir ta' dispożizzjonijiet operattivi.

Jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji b'saħħithom bejn iż-żewġ sħubijiet tal-avjazzjoni proposti, Ġestjoni Integrata tat-Traffiku tal-Ajru u Avjazzjoni Nadifa. Jenħtieġ li dan jiżgura kompatibbiltà bejn is-soluzzjonijiet żviluppati fil-qafas ta' Avjazzjoni Nadifa u l-approċċi avvanzati tal-ATM żviluppati fil-qafas tal-inizjattiva Ġestjoni Integrata tat-Traffiku tal-Ajru.

L-inizjattiva dwar l-idroġenu u l-inizjattiva dwar il-batteriji (li potenzjalment iwasslu għal sorsi ta' enerġija alternattivi għall-avjazzjoni) jista' jkollhom impatt enormi

bħala abilitanti tal-avjazzjoni mingħajr emissjonijiet, jekk ir-riżultati tagħhom iwieġbu għall-ħtiġijiet tas-settur tal-avjazzjoni.

Il-ħolqien ta' sinerġiji jkun ta' benefiċċju għal dawn l-inizjattivi kollha. Ta' min isemmi li inġenji tal-ajru aktar elettriċi se jeħtieġu avvanzi f'sistemi tal-enerġija elettrika b'vultaġġ għoli, li f'altitudnijiet għoljin jippreżentaw riskji addizzjonali għas-sikurezza li jridu jiġu indirizzati u soluzzjonijiet teknoloġiċi li jridu jiġu vvalidati. Għalhekk, ir-rekwiżiti tal-inġenji tal-ajru jridu jitqiesu fl-istadji inizjali tas-soluzzjonijiet proposti.

Iċ-ċertifikazzjoni hija aspett importanti ħafna sabiex teknoloġiji ġodda jilħqu l-maturità u, f'dan ir-rigward, l-involviment bikri tal-EASA huwa fundamentali. Jenħtieġ li l-involviment b'saħħtu tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri jiżgura allinjament u sinerġiji bejn il-prijoritajiet u l-programmi ta' finanzjament tal-UE, nazzjonali u reġjonali.

Involviment akbar tal-Istati Membri fil-varar u fl-adozzjoni tal-aktar teknoloġiji promettenti newtrali għall-klima fil-livell tal-UE jippromwovi sinerġiji u ekonomija ta' skala mal-programmi nazzjonali tar-R&I kif ukoll iżid l-allinjament tal-iskemi edukattivi nazzjonali sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet futuri għall-ħiliet u għall-impjiegi korrispondenti.

Il-monitoraġġ tas-sinerġiji u tal-kollaborazzjoni se jsir permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività.

### 1.5. Durata u impatt finanzjarju

**X durata limitata**

– **X** fis-seħħ mill-01 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2031

– **X**Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2031 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[97]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

**X Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| / |

[97] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

F'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-sħubija għandha tadotta sistema ta' monitoraġġ li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45, fl-Anness III u fl-Anness V tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u tikkontribwixxi għall-istess bażi tad-*data* unika bħall-komponenti l-oħrajn ta' Orizzont Ewropa. Is-sistema ta' rapportar u ta' monitoraġġ għandha tipprovdi *data* importanti dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni (inkluża mikrodata fil-livell ta' entitajiet individwali), tippermetti li jiġi traċċat il-progress skont il-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt (inkluż il-progress sabiex jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE), u l-kriterji ta' sħubija. Is-sħubija għandha tirrapporta fuq indikaturi speċifiċi (li mhumiex koperti mill-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt) li jippermettu li jiġi traċċat il-progress li jkun sar f'terminu qasir, medju u twil fl-ilħuq tal-viżjoni u tal-objettivi speċifiċi u operazzjonali tas-sħubija kif stabbilit fir-Regolament li jistabbilixxi s-Sħubija, inkluż dwar il-miri stabbiliti sal-2030. L-indikaturi, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġiji għandhom jippermettu valutazzjoni matul iż-żmien tal-kisbiet, il-progress fl-impatti, inkluż it-twettiq ta' objettivi tal-politika tal-UE, u l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet potenzjali għal miżuri korrettivi. Jenħtieġ li tikkunsidra kemm *data* kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, tidentifika r-responsabbiltajiet għall-ġbir tad-*data*, u tistabbilixxi approċċi konkreti għall-iżvilupp ta' linja bażi, ta' miri u/jew ta' parametri referenzjarji realistiċi sabiex jiġi identifikat il-progress, fejn rilevanti, u f'konformità mal-approċċ tal-impatt ta' Orizzont Ewropa. L-informazzjoni kollha miġbura għandha tiġi pprovduta fi kważi ħin reali lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' mudelli komuni tad-*data* u tiddaħħal f'bażi tad-*data* unika kif speċifikat fl-Artikolu 45 ta' Orizzont Ewropa.

Għal dik il-fini, għandhom jiġu stabbiliti sistemi ta' rapportar xierqa sabiex jappoġġaw rapportar kontinwu u trasparenti, inkluż dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* impenjati u fil-fatt ipprovduti, dwar viżibbiltà u pożizzjonament fil-kuntest internazzjonali, dwar impatt fuq ir-riskji relatati mar-riċerka u mal-innovazzjoni tal-investimenti tas-settur privat. Jenħtieġ li r-rapportar ikun konformi mal-obbligi standard ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa. L-iżvilupp tas-sistemi ta' rapportar fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinvolvi wkoll lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-sħubija sabiex jiġu żgurati s-sinkronizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' rapportar u ta' monitoraġġ, inkluż dwar id-diviżjoni tal-kompiti ta' ġbir u rapportar tad-*data*. Is-sistema ta' rapportar fil-livell tal-proġetti għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti ffinanzjati, ir-riżultati tagħhom, id-diffużjoni u l-użu tagħhom minn gruppi fil-mira ewlenin, u d-differenza ġenerali li qed jagħmlu għax-xjenza, għall-ekonomija, għas-soċjetà u/jew għall-ambjent, f'konformità mal-objettivi tal-proġetti u mal-impatti mmirati. Jenħtieġ li dan jiġi kkomplementat minn *data* rilevanti dwar il-valur miżjud u l-impatt tas-sħubija fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Jeħtieġ li jiġi żgurat mekkaniżmu xieraq ta' kondiviżjoni tad-*data* b'bażijiet tad-*data* komuni ta' monitoraġġ u ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa.

Is-Sħubijiet Ewropej għandhom jiġu evalwati skont il-qafas ta' evalwazzjoni ta' Orizzont Ewropa, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tiegħu.

## 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa hija sħubija pubblika-privata b'parti mill-finanzjament miġjub fil-forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri oħra għajr l-Unjoni.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa se tittieħed permezz tal-Baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim ta' Trasferiment ta' Fondi mal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, u mal-ħruġ, mill-Impriża Konġunta, ta' talbiet għal pagamenti korrispondenti lill-membri għajr l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. F'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għandha tikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Mudell tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Impriża Konġunta. Kwalunkwe deroga minn dan il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju, meħtieġa għall-fini tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Impriża Konġunta, għandha tkun soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż permezz tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, kif ukoll l-arranġamenti ta' rapportar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità Baġitarja.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li tal-anqas joffru garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;
- proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u għat-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti matul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq 100 % tal-pretensjonijiet, inklużi r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditjar u ta' ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- awditi *ex post* fuq kampjun ta' pretensjonijiet bħala parti mill-awditi *ex post* ta' Orizzont Ewropa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew stabbiliti diversi miżuri sabiex itaffu r-riskju inerenti ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, speċjalment:

- voti ugwali għall-Kummissjoni u għall-membri għajr l-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija,
- l-għażla tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni,
- indipendenza tal-persunal,
- evalwazzjonijiet minn esperti indipendenti bbażati fuq kriterji tal-għażla ppubblikati flimkien ma' mekkaniżmi ta' appell u ma' dikjarazzjonijiet sħaħ ta' kwalunkwe interess,
- rekwiżit biex il-Bord ta' Tmexxija jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fl-Impriża Konġunta f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

L-istabbiliment ta' valuri etiċi u organizzattivi se jkun wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Impriża Konġunta, u se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, se jkun meħtieġ jintroduċi sistema kosteffettiva ta' kontroll intern u ta' ġestjoni. Huwa se jkun meħtieġ jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern adottat.

Il-Kummissjoni se timmonitorja r-riskju ta' nuqqas ta' konformità permezz tas-sistema ta' rapportar li se tiżviluppa, kif ukoll billi ssegwi r-riżultati tal-awditi *ex post* fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE mill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, bħala parti mill-awditi *ex post* li jkopru l-Orizzont Ewropa kollu.

Hemm bżonn ċar li l-baġit jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effettiv, u li jiġu evitati l-frodi u l-ħela. Madankollu, is-sistema ta' kontroll jeħtieġ li ssib bilanċ ġust bejn il-kisba ta' rata ta' errur aċċettabbli u l-piż ta' kontroll meħtieġ u l-evitar tat-tnaqqis tal-attraenza tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' errur (mal-pagament u mal-għeluq)*

Peress li r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' Orizzont Ewropa applikabbli għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa huma simili għal dawk li l-Kummissjoni se tuża fil-Programm ta' Ħidma tagħha, u b'popolazzjoni ta' benefiċjarji bi profil tar-riskju simili għal dawk tal-Kummissjoni, jista' jkun mistenni li l-marġni ta' errur se jkun simili għal dak previst mill-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, jiġifieri li tingħata assigurazzjoni raġonevoli li r-riskju ta' errur matul il-perjodu tan-nefqa pluriennali huwa, fuq bażi annwali, fi ħdan medda ta' 2-5 %, bl-għan aħħari li tinkiseb rata ta' errur residwu kemm jista' jkun qrib it-2 % fl-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba jitqies l-impatt finanzjarju tal-awditi, tal-korrezzjonijiet u tal-miżuri ta' rkupru kollha.

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa għad-dettalji sħaħ tar-rata ta' errur mistennija fir-rigward tal-parteċipanti.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-proċeduri għall-ġlieda kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni jiġu applikati mill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa.

Il-proposti li jikkonċernaw l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa kienu soġġetti għal verifika tal-protezzjoni kontra l-frodi u għal valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi akbar fuq l-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi msaħħa.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ bl-għan li tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interess finanzjarju tal-Unjoni jkun protett bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

L-Impriża Konġunta attwali Clean Sky 2 ta' H2020 diġà tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-frodi u mal-irregolarità. Il-Kummissjoni se tiżgura li dan se jkompli u jissaħħaħ.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, fuq il-kuntratturi u fuq is-sottokuntratturi kollha li jirċievu fondi tal-Unjoni fil-qafas tal-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk seħħx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni. L-Impriżi Konġunti se jkollhom ukoll jaderixxu mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, bl-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa ġdida/ġodda proposta/i

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Intestatura 1**<br>**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali – Orizzont Ewropa** | Diff./Mhux diff.[98] | mill-pajjiżi tal-EFTA[99] | mill-pajjiżi kandidati[100] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 01.020252 – Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

98 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

99 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

100 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

* Il-kontribuzzjoni għal din il-linja baġitarja hija mistennija li tiġi minn:

Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa relatata ma' uffiċjali u ma' persunal temporanju li jimplimentaw "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 01 | | | | | | | | | |
| Persunal estern li jimplimenta "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 02 | | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' ġestjoni għal "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 03 | | | | | | | | | |
| Raggruppament Klima, Enerġija u Mobilità 01 02 02 50 | 229,925 | 150,583 | 231,570 | 190,688 | 388,057 | 133,814 | 375,363 | | 1700,000 |
| **Nefqa totali** | 229,925 | 150,583 | 231,570 | 190,688 | 388,057 | 133,814 | 375,363 | | 1700,000 |

Impatt stmat fuq in-nefqa

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **1** | **Intestatura Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**<br>Orizzont Ewropa |
|---|---|---|

| **Impriża Konġunta**[101][102] | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027**[103] | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: | Impenji | (1) | 0,139 | 0,497 | 0,765 | 1,489 | 2,540 | 3,021 | 16,035 | - | 24,486 |
| | Pagamenti | (2) | 0,139 | 0,497 | 0,765 | 1,489 | 2,540 | 3,021 | 3,081 | 12,954 | 24,486 |
| Titolu 2: | Impenji | (1a) | 0,243 | 0,943 | 1,262 | 1,776 | 1,534 | 1,650 | 7,329 | - | 14,737 |
| | Pagamenti | (2 a) | 0,243 | 0,943 | 1,262 | 1,776 | 1,534 | 1,650 | 1,660 | 5,669 | 14,737 |
| Titolu 3 | Impenji | (3 a) | 229,543 | 149,143 | 229,543 | 187,423 | 383,983 | 129,143 | 351,999 | 0 | 1660,777 |
| | Pagamenti | (3b) | 14,041 | 123,686 | 137,678 | 262,701 | 220,938 | 344,980 | 194,261 | 362,492 | 1660,777 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-Impriża Konġunta** | Impenji | =1+1a +3a | 229,925 | 150,583 | 231,570 | 190,688 | 388,057 | 133,814 | 375,363 | 0 | 1700,000 |
| | Pagamenti | =2+2a+ 3b | 14,423 | 125,126 | 139,705 | 265,966 | 225,012 | 349,651 | 199,002 | 381,115 | 1700,000 |

101 L-ammonti fit-Titoli 1 u 2 jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tal-UE (sa EUR 39,223 miljun) għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta. Il-parti l-oħra li jifdal tiġi minn kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħrajn tal-Impriża Konġunta kif muri fit-taqsima 3.2.4.

102 L-approprjazzjonijiet ta’ pagament għat-Titoli 1 u 2 huma bbażati fuq konsum annwali tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn korrispondenti kollha, filwaqt li għat-Titolu 3 huma ddeterminati billi jitqiesu n-natura tal-azzjonijiet indiretti u l-iskeda ta’ pagamenti tagħhom (prefinanzjament, pagamenti interim u pagament tal-bilanċ).

103 It-Titoli 1 u 2 għas-sena 2027 fihom l-impenji għas-sena u l-*frontloading* tal-impenji għas-snin li jifdal tal-Impriża Konġunta fil-perjodu 2027-2031.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| DĠ RTD | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani[104] | | 0,491 | 0,503 | 0,513 | 0,523 | 0,533 | 0,544 | 0,555 | - | 3,662 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0,128 | 0,130 | 0,133 | 0,135 | 0,138 | 0,141 | 0,144 | - | 0,949 |
| **TOTAL TAD-DĠ** | Approprjazzjonijiet | 0,619 | 0,633 | 0,646 | 0,658 | 0,671 | 0,685 | 0,699 | - | 4,611 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 230,544 | 151,216 | 232,216 | 191,346 | 388,728 | 134,499 | 376,062 | 0,000 | 1704,611 |
| | Pagamenti | 15,042 | 125,759 | 140,351 | 266,624 | 225,683 | 350,336 | 199,701 | 381,115 | 1704,611 |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

104 Li jkopru l-amministrazzjoni tal-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa. Il-kostijiet FTE huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju li għandu jintuża minn Jannar 2021 għas-salarji għall-Persunal Permanenti (EUR 0,127), għall-Aġenti Kuntrattwali (EUR 0,057) u għal kostijiet amministrattivi oħra (EUR 0,0255) b'riferiment għall-bini u għall-kostijiet tal-IT għall-persunal tar-Riċerka Indiretta. Ġie applikat indiċjar annwali ta' 2 % għall-perjodu 2022-27. L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 230,544 | 151,216 | 232,216 | 191,346 | 388,728 | 134,499 | 376,062 | 0,000 | 1 704,611 |
| | Pagamenti | 15,042 | 125,759 | 140,351 | 266,624 | 255,683 | 350,336 | 199,701 | 381,115 | 1 704,611 |

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Impriża Konġunta*

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Numri ta' persunal (f'għadd ta' persuni / FTE)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | 4 | 4 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | |
| Aġenti kuntrattwali | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | |
| Aġenti temporanji | | | | | | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | |
| **TOTAL**[105] | 44 | 44 | 41 | 41 | 41 | 41 | 41 | 41 | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 0,367 | 0,375 | 0,382 | 0,390 | 0,397 | 0,405 | 0,345 | 1,076 | 3,737 |
| Aġenti temporanji | 4,353 | 4,440 | 4,446 | 4,535 | 4,625 | 4,718 | 4,812 | 15,021 | 46,949 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 0,130 | 0,132 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,262 |

105 In-numru totali ta' FTEs tal-Impriżi Konġunti kollha stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill fil-qafas ta' Orizzont Ewropa se jitnaqqas b'10 FTEs bejn l-2024 u l-2027 wara valutazzjoni tal-effettività tal-operazzjonijiet tal-Impriżi Konġunti filwaqt li jitqies it-titjib fl-effiċjenza li jirriżulta mill-istabbiliment tal-Back Office Komuni. Għal din il-fini, l-LFS riveduta li tkopri l-perjodu 2024-2027 se tiġi ċċirkolata sal-aħħar tal-2023.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | | 4,849 | 4,946 | 4,828 | 4,924 | 5,023 | 5,123 | 5,157 | 16,097 | 50,947 |

Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta' stabbiliment

| Grupp ta' funzjoni u grad | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD16 | | | | | | | | | | | | |
| AD15 | | | | | | | | | | | | |
| AD14 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AD13 | | | | | | | | | | | | |
| AD12 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| AD11 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AD10 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| AD9 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 |
| AD8 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| AD7 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| AD6 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 |
| AD5 | | | | | | | | | | | | |
| Total AD | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 | 32 |
| | | | | | | | | | | | | |
| AST11 | | | | | | | | | | | | |
| AST10 | | | | | | | | | | | | |
| AST9 | | | | | | | | | | | | |
| AST8 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AST7 | | | | | | | | | | | | |
| AST6 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| AST5 | 1 | 1 | | | | | | | | | | |
| AST4 | | | | | | | | | | | | |
| AST3 | | | | | | | | | | | | |
| AST2 | | | | | | | | | | | | |
| AST1 | | | | | | | | | | | | |
| Total AST | 4 | 4 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| AST/SC 6 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 5 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 4 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 3 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 2 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 1 | | | | | | | | | | | | |
| Total AST/SC | | | | | | | | | | | | |

Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) – persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp ta' funzjoni IV | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Grupp ta' funzjoni III | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 |
| Grupp ta' funzjoni II | | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp ta' funzjoni I | | | | | | | | | | | | |
| Total | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 |

| Esperti Nazzjonali Sekondati | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

### 3.2.3. *Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani tal-Kummissjoni*

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt[106]:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| Snin | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | | | | | | | |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JPD** [107] Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm [108] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Diversi kompiti relatati ma':<br>• Segwitu tekniku tal-progress fi ħdan l-operazzjonijiet tal-Avjazzjoni Nadifa<br>• Monitoraġġ tal-progress tal-programm ta' riċerka tal-Avjazzjoni Nadifa<br>• Monitoraġġ tar-rispett għall-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni<br>• Rappreżentazzjoni tal-KE fil-Bord ta' Tmexxija tas-sħubija<br>• Definizzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Bord ta' Tmexxija (dritt tal-vot / ta' veto)<br>• Kompiti amministrattivi relatati mal-Governanza tas-sħubija<br>• Kollegament mal-Grupp tar-Rappreżentant tal-Istati Nazzjonali, ma' ACARE u mal-Kumitat tal-Programm tat-Trasport |

[106] L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

[107] AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonist Subaltern fid-Delegazzjonijiet.

[108] Sottolimitu għall-persunal estern kopert b'approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu linji "BA").

| | |
|---|---|
| | • Osservazzjoni ta' Sejħiet għal Proposti, ta' Sejħiet għal Offerti u ta' ammissjoni ta' Membri ġodda<br>• Parteċipazzjoni f'laqgħat tas-sottogruppi u tal-gruppi ta' ħidma<br>• Organizzazzjoni ta' evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali<br>• Twettiq ta' verifiki/awditi fuq il-post<br>• Promozzjoni ta' sinerġiji bejn programmi ta' riċerka nazzjonali u l-programm ta' riċerka u ta' innovazzjoni dwar l-Avjazzjoni Nadifa. |
| Persunal estern | |

*3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

– Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta koperti minn Membri għajr l-Unjoni | 0,382 | 1,440 | 2,027 | 3,265 | 4,074 | 4,671 | 4,741 | 18,623 | 39,223 |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati [109] | 26,683 | 234,097 | 230,109 | 465,520 | 387,181 | 618,556 | 336,278 | 662,353 | 2960,777 |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | 27,065 | 235,537 | 232,136 | 468,785 | 391,255 | 623,227 | 341,019 | 680,976 | 3 000,000 |

Noti:

Fil-Memorandum ta' Impenn konġunt, iffirmat f'Ottubru 2020, in-naħa privata esprimiet l-intenzjoni tagħha li tikkontribwixxi sa EUR 3 biljun (inkluża l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit) għall-attivitajiet ġenerali ta' Avjazzjoni Nadifa, billi tassumi "finanzjament raġonevoli u proporzjonat mill-Kummissjoni Ewropea" (jiġifieri EUR 2.5 biljun f'finanzjament mill-KE) wara l-ftehim dwar il-QFP u li għandu jinkludi wkoll il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit. It-tibdil ta' dawn is-suppożizzjonijiet tkun teħtieġ konsultazzjoni ġdida mal-partijiet ikkonċernati.

Id-distribuzzjoni tal-kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Membri Fundaturi/ Membri assoċjati mill-2021 sal-2027, u wara l-2027, hija bbażata fuq l-ewwel stimi li saru għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) li huma stess huma relatati mal-abbozz tal-pjanijiet ta' ħidma u mal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-Avjazzjoni Nadifa. Se tkun meħtieġa reviżjoni ta' din id-distribuzzjoni meta jiġi ddefinit il-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-SRIA.

[109] Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet *in natura* jintwerew fit-tabella fis-snin meta jkunu previsti li jiġġarrbu.

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[110] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

110 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA - IDROĠENU NADIF

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar is-Sħubija Ewropea Idroġenu Nadif

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

Attività: Orizzont Ewropa

Raggruppament 5: klima, enerġija u mobilità

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[111]

X **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-objettiv tal-inizjattiva huwa li tħaffef l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji Ewropej tal-idroġenu nadif, li jikkontribwixxu għal sistema tal-enerġija sostenibbli, dekarbonizzata u integrata bis-sħiħ. Fokus fuq il-produzzjoni, fuq id-distribuzzjoni u fuq il-ħżin ta' idroġenu nadif sabiex tforni setturi li huma diffiċli sabiex jiġu dekarbonizzati bħall-industriji peżanti u l-applikazzjonijiet tat-trasport tqil. Xi objettivi sal-2030: produzzjoni ta' idroġenu nadif b' ~EUR 1,5-3/kg, li jippermetti penetrazzjoni fis-swieq tal-massa; tnaqqis tal-kostijiet tad-distribuzzjoni għal anqas minn EUR 1/kg idroġenu fuq skala.

Filwaqt li l-idroġenu huwa fjuwil nadif, mingħajr emissjonijiet, xorta waħda huwa aktar għali minn sorsi oħrajn tal-enerġija, u jiġi l-aktar mill-gass naturali, li jiġġenera d-diossidu tal-karbonju (CO2). Jeħtieġ li nipproduċu **"idroġenu nadif"** minn riżorsi tal-enerġija rinnovabbli li jeliminaw l-emissjonijiet ta' CO2 mill-proċess. L-applikazzjonijiet tal-idroġenu nadif huma aktar għaljin mit-teknoloġiji kompetituri, u għadhom mhumiex kompletament affidabbli jew ta' kwalità suffiċjenti għall-użu. Hemm ukoll varar limitat fuq skala kbira ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-idroġenu nadif. Il-partijiet ikkonċernati Ewropej tal-industrija u tar-riċerka dwar l-idroġenu flimkien mal-partijiet ikkonċernati industrijali tal-enerġija, tat-trasport u tal-kostruzzjoni huma l-aktar affettwati.

L-inizjattiva hija mistennija tibda topera fit-tieni jew fit-tielet trimestru tal-2021 (skont id-data tal-adozzjoni tal-Att Bażiku Uniku mill-Kunsill). L-Impriżi Konġunti

[111] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

huma stabbiliti sabiex joperaw sal-31 ta' Diċembru 2027, bl-aħħar sejħiet tagħhom imnedija sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. F'konformità mal-kriterji għas-Sħubijiet Ewropej fl-Anness III tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, l-Att Bażiku Uniku jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni, għat-tneħħija gradwali u għat-tiġdid tagħhom. Dan jinkludi obbligu għall-Bord ta' Tmexxija sabiex jissottometti pjan għat-tneħħija gradwali tal-Impriża Konġunta mill-finanzjament ta' Orizzont Ewropa u valutazzjoni tal-aktar modalità ta' intervent effettiva permezz ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura bħala parti minn rieżamijiet u minn evalwazzjonijiet perjodiċi.

*1.4.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

Il-problemi indirizzati mill-inizjattiva huma ta' natura u ta' firxa li azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE tkun aktar xierqa mill-iżvilupp ta' inizjattivi waħedhom minn Stati Membri individwali. Dan jippermetti sforzi aktar koerenti u koordinati, u jevita duplikazzjoni.

Valur miżjud tal-Unjoni ġġenerat mistenni (*ex post*) L-Idroġenu Nadif għandu ktajjen tal-valur kumplessi u interkonnessi li jeħtieġu kooperazzjoni effettiva u kollaborazzjoni transsettorjali fil-livell Ewropew sabiex jippermettu dimostrazzjoni u varar b'suċċess u fuq skala kbira.

Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati b'mod ulterjuri fid-dokument ta' Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta.

*1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

i) Konċentrazzjoni ta' finanzjament, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-distribuzzjoni ġeografika attwali tal-proġetti appoġġati minn din l-Impriża Konġunta ma tiġix rinforzata minn xi nuqqas ta' informazzjoni/aċċess miftuħ/trasparenza għal entitajiet minn pajjiżi fejn il-parteċipazzjoni hija baxxa, b'mod partikolari l-EU-13;

ii) L-involviment tal-Istati Membri u b'mod partikolari r-rwol tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, li mhuwiex effettiv daqs kemm jenħtieġ li jkun;

iii) Il-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni għas-sikurezza tat-teknoloġiji tal-FCH meħtieġa sabiex tinbena l-fiduċja meħtieġa għall-adozzjoni mifruxa. Ir-relattivament ftit proġetti li jintroduċu l-idroġenu f'ambjenti ġodda (fix-xarabanks, fid-djar jew fl-istazzjonijiet tar-riforniment tal-fjuwil flimkien ma' fjuwils konvenzjonali) ma ppermettewx sabiex il-prodotti jiġu introdotti kummerċjalment.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-Sħubijiet Ewropej kollha jeħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni u/jew attivitajiet konġunti ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex jiġi żgurat l-aħjar livell ta' interkonnessjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji effettivi. F'konformità ma' dan, l-Att Bażiku Uniku huwa żviluppat madwar il-prinċipju ewlieni li l-kollaborazzjoni mill-qrib u s-sinerġiji bejn l-Impriżi Konġunti u l-inizjattivi rilevanti fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari Sħubijiet Ewropej oħra, se jkunu kruċjali sabiex jinkiseb impatt

akbar u jiġi żgurat l-użu tar-riżultati. F'dan ir-rigward, l-Att Bażiku Uniku (L-Ewwel Parti, dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Impriża Konġunti kollha) jiffaċilita sinerġiji permezz ta' għadd kbir ta' dispożizzjonijiet operattivi.

Is-Sħubija għall-Idroġenu se taħdem mill-qrib ma' sħubijiet oħrajn bħat-trasport bit-triq u fuq l-ilma mingħajr emissjonijiet, it-trasformazzjoni tas-sistema ferrovjarja tal-Ewropa, l-avjazzjoni nadifa, il-proċessi għall-pjaneta u s-sħubijiet għall-azzar nadif. Hemm ukoll rabtiet mal-IPCEI propost dwar l-idroġenu u mal-fondi tal-FNE u tal-ETS.

Il-monitoraġġ tas-sinerġiji u tal-kollaborazzjoni se jsir permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività u l-Assemblea Inter-Sħubijiet għall-Idroġenu li dalwaqt se tiġi stabbilita.

## 1.5. Durata u impatt finanzjarju

X **durata limitata**

– fis-seħħ mill-01 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2031

– X Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-aħħar tal-azzjonijiet iffinanzjati għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[112]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

X **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– X lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| |

[112] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

F'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-sħubija għandha tadotta sistema ta' monitoraġġ li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45, fl-Anness III u fl-Anness V tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u tikkontribwixxi għall-istess bażi tad-*data* unika bħall-komponenti l-oħrajn ta' Orizzont Ewropa. Is-sistema ta' rapportar u ta' monitoraġġ għandha tipprovdi *data* importanti dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni (inkluża mikrodata fil-livell ta' entitajiet individwali), tippermetti li jiġi traċċat il-progress skont il-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt (inkluż il-progress sabiex jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE), u l-kriterji ta' sħubija. Is-sħubija għandha tirrapporta fuq indikaturi speċifiċi (li mhumiex koperti mill-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt) li jippermettu li jiġi traċċat il-progress li jkun sar f'terminu qasir, medju u twil fl-ilħuq tal-viżjoni u tal-objettivi speċifiċi u operazzjonali tas-sħubija kif stabbilit fir-Regolament li jistabbilixxi s-Sħubija, inkluż dwar il-miri stabbiliti sal-2030. L-indikaturi, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġiji għandhom jippermettu valutazzjoni matul iż-żmien tal-kisbiet, il-progress fl-impatti, inkluż it-twettiq ta' objettivi tal-politika tal-UE, u l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet potenzjali għal miżuri korrettivi. Jenħtieġ li tikkunsidra kemm *data* kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, tidentifika r-responsabbiltajiet għall-ġbir tad-*data*, u tistabbilixxi approċċi konkreti għall-iżvilupp ta' linja bażi, ta' miri u/jew ta' parametri referenzjarji realistiċi sabiex jiġi identifikat il-progress, fejn rilevanti, u f'konformità mal-approċċ tal-impatt ta' Orizzont Ewropa. L-informazzjoni kollha miġbura għandha tiġi pprovduta fi kważi ħin reali lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' mudelli komuni tad-*data* u tiddaħħal f'bażi tad-*data* unika kif speċifikat fl-Artikolu 45 ta' Orizzont Ewropa.

Għal dik il-fini, għandhom jiġu stabbiliti sistemi ta' rapportar xierqa sabiex jappoġġaw rapportar kontinwu u trasparenti, inkluż dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* impenjati u fil-fatt ipprovduti, dwar viżibbiltà u pożizzjonament fil-kuntest internazzjonali, dwar impatt fuq ir-riskji relatati mar-riċerka u mal-innovazzjoni tal-investimenti tas-settur privat. Jenħtieġ li r-rapportar ikun konformi mal-obbligi standard ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa. L-iżvilupp tas-sistemi ta' rapportar fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinvolvi wkoll lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-sħubija sabiex jiġu żgurati s-sinkronizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' rapportar u ta' monitoraġġ, inkluż dwar id-diviżjoni tal-kompiti ta' ġbir u rapportar tad-*data*. Is-sistema ta' rapportar fil-livell tal-proġetti għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti ffinanzjati, ir-riżultati tagħhom, id-diffużjoni u l-użu tagħhom minn gruppi fil-mira ewlenin, u d-differenza ġenerali li qed jagħmlu għax-xjenza, għall-ekonomija, għas-soċjetà u/jew għall-ambjent, f'konformità mal-objettivi tal-proġetti u mal-impatti mmirati. Jenħtieġ li dan jiġi kkomplementat minn *data* rilevanti dwar il-valur miżjud u l-impatt tas-sħubija fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Jeħtieġ li jiġi żgurat mekkaniżmu xieraq ta' kondiviżjoni tad-*data* b'bażijiet tad-*data* komuni ta' monitoraġġ u ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa.

Is-Sħubijiet Ewropej għandhom jiġu evalwati skont il-qafas ta' evalwazzjoni ta' Orizzont Ewropa, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tiegħu.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1.*

Il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif hija sħubija pubblika-privata b'parti mill-finanzjament miġjub fil-forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri oħra għajr l-Unjoni.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif se tittieħed permezz tal-Baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim ta' Trasferiment ta' Fondi mal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, u mal-ħruġ, mill-Impriża Konġunta, ta' talbiet għal pagamenti korrispondenti lill-membri għajr l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. F'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandha tikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Mudell tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Impriża Konġunta. Kwalunkwe deroga minn dan il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju, meħtieġa għall-fini tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Impriża Konġunta, għandha tkun soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż permezz tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, kif ukoll l-arranġamenti ta' rapportar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità Baġitarja.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li tal-anqas joffru garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;
- proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u għat-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti matul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq 100 % tal-pretensjonijiet, inklużi r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditjar u ta' ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- awditi *ex post* fuq kampjun ta' pretensjonijiet bħala parti mill-awditi *ex post* ta' Orizzont Ewropa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew stabbiliti diversi miżuri sabiex itaffu r-riskju inerenti ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, speċjalment:

- voti ugwali għall-Kummissjoni u għall-membri għajr l-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija,
- l-għażla tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni,
- indipendenza tal-persunal,
- evalwazzjonijiet minn esperti indipendenti bbażati fuq kriterji tal-għażla ppubblikati flimkien ma' mekkaniżmi ta' appell u ma' dikjarazzjonijiet sħaħ ta' kwalunkwe interess,

- rekwiżit biex il-Bord ta' Tmexxija jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fl-Impriża Konġunta f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

L-istabbiliment ta' valuri etiċi u organizzattivi se jkun wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Impriża Konġunta, u se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, se jkun meħtieġ jintroduċi sistema kosteffettiva ta' kontroll intern u ta' ġestjoni. Huwa se jkun meħtieġ jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern adottat.

Il-Kummissjoni se timmonitorja r-riskju ta' nuqqas ta' konformità permezz tas-sistema ta' rapportar li se tiżviluppa, kif ukoll billi ssegwi r-riżultati tal-awditi *ex post* fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE mill-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, bħala parti mill-awditi *ex post* li jkopru l-Orizzont Ewropa kollu.

Hemm bżonn ċar li l-baġit jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effettiv, u li jiġu evitati l-frodi u l-ħela. Madankollu, is-sistema ta' kontroll jeħtieġ li ssib bilanċ ġust bejn il-kisba ta' rata ta' errur aċċettabbli u l-piż ta' kontroll meħtieġ u l-evitar tat-tnaqqis tal-attraenza tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' errur (mal-pagament u mal-għeluq)*

Peress li r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' Orizzont Ewropa applikabbli għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif huma simili għal dawk li l-Kummissjoni se tuża fil-Programm ta' Ħidma tagħha, u b'popolazzjoni ta' benefiċjarji bi profil tar-riskju simili għal dawk tal-Kummissjoni, jista' jkun mistenni li l-marġni ta' errur se jkun simili għal dak previst mill-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, jiġifieri li tingħata assigurazzjoni raġonevoli li r-riskju ta' errur matul il-perjodu tan-nefqa pluriennali huwa, fuq bażi annwali, fi ħdan medda ta' 2-5 %, bl-għan aħħari li tinkiseb rata ta' errur residwu kemm jista' jkun qrib it-2 % fl-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba jitqies l-impatt finanzjarju tal-awditi, tal-korrezzjonijiet u tal-miżuri ta' rkupru kollha.

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa għad-dettalji sħaħ tar-rata ta' errur mistennija fir-rigward tal-parteċipanti.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

il-proċess jiġi applikat mill-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif.

Il-proposti li jikkonċernaw l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa kienu soġġetti għal verifika tal-protezzjoni kontra l-frodi u għal valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi akbar fuq l-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi msaħħa.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ bl-għan li tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interess finanzjarju tal-Unjoni jkun protett bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru

tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

L-Impriża Konġunta attwali taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 ta' H2020 diġà tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-frodi u mal-irregolarità. Il-Kummissjoni se tiżgura li dan se jkompli u jissaħħaħ.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, fuq il-kuntratturi u fuq is-sottokuntratturi kollha li jirċievu fondi tal-Unjoni fil-qafas tal-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk seħħx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni. L-Impriżi Konġunti se jkollhom ukoll jaderixxu mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, bl-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa ġdida/ġodda proposta/i

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Intestatura 1**<br>**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali – Orizzont Ewropa** | Diff./Mhux diff.[113] | mill-pajjiżi tal-EFTA[114] | mill-pajjiżi kandidati[115] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 01 02 02 54 Impriża Konġunta Idroġenu Nadif | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

[113] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[114] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[115] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

* Il-kontribuzzjoni għal din il-linja baġitarja hija mistennija li tiġi minn:

Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Linja baġitarja** | **Sena 2021** | **Sena 2022** | **Sena 2023** | **Sena 2024** | **Sena 2025** | **Sena 2026** | **Sena 2027** | **Wara l-2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa relatata ma' uffiċjali u ma' persunal temporanju li jimplimentaw "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 01 | | | | | | | | | |
| Persunal estern li jimplimenta "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 02 | | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' ġestjoni għal "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 03 | | | | | | | | | |
| Raggruppament klima, enerġija u mobilità 02 02 02 50 | 150,000 | 150,000 | 150,000 | 133,413 | 133,875 | 133,987 | 148,725 | - | 1,000,000 |
| **Nefqa totali** | 150,000 | 150,000 | 150,000 | 133,413 | 133,875 | 133,987 | 148,725 | - | 1,000,000 |

Impatt stmat fuq in-nefqa

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **1** | **Intestatura Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**<br>Orizzont Ewropa |

| **Impriża Konġunta**[116][117] | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027**[118] | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1 | Impenji | (1) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 2,065 | 2,140 | 2,218 | 11,257 | | **17,680** |
| | Pagamenti | (2) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 2,065 | 2,140 | 2,218 | 2,298 | 8,959 | **17,680** |
| Titolu 2 | Impenji | (1a) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 1,348 | 1,735 | 1,769 | 7,661 | | **12,513** |
| | Pagamenti | (2 a) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 1,348 | 1,735 | 1,769 | 1,804 | 5,857 | **12,513** |
| Titolu 3 | Impenji | (3 a) | 150,000 | 150,000 | 150,000 | 130,000 | 130,000 | 130,000 | 129,807 | | **969,807** |
| | Pagamenti | (3b) | 75,000 | 77,000 | 85,500 | 88,563 | 128,104 | 143,000 | 128,784 | 243,856 | **969,807** |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-Impriża Konġunta** | Impenji | =1+1a +3a | **150,000** | **150,000** | **150,000** | **133,413** | **133,875** | **133,987** | **148,725** | | **1,000,000** |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | **75,000** | **77,000** | **85,500** | **91,976** | **131,979** | **146,987** | **132,886** | **258,672** | **1,000,000** |

[116] L-ammonti fit-Titoli 1 u 2 jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tal-UE (sa EUR 30,193) għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta. Il-parti l-oħra li jifdal tiġi minn kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħrajn tal-Impriża Konġunta kif muri fit-taqsima 3.2.4.

[117] L-approprjazzjonijiet ta’ pagament għat-Titoli 1 u 2 huma bbażati fuq konsum annwali tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn korrispondenti kollha, filwaqt li għat-Titolu 3 huma ddeterminati billi jitqiesu n-natura tal-azzjonijiet indiretti u l-iskeda ta’ pagamenti tagħhom (prefinanzjament, pagamenti interim u pagament tal-bilanċ).

[118] It-Titoli 1 u 2 għas-sena 2027 fihom l-impenji għas-sena u l-*frontloading* tal-impenji għas-snin li jifdal tal-Impriża Konġunta fil-perjodu 2027-2031.

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| DĠ RTD | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani[119] | | 0,491 | 0,503 | 0,513 | 0,523 | 0,533 | 0,544 | 0,555 | - | 3,662 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0,128 | 0,130 | 0,133 | 0,135 | 0,138 | 0,141 | 0,144 | - | 0,949 |
| **TOTAL TAD-DĠ** | Approprjazzjonijiet | 0,619 | 0,633 | 0,646 | 0,658 | 0,671 | 0,685 | 0,699 | - | 4,611 |

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-pakkett tal-Programm - Intestatura 1** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 150,619 | 150,633 | 150,646 | 134,071 | 134,546 | 134,672 | 149,424 | - | 1,004,611 |
| | Pagamenti | 75,619 | 77,633 | 86,146 | 92,634 | 132,65 | 147,672 | 133,585 | 258,672 | 1,004,611 |

119 Li jkopru l-amministrazzjoni tal-azzjonijiet ta’ Orizzont Ewropa. Il-kostijiet FTE huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju li għandu jintuża minn Jannar 2021 għas-salarji għall-Persunal Permanenti (EUR 0,127), għall-Aġenti Kuntrattwali (EUR 0,057) u għal kostijiet amministrattivi oħra (EUR 0,0255) b’riferiment għall-bini u għall-kostijiet tal-IT għall-persunal tar-Riċerka Indiretta. Ġie applikat indiċjar annwali ta’ 2 % għall-perjodu 2022-27. L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni hija ta’ natura indikattiva u mhux vinkolanti.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 150,619 | 150,633 | 150,646 | 134,071 | 134,546 | 134,672 | 149,424 | - | 1,004,611 |
| | Pagamenti | 75,619 | 77,633 | 86,146 | 92,634 | 132,65 | 147,672 | 133,585 | 258,672 | 1,004,611 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

*3.2.2. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Impriża Konġunta*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

Numri ta' persunal (f'għadd ta' persuni / FTE)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Persunal Temporanju (Gradi AD) | 15 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 61 | 178 |
| Aġenti Temporanji (gradi AST) | 9 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 34 | 103 |
| Aġenti kuntrattwali | 3 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 8 | 23 |
| Aġenti temporanji | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 5 | 19 |
| **TOTAL**[120] | 29 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 108 | 323 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Persunal Temporanju (Gradi AD) | 1,575 | 1,856 | 1,931 | 2,008 | 2,088 | 2,172 | 2,259 | 8,910 | 22,799 |
| Aġenti Temporanji (gradi AST) | 0,945 | 1,092 | 1,136 | 1,181 | 1,228 | 1,277 | 1,329 | 4,947 | 13,135 |
| Aġenti kuntrattwali | 0,207 | 0,144 | 0,149 | 0,155 | 0,161 | 0,168 | 0,175 | 0,771 | 1,930 |
| Aġenti temporanji | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 0,140 | 0,143 | 0,145 | 0,149 | 0,152 | 0,155 | 0,157 | 0,408 | 1,449 |

120 L-għadd totali ta' FTEs tal-Impriżi Konġunti kollha stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill fil-qafas ta' Orizzont Ewropa se jitnaqqas b'10 FTEs bejn l-2024 u l-2027 wara valutazzjoni tal-effettività tal-operazzjonijiet tal-Impriżi Konġunti filwaqt li jitqies it-titjib fl-effiċjenza li jirriżulta mill-istabbiliment tal-Back Office Komuni. Għal din il-fini, l-LFS riveduta li tkopri l-perjodu 2024-2027 se tiġi ċċirkolata sal-aħħar tal-2023.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | 2,867 | 3,235 | 3,361 | 3,493 | 3,629 | 3,772 | 3,920 | 15,036 | 39,313 |

Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta’ stabbiliment

| Grupp ta’ funzjoni u grad | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD16 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD15 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD14 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AD13 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AD12 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| AD11 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 4 | 5 | 4 | 4 | 4 | 0 |
| AD9 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 3 | 2 | 2 | 2 | 3 | 3 | 0 |
| AD8 | 2 | 3 | 3 | 4 | 5 | 4 | 3 | 2 | 5 | 3 | 3 | 0 |
| AD7 | 3 | 3 | 3 | 4 | 3 | 3 | 3 | 4 | 1 | 1 | 0 | 0 |
| AD6 | 2 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AD5 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 |
| Total AD | 15 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 16 | 15 | 13 | 0 |
| AST11 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 |
| AST9 | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 2 | 0 |
| AST8 | 1 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST7 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 |
| AST6 | 1 | 1 | 1 | 2 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 2 | 2 | 0 |
| AST5 | 2 | 2 | 5 | 4 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 2 | 1 | 0 |
| AST4 | 3 | 3 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| AST3 | 0 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total AST | 9 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 8 | 6 | 0 |
| AST/SC 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total AST/SC | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) – persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp ta’ funzjoni IV | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| Grupp ta’ funzjoni III | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 |
| Grupp ta’ funzjoni II | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Grupp ta’ funzjoni I | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 3 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 0 |

| Esperti Nazzjonali Sekondati | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 1 | 0 | 0 |

### 3.2.3. *Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani tal-Kummissjoni*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt[121]:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

<table>
<tr><th colspan="2">Snin</th><th>2021</th><th>2022</th><th>2023</th><th>2024</th><th>2025</th><th>2026</th><th>2027</th></tr>
<tr><td colspan="9">• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)</td></tr>
<tr><td colspan="2">Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">Delegazzjonijiet</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">Riċerka</td><td>3</td><td>3</td><td>3</td><td>3</td><td>3</td><td>3</td><td>3</td></tr>
<tr><td colspan="9">• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JPD [122]<br>Intestatura 7</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</td><td>- fil-Kwartieri Ġenerali</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>- fid-Delegazzjonijiet</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm [123]</td><td>- fil-Kwartieri Ġenerali</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>- fid-Delegazzjonijiet</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">Riċerka</td><td>2</td><td>2</td><td>2</td><td>2</td><td>2</td><td>2</td><td>2</td></tr>
<tr><td colspan="2">Oħrajn (speċifika)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">TOTAL</td><td>5</td><td>5</td><td>5</td><td>5</td><td>5</td><td>5</td><td>5</td></tr>
</table>

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Ġestjoni tas-Sħubija għall-Idroġenu Nadif |
| Persunal estern | |

121 L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

122 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonist Subaltern fid-Delegazzjonijiet.

123 Sottolimitu għall-persunal estern kopert b'approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu linji "BA").

3.2.4. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

– Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta koperti minn Membri għajr l-Unjoni | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 3,414 | 3,875 | 3,987 | 4,102 | 14,815 | 30,193 |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati[124] | 35,000 | 70,000 | 70,000 | 110,000 | 175,000 | 175,000 | 175,000 | 190,000 | **1,000,000** |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | **35,000** | **70,000** | **70,000** | **113,414** | **178,875** | **178,987** | **178,972** | **204,815** | **1,030,193** |

124 Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet *in natura* jintwerew fit-tabella fis-snin meta jkunu previsti li jiġġarrbu.

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[125] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

125 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA - SISTEMA FERROVJARJA EWROPEA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar is-Sħubija Ewropea Sistema Ferrovjarja tal-Ewropa |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

| |
|---|
| Raggruppament 5 (Klima, Enerġija, Mobilità) |

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

X **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[126]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Is-Sħubija Ewropea Sistema Ferrovjarja tal-Ewropa se tikkontribwixxi għall-kisba taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, għal tranżizzjoni rapida għal sistema ferrovjarja Ewropea aktar attraenti, faċli għall-utenti, kompetittiva, affordabbli, effiċjenti u sostenibbli, u għall-iżvilupp ta' industrija ferrovjarja Ewropea b'saħħitha u kompetittiva globalment. B'mod aktar speċifiku, is-Sħubija se twettaq l-objettivi li ġejjin:

1. Telimina l-ostakli għall-interoperabbiltà u tipprovdi soluzzjonijiet għall-integrazzjoni sħiħa, li jkopru s-sistemi ferrovjarji ta' kontroll, ta' kmand u ta' sinjalar u l-ġestjoni tat-traffiku, il-vetturi, l-infrastruttura u s-servizzi sabiex jinkiseb network ferrovjarju Ewropew b'kapaċità għolja, integrat u reżiljenti. Billi jiġi sfruttat il-potenzjal enormi għad-diġitalizzazzjoni u għall-awtomatizzazzjoni, se jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi sabiex jitnaqqsu l-kostijiet, tiżdied il-kapaċità, u jissaħħu l-flessibbiltà u l-affidabbiltà tiegħu.

2. Iżżid l-attivitajiet tar-R&I relatati mas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u mat-trasport intermodali, sabiex jiġi pprovdut trasport tal-merkanzija bil-ferrovija ekoloġiku u kompetittiv integrat bis-sħiħ fil-katina tal-valur loġistiku. L-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji tal-merkanzija huma fundamentali, iżda anki l-operazzjonijiet, id-deposti u t-terminals intermodali tagħha huma oqsma fejn jistgħu jsiru R&I ulterjuri.

3. Tistabbilixxi ekosistema li tiffaċilita l-interazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati u tagħmel il-kooperazzjoni fi ħdan u bejn il-ktajjen tal-valur aktar effiċjenti. Dan jiżgura li r-riċerka tiġi tradotta f'innovazzjoni ffokata fuq is-suq permezz ta' dimostrazzjoni u implimentazzjoni.

[126] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

4. Tniedi proġetti fuq skala kbira li jappoġġaw it-trasferiment rapidu tal-innovazzjoni għas-suq. Dawn il-proġetti, bħal dimostrazzjonijiet, iġibu flimkien fornituri u utenti tat-teknoloġija.

5. Issaħħaħ l-eċċellenza xjentifika tal-UE u tisfrutta l-potenzjal innovattiv tal-SMEs u tan-negozji ġodda. Dan ikun jipprovdi bażi ta' għarfien xjentifiku avvanzat li tista' tiggwida l-iżvilupp ta' miżuri ta' politika u ta' teknoloġiji essenzjali sabiex tiġi kkatalizzata t-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà tal-emissjonijiet newtrali għall-klima.

L-inizjattiva hija mistennija tibda topera fit-tieni jew fit-tielet trimestru tal-2021 (skont id-data tal-adozzjoni tal-att bażiku uniku mill-Kunsill). L-Impriżi Konġunti huma stabbiliti sabiex joperaw sal-31 ta' Diċembru 2027, bl-aħħar sejħiet tagħhom imnedija sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. F'konformità mal-kriterji għas-Sħubijiet Ewropej fl-Anness III tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, l-att bażiku uniku jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni, għat-tneħħija gradwali u għat-tiġdid tagħhom. Dan jinkludi obbligu għall-Bord ta' Tmexxija sabiex jissottometti pjan għat-tneħħija gradwali tal-Impriża Konġunta mill-finanzjament ta' Orizzont Ewropa u valutazzjoni tal-aktar modalità ta' intervent effettiva permezz ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura bħala parti minn rieżamijiet u minn evalwazzjonijiet perjodiċi.

*1.4.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Il-problemi indirizzati mill-inizjattiva huma ta' natura u ta' firxa li azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE tkun aktar xierqa mill-iżvilupp ta' inizjattivi waħedhom minn Stati Membri individwali. Dan jippermetti sforzi aktar koerenti u koordinati, u jevita duplikazzjoni.

Il-ġbir flimkien u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' riċerka u ta' innovazzjoni fil-livell tal-UE huma opportunità aħjar ta' suċċess, minħabba n-natura tranżnazzjonali tal-infrastruttura u tat-teknoloġiji li għandhom jiġu żviluppati, u wkoll il-ħtieġa li tinkiseb massa suffiċjenti ta' riżorsi. Network Ewropew integrat u kumpless bħall-ferroviji jeħtieġ tweġiba Ewropea: huwa biss permezz ta' riċerka u ta' innovazzjoni ferrovjarji mwettqa b'mod konġunt fil-livell tal-Unjoni li jkun possibbli li jiġu żviluppati kunċetti operazzjonali u soluzzjonijiet diġitali komuni, tinħoloq linja bażi komuni li fuqha jinbnew soluzzjonijiet ġodda u ssir integrazzjoni ma' modi oħrajn tat-trasport u tingħata ħajja ġdida ambizzjuża lill-ferroviji. Jenħtieġ li dan jibbenefika minn sforz konġunt immexxi mill-politika tal-Unjoni sabiex jippermetti l-kollaborazzjoni fost l-atturi minn madwar l-Ewropa u tul il-katina tal-valur sabiex jiġi ddefinit programm integrat li jirrifletti l-ħtiġijiet ta' sistema kumplessa mfassla sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-suq, u sabiex l-objettivi jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod rapidu u mmirat.

Il-valur miżjud tal-UE jiġi minn approċċ sistemiku għall-evoluzzjoni tal-ferroviji, permezz tat-twaqqif ta' żewġ pilastri integrati, minn naħa waħda, sabiex jiġu definiti l-kunċetti, l-arkitettura u tiġi vvalidata s-soluzzjoni, u min-naħa l-oħra sabiex jitfasslu, jiġu esplorati u jinħolqu s-soluzzjonijiet teknoloġiċi u operazzjonali meħtieġa li jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq u tal-politika li qed jevolvu. Is-sħubija se tiffoka fuq l-iżvilupp tas-sistemi fil-qalba tan-network; elementi oħrajn fejn ma tkun meħtieġa l-ebda standardizzazzjoni jistgħu jitħallew aktar faċilment għal riċerka kompetittiva fil-livell tal-kumpaniji.

Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati b'mod ulterjuri fid-dokument ta' Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta.

*1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Għadd ta' oqsma għal titjib ġew identifikati fl-evalwazzjoni interim tal-predeċessur, l-Impriża Konġunta S2R, fil-qafas ta' Orizzont 2020, bħall-ħtieġa ta' aġenda ta' riċerka aktar ibbilanċjata, filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet soċjetali u operazzjonali li qed taffaċċa l-industrija ferrovjarja u jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tal-operaturi tal-merkanzija.

Barra minn hekk, hemm bżonn ta' enfasi akbar fuq proġetti ta' dimostrazzjoni sabiex titjieb l-adozzjoni mis-suq tal-outputs tar-R&I. Dan jeħtieġ bidla lejn aktar attivitajiet ta' R&I fit-TRL 7-9, li hija bidla sinifikanti mill-fokus fuq it-TRL 1-6 fil-qafas ta' Orizzont 2020. Barra minn hekk, jenħtieġ li s-sinerġiji ma' inizjattivi oħra jiġu sfruttati aħjar, b'mod partikolari fid-dawl tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ewlenin bħas-settur diġitali fis-settur tat-trasport kollu u b'mod aktar mifrux.

Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta S2R għenet sabiex jiġu identifikati l-oqsma fejn hemm il-ħtieġa li l-attivitajiet tar-R&I jiġu allinjati aħjar mal-ħtiġijiet ta' settur kompetittiv u kkonfermat il-ħtieġa li tiġi żviluppata viżjoni komuni għall-evoluzzjoni teknika futura. B'mod partikolari, l-esperjenza wriet il-ħtieġa li fil-futur tingħata enfasi fuq kwistjonijiet tas-sistema minflok fuq titjib inkrementali għal partijiet tas-sistema ferrovjarja kumplessa fejn l-istandardizzazzjoni pan-Ewropea hija vitali.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-Sħubijiet Ewropej kollha jeħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni u/jew attivitajiet konġunti ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex jiġi żgurat l-aħjar livell ta' interkonnessjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji effettivi. F'konformità ma' dan, l-Att Bażiku Uniku huwa żviluppat madwar il-prinċipju ewlieni li l-kollaborazzjoni mill-qrib u s-sinerġiji bejn l-Impriżi Konġunti u l-inizjattivi rilevanti fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari Sħubijiet Ewropej oħra, se jkunu kruċjali sabiex jinkiseb impatt akbar u jiġi żgurat l-użu tar-riżultati. F'dan ir-rigward, l-Att Bażiku Uniku (L-Ewwel Parti, dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Impriża Konġunti kollha) jiffaċilita sinerġiji permezz ta' għadd kbir ta' dispożizzjonijiet operattivi.

Jistgħu jiġu previsti rabtiet ma' Sħubijiet Ewropej kandidati oħrajn, bħal: ECSEL u 5G għad-diġitalizzazzjoni u għall-awtomatizzazzjoni, l-Idroġenu Nadif u l-Batteriji bħala alternattivi għall-ferroviji li jaħdmu bid-diżil u għal kunċett ġdid ta' vetturi tal-merkanzija awtonomi, ATM għall-kunċett relatat mal-arkitettura tas-sistema funzjonali, Avjazzjoni Nadifa fir-rigward ta' materjali u ta' strutturi ġodda u sħubijiet oħrajn tat-trasport li jikkonċernaw interfaċċi ma' modi oħrajn u l-multimodalità, bħas-Sħubija dwar il-Mobilità Kooperattiva, Konnessa u Awtomatizzata (CCAM).

Jistgħu jiġu stabbiliti sinerġiji u kooperazzjoni mal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) (eż. mal-KKI dwar il-mobilità urbana, l-enerġija u l-klima) sabiex jiżdiedu d-dimostrazzjonijiet u jiġi ffaċilitat il-varar tat-teknoloġiji. Barra minn hekk, jistgħu jiġu stabbiliti sinerġiji u kooperazzjoni mal-Missjonijiet, b'mod partikolari dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Bliet Intelliġenti. Jenħtieġ li s-Sħubija kandidata dwar is-Sistema Ferrovjarja tal-Ewropa tkun tista' tesplora opportunitajiet

għal finanzjament fil-qafas tad-DEP, tal-FNE, tal-FEŻR u tal-FK u tistabbilixxi dispożizzjonijiet għal sinerġiji sistemiċi ma' mekkaniżmi ta' finanzjament eżistenti.

Barra minn hekk, l-inizjattiva tkun tista' tirrappreżenta wkoll l-interessi tal-komunità ferrovjarja tar-riċerka u tal-innovazzjoni f'diskussjonijiet ma' istituzzjonijiet Ewropej rilevanti oħrajn, pereżempju l-Bank Ewropew tal-Investiment.

Il-monitoraġġ tas-sinerġiji u tal-kollaborazzjoni se jsir permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività.

### 1.5. Durata u impatt finanzjarju

X **durata limitata**

- X fis-seħħ mill-01 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 (dati tentattivi)
- X Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2030 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[127]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

X **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;
- X lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| / |

[127] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

F'konformità mar-regolament dwar Orizzont Ewropa, is-sħubija għandha tadotta sistema ta' monitoraġġ li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45, fl-Anness III u fl-Anness V tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u tikkontribwixxi għall-istess bażi tad-*data* unika bħall-komponenti l-oħrajn ta' Orizzont Ewropa. Is-sistema ta' rapportar u ta' monitoraġġ għandha tipprovdi *data* importanti dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni (inkluża mikrodata fil-livell ta' entitajiet individwali), tippermetti li jiġi traċċat il-progress skont il-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt (inkluż il-progress sabiex jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE), u l-kriterji ta' sħubija. Is-sħubija għandha tirrapporta fuq indikaturi speċifiċi (li mhumiex koperti mill-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt) li jippermettu li jiġi traċċat il-progress li jkun sar f'terminu qasir, medju u twil fl-ilħuq tal-viżjoni u tal-objettivi speċifiċi u operazzjonali tas-sħubija kif stabbilit fir-Regolament li jistabbilixxi s-Sħubija, inkluż dwar il-miri stabbiliti sal-2030. L-indikaturi, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġiji għandhom jippermettu valutazzjoni matul iż-żmien tal-kisbiet, il-progress fl-impatti, inkluż it-twettiq ta' objettivi tal-politika tal-UE, u l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet potenzjali għal miżuri korrettivi. Jenħtieġ li tikkunsidra kemm *data* kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, tidentifika r-responsabbiltajiet għall-ġbir tad-*data*, u tistabbilixxi approċċi konkreti għall-iżvilupp ta' linja bażi, ta' miri u/jew ta' parametri referenzjarji realistiċi sabiex jiġi identifikat il-progress, fejn rilevanti, u f'konformità mal-approċċ tal-impatt ta' Orizzont Ewropa. L-informazzjoni kollha miġbura għandha tiġi pprovduta fi kważi ħin reali lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' mudelli komuni tad-*data* u tiddaħħal f'bażi tad-*data* unika kif speċifikat fl-Artikolu 45 ta' Orizzont Ewropa.

Għal dik il-fini, għandhom jiġu stabbiliti sistemi ta' rapportar xierqa sabiex jappoġġaw rapportar kontinwu u trasparenti, inkluż dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* impenjati u fil-fatt ipprovduti, dwar viżibbiltà u pożizzjonament fil-kuntest internazzjonali, dwar impatt fuq ir-riskji relatati mar-riċerka u mal-innovazzjoni tal-investimenti tas-settur privat. Jenħtieġ li r-rapportar ikun konformi mal-obbligi standard ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa. L-iżvilupp tas-sistemi ta' rapportar fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinvolvi wkoll lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-sħubija sabiex jiġu żgurati s-sinkronizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' rapportar u ta' monitoraġġ, inkluż dwar id-diviżjoni tal-kompiti ta' ġbir u rapportar tad-*data*. Is-sistema ta' rapportar fil-livell tal-proġetti għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti ffinanzjati, ir-riżultati tagħhom, id-diffużjoni u l-użu tagħhom minn gruppi fil-mira ewlenin, u d-differenza ġenerali li qed jagħmlu għax-xjenza, għall-ekonomija, għas-soċjetà u/jew għall-ambjent, f'konformità mal-objettivi tal-proġetti u mal-impatti mmirati. Jenħtieġ li dan jiġi kkomplementat minn *data* rilevanti dwar il-valur miżjud u l-impatt tas-sħubija fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Jeħtieġ li jiġi żgurat mekkaniżmu xieraq ta' kondiviżjoni tad-*data* b'bażijiet tad-*data* komuni ta' monitoraġġ u ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa.

## 2.2. Is-Sħubijiet Ewropej għandhom jiġu evalwati skont il-qafas ta' evalwazzjoni ta' Orizzont Ewropa, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tiegħu. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li l-Impriża Konġunta ER hija sħubija pubblika-privata b'parti mill-finanzjament miġjub fil-forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri għajr l-Unjoni.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għall-Impriża Konġunta ER se tittieħed permezz tal-Baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta ER se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim ta' Trasferiment ta' Fondi mal-Impriża Konġunta ER, u mal-ħruġ, mill-Impriża Konġunta, ta' talbiet għal pagamenti korrispondenti lill-membri għajr l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta ER jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. F'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-Impriża Konġunta ER għandha tikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Mudell tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Impriża Konġunta. Kwalunkwe deroga minn dan il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju, meħtieġa għall-fini tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Impriża Konġunta, għandha tkun soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż permezz tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta ER, kif ukoll l-arranġamenti ta' rapportar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità Baġitarja.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-Impriża Konġunta ER huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li tal-anqas joffru garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;
- proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u għat-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti matul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq 100 % tal-pretensjonijiet, inklużi r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditjar u ta' ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- awditi *ex post* fuq kampjun ta' pretensjonijiet bħala parti mill-awditi *ex post* ta' Orizzont Ewropa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett

### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew stabbiliti diversi miżuri sabiex itaffu r-riskju inerenti ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta ER, speċjalment:

- voti ndaqs għall-Kummissjoni u għall-membri għajr l-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija, b'70 % tal-voti meħtieġa għal deċiżjoni: huwa propost limitu aktar baxx ta' 55 %

għall-Pilastru tas-Sistema (sabiex il-Kummissjoni jkollha aktar flessibbiltà fid-deċiżjoni – din il-parti tal-programm fil-biċċa l-kbira se tiġi ffinanzjata mill-Kummissjoni), u għal riċerka ta' TRL baxx,

- l-għażla tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni,
- indipendenza tal-persunal,
- evalwazzjonijiet minn esperti indipendenti bbażati fuq kriterji tal-għażla ppubblikati flimkien ma' mekkaniżmi ta' appell u ma' dikjarazzjonijiet sħaħ ta' kwalunkwe interess,
- rekwiżit biex il-Bord ta' Tmexxija jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fl-Impriża Konġunta f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

L-istabbiliment ta' valuri etiċi u organizzattivi se jkun wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Impriża Konġunta, u se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ER, bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, se jkun meħtieġ jintroduċi sistema kosteffettiva ta' kontroll intern u ta' ġestjoni. Huwa se jkun meħtieġ jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern adottat.

Il-Kummissjoni se timmonitorja r-riskju ta' nuqqas ta' konformità permezz tas-sistema ta' rapportar li se tiżviluppa, kif ukoll billi ssegwi r-riżultati tal-awditi *ex post* fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE mill-Impriża Konġunta ER, bħala parti mill-awditi *ex post* li jkopru l-Orizzont Ewropa kollu.

Hemm bżonn ċar li l-baġit jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effettiv, u li jiġu evitati l-frodi u l-ħela. Madankollu, is-sistema ta' kontroll jeħtieġ li ssib bilanċ ġust bejn il-kisba ta' rata ta' errur aċċettabbli u l-piż ta' kontroll meħtieġ u l-evitar tat-tnaqqis tal-attraenza tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' errur (mal-pagament u mal-għeluq)*

Peress li r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' Orizzont Ewropa applikabbli għall-Impriża Konġunta ER huma simili għal dawk li l-Kummissjoni se tuża fil-Programm ta' Ħidma tagħha, u b'popolazzjoni ta' benefiċjarji bi profil tar-riskju simili għal dawk tal-Kummissjoni, jista' jkun mistenni li l-marġni ta' errur se jkun simili għal dak previst mill-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, jiġifieri li tingħata assigurazzjoni raġonevoli li r-riskju ta' errur matul il-perjodu tan-nefqa pluriennali huwa, fuq bażi annwali, fi ħdan medda ta' 2-5 %, bl-għan aħħari li tinkiseb rata ta' errur residwu kemm jista' jkun qrib it-2 % fl-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba jitqies l-impatt finanzjarju tal-awditi, tal-korrezzjonijiet u tal-miżuri ta' rkupru kollha.

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa għad-dettalji sħaħ tar-rata ta' errur mistennija fir-rigward tal-parteċipanti.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-proċeduri għall-ġlieda kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni jiġu applikati mill-Impriża Konġunta ER.

Il-proposti li jikkonċernaw l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa kienu soġġetti għal verifika tal-protezzjoni kontra l-frodi u għal valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi akbar fuq l-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi msaħħa.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ bl-għan li tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interess finanzjarju tal-Unjoni jkun protett bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

L-Assoċjazzjoni tal-EDCTP diġà tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-frodi u mal-irregolarità. Il-Kummissjoni se tiżgura li dan se jkompli u jissaħħaħ.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, fuq il-kuntratturi u fuq is-sottokuntratturi kollha li jirċievu fondi tal-Unjoni fil-qafas tal-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk seħħx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni. L-Impriżi Konġunti se jkollhom ukoll jaderixxu mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, bl-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa ġdida/ġodda proposta/i

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Intestatura 1**<br>**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali – Orizzont Ewropa** | Diff./Mhux diff.[128] | minn pajjiżi tal-EFTA[129] | mill-pajjiżi kandidati[130] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 01 02 02 53 –Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

128 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

129 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

130 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

* Il-kontribuzzjoni għal din il-linja baġitarja hija mistennija li tiġi minn:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn (f’miljuni ta’ EUR aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Linja baġitarja** | **Sena 2021** | **Sena 2022** | **Sena 2023** | **Sena 2024** | **Sena 2025** | **Sena 2026** | **Sena 2027** | **Wara l-2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa relatata ma’ uffiċjali u ma’ persunal temporanju li jimplimentaw “Orizzont Ewropa” — Riċerka indiretta 01 01 01 01 | | | | | | | | | |
| Persunal estern li jimplimenta “Orizzont Ewropa” — Riċerka indiretta 01 01 01 02 | | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta’ ġestjoni għal “Orizzont Ewropa” — Riċerka indiretta 01 01 01 03 | | | | | | | | | |
| Raggruppament Klima, Enerġija u Mobilità - 01 02 02 50 | 73,000 | 93,000 | 94,000 | 107,000 | 94,000 | 80,000 | 59,000 | | **600,000** |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| **Nefqa totali** | 73,000 | 93,000 | 94,000 | 107,000 | 94,000 | 80,000 | 59,000 | | **600,000** |

Impatt stmat fuq in-nefqa

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **1** | **Intestatura Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**<br>Orizzont Ewropa |

| **Impriża Konġunta**[131][132] | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027**[133] | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1 | Impenji | (1) | 0,909 | 1,816 | 1,852 | 1,891 | 1,928 | 1,965 | 7,418 | | 17,779 |
| | Pagamenti | (2) | 0,909 | 1,816 | 1,852 | 1,891 | 1,928 | 1,965 | 2,004 | 5,414 | 17,779 |
| Titolu 2 | Impenji | (1a) | 0,259 | 0,541 | 0,552 | 0,574 | 0,609 | 0,659 | 3,027 | | 6,221 |
| | Pagamenti | (2 a) | 0,259 | 0,541 | 0,552 | 0,574 | 0,609 | 0,659 | 0,672 | 2,355 | 6,221 |
| Titolu 3 | Impenji | (3 a) | 71,832 | 90,643 | 91,596 | 104,535 | 91,463 | 77,376 | 48,555 | | 576,000 |
| | Pagamenti | (3b) | 11,832 | 97,643 | 71,596 | 70,535 | 84,463 | 78,376 | 84,324 | 77,231 | 576,000 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-Impriża Konġunta** | Impenji | =1+1a +3a | 73,000 | 93,000 | 94,000 | 107,000 | 94,000 | 80,000 | 59,000 | | 600,000 |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | 13,000 | 100,000 | 74,000 | 73,000 | 87,000 | 81,000 | 87,000 | 85,000 | 600,000 |

[131] L-ammonti fit-Titoli 1 u 2 jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tal-UE (sa EUR XX) għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta. Il-parti l-oħra li jifdal tiġi minn kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħrajn tal-Impriża Konġunta kif muri fit-taqsima 3.2.4.

[132] L-approprjazzjonijiet ta' pagament għat-Titoli 1 u 2 huma bbażati fuq konsum annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti kollha, filwaqt li għat-Titolu 3 huma ddeterminati billi jitqiesu n-natura tal-azzjonijiet indiretti u l-iskeda ta' pagamenti tagħhom (prefinanzjament, pagamenti interim u pagament tal-bilanċ).

[133] It-Titoli 1 u 2 għas-sena 2027 fihom l-impenji għas-sena u l-frontloading tal-impenji għas-snin li jifdal tal-Impriża konġunta fil-perjodu 2027-20XX.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **DĠ MOVE** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani[134] | | 0,493 | 0,503 | 0,513 | 0,524 | 0,534 | 0,545 | 0,556 | | **3,668** |
| Nefqa amministrattiva oħra[135] | | 0,132 | 0,142 | 0,145 | 0,148 | 0,151 | 0,154 | 0,157 | | **1,029** |
| **TOTAL TAD-DĠ** | Approprjazzjonijiet | 0,625 | 0,645 | 0,658 | 0,672 | 0,685 | 0,699 | 0,713 | | **4,697** |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-pakkett tal-Programm - Intestatura 1** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 73,625 | 93,645 | 94,658 | 107,672 | 94,685 | 80,699 | 59,713 | | 604,697 |
| | Pagamenti | 13,625 | 100,645 | 74,658 | 73,672 | 87,685 | 81,699 | 87,713 | 85,000 | 604,697 |

134 Li jkopru l-amministrazzjoni tal-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa. Il-kostijiet tal-FTE huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju tal-Uffiċjali/Persunal Temporanju (EUR 152,000) u tal-Aġenti Kuntrattwali (EUR 86,000) tal-persunal. L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

135 In-nefqa amministrattiva l-oħra tinkludi kemm il-kostijiet tal-infrastruttura kif ukoll il-kostijiet marbutin mal-missjonijiet.

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | | | | | | | | | |

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 73,625 | 93,645 | 94,658 | 107,672 | 94,685 | 80,699 | 59,713 | | 604,697 |
| | Pagamenti | 13,625 | 100,645 | 74,658 | 73,672 | 87,685 | 81,699 | 87,713 | 85,000 | 604,697 |

3.2.2. *Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Impriża Konġunta*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Numri ta' persunal (f'għadd ta' persuni / FTE)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 11,0 | |
| Aġenti temporanji | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 7,0 | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 0 | |
| **TOTAL**[136] | 29 | 29 | 29 | 29 | 29 | 29 | 29 | 18,0 | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 0,680 | 1,360 | 1,387 | 1,415 | 1,443 | 1,472 | 1,502 | 4,056 | 13,315 |
| Aġenti temporanji | 0,819 | 1,637 | 1,669 | 1,703 | 1,737 | 1,771 | 1,807 | 5,223 | 16,366 |

136 L-għadd totali ta' FTEs tal-Impriżi Konġunti kollha stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill fil-qafas ta' Orizzont Ewropa se jitnaqqas b'10 FTEs bejn l-2024 u l-2027 wara valutazzjoni tal-effettività tal-operazzjonijiet tal-Impriżi Konġunti filwaqt li jitqies it-titjib fl-effiċjenza li jirriżulta mill-istabbiliment tal-Back Office Komuni. Għal din il-fini, l-LFS riveduta li tkopri l-perjodu 2024-2027 se tiġi ċċirkolata sal-aħħar tal-2023.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 0,060 | 0,120 | 0,122 | 0,125 | 0,127 | 0,130 | 0,132 | 0,027 | 0,843 |
| **TOTAL** | **1,559** | **3,117** | **3,178** | **3,243** | **3,307** | **3,373** | **3,441** | **9,306** | **30,524** |

Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta' stabbiliment

| Grupp ta' funzjoni u grad | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD16 | | | | | | | | | | | | |
| AD15 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | | 1 | 1 | 0 |
| AD14 | | | | | | 1 | 1 | 1 | 1 | | | |
| AD13 | | | | | | | | | | | | |
| AD12 | | | | | | | | | 2 | 2 | 2 | 0 |
| AD11 | | | | | 2 | 2 | 2 | 2 | 1 | 1 | | |
| AD10 | 2 | 2 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | 0 |
| AD9 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | |
| AD8 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | | 3 | 2 | 2 | 0 |
| AD7 | | | | | 4 | 4 | 4 | 4 | | | | 0 |
| AD6 | 4 | 4 | 4 | 4 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | 0 |
| AD5 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | | | | | |
| Total AD | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 7 | 6 | 5 | 0 |
| AST11 | | | | | | | | | | | | |
| AST10 | | | | | | | | | | | | |
| AST9 | | | | | | | | | | | | |
| AST8 | | | | | | | | | | | | |
| AST7 | | | | | | | | | | | | |
| AST6 | | | | | | | | | | | | |
| AST5 | | | | | | | | | | | | |
| AST4 | | | | | | | | | | | | |
| AST3 | | | | | | | | | | | | |
| AST2 | | | | | | | | | | | | |
| AST1 | | | | | | | | | | | | |
| Total AST | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AST/SC 6 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 5 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 4 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 3 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 2 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 1 | | | | | | | | | | | | |
| Total AST/SC | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) – persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp ta' funzjoni IV | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 | 10 | 8 | 6 | |
| Grupp ta' funzjoni III | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | |
| Grupp ta' funzjoni II | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| Grupp ta' funzjoni I | | | | | | | | | | | | |
| Total | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 11 | 9 | 7 | 0 |

| Esperti Nazzjonali Sekondati | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

*3.2.3. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani tal-Kummissjoni*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt[137]:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| **Snin** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | | | | | | | |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JPD** [138]<br>Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm [139] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **5** | **5** | **5** | **5** | **5** | **5** | **5** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Diversi kompiti relatati ma':<br>• Segwitu tekniku tal-progress fi ħdan l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta;<br>• Monitoraġġ tal-progress tal-programm ta' riċerka tal-Impriża Konġunta;<br>• Monitoraġġ tar-rispett għall-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni;<br>• Rappreżentazzjoni tal-KE fil-Bord ta' Tmexxija tas-sħubija;<br>• Definizzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Bord ta' Tmexxija (dritt tal-vot / ta' veto);<br>• Kompiti amministrattivi relatati mal-Governanza tas-sħubija, inklużi kwistjonijiet finanzjarji, legali, tal-HR jew relatati mal-awditjar;<br>• Kollegament mal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, u mal-Kumitat tal-Programm tat-Trasport;<br>• Osservazzjoni ta' Sejħiet għal Proposti, ta' Sejħiet għal Offerti u ta' ammissjoni ta' Membri ġodda; |

137 L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

138 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonist Subaltern fid-Delegazzjonijiet.

139 Sottolimitu għall-persunal estern kopert b'approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu linji "BA").

| | |
|---|---|
| | • Parteċipazzjoni f'laqgħat tas-sottogruppi u tal-gruppi ta' ħidma. |
| Persunal estern | |

3.2.4. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

– Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta koperti minn Membri għajr l-Unjoni | 1,168 | 2,357 | 2,404 | 2,465 | 2,537 | 2,624 | 2,676 | 7,769 | **24,000** |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati [140] | 6,000 | 43,000 | 80,000 | 88,000 | 88,000 | 88,000 | 88,000 | 145,000 | **626,000** |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | 7,168 | 45,357 | 82,404 | 90,465 | 90,537 | 90,624 | 90,676 | 152,769 | **650,000** |

[140] Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet *in natura* jintwerew fit-tabella fis-snin meta jkunu previsti li jiġġarrbu.

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[141] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

141 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA - EDCTP3**

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 |

## 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

| |
|---|
| Raggruppament 1 ta' Orizzont Ewropa |

## 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[142]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

X **fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

## 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.4.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Objettivi ġenerali (objettivi fit-tul) tal-inizjattiva:

• Li tnaqqas il-piż soċjoekonomiku tal-mard infettiv fl-Afrika sub-Saħarjana permezz tal-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji tas-saħħa ġodda jew imtejba kontra mard infettiv;

• Li żżid is-sigurtà tas-saħħa fl-Afrika sub-Saħarjana u globalment billi ssaħħaħ il-kapaċitajiet ibbażati fuq ir-R&I għat-tħejjija u għar-rispons għall-kontroll tal-mard infettiv.

Objettivi speċifiċi tal-inizjattiva:

1. Li tavvanza l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji tas-saħħa ġodda jew imtejba sabiex jiġi indirizzat il-mard infettiv billi tappoġġa t-twettiq ta' provi kliniċi fl-Afrika sub-Saħarjana.

• Mira: sa tmiem l-inizjattiva, li jkun sar progress sabiex tinħareġ liċenzja għal tal-anqas 2 teknoloġiji tas-saħħa ġodda jew imtejba fil-qasam tal-mard infettiv; li tingħata evidenza sabiex ikunu jistgħu jinħarġu 30 linji gwida għal użu mtejjeb jew estiż ta' teknoloġiji tas-saħħa eżistenti; u li jkun sar progress fl-iżvilupp kliniku ta' madwar 30 teknoloġija tas-saħħa kandidati.

2. Li tiffaċilita allinjament aħjar tal-finanzjaturi tar-R&I madwar aġenda strateġika komuni ta' riċerka u innovazzjoni sabiex tiżdied il-kosteffettività tal-investimenti pubbliċi Ewropej.

• Mira: sal-aħħar tal-inizjattiva li tkun nediet azzjonijiet konġunti ma' finanzjaturi pubbliċi u privati oħrajn, u tkun żiedet il-baġit tal-azzjonijiet konġunti

[142] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

għal tal-anqas EUR 400 miljun meta mqabbel ma' EUR 300 miljun fil-qafas tal-EDCTP2.

3. Li ssaħħaħ il-kapaċità ta' riċerka u ta' innovazzjoni u s-sistemi nazzjonali tar-riċerka dwar is-saħħa fl-Afrika sub-Saħarjana sabiex jiġi indirizzat il-mard infettiv.

• Mira: sa tmiem l-inizjattiva, li tkun appoġġat tal-anqas 50 azzjoni ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ u tal-anqas 250 fellowship, b'mod li jsaħħaħ l-ambjent għat-twettiq ta' provi kliniċi fil-pajjiżi sub-Saħarjana, u f'konformità mal-prinċipji etiċi fundamentali u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali rilevanti.

4. Li ssaħħaħ il-kapaċità fl-Afrika sub-Saħarjana għat-tħejjija għall-epidemiji permezz ta' rispons effettiv u rapidu għar-riċerka sabiex jiġu żviluppati dijanjostika, vaċċini u terapiji essenzjali għall-identifikazzjoni bikrija u għall-kontroll ta' mard (ri)emerġenti b'potenzjal epidemiku.

• Mira: sa tmiem l-inizjattiva, li tkun saħħet l-istat ta' tħejjija ta' 100 istitut ta' riċerka f'tal-anqas 30 pajjiż sub-Saħarjan għal rispons ta' riċerka effettiv u rapidu sabiex jiġu żviluppati dijanjostika, vaċċini u terapiji essenzjali bl-għan li jiġu indirizzati epidemiji riemerġenti f'konformità mar-regolamenti internazzjonali tas-saħħa.

L-inizjattiva hija mistennija tibda topera fit-tieni jew fit-tielet trimestru tal-2021 (skont id-data tal-adozzjoni tal-Att Bażiku Uniku mill-Kunsill). L-Impriżi Konġunti huma stabbiliti sabiex joperaw sal-31 ta' Diċembru 2027, bl-aħħar sejħiet tagħhom imnedija sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. F'konformità mal-kriterji għas-Sħubijiet Ewropej fl-Anness III tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, l-Att Bażiku Uniku jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni, għat-tneħħija gradwali u għat-tiġdid tagħhom. Dan jinkludi obbligu għall-Bord ta' Tmexxija sabiex jissottometti pjan għat-tneħħija gradwali tal-Impriża Konġunta mill-finanzjament ta' Orizzont Ewropa u valutazzjoni tal-aktar modalità ta' intervent effettiva permezz ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura bħala parti minn rieżamijiet u minn evalwazzjonijiet perjodiċi.

### 1.4.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*):

Il-problemi indirizzati mill-inizjattiva huma ta' natura u ta' firxa li azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE tkun aktar xierqa mill-iżvilupp ta' inizjattivi waħedhom minn Stati Membri individwali. Dan jippermetti sforzi aktar koerenti u koordinati, u jevita duplikazzjoni.

Azzjoni koordinata u koerenti tal-UE tgħin sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni attwali tar-riċerka u tgħin sabiex jinġabru massa kritika ta' organizzazzjonijiet u l-investiment meħtieġ sabiex tiġi indirizzata din l-isfida importanti tas-saħħa globali. Azzjoni koordinata żżid l-impatt u l-kosteffettività tal-attivitajiet u tal-investimenti Ewropej.

Valur miżjud ġġenerat mistenni tal-Unjoni (*ex post*):

L-inizjattiva kandidata tkun tiffaċilita wkoll il-kollaborazzjoni u r-rispons strateġiku għall-mard infettiv eżistenti u emerġenti billi taġixxi bħala intermedjarju u sensar tal-għarfien b'mod li jkun diffiċli li jinkiseb għal kwalunkwe attur jew inizjattiva

nazzjonali. Barra minn hekk, minħabba r-rwol qawwi li l-EDCTP diġà kellha fl-arena globali tar-riċerka fis-saħħa sa mit-twaqqif tiegħu fl-2003, l-inizjattiva l-ġdida jkollha vantaġġ kompetittiv billi tibni fuq is-suċċess tal-EDCTP.

Il-pajjiżi tal-Afrika sub-Saħarjana huma partijiet ikkonċernati b'saħħithom tal-EDCTP, u l-inizjattiva l-ġdida tkun toffri pjattaforma tajba għal ġbir aħjar tar-riżorsi u għal interazzjoni aktar profonda bejn il-pajjiżi Ewropej u Afrikani.

Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati b'mod ulterjuri fid-dokument ta' Valutazzjoni tal-Impatt meħmuż ma' din il-proposta.

*1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-predeċessur ta' din l-Impriża Konġunta, EDCTP2, ġie implimentat bħala sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 185 matul Orizzont 2020. L-evalwazzjoni interim indipendenti tal-programm EDCTP2 ikkonkludiet li l-EDCTP kienet "għamlet progress importanti fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni u tas-sħubija bejn il-pajjiżi Ewropej u l-pajjiżi Afrikani sub-Saħarjani u fl-iżvilupp tal-kapaċità ta' provi kliniċi u fl-iżvilupp tal-karrieri xjentifiċi fl-Afrika". L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 se tkompli tibni fuq il-kapaċità li hija stabbilita. Analiżi SWOT tal-programm preċedenti tal-EDCTP enfasizzat il-ħtieġa li tiġi estiża l-firxa ta' sħab, f'kollaborazzjoni ma' finanzjaturi privati bħall-għaqdiet filantropiċi u l-kumpaniji farmaċewtiċi għal inizjattivi konġunti ta' finanzjament u għal skemi ta' kofinanzjament. L-istabbiliment tal-Impriża Konġunta se jagħmel dawn l-approċċi ta' finanzjament mal-finanzjaturi privati aktar flessibbli.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-Sħubijiet Ewropej kollha jeħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni u/jew attivitajiet konġunti ma' inizjattivi rilevanti oħrajn ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex jiġi żgurat livell ottimali ta' interkonnessjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji effettivi. F'konformità ma' dan, l-Att Bażiku Uniku huwa żviluppat madwar il-prinċipju ewlieni li l-kollaborazzjoni mill-qrib u s-sinerġiji bejn l-Impriżi Konġunti u l-inizjattivi rilevanti fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari Sħubijiet Ewropej oħra, se jkunu kruċjali sabiex jinkiseb impatt akbar u jiġi żgurat l-użu tar-riżultati. F'dan ir-rigward, l-Att Bażiku Uniku (l-Ewwel Parti, dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Impriżi Konġunti kollha) jiffaċilita sinerġiji permezz ta' għadd kbir ta' dispożizzjonijiet operattivi

Fil-qafas ta' H2020, dan sarraf f'kooperazzjoni ma':

Inizjattiva ta' Programmazzjoni Konġunta dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (JPAMR), l-Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi (IMI) u l-mekkaniżmu tal-Bank Ewropew tal-Investiment InnovFin.

Fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, dan se jissarraf f'kooperazzjoni ma':

l-Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI), is-sħubija "Saħħa Waħda" dwar l-AMR u self tal-BEI pprovdut mill-EuropeInvest tal-futur

Il-monitoraġġ tas-sinerġiji u tal-kollaborazzjoni se jitwettaq permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività

1.5. **Durata u impatt finanzjarju**

X **durata limitata**

– fis-seħħ mill-01 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Diċembru 2031

– Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-aħħar tal-attivitajiet (l-aħħar pagament) għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. **Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)**[143]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

X **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– X lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[143] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet*

F'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-sħubija għandha tadotta sistema ta' monitoraġġ li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45, fl-Anness III u fl-Anness V tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u tikkontribwixxi għall-istess bażi tad-*data* unika bħall-komponenti l-oħrajn ta' Orizzont Ewropa. Is-sistema ta' rapportar u ta' monitoraġġ għandha tipprovdi *data* importanti dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni (inkluża mikrodata fil-livell ta' entitajiet individwali), tippermetti li jiġi traċċat il-progress skont il-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt (inkluż il-progress sabiex jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE), u l-kriterji ta' sħubija. Barra minn hekk, is-sħubija għandha tirrapporta dwar indikaturi speċifiċi (li mhumiex koperti mill-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt) li jippermettu li jiġi traċċat il-progress li sar fit-terminu qasir, medju u twil fl-ilħuq tal-viżjoni u tal-objettivi speċifiċi u operazzjonali tas-sħubija kif stabbilit fir-Regolament li jistabbilixxi s-Sħubija, inkluż dwar il-miri stabbiliti sal-2030. L-indikaturi, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġiji għandhom jippermettu valutazzjoni matul iż-żmien tal-kisbiet, il-progress fl-impatti, inkluż it-twettiq ta' objettivi tal-politika tal-UE, u l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet potenzjali għal miżuri korrettivi. Jenħtieġ li tikkunsidra kemm *data* kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, tidentifika r-responsabbiltajiet għall-ġbir tad-*data*, u tistabbilixxi approċċi konkreti għall-iżvilupp ta' linja bażi, ta' miri u/jew ta' parametri referenzjarji realistiċi sabiex jiġi identifikat il-progress, fejn rilevanti, u f'konformità mal-approċċ tal-impatt ta' Orizzont Ewropa. L-informazzjoni kollha miġbura għandha tiġi pprovduta fi kważi ħin reali lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' mudelli komuni tad-*data* u tiddaħħal f'bażi tad-*data* unika kif speċifikat fl-Artikolu 45 ta' Orizzont Ewropa.

Għal dik il-fini, għandhom jiġu stabbiliti sistemi ta' rapportar xierqa sabiex jappoġġaw rapportar kontinwu u trasparenti, inkluż dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* impenjati u fil-fatt ipprovduti, dwar viżibbiltà u pożizzjonament fil-kuntest internazzjonali, dwar impatt fuq ir-riskji relatati mar-riċerka u mal-innovazzjoni tal-investimenti tas-settur privat. Jenħtieġ li r-rapportar ikun konformi mal-obbligi standard ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa. L-iżvilupp tas-sistemi ta' rapportar fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinvolvi wkoll lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-sħubija sabiex jiġu żgurati s-sinkronizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' rapportar u ta' monitoraġġ, inkluż dwar id-diviżjoni tal-kompiti ta' ġbir u rapportar tad-*data*. Is-sistema ta' rapportar fil-livell tal-proġetti għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti ffinanzjati, ir-riżultati tagħhom, id-diffużjoni u l-użu tagħhom minn gruppi fil-mira ewlenin, u d-differenza ġenerali li qed jagħmlu għax-xjenza, għall-ekonomija, għas-soċjetà u/jew għall-ambjent, f'konformità mal-objettivi tal-proġetti u mal-impatti mmirati. Jenħtieġ li dan jiġi kkomplementat minn *data* rilevanti dwar il-valur miżjud u l-impatt tas-sħubija fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Jeħtieġ li jiġi żgurat mekkaniżmu xieraq ta' kondiviżjoni tad-*data* b'bażijiet tad-*data* komuni ta' monitoraġġ u ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa.

Is-Sħubijiet Ewropej għandhom jiġu evalwati skont il-qafas ta' evalwazzjoni ta' Orizzont Ewropa, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tiegħu

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 hija sħubija pubblika-privata b'parti mill-finanzjament miġjub fil-forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri għajr l-Unjoni.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 se tittieħed permezz tal-Baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim ta' Trasferiment ta' Fondi mal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, u mal-ħruġ, mill-Impriża Konġunta, ta' talbiet għal pagamenti korrispondenti lill-membri għajr l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. F'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandha tikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Mudell tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Impriża Konġunta. Kwalunkwe deroga minn dan il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju, meħtieġa għall-fini tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Impriża Konġunta, għandha tkun soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż permezz tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, kif ukoll l-arranġamenti ta' rapportar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità Baġitarja.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li tal-anqas joffru garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;
- proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u għat-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti matul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq 100 % tal-pretensjonijiet, inklużi r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditjar u ta' ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- awditi *ex post* fuq kampjun ta' pretensjonijiet bħala parti mill-awditi *ex post* ta' Orizzont Ewropa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew stabbiliti diversi miżuri sabiex itaffu r-riskju inerenti ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, speċjalment:

- voti ugwali għall-Kummissjoni u għall-membri għajr l-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija,
- l-għażla tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni,

- indipendenza tal-persunal,
- evalwazzjonijiet minn esperti indipendenti bbażati fuq kriterji tal-għażla ppubblikati flimkien ma' mekkaniżmi ta' appell u ma' dikjarazzjonijiet sħaħ ta' kwalunkwe interess,
- rekwiżit biex il-Bord ta' Tmexxija jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fl-Impriża Konġunta f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

L-istabbiliment ta' valuri etiċi u organizzattivi se jkun wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Impriża Konġunta, u se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, se jkun meħtieġ jintroduċi sistema kosteffettiva ta' kontroll intern u ta' ġestjoni. Huwa se jkun meħtieġ jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern adottat.

Il-Kummissjoni se timmonitorja r-riskju ta' nuqqas ta' konformità permezz tas-sistema ta' rapportar li se tiżviluppa, kif ukoll billi ssegwi r-riżultati tal-awditi *ex post* fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, bħala parti mill-awditi *ex post* li jkopru l-Orizzont Ewropa kollu.

Hemm bżonn ċar li l-baġit jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effettiv, u li jiġu evitati l-frodi u l-ħela. Madankollu, is-sistema ta' kontroll jeħtieġ li ssib bilanċ ġust bejn il-kisba ta' rata ta' errur aċċettabbli u l-piż ta' kontroll meħtieġ u l-evitar tat-tnaqqis tal-attraenza tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' errur (mal-pagament u mal-għeluq)*

Peress li r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' Orizzont Ewropa applikabbli għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 huma simili għal dawk li l-Kummissjoni se tuża fil-Programm ta' Ħidma tagħha, u b'popolazzjoni ta' benefiċjarji bi profil tar-riskju simili għal dawk tal-Kummissjoni, jista' jkun mistenni li l-marġni ta' errur se jkun simili għal dak previst mill-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, jiġifieri li tingħata assigurazzjoni raġonevoli li r-riskju ta' errur matul il-perjodu tan-nefqa pluriennali huwa, fuq bażi annwali, fi ħdan medda ta' 2-5 %, bl-għan aħħari li tinkiseb rata ta' errur residwu kemm jista' jkun qrib it-2 % fl-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba jitqies l-impatt finanzjarju tal-awditi, tal-korrezzjonijiet u tal-miżuri ta' rkupru kollha.

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa għad-dettalji sħaħ tar-rata ta' errur mistennija fir-rigward tal-parteċipanti.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-proċeduri għall-ġlieda kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni jiġu applikati mill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3.

Il-proposti li jikkonċernaw l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa kienu soġġetti għal verifika tal-protezzjoni kontra l-frodi u għal valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi,

speċjalment l-enfasi akbar fuq l-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi msaħħa.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ bl-għan li tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interess finanzjarju tal-Unjoni jkun protett bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

L-Assoċjazzjoni tal-EDCTP diġà tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-frodi u mal-irregolarità. Il-Kummissjoni se tiżgura li dan se jkompli u jissaħħaħ.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, fuq il-kuntratturi u fuq is-sottokuntratturi kollha li jirċievu fondi tal-Unjoni fil-qafas tal-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk seħħx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni. L-Impriżi Konġunti se jkollhom ukoll jaderixxu mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, bl-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa ġdida/ġodda proposta/i

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Intestatura 1**<br>**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali – Orizzont Ewropa** | Diff./Mhux diff.[144] | mill-pajjiżi tal-EFTA[145] | mill-pajjiżi kandidati[146] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| **1** | 01 02 02 12 - Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

144 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
145 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
146 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

* Il-kontribuzzjoni għal din il-linja baġitarja hija mistennija li tiġi minn:
Għall-Impriża Konġunta EDCTP3, huwa previst baġit konservattiv ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fl-aħħar sentejn ta' Orizzont Ewropa (is-snin 2026 u 2027) sabiex jiġi żgurat li l-proġetti tal-provi kliniċi, li spiss ikunu attivitajiet twal u impenjattivi ħafna, ikunu jistgħu jitlestew qabel ma jintemm il-programm.

Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa relatata ma' uffiċjali u ma' persunal temporanju li jimplimentaw "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 01 | `- | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Persunal estern li jimplimenta "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 02 | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Nefqa oħra ta' ġestjoni għal "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 03 | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Raggruppament Saħħa - 01 02 02 10 | 33,336 | 68,135 | 133,830 | 168,339 | 168,406 | 149,474 | 78,480 | - | 800,000 |
| **Nefqa totali** | 33,336 | 68,135 | 133,830 | 168,339 | 168,406 | 149,474 | 78,480 | - | 800,000 |

Impatt stmat fuq in-nefqa

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **1** | **Intestatura Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**<br>Orizzont Ewropa |
|---|---|---|

| **Impriża Konġunta**[147][148] | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027**[149] | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1 | Impenji | (1) | 0,221 | 1,405 | 1,862 | 2,197 | 2,241 | 2,286 | 9,446 | | 19,658 |
| | Pagamenti | (2) | 0,221 | 1,405 | 1,862 | 2,197 | 2,241 | 2,286 | 2,331 | 7,115 | 19,658 |
| Titolu 2 | Impenji | (1a) | 0,115 | 0,730 | 0,968 | 1,142 | 1,165 | 1,188 | 4,912 | | 10,220 |
| | Pagamenti | (2 a) | 0,115 | 0,730 | 0,968 | 1,142 | 1,165 | 1,188 | 1,212 | 3,700 | 10,220 |
| Titolu 3 | Impenji | (3 a) | 33,000 | 66,000 | 131,000 | 165,000 | 165,000 | 146,000 | 64,122 | - | 770,122 |
| | Pagamenti | (3b) | 0 | 29,000 | 43,000 | 71,800 | 85,000 | 85,000 | 110,000 | 346,322 | 770,122 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-** | Impenji | =1+1a +3a | 33,336 | 68,135 | 133,830 | 168,339 | 168,406 | 149,474 | 78,480 | - | 800,000 |

147 L-ammonti fit-Titoli 1 u 2 jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tal-UE (sa EUR 29,878 miljun) għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta. Il-parti l-oħra li jifdal tiġi minn kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħrajn tal-Impriża Konġunta kif muri fit-taqsima 3.2.4.

148 L-approprjazzjonijiet ta' pagament għat-Titoli 1 u 2 huma bbażati fuq konsum annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti kollha, filwaqt li għat-Titolu 3 huma ddeterminati billi jitqiesu n-natura tal-azzjonijiet indiretti u l-iskeda ta' pagamenti tagħhom (prefinanzjament, pagamenti interim u pagament tal-bilanċ).

149 It-Titoli 1 u 2 għas-sena 2027 fihom l-impenji għas-sena u l-*frontloading* tal-impenji għas-snin li jifdal tal-Impriża Konġunta fil-perjodu 2027-2031.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Impriża Konġunta** | Pagamenti | =2+2a +3b | 0,336 | 31,135 | 45,830 | 75,139 | 88,406 | 88,474 | 113,543 | 357,137 | 800,000 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **DĠ RTD** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani[150] (3 uffiċjali + 2 Aġenti Kuntrattwali) | | 0,491 | 0,503 | 0,513 | 0,523 | 0,533 | 0,544 | 0,555 | | 3,662 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0,128 | 0,130 | 0,133 | 0,135 | 0,138 | 0,141 | 0,144 | | 0,949 |
| **TOTAL TAD-DĠ** | Approprjazzjonijiet | 0,619 | 0,633 | 0,646 | 0,658 | 0,671 | 0,685 | 0,699 | - | 4,611 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-pakkett tal-Programm - Intestatura 1** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 33,955 | 68,768 | 134,476 | 168,997 | 169,077 | 150,159 | 79,179 | - | 804,611 |
| | Pagamenti | 0,955 | 31,768 | 46,476 | 75,797 | 89,077 | 89,159 | 114,242 | 357,137 | 804,611 |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |

[150] Li jkopru l-amministrazzjoni tal-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa. Il-kostijiet FTE huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju li għandu jintuża minn Jannar 2021 għas-salarji għall-Persunal Permanenti (EUR 0,127), għall-Aġenti Kuntrattwali (EUR 0,057) u għal kostijiet amministrattivi oħra (EUR 0,0255) b'riferiment għall-bini u għall-kostijiet tal-IT għall-persunal tar-Riċerka Indiretta. Ġie applikat indiċjar annwali ta' 2 % għall-perjodu 2022-27. L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | | | | | | | | | |

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 33,955 | 68,768 | 134,476 | 168,997 | 169,077 | 150,159 | 79,179 | - | 804,611 |
| | Pagamenti | 0,955 | 31,768 | 46,476 | 75,797 | 89,077 | 89,159 | 114,242 | 357,137 | 804,611 |

*3.2.2. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Impriża Konġunta*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Numri ta’ persunal (f’għadd ta’ persuni / FTE)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Persunal temporanju (gradi AD) | 2,7 | 15,0 | 19,0 | 23,0 | 23,0 | 23,0 | 23,0 | 22,0 | 20,0 | 16,0 | 14,0 | 200,7 |
| Persunal temporanju (gradi | 0,3 | 2,0 | 3,0 | 3,0 | 3,0 | 3,0 | 3,0 | 3,0 | 3,0 | 1,0 | 1,0 | 25,3 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AST) | | | | | | | | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 0,3 | 6,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 6,0 | 4,0 | 3,0 | 1,0 | 60,3 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 |
| **TOTAL**[151] | 3,3 | 23,0 | 30,0 | 34,0 | 34,0 | 34,0 | 34,0 | 31,0 | 27,0 | 20,0 | 16,0 | 286,3 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta koperti minn Membri għajr l-Unjoni[190] | 1,984 | 2,123 | 2,196 | 2,258 | 2,287 | 2,327 | 8,915 | - | 22,090 |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | 208,016 | 247,877 | 287,804 | 297,742 | 257,713 | 242,673 | 236,085 | - | 1 777,910 |
| Kontribuzzjonijiet *in* | 291,222 | 347,027 | 402,926 | 416,839 | 360,798 | 339,743 | 330,519 | | 2 489,074 |

190 Fil-każ tal-Impriża Konġunta KDT minbarra l-Kummissjoni, huma biss il-membri privati, u mhux l-Istati Parteċipanti, li se jikkontribwixxu għall-kostijiet amministrattivi.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *natura* mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | 501,222 | 597,027 | 692,926 | 716,839 | 620,798 | 584,743 | 575,519 | - | 4 289,074 |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[191] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

191 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA - RIĊERKA DWAR IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU BL-AJRU TAL-AJRU UNIKU EWROPEW**

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar is-Sħubija Ewropea għal Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) 3. |

## 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

| |
|---|
| Attività: Orizzont Ewropa, Raggruppament 5 (Klima, Enerġija, Mobilità) |

## 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

**☐ azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja[192]**

**X l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

## 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-objettivi ewlenin tal-Impriża Konġunta SESAR 3 huma dawn li ġejjin:

(a) Issaħħaħ u tintegra l-kapaċità ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-UE fis-settur tal-ATM, u tgħin sabiex l-ATM Ewropew tinġieb fl-era diġitali sabiex isir reżiljenti, skalabbli għall-varjazzjonijiet fit-traffiku filwaqt li tippermetti l-operat bla xkiel tal-inġenji tal-ajru kollha,

(b) Issaħħaħ, permezz tal-innovazzjoni, il-kompetittività tat-trasport bl-ajru bl-ekwipaġġ u mingħajr ekwipaġġ fl-UE, u tas-swieq tas-servizzi tal-ATM sabiex tappoġġa t-tkabbir ekonomiku fl-UE;

(c) Tiżviluppa u taċċellera l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi sabiex jiġi stabbilit l-ispazju tal-Ajru Uniku Ewropew bħala l-ajru l-aktar effiċjenti u ekoloġiku għat-titjiriet fid-dinja.

L-inizjattiva hija mistennija tibda topera fit-tieni jew fit-tielet trimestru tal-2021 (skont id-data tal-adozzjoni tal-Att Bażiku Uniku mill-Kunsill). L-Impriżi Konġunti huma stabbiliti sabiex joperaw sal-31 ta' Diċembru 2027, bl-aħħar sejħiet tagħhom imnedija sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. F'konformità mal-kriterji għas-Sħubijiet Ewropej fl-Anness III tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, l-Att Bażiku Uniku jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni, għat-tneħħija gradwali u għat-tiġdid tagħhom. Dan jinkludi obbligu għall-Bord ta' Tmexxija sabiex jissottometti pjan għat-tneħħija gradwali tal-Impriża Konġunta mill-finanzjament ta' Orizzont Ewropa u valutazzjoni tal-aktar modalità ta' intervent effettiva permezz ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura bħala parti minn rieżamijiet u minn evalwazzjonijiet perjodiċi.

[192] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Il-problemi indirizzati mill-inizjattiva huma ta' natura u ta' firxa li azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE tkun aktar xierqa mill-iżvilupp ta' inizjattivi waħedhom minn Stati Membri individwali. Dan jippermetti sforzi aktar koerenti u koordinati, u jevita duplikazzjoni.

**Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)**

Il-kumplessità u l-isfidi affaċċjati mis-sistema tal-ATM fl-Ewropa wasslu għall-intervent tal-Unjoni matul dawn l-aħħar żewġ deċennji:

- L-Ajru Uniku Ewropew stabbilit fl-2004 jiddefinixxi l-kuntest tal-politika;
- Ir-R&I huma kkoordinati mill-Impriża Konġunta SESAR u;
- Il-varar sinkronizzat huwa żgurat permezz ta' Proġetti Komuni.

Rapporti riċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[193][194], sabu li skont il-politika attwali, l-inizjattivi ta' R&I u ta' varar iġġeneraw proċess ta' bidla, iżda li hemm bżonn ta' aktar sforzi sabiex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-modernizzazzjoni tal-ATM: "*Għalhekk, huwa meħtieġ li jitħaffu u jiġu ffokati aħjar l-isforzi fuq it-trasformazzjoni tas-sistema Ewropea tal-ATM f'network diġitali, skalabbli u reżiljenti, permezz ta' approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE*".

Dan jista' jinkiseb biss billi l-ispazju tal-ajru Ewropew jingħaqad f'wieħed u b'hekk tkun tista' ssir ġestjoni tal-ispazju tal-ajru aktar effiċjenti, li kapaċi tindirizza n-nuqqas ta' kapaċità, tnaqqas id-dewmien u l-effetti ambjentali detrimentali bħall-emissjonijiet u l-istorbju[195], filwaqt li ssir evoluzzjoni minn sistemi apposta bbażati fuq il-prodotti għal approċċ ta' network ta' servizz kollaborattiv u li kapaċi jadatta. Il-kisba ta' infrastruttura interoperabbli hija prerekwiżit għas-separazzjoni tal-infrastruttura fiżika mill-provvista tas-servizz u aċċess fluwidu u sigur għad-*data* dwar l-ATM. B'dan il-mod, is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru se jkunu jistgħu jiġu pprovduti irrispettivament mill-post fiżiku tagħhom, fi kwalunkwe ħin u lil kwalunkwe parti tal-ispazju tal-ajru. Dan jeħtieġ finanzjament sinifikanti għar-R&I sabiex jiġu żviluppati u vvalidati teknoloġiji trasformattivi bi grad għoli ta' kunsens kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-industrija[196].

**Valur miżjud tal-Unjoni ġġenerat mistenni (*ex post*)**

Sistema moderna, diġitali u effiċjenti tal-ATM se tappoġġa t-tkabbir sostenibbli fl-avjazzjoni f'konformità mal-politiki tal-UE, jiġifieri l-Patt Ekoloġiku Ewropew[197] u l-kisba ta' Ewropa lesta għall-era diġitali.

Jekk jiġi implimentat f'waqtu u b'suċċess, l-impatt ewlieni tal-inizjattiva huwa dawn li ġejjin: kapaċità mtejba sabiex jiġu mmaniġġjati t-titjiriet b'mod aktar effiċjenti, l-

193 Single European Sky: a changed culture but not a single sky, Rapport Speċjali 18/2018, QEA.

194 Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament ma kienx meħtieġ, Rapport Speċjali 11/2019, QEA.

195 Proposta emendata tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew COM(2020)579

196 Aktar dettalji dwar it-teknoloġiji ta' trasformazzjoni meħtieġa huma pprovduti fl-Anness 6.

197 COM(2019) 640 final

iżvilupp ta' suq ġdid tal-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, pożizzjoni msaħħa għall-industrija Ewropea fil-livell globali, titjib fl-għarfien xjentifiku u kapaċitajiet imsaħħa ta' R&I, anqas storbju u emissjonijiet ta' gassijiet mill-avjazzjoni, kif ukoll titjib fl-esperjenza tal-passiġġieri, billi jitnaqqsu d-dewmien u l-kostijiet tal-ivvjaġġar.

Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati b'mod ulterjuri fid-dokument ta' Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta.

B'mod ġenerali, huwa stmat li sal-2050, sistema armonizzata Ewropea tal-ATM tista' tiġġenera aktar minn EUR 1 800 biljun f'benefiċċji għall-Ewropa[198] li se jagħtu spinta lill-kompetittività tal-UE, lill-kapaċità ta' innovazzjoni u lill-pożizzjoni tal-industrija tagħha fis-suq globali.

### 1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Għadd ta' sfidi sistemiċi diġà identifikati fl-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta SESAR kurrenti[199] jirriskjaw li jtellfu l-progress li diġà nkiseb u se jkollhom jiġu indirizzati aħjar f'inizjattiva ġdida ta' riċerka dwar l-ATM. Dawn l-isfidi jinkludu:

i) Id-definizzjoni u ż-żamma ta' objettivi stabbli fit-tul

ii) It-tisħiħ tar-responsabbiltà tal-Impriża Konġunta u l-prijoritizzazzjoni tal-appoġġ tal-UE għal soluzzjonijiet tar-R&Ż li jippromwovu t-tneħħija tal-frammentazzjoni u ambjent kompetittiv.

iii) It-tqassir taċ-ċikli twal ta' riċerka u ta' industrijalizzazzjoni, sabiex jiġi żgurat varar u dħul fl-operazzjonijiet aktar mgħaġġel tas-soluzzjonijiet SESAR;

iv) L-indirizzar tal-konċentrazzjoni tal-finanzjament, u l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċess miftuħ għal parteċipanti ġodda, speċjalment għal entitajiet minn pajjiżi fejn il-parteċipazzjoni sa issa kienet baxxa;

v) It-titjib tal-ġestjoni u t-trasferiment tal-għarfien, ir-rabtiet mal-akkademja u mal-istituti tar-riċerka sabiex tittejjeb il-bażi xjentifika dwar l-ATM fl-UE.

### 1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-Sħubijiet Ewropej kollha jeħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni u/jew attivitajiet konġunti ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex jiġi żgurat l-aħjar livell ta' interkonnessjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji effettivi. F'konformità ma' dan, l-Att Bażiku Uniku huwa żviluppat madwar il-prinċipju ewlieni li l-kollaborazzjoni mill-qrib u s-sinerġiji bejn l-Impriżi Konġunti u l-inizjattivi rilevanti fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari Sħubijiet Ewropej oħra, se jkunu kruċjali sabiex jinkiseb impatt akbar u jiġi żgurat l-użu tar-riżultati. F'dan ir-rigward, l-Att Bażiku Uniku (L-Ewwel Parti, dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Impriża Konġunti kollha) jiffaċilita sinerġiji permezz ta' għadd kbir ta' dispożizzjonijiet operattivi.

---

198 Fuq il-bażi tal-analiżi ekonomika u tal-projezzjonijiet li saru b'appoġġ tal-edizzjoni riċenti tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM għall-2020.

199 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Evalwazzjoni Interim tal-Impriżi Konġunti li joperaw fil-qafas ta' Orizzont 2020, {SWD (2017) 339 final}

Skont il-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, jenħtieġ li l-ġenerazzjoni li jmiss tas-sistemi tal-ATM tkun aktar awtomatizzata u tisfrutta aħjar it-teknoloġiji diġitali bħall-big data u l-intelliġenza artifiċjali (AI). Għalhekk, ir-R&I futuri tal-ATM jeħtieġ li jkunu konnessi ma' R&I usa' dwar:

- It-Trasport bl-Ajru (eż. rabta mas-sħubija kandidata dwar l-Avjazzjoni Nadifa). Id-*data* dwar it-traffiku mill-Eurocontrol turi li l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-avjazzjoni żdiedu b'perċentwal ogħla mit-tkabbir fit-traffiku. Għalhekk, it-titjib fl-effiċjenza ambjentali tal-inġenji tal-ajru jista' jiġi bbilanċjat b'mod negattiv minn infrastruttura tal-ATM frammentata. Għalhekk, il-pjanijiet direzzjonali tar-R&I għall-ATM u għall-Avjazzjoni Nadifa jridu jiġu kkoordinati sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji, b'mod partikolari fuq l-ambjent.

- Trasport multimodali: Jenħtieġ li s-sistemi tal-ATM jkunu sinkronizzati u jiskambjaw *data* ma' modi oħra ta' trasport (eż. bil-ferrovija) sabiex tiżdied il-prevedibbiltà u sabiex jippermettu l-bejgħ ta' biljetti globali jew ir-rikonċiljazzjoni ta' bagalji.

- Teknoloġiji diġitali (eż. rabta ma' Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, ma' Networks u Servizzi Intelliġenti, mal-IA, mad-*Data* u mar-Robotika) u x-xjenza klimatika inkluża l-aħħar informazzjoni dwar it-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu". B'mod partikolari, l-ATM jeħtieġ li tkun konxja tal-evoluzzjoni tat-teknoloġiji għall-manipulazzjoni u għad-distribuzzjoni tad-*data*, għaċ-ċibersigurtà, għall-aspetti legali (eż. dwar is-sjieda tad-*data*, kwistjonijiet ta' responsabbiltà u ta' obbligazzjoni), għat-teħid ta' deċiżjonijiet avvanzati, li jinkludu l-big data u l-intelliġenza artifiċjali kif ukoll il-fehim xjentifiku tal-impatti klimatiċi, u tadatta għaliha.

Il-monitoraġġ tas-sinerġiji u tal-kollaborazzjoni se jsir permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività.

## 1.5. Durata u impatt finanzjarju

**X durata limitata**

– **X** fis-seħħ mill-01 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2031 (data tal-bidu skont id-dħul fis-seħħ ta' dan Regolament)

– **X** Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2031 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[200]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

**X Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– **X** korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Għall-kuntrarju tal-każ attwali bl-Impriża Konġunta SESAR, il-korp il-ġdid tal-Unjoni se jiġi stabbilit skont l-Artikolu 71 tar-Regolament Finanzjarju. |

[200] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

F'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-sħubija għandha tadotta sistema ta' monitoraġġ li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45, fl-Anness III u fl-Anness V tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u tikkontribwixxi għall-istess bażi tad-*data* unika bħall-komponenti l-oħrajn ta' Orizzont Ewropa. Is-sistema ta' rapportar u ta' monitoraġġ għandha tipprovdi *data* importanti dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni (inkluża mikrodata fil-livell ta' entitajiet individwali), tippermetti li jiġi traċċat il-progress skont il-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt (inkluż il-progress sabiex jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE), u l-kriterji ta' sħubija. Is-sħubija għandha tirrapporta fuq indikaturi speċifiċi (li mhumiex koperti mill-Perkorsi Ewlenin tal-Impatt) li jippermettu li jiġi traċċat il-progress li jkun sar f'terminu qasir, medju u twil fl-ilħuq tal-viżjoni u tal-objettivi speċifiċi u operazzjonali tas-sħubija kif stabbilit fir-Regolament li jistabbilixxi s-Sħubija, inkluż dwar il-miri stabbiliti sal-2030. L-indikaturi, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġiji għandhom jippermettu valutazzjoni matul iż-żmien tal-kisbiet, il-progress fl-impatti, inkluż it-twettiq ta' objettivi tal-politika tal-UE, u l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet potenzjali għal miżuri korrettivi. Jenħtieġ li tikkunsidra kemm *data* kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, tidentifika r-responsabbiltajiet għall-ġbir tad-*data*, u tistabbilixxi approċċi konkreti għall-iżvilupp ta' linja bażi, ta' miri u/jew ta' parametri referenzjarji realistiċi sabiex jiġi identifikat il-progress, fejn rilevanti, u f'konformità mal-approċċ tal-impatt ta' Orizzont Ewropa. L-informazzjoni kollha miġbura għandha tiġi pprovduta fi kważi ħin reali lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' mudelli komuni tad-*data* u tiddaħħal f'bażi tad-*data* unika kif speċifikat fl-Artikolu 45 ta' Orizzont Ewropa.

Għal dik il-fini, għandhom jiġu stabbiliti sistemi ta' rapportar xierqa sabiex jappoġġaw rapportar kontinwu u trasparenti, inkluż dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* impenjati u fil-fatt ipprovduti, dwar viżibbiltà u pożizzjonament fil-kuntest internazzjonali, dwar impatt fuq ir-riskji relatati mar-riċerka u mal-innovazzjoni tal-investimenti tas-settur privat. Jenħtieġ li r-rapportar ikun konformi mal-obbligi standard ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa. L-iżvilupp tas-sistemi ta' rapportar fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinvolvi wkoll lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-sħubija sabiex jiġu żgurati s-sinkronizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' rapportar u ta' monitoraġġ, inkluż dwar id-diviżjoni tal-kompiti ta' ġbir u rapportar tad-*data*. Is-sistema ta' rapportar fil-livell tal-proġetti għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti ffinanzjati, ir-riżultati tagħhom, id-diffużjoni u l-użu tagħhom minn gruppi fil-mira ewlenin, u d-differenza ġenerali li qed jagħmlu għax-xjenza, għall-ekonomija, għas-soċjetà u/jew għall-ambjent, f'konformità mal-objettivi tal-proġetti u mal-impatti mmirati. Jenħtieġ li dan jiġi kkomplementat minn *data* rilevanti dwar il-valur miżjud u l-impatt tas-sħubija fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Jeħtieġ li jiġi żgurat mekkaniżmu xieraq ta' kondiviżjoni tad-*data* b'bażijiet tad-*data* komuni ta' monitoraġġ u ta' rapportar ta' Orizzont Ewropa.

Is-Sħubijiet Ewropej għandhom jiġu evalwati skont il-qafas ta' evalwazzjoni ta' Orizzont Ewropa, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tiegħu.

Il-monitoraġġ jitwettaq permezz ta' dawn:

- Id-DĠ MOVE se jistabbilixxi strateġija ta' superviżjoni. B'mod aktar speċifiku, DĠ MOVE se jimmonitorja r-riskji rigward il-funzjonament tal-Impriża Konġunta, l-użu

tar-riżorsi, il-kost tal-kontroll, il-konformità mal-proċeduri ta' kontroll interni, il-miżuri kontra l-frodi, eċċ.

- Is-superviżjoni tal-ogħla livell se tiġi żgurata mill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta, ippresedut mill-Kummissjoni. Id-Direttur Eżekuttiv se jissorvelja l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta internament.
- L-evalwazzjonijiet interim u finali se jitwettqu bl-assistenza ta' esperti indipendenti bbażati fuq proċess trasparenti u taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni.
- Se jiġi stabbilit sett ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta u jitkejlu l-impatti tagħha.
- Il-valutazzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni u tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR).
- Laqgħat regolari (kull 3 xhur) ta' koordinazzjoni bejn id-DĠ MOVE u t-tim ta' ġestjoni tal-Impriża Konġunta sabiex jiġu diskussi kemm kwistjonijiet amministrattivi kif ukoll dawk relatati mal-kontenut.

### 2.2. Is-servizz tal-awditjar tal-Kummissjoni, l-Awditur Intern, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u Awdituri Esterni indipendenti, fejn hemm Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-każijiet

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li l-Impriża Konġunta SESAR 3 hija sħubija pubblika-privata b'parti mill-finanzjament miġjub fil-forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri għajr l-Unjoni.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għall-Impriża Konġunta SESAR 3 se tittieħed permezz tal-Baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta SESAR 3 se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim ta' Trasferiment ta' Fondi mal-Impriża Konġunta SESAR 3, u mal-ħruġ, mill-Impriża Konġunta, ta' talbiet għal pagamenti korrispondenti lill-membri għajr l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta SESAR 3 jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. F'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-Impriża Konġunta SESAR 3 għandha tikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju Qafas applikabbli għall-Impriża Konġunta. Kwalunkwe deroga minn dan ir-Regolament Finanzjarju Qafas, meħtieġa għall-fini tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Impriża Konġunta, għandha tkun soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż permezz tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta SESAR 3, kif ukoll l-arranġamenti ta' rapportar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità Baġitarja.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-Impriża Konġunta SESAR 3 huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li tal-anqas joffru garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;

- proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u għat-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti matul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq 100 % tal-pretensjonijiet, inklużi r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditjar u ta' ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- awditi *ex post* fuq kampjun ta' pretensjonijiet bħala parti mill-awditi *ex post* ta' Orizzont Ewropa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew stabbiliti diversi miżuri sabiex itaffu r-riskju inerenti ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta SESAR 3, speċjalment:

- in-numru ta' voti tal-membri tal-Impriża Konġunta fil-Bord ta' Tmexxija li jkun proporzjonat għall-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-Impriża Konġunta, madankollu, l-Unjoni u l-Eurocontrol (organizzazzjoni internazzjonali) se jkollhom tal-anqas 25 % tan-numru totali ta' voti kull waħda; meta l-voti jkunu maqsuma b'mod ugwali, l-Unjoni għandu jkollha l-vot deċiżiv;
- l-għażla tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni,
- indipendenza tal-persunal,
- evalwazzjonijiet minn esperti indipendenti bbażati fuq kriterji tal-għażla ppubblikati flimkien ma' mekkaniżmi ta' appell u ma' dikjarazzjonijiet sħaħ ta' kwalunkwe interess,
- rekwiżit biex il-Bord ta' Tmexxija jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fl-Impriża Konġunta f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

L-istabbiliment ta' valuri etiċi u organizzattivi se jkun wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Impriża Konġunta, u se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR 3, bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, se jkun meħtieġ jintroduċi sistema kosteffettiva ta' kontroll intern u ta' ġestjoni. Huwa se jkun meħtieġ jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern adottat.

Il-Kummissjoni se timmonitorja r-riskju ta' nuqqas ta' konformità permezz tas-sistema ta' rapportar li se tiżviluppa, kif ukoll billi ssegwi r-riżultati tal-awditi *ex post* fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE mill-Impriża Konġunta SESAR 3, bħala parti mill-awditi *ex post* li jkopru l-Orizzont Ewropa kollu.

Hemm bżonn ċar li l-baġit jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effettiv, u li jiġu evitati l-frodi u l-ħela. Madankollu, is-sistema ta' kontroll jeħtieġ li ssib bilanċ ġust bejn il-kisba ta' rata ta' errur aċċettabbli u l-piż ta' kontroll meħtieġ u l-evitar tat-tnaqqis tal-attraenza tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' errur (mal-pagament u mal-għeluq)*

Peress li r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' Orizzont Ewropa applikabbli għall-Impriża Konġunta SESAR 3 huma simili għal dawk li l-Kummissjoni se tuża fil-Programm ta' Ħidma tagħha, u b'popolazzjoni ta' benefiċjarji bi profil tar-riskju simili għal dawk tal-Kummissjoni, jista' jkun mistenni li l-marġni ta' errur se jkun simili għal dak previst mill-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, jiġifieri li tingħata assigurazzjoni raġonevoli li r-riskju ta' errur matul il-perjodu tan-nefqa pluriennali huwa, fuq bażi annwali, fi ħdan medda ta' 2-5 %, bl-għan aħħari li tinkiseb rata ta' errur residwu kemm jista' jkun qrib it-2 % fl-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba jitqies l-impatt finanzjarju tal-awditi, tal-korrezzjonijiet u tal-miżuri ta' rkupru kollha.

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa għad-dettalji sħaħ tar-rata ta' errur mistennija fir-rigward tal-parteċipanti.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-proċeduri għall-ġlieda kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni jiġu applikati mill-Impriża Konġunta SESAR 3.

Il-proposti li jikkonċernaw l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa kienu soġġetti għal verifika tal-protezzjoni kontra l-frodi u għal valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi akbar fuq l-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi msaħħa.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ bl-għan li tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interess finanzjarju tal-Unjoni jkun protett bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

L-Assoċjazzjoni tal-EDCTP diġà tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-frodi u mal-irregolarità. Il-Kummissjoni se tiżgura li dan se jkompli u jissaħħaħ.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, fuq il-kuntratturi u fuq is-sottokuntratturi kollha li jirċievu fondi tal-Unjoni fil-qafas tal-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk seħħx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni. L-Impriżi Konġunti se jkollhom bżonn jaderixxu wkoll mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, bl-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa ġdida/ġodda proposta/i

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Intestatura 1**<br>**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali – Orizzont Ewropa** | Diff./Mhux diff.[201] | mill-pajjiżi tal-EFTA[202] | mill-pajjiżi kandidati[203] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 01 02 02 51 – Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

201 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
202 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
203 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

* Il-kontribuzzjoni għal din il-linja baġitarja hija mistennija li tiġi minn:

Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa relatata ma' uffiċjali u ma' persunal temporanju li jimplimentaw "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 01 | | | | | | | | | |
| Persunal estern li jimplimenta "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 02 | | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' ġestjoni għal "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 03 | | | | | | | | | |
| Raggruppament Klima, Enerġija u Mobilità 01 02 02 50 | 40,000 | 88,576 | 88,648 | 93,721 | 93,794 | 93,871 | 101,390 | - | 600,000 |
| **Nefqa totali** | 40,000 | 88,576 | 88,648 | 93,721 | 93,794 | 93,871 | 101,390 | - | 600,000 |

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 1 | **Intestatura Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**<br>Orizzont Ewropa |
|---|---|---|

| Impriża Konġunta[204][205] | | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027[206] | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1 | Impenji | (1) | | 2,392 | 2,440 | 2,489 | 2,538 | 2,589 | 7,899 | | 20,347 |
| | Pagamenti | (2) | | 2,392 | 2,440 | 2,489 | 2,538 | 2,589 | 2,641 | 5,258 | 20,347 |
| Titolu 2 | Impenji | (1a) | | 1,184 | 1,208 | 1,232 | 1,256 | 1,282 | 3,491 | | 9,653 |
| | Pagamenti | (2 a) | | 1,184 | 1,208 | 1,232 | 1,256 | 1,282 | 1,307 | 2,184 | 9,653 |
| Titolu 3 | Impenji | (3 a) | 40,000 | 85,000 | 85,000 | 90,000 | 90,000 | 90,000 | 90,000 | | 570,000 |
| | Pagamenti | (3b) | 20,000 | 60,000 | 70,000 | 80,000 | 90,000 | 100,000 | 100,000 | 50,000 | 570,000 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-Impriża Konġunta** | Impenji | =1+1 a +3a | 40,000 | 88,576 | 88,648 | 93,721 | 93,794 | 93,871 | 101,390 | - | 600,000 |
| | Pagamenti | =2+2 a+3b | 20,000 | 63,576 | 73,648 | 83,721 | 93,794 | 103,871 | 103,948 | 57,442 | 600,000 |

[204] L-ammonti fit-Titoli 1 u 2 jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tal-UE (sa EUR 30 miljun) għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta. Il-parti l-oħra li jifdal tiġi minn kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħrajn tal-Impriża Konġunta kif muri fit-taqsima 3.2.4.

[205] L-approprjazzjonijiet ta' pagament għat-Titoli 1 u 2 huma bbażati fuq konsum annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti kollha, filwaqt li għat-Titolu 3 huma ddeterminati billi jitqiesu n-natura tal-azzjonijiet indiretti u l-iskeda ta' pagamenti tagħhom (prefinanzjament, pagamenti interim u pagament tal-bilanċ).

[206] It-Titoli 1 u 2 għas-sena 2027 fihom l-impenji għas-sena u l-*frontloading* tal-impenji għas-snin li jifdal tal-Impriża Konġunta fil-perjodu 2027-2031.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| DĠ MOVE | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani (3 uffiċjali, 2 Aġenti Kuntrattwali)[207] | | 0,493 | 0,503 | 0,513 | 0,524 | 0,534 | 0,545 | 0,556 | | 3,368 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0,127 | 0,129 | 0,132 | 0,134 | 0,137 | 0,140 | 0,143 | | 0,942 |
| **TOTAL TAD-DĠ** | Approprjazzjonijiet | 0,620 | 0,632 | 0,645 | 0,658 | 0,671 | 0,685 | 0,699 | | 4,610 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-pakkett tal-Programm - Intestatura 1** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 40,620 | 89,208 | 89,293 | 94,379 | 94,465 | 94,556 | 102,089 | - | 604,610 |
| | Pagamenti | 20,620 | 64,208 | 74,293 | 84,379 | 94,465 | 104,556 | 104,647 | 57,442 | 604,610 |

[207] Li jkopru l-amministrazzjoni tal-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa. Il-kostijiet FTE huma ddeterminati fuq ilbażi tal-kost annwali medju tal-persunal AD (EUR 152 000) u CA (EUR 82 000). L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 40,620 | 89,208 | 89,293 | 94,379 | 94,465 | 94,556 | 102,089 | - | 604,610 |
| | Pagamenti | 20,620 | 64,208 | 74,293 | 84,379 | 94,465 | 104,556 | 104,647 | 57,442 | 604,610 |

*3.2.2. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Impriża Konġunta*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Numri ta' persunal (f'għadd ta' persuni / FTE)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| Aġenti temporanji | 37 | 37 | 37 | 37 | 37 | 37 | 37 | 37 | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | (2) | (2) | (2) | (2) | (2) | (2) | (2) | (2) | |
| **TOTAL**[208] | 40 | 40 | 40 | 40 | 40 | 40 | 40 | 40 | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 0,082 | 0,084 | 0,085 | 0,087 | 0,089 | 0,091 | 0,092 | 0,388 | 0,998 |
| Aġenti temporanji | 5,624 | 5,736 | 5,851 | 5,968 | 6,088 | 6,209 | 6,334 | 26,626 | 68,437 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 0,172 | 0,175 | 0,179 | 0,183 | 0,186 | 0,190 | 0,194 | 0,814 | 2,093 |
| **TOTAL** | 5,878 | 5,996 | 6,115 | 6,238 | 6,363 | 6,490 | 6,620 | 27,829 | 71,528 |

208 In-numru totali ta' FTEs tal-Impriżi Konġunti kollha stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill fil-qafas ta' Orizzont Ewropa se jitnaqqas b'10 FTEs bejn l-2024 u l-2027 wara valutazzjoni tal-effettività tal-operazzjonijiet tal-Impriżi Konġunti filwaqt li jitqies it-titjib fl-effiċjenza li jirriżulta mill-istabbiliment tal-Back Office Komuni. Għal din il-fini, l-LFS riveduta li tkopri l-perjodu 2024-2027 se tiġi ċċirkolata sal-aħħar tal-2023.

Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta’ stabbiliment

| Grupp ta’ funzjoni u grad | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD16 | | | | | | | | | | | | |
| AD15 | 1 | 1 | | | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AD14 | | | 1 | 1 | 1 | | | | | | | |
| AD13 | 1 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| AD12 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 6 | 6 | 6 | 6 |
| AD11 | 3 | 4 | 4 | 4 | 4 | 3 | 4 | 5 | 2 | 3 | 3 | 5 |
| AD10 | 2 | 2 | 3 | 4 | 5 | 7 | 8 | 7 | 7 | 8 | 8 | 7 |
| AD9 | 6 | 7 | 7 | 8 | 7 | 6 | 6 | 6 | 6 | 7 | 6 | 5 |
| AD8 | 7 | 7 | 7 | 6 | 6 | 6 | 5 | 5 | 5 | 4 | 4 | 4 |
| AD7 | 4 | 5 | 5 | 4 | 4 | 4 | 3 | 3 | 3 | 2 | 2 | 2 |
| AD6 | 3 | 1 | | | | | | | | | | |
| AD5 | | | | | | | | | | | | |
| Total AD | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 | 31 |
| AST11 | | | | | | | | | | | 1 | 1 |
| AST10 | | | | | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | |
| AST9 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AST8 | | | | | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | |
| AST7 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | 1 | 1 | 1 | 1 | 2 |
| AST6 | | | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AST5 | | | | 4 | 3 | 3 | 3 | 2 | 2 | 2 | 2 | 1 |
| AST4 | 2 | 3 | 4 | | | | | | | | | |
| AST3 | 1 | 1 | | | | | | | | | | |
| AST2 | 1 | | | | | | | | | | | |
| AST1 | | | | | | | | | | | | |
| Total AST | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 |
| AST/SC 6 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 5 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 4 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 3 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 2 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 1 | | | | | | | | | | | | |
| Total AST/SC | | | | | | | | | | | | |

Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) – persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp ta’ funzjoni IV | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| Grupp ta’ funzjoni III | | | | | | | | | | | | |
| Grupp ta’ funzjoni II | | | | | | | | | | | | |
| Grupp ta’ funzjoni I | | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | |

| Esperti Nazzjonali Sekondati | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | |

### 3.2.3. *Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani tal-Kummissjoni*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt[209]:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| Snin | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | | | | | | | |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JPD** [210]<br>Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm [211] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Diversi kompiti relatati ma':<br>• Segwitu tekniku tal-progress fi ħdan l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta<br>• Monitoraġġ tal-progress tal-programm ta' riċerka tal-Impriża Konġunta<br>• Monitoraġġ tar-rispett għall-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni<br>• Rappreżentazzjoni tal-KE fil-Bord ta' Tmexxija tas-sħubija<br>• Definizzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Bord ta' Tmexxija (dritt tal-vot / ta' veto)<br>• Kompiti amministrattivi relatati mal-Governanza tas-sħubija, inklużi kwistjonijiet finanzjarji, legali, tal-HR jew relatati mal- |

209 L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

210 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonist Subaltern fid-Delegazzjonijiet.

211 Sottolimitu għall-persunal estern kopert b'approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu linji "BA").

| | |
|---|---|
| | awditjar.<br>• Kollegament mal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, u mal-Kumitat tal-Programm tat-Trasport<br>• Osservazzjoni ta' Sejħiet għal Proposti, ta' Sejħiet għal Offerti u ta' ammissjoni ta' Membri ġodda<br>• Parteċipazzjoni f'laqgħat tas-sottogruppi u tal-gruppi ta' ħidma<br>• Organizzazzjoni ta' evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali |
| Persunal estern | Diversi kompiti relatati ma':<br>• Segwitu tekniku tal-progress fi ħdan l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta<br>• Monitoraġġ tal-progress tal-programm ta' riċerka tal-Impriża Konġunta<br>• Monitoraġġ tar-rispett għall-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni<br>• Rappreżentazzjoni tal-KE fil-Bord ta' Tmexxija tas-sħubija<br>• Definizzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Bord ta' Tmexxija (dritt tal-vot / ta' veto)<br>• Kompiti amministrattivi relatati mal-Governanza tas-sħubija, inklużi kwistjonijiet finanzjarji, legali, tal-HR jew relatati mal-awditjar.<br>• Kollegament mal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, u mal-Kumitat tal-Programm tat-Trasport<br>• Osservazzjoni ta' Sejħiet għal Proposti, ta' Sejħiet għal Offerti u ta' ammissjoni ta' Membri ġodda<br>• Parteċipazzjoni f'laqgħat tas-sottogruppi u tal-gruppi ta' ħidma<br>Organizzazzjoni ta' evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali |

*3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

– Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta koperti minn Membri għajr l-Unjoni | 6,000[212] | 6,113 | 6,235 | 6,360 | 6,487 | 6,617 | 6,749 | 11,489 | 50,000 |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati [213] | 50,000 | 100,000 | 120,000 | 130,000 | 150,000 | 150,000 | 150,000 | 100,000 | **950,000** |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | **50,000** | **106,113** | **126,235** | **136,360** | **156,487** | **156,617** | **156,749** | **111,439** | **1 000,000** |

[212] Il-kostijiet amministrattivi fl-2021 huma koperti minn kontribuzzjonijiet fil-qafas tal-programm H2020 attwali. Għalhekk, din iċ-ċifra ma tikkontribwix għall-kalkoli fil-qafas tal-baġit ta' Orizzont Ewropa.

[213] Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet *in natura* jintwerew fit-tabella fis-snin meta jkunu previsti li jiġġarrbu.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[214] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

214 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA - NETWORKS U SERVIZZI INTELLIĠENTI**

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Sħubija Istituzzjonali Ewropea għal Networks u Servizzi Intelliġenti |

## 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

Qasam ta' politika: Orizzont Ewropa — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027)

Attività: Orizzont Ewropa Raggruppament 4 - Diġitali, Industrija u Spazju

Qasam ta' politika: Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE2)

Attività: Qasam Diġitali tal-FNE2.

## 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[215]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

## 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-proposta tindirizza l-awtonomija Ewropea f'dominju teknoloġiku rikonoxxut bħala strateġiku għall-Ewropa, b'mod partikolari fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar dwar sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà għan-networks tal-5G. In-natura strateġika tal-infrastrutturi tal-konnettività (networks u servizzi intelliġenti lejn is-6G) kompliet tintwera permezz tal-kriżi tal-COVID-19 li wriet b'mod ċar id-dipendenza tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet tagħna fuq il-konnettività u fuq il-pjattaformi tas-servizz. F'dak il-kuntest, l-objettivi dwar l-inizjattiva jinkludu:

- il-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet industrijali Ewropej fid-dominju tal-konnettività u għall-ġenerazzjoni futura tas-sistemi (6G) f'kuntest ta' kompetizzjoni ħarxa mill-Asja u mill-Istati Uniti;

- l-appoġġ għall-emerġenza ta' fornituri alternattivi, kif mitlub fil-komunikazzjoni dwar is-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà;

- l-iżvilupp ta' kapaċitajiet teknoloġiċi Ewropej f'dominji relatati (apparati konnessi u pjattaformi ta' servizz) fejn l-industrija Ewropea hija anqas prominenti iżda li huma vitali sabiex tiġi żgurata katina ta' provvista Ewropea sigura u awtonoma;

- l-appoġġ għall-inizjattiva Patt Ekoloġiku, permezz ta' teknoloġiji innovattivi li jippermettu pjattaformi ta' konnettività b'enerġija baxxa ħafna u każijiet ta' użu diġitali b'enerġija baxxa ħafna li jaħdmu fuq dawn il-pjattaformi.

[215] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- il-varar ta' pjattaformi ta' konnettività għal każijiet ta' użu strateġiku (awtomobilistiku) li jwittu t-triq għas-sistemi futuri tas-6G.

Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, huma previsti l-attivitajiet li ġejjin:

- Jiġi pprovdut qafas kooperattiv għall-Ewropa kollha li jkopri s-segmenti xjentifiċi u industrijali kollha tal-katina tal-valur (komunikazzjoni, apparati tal-IoT, servizzi tal-cloud, komponenti, utenti tal-industrija vertikali) għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-ittestjar tat-teknoloġiji għall-konnettività u għall-pjattaformi tas-servizzi tal-ġenerazzjoni li jmiss

- Jiġi pprovdut qafas kooperattiv għall-Ewropa kollha sabiex jiġu varati infrastrutturi tal-konnettività tul il-kurituri transfruntieri għall-applikazzjonijiet awtomobilistiċi;

- Jiġi pprovdut qafas ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex jinħolqu sinerġiji għall-inizjattivi fil-livell tal-UE u nazzjonali, sabiex jiġu mmassimizzati l-addizzjonalità u d-direzzjonalità

- Tħejjija għal azzjonijiet downstream, għall-varar relatat u lil hinn mis-sħubija sabiex jiġu sfruttati r-riżultati, b'mod partikolari fl-oqsma regolatorji, tal-istandardizzazzjoni u tal-ispettru.

L-għan finali huwa li l-atturi Ewropej ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni għat-teknoloġiji tas-6G bħala bażi għas-servizzi diġitali futuri lejn l-2030. L-inizjattiva għandha wkoll l-għan li sal-2025 tagħti appoġġ sabiex is-swieq ewlenin għall-infrastruttura u għas-servizzi tal-5G ikunu jistgħu jiżviluppaw fl-Ewropa. Kemm is-sett ta' attivitajiet għall-varar tal-infrastruttura tal-5G kif ukoll għar-R&I tas-6G fil-kuntest ta' Orizzont Ewropa mill-2021 sal-2027 se jkunu qed irawmu l-allinjament ta' networks u ta' servizzi intelliġenti futuri mal-politika tal-UE u mal-ħtiġijiet soċjetali inklużi l-effiċjenza enerġetika, il-privatezza, l-etika, u ċ-ċibersigurtà.

*1.4.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*): L-SNS jaqdu rwol kritiku għall-kompetittività tal-industriji Ewropej. Fl-Ewropa, is-setturi tal-komunikazzjoni mobbli jiġġeneraw biss output ta' EUR 550 biljun (ċifri tal-2017) u jilħqu livell ta' impjiegi ta' 2,5 miljun persuna. Is-settur jixpruna l-kompetittività ta' diversi industriji vertikali (karozzi konnessi, fabbriki intelliġenti) u sar importanti għall-ħajja soċjali.

L-isfidi affaċċjati mis-settur huma kbar: investimenti massivi u riskjużi meħtieġa għall-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' infrastrutturi tal-SNS, kompetizzjoni enormi minn atturi mhux Ewropej f'dominju meqjus strateġiku, il-feġġa ta' atturi ġodda tan-negozju u ta' mudelli ġodda tan-negozju, ħtieġa akbar ta' atturi pubbliċi sabiex joħolqu flimkien sistemi futuri li jappoġġaw dejjem aktar oqsma ta' interessi pubbliċi (kura tas-saħħa konnessa, grilji tal-enerġija intelliġenti, karozzi konnessi), li jqajmu tħassib soċjetali fost iċ-ċittadini Ewropej. Dawn iżidu mal-kwistjoni klassika ta' ġustifikazzjoni ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE fil-qasam, bħall-kunsens globali dwar standards futuri, l-ispettru u xenarji ta' varar madwar l-UE kollha.

Dawn il-kwistjonijiet jissuġġerixxu rispons rapidu u kkoordinat tal-UE sabiex iżżomm u tkompli ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fit-teknoloġiji tal-SNS u

fl-industriji relatati. L-esperjenza pożittiva mill-PPP tal-5G b'kuntratt ta' H2020 mhijiex biżżejjed sabiex timmobilizza l-ispettru usa' ta' partijiet ikkonċernati meħtieġa filwaqt li jiġu evitati l-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni tar-riżorsi fil-livell nazzjonali.

Valur miżjud ġġenerat mistenni tal-Unjoni (*ex post*): Il-livell tal-UE jista' jixpruna b'mod ċar lill-atturi Ewropej lejn viżjonijiet komuni, pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi komuni li eventwalment jittrasformaw fi standards globali. Dan huwa essenzjali sabiex jiġu ġġenerati ekonomiji ta' skala u ekonomiji ta' firxa, li jillimitaw, jekk ma jevitawx, il-frammentazzjoni fl-UE tal-isforzi u tas-soluzzjonijiet nazzjonali. Fid-dominju tal-SNS, l-aħħar 40 sena wrew, bil-GSM, bit-3G, bir-4G u bil-5G, li approċċ Ewropew huwa l-uniku approċċ li jagħmel sens sabiex jiġu indirizzati rekwiżiti ovvji għaċ-ċittadini, bħall-interoperabbiltà u l-portabbiltà tas-servizzi fid-dominji ta' diversi fornituri.

Bil-mixja lejn dominji industrijali u każijiet ta' użu vertikali, il-valur ta' teknoloġiji komuni u standardizzati jfisser iffrankar tal-kostijiet u ottimizzazzjoni tan-nefqa kapitali.

F'dan id-dominju, li huwa intensiv ħafna fir-R&I u fin-nefqa kapitali, il-livell Ewropew huwa l-aħjar soluzzjoni sabiex jinżamm il-pass mal-investimenti f'reġjuni oħrajn, b'mod partikolari fl-Asja. Huwa wkoll essenzjali jekk l-Ewropa trid iżżomm industrija b'saħħitha f'dan id-dominju, fil-kuntest tal-isforzi tal-Istati Uniti sabiex jibnu s-soluzzjonijiet alternattivi u l-promoturi industrijali tagħhom stess.

Is-sħubija se tindirizza l-isfidi ta' natura transfruntieri/tranżnazzjonali, il-ġbir flimkien tar-riżorsi, il-mapep direzzjonali strateġiċi, il-ħtieġa ta' massa kritika sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika, il-ħtieġa li jiġu kkoordinati tipi differenti ta' atturi minn setturi differenti tal-ekonomija diġitali, li ma jistgħux jiġu indirizzati fl-istess livell mill-Istati Membri waħedhom, b'mod partikolari għar-riċerka u għall-innovazzjoni (R&I) għas-sistemi tas-6G.

### 1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Is-sħubija preċedenti, bħall-PPP tal-5G permezz ta' kuntratt fil-qafas ta' H2020, iffokat prinċipalment fuq l-iżvilupp ta' elementi kostitwenti tat-teknoloġija għall-istandard globali tal-5G u fuq il-validazzjoni tiegħu għal firxa ta' każijiet ta' użu fil-mira. Ir-reviżjoni tagħha wriet il-ħtieġa ta' rispons għal sfidi strateġiċi ġodda. Peress li n-networks u s-servizzi intelliġenti (SNS) qed isiru dejjem aktar kritiċi għall-funzjonament tal-partijiet kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà, il-ħakma tajba tat-teknoloġiji għall-SNS u t-tqegħid tal-atturi Ewropej f'pożizzjoni tajba fuq skala globali jsiru kwistjoni importanti ta' ordni pubbliku bħas-sovranità tat-teknoloġija, iċ-ċibersigurtà jew l-emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

Dan it-tħassib dwar l-ordni pubbliku mhux bilfors jingħata l-istess prijorità mill-industrija u, ċertament, ma jistax jiġi indirizzat mill-industrija waħedha. Għalhekk, struttura koprogrammata bħall-PPP tal-5G ma tistax tkun mistennija li tilħaq il-firxa wiesgħa ta' objettivi tal-politika li qed isiru dejjem aktar kruċjali. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet minn perspettiva olistika u kkoordinata jirrikjedi b'mod partikolari sħubija aktar mill-qrib ta' karattru istituzzjonali u l-involviment strateġiku tal-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, il-PPP tal-5G ma kinitx imfassla sabiex tħejji u tikkoordina programmi ta' varar.

[…]

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Is-sinerġija mal-parti Diġitali tal-FNE2 hija ppjanata permezz tal-kontribut tal-inizjattiva għall-pjan direzzjonali Ewropew għall-varar tal-5G għall-MKA (Mobilità Konnessa Awtomatizzata). Ġew identifikati wkoll sinerġiji ma' InvestEU u mal-programm DEP.

Meta titqies il-komplementarjetà tal-kwistjonijiet indirizzati, sinerġiji trażversali bejn sħubijiet ġew identifikati bħala importanti, b'mod partikolari dawk relatati mas-Sħubijiet Ewropej: KDT, Ċibersigurtà, Fotonika, IA.

L-involviment tal-Istati Membri bħala korp konsultattiv strateġiku għall-inizjattiva se jippermetti wkoll li jiġu ottimizzati l-komplementarjetà u l-addizzjonalità tal-programmi mmexxija fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.

## 1.5. Durata u impatt finanzjarju

☒ **durata limitata**

– ☒ fis-seħħ mill-[01 ta' Jannar]2021 sal-[31 ta' Diċembru]2027

– ☒ Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjoni ta' impenn u mill-2021 sal-2030 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[216]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

[216] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| L-ebda finanzjament mill-Istati Membri iżda r-rwol ta' konsulenti strateġiċi mogħti lill-SM permezz ta' mekkaniżmi ta' governanza xierqa bl-għan li jiġu żgurati l-koerenza u t-tisħiħ reċiproku tal-finanzjament mill-UE u nazzjonali fil-qasam.<br><br>Il-baġit tal-FNE2 implimentat permezz tas-suċċessur tal-EASME, ir-rwol ta' sħubija huwa relatat mal-koordinazzjoni strateġika tal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu ddefiniti l-pjan direzzjonali u l-programmi ta' ħidma sussegwenti. |

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Bħala korp tal-Unjoni, l-Impriża Konġunta Network u Servizzi Intelliġenti (SNS) taħdem skont regoli stretti ta' monitoraġġ. Il-monitoraġġ jitwettaq permezz ta' dawn:

- il-kapaċità tal-awditjar intern tagħha stess u tas-servizz tal-awditjar tal-Kummissjoni;
- is-superviżjoni tal-Bord ta' Tmexxija. Id-Direttur Eżekuttiv se jissorvelja l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta internament;
- Sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni kwantitattivi u kwalitattivi li se jiġu stabbiliti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm u għall-kejl tal-impatt tiegħu;
- evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali tal-programm minn esperti esterni, taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni;
- il-Programm ta' Ħidma tal-Impriża Konġunta u r-Rapport Annwali tal-Attività tagħha.

| |
|---|
| |

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li l-Impriża Konġunta SNS hija sħubija pubblika-privata b'parti mill-finanzjament miġjub fil-forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri għajr l-Unjoni.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għall-Impriża Konġunta SNS se tittieħed permezz tal-Baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta SNS se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim ta' Trasferiment ta' Fondi mal-Impriża Konġunta SNS, u mal-ħruġ, mill-Impriża Konġunta, ta' talbiet għal pagamenti korrispondenti lill-membri għajr l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta SNS jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. F'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-Impriża Konġunta SNS għandha tikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Mudell tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Impriża Konġunta. Kwalunkwe deroga minn dan il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju, meħtieġa għall-fini tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Impriża Konġunta, għandha tkun soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż permezz tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta SNS, kif ukoll l-arranġamenti ta' rapportar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità Baġitarja.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-Impriża Konġunta SNS huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li tal-anqas joffru garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;
- proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u għat-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti matul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq 100 % tal-pretensjonijiet, inklużi r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditjar u ta' ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- awditi *ex post* fuq kampjun ta' pretensjonijiet bħala parti mill-awditi *ex post* ta' Orizzont Ewropa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew stabbiliti diversi miżuri sabiex itaffu r-riskju inerenti ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta SNS, speċjalment:

- voti ugwali għall-Kummissjoni u għall-membri għajr l-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija,
- l-għażla tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni,
- indipendenza tal-persunal,
- evalwazzjonijiet minn esperti indipendenti bbażati fuq kriterji tal-għażla ppubblikati flimkien ma' mekkaniżmi ta' appell u ma' dikjarazzjonijiet sħaħ ta' kwalunkwe interess,
- rekwiżit biex il-Bord ta' Tmexxija jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fl-Impriża Konġunta f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

L-istabbiliment ta' valuri etiċi u organizzattivi se jkun wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Impriża Konġunta, u se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SNS, bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, se jkun meħtieġ jintroduċi sistema kosteffettiva ta' kontroll intern u ta' ġestjoni. Huwa se jkun meħtieġ jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern adottat.

Il-Kummissjoni se timmonitorja r-riskju ta' nuqqas ta' konformità permezz tas-sistema ta' rapportar li se tiżviluppa, kif ukoll billi ssegwi r-riżultati tal-awditi *ex post* fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE mill-Impriża Konġunta SNS, bħala parti mill-awditi *ex post* li jkopru l-Orizzont Ewropa kollu.

Hemm bżonn ċar li l-baġit jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effettiv, u li jiġu evitati l-frodi u l-ħela. Madankollu, is-sistema ta' kontroll jeħtieġ li ssib bilanċ ġust bejn il-kisba ta' rata ta' errur aċċettabbli u l-piż ta' kontroll meħtieġ u l-evitar tat-tnaqqis tal-attraenza tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' errur (mal-pagament u mal-għeluq)*

Peress li r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' Orizzont Ewropa applikabbli għall-Impriża Konġunta SNS huma simili għal dawk li l-Kummissjoni se tuża fil-Programm ta' Ħidma tagħha, u b'popolazzjoni ta' benefiċjarji bi profil tar-riskju simili għal dawk tal-Kummissjoni, jista' jkun mistenni li l-marġni ta' errur se jkun simili għal dak previst mill-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, jiġifieri li tingħata assigurazzjoni raġonevoli li r-riskju ta' errur matul il-perjodu tan-nefqa pluriennali huwa, fuq bażi annwali, fi ħdan medda ta' 2-5 %, bl-għan aħħari li tinkiseb rata ta' errur residwu kemm jista' jkun qrib it-2 % fl-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba jitqies l-impatt finanzjarju tal-awditi, tal-korrezzjonijiet u tal-miżuri ta' rkupru kollha.

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa għad-dettalji sħaħ tar-rata ta' errur mistennija fir-rigward tal-parteċipanti.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-proċeduri għall-ġlieda kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni jiġu applikati mill-Impriża Konġunta SNS.

Il-proposti li jikkonċernaw l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa kienu soġġetti għal verifika tal-protezzjoni kontra l-frodi u għal valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi akbar fuq l-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi msaħħa.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ bl-għan li tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interess finanzjarju tal-Unjoni jkun protett bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

L-Assoċjazzjoni tal-Infrastruttura tal-5G diġà tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-frodi u mal-irregolarità. Il-Kummissjoni se tiżgura li dan se jkompli u jissaħħaħ.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, fuq il-kuntratturi u fuq is-sottokuntratturi kollha li jirċievu fondi tal-Unjoni fil-qafas tal-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk seħħx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni. L-Impriżi Konġunti se jkollhom ukoll jaderixxu mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, bl-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa ġdida/ġodda proposta/i

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Intestatura 1**<br>**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali – Orizzont Ewropa** | Diff./Mhux diff.[217] | mill-pajjiżi tal-EFTA[218] | mill-pajjiżi kandidati[219] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali | 01 02 02 43 – Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

[217] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[218] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[219] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

* Il-kontribuzzjoni għal din il-linja baġitarja hija mistennija li tiġi minn:

Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa relatata ma' uffiċjali u ma' persunal temporanju li jimplimentaw "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 01 | | | | | | | | | |
| Persunal estern li jimplimenta "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 02 | | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' ġestjoni għal "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta 01 01 01 03 | | | | | | | | | |
| 01 02 02 40 – Raggruppament Diġitali, Industrija u Spazju | 121,128 | 121,929 | 134,445 | 131,015 | 130,15 | 130,9 | 130,433 | - | 900,000 |
| | | | | | | | | | |
| **Nefqa totali** | 121,128 | 121,929 | 134,445 | 131,015 | 130,15 | 130,9 | 130,433 | - | 900,000 |

Impatt stmat fuq in-nefqa

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **1** | **Intestatura Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**<br>Orizzont Ewropa |

| **Impriża Konġunta**[220][221] | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027**[222] | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1 | Impenji | (1) | 1,030 | 1,143 | 1,192 | 1,129 | 1,063 | 0,994 | 2,797 | | 9,348 |
| | Pagamenti | (2) | 1,030 | 1,143 | 1,192 | 1,129 | 1,063 | 0,994 | 0,922 | 1,875 | 9,348 |
| Titolu 2 | Impenji | (1a) | 0,505 | 0,560 | 0,584 | 0,553 | 0,521 | 0,487 | 1,371 | | 4,581 |
| | Pagamenti | (2 a) | 0,505 | 0,560 | 0,584 | 0,553 | 0,521 | 0,487 | 0,452 | 0,919 | 4,581 |
| Titolu 3[223] | Impenji | (3 a) | 119,593 | 120,226 | 132,669 | 129,333 | 128,566 | 129,419 | 126,265 | | 886,071 |
| | Pagamenti | (3b) | | 163,001 | 134,99 | 123,841 | 140,101 | 133,343 | 126,802 | 63,993 | 886,071 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-Impriża Konġunta** | Impenji | =1+1a +3a | 121,128 | 121,929 | 134,445 | 131,015 | 130,15 | 130,9 | 130,433 | | 900,000 |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | 1,535 | 164,704 | 136,766 | 125,523 | 141,685 | 134,824 | 128,176 | 66,787 | 900,000 |

220 L-ammonti fit-Titoli 1 u 2 jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tal-UE (sa EUR 13.929.000) għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta. Il-parti l-oħra li jifdal tiġi minn kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħrajn tal-Impriża Konġunta kif muri fit-taqsima 3.2.4.

221 L-approprjazzjonijiet ta’ pagament għat-Titoli 1 u 2 huma bbażati fuq konsum annwali tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn korrispondenti kollha, filwaqt li għat-Titolu 3 huma ddeterminati billi jitqiesu n-natura tal-azzjonijiet indiretti u l-iskeda ta’ pagamenti tagħhom (prefinanzjament, pagamenti interim u pagament tal-bilanċ).

222 It-Titoli 1 u 2 għas-sena 2027 fihom l-impenji għas-sena u l-*frontloading* tal-impenji għas-snin li jifdal tal-Impriża Konġunta fil-perjodu 2027-2031.

223 Il-kostijiet tal-evalwazzjoni tal-proposti tal-proġetti u tar-rieżamijiet tal-proġetti mhumiex koperti taħt it-titolu 2 iżda huma meqjusa koperti fit-titolu 3.

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| DĠ CNECT | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani[224] | | 0,491 | 0,503 | 0,513 | 0,523 | 0,533 | 0,544 | 0,555 | - | 3,662 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0,128 | 0,130 | 0,133 | 0,135 | 0,138 | 0,141 | 0,144 | | 0,949 |
| **TOTAL TAD-DĠ** | | 0,619 | 0,633 | 0,646 | 0,658 | 0,671 | 0,685 | 0,699 | - | 4,611 |

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-pakkett tal-Programm - Intestatura 1** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 121,747 | 122,562 | 135,091 | 131,673 | 130,821 | 131,585 | 131,132 | | 904,611 |
| | Pagamenti | 2,154 | 165,337 | 137,412 | 126,181 | 142,356 | 135,509 | 128,875 | 66,787 | 904,611 |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |

224 Li jkopru l-amministrazzjoni tal-azzjonijiet ta’ Orizzont Ewropa. Il-kostijiet FTE huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju li għandu jintuża minn Jannar 2021 għas-salarji għall-Persunal Permanenti (EUR 0,127), għall-Aġenti Kuntrattwali (EUR 0,057) u għal kostijiet amministrattivi oħra (EUR 0,0255) b’riferiment għall-bini u għall-kostijiet tal-IT għall-persunal tar-Riċerka Indiretta. Ġie applikat indiċjar annwali ta’ 2 % għall-perjodu 2022-27. L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta’ natura indikattiva u mhux vinkolanti.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **DĠ CNECT** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani[225] | | | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 121,747 | 122,562 | 135,091 | 131,673 | 130,821 | 131,585 | 131,132 | | 904,611 |
| | Pagamenti | 2,154 | 165,337 | 137,412 | 126,181 | 142,356 | 135,509 | 128,875 | 66,787 | 904,611 |

225 Il-kostijiet FTE huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju li għandu jintuża minn Jannar 2021 għas-salarji għall-Persunal Permanenti (EUR 0,127), għall-Aġenti Kuntrattwali (EUR 0,057) u għal kostijiet amministrattivi oħra (EUR 0,0255) b'riferiment għall-bini u għall-kostijiet tal-IT għall-persunal tar-Riċerka Indiretta. Ġie applikat indiċjar annwali ta' 2 % għall-perjodu 2022-27.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Impriża Konġunta*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Numri ta’ persunal (f’għadd ta’ persuni / FTE)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 9 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 23 | |
| Aġenti temporanji | 5 | 6 | 7 | 7 | 7 | 7 | 7 | 12 | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | | | | |
| **TOTAL** | 14 | 16 | 17 | 17 | 17 | 17 | 17 | 35 | |

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 0,523 | 0,593 | 0,605 | 0,617 | 0,629 | 0,642 | 0,655 | 1,570 | 5,834 |
| Aġenti temporanji | 0,648 | 0,793 | 0,943 | 0,962 | 0,982 | 1,001 | 1,021 | 1,840 | 8,19 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | | | | |
| **TOTAL** | 1,171 | 1,386 | 1,548 | 1,579 | 1,611 | 1,643 | 1,676 | 3,41 | 14,024 |

Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta' stabbiliment

| Grupp ta' funzjoni u grad | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD16 | | | | | | | | | | | | |
| AD15 | | | | | | | | | | | | |
| AD14 | | | | | | | | | | | | |
| AD13 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| AD12 | | | | | | | | | | | | |
| AD11 | 1 | 1 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| AD10 | 1 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| AD9 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | | | | | |
| AD8 | | | | | | | | | | | | |
| AD7 | | | | | | | | | | | | |
| AD6 | | | | | | | | | | | | |
| AD5 | | | | | | | | | | | | |
| Total AD | 5 | 6 | 7 | 7 | 7 | 7 | 7 | 3 | 3 | 3 | 3 | |
| AST11 | | | | | | | | | | | | |
| AST10 | | | | | | | | | | | | |
| AST9 | | | | | | | | | | | | |
| AST8 | | | | | | | | | | | | |
| AST7 | | | | | | | | | | | | |
| AST6 | | | | | | | | | | | | |
| AST5 | | | | | | | | | | | | |
| AST4 | | | | | | | | | | | | |
| AST3 | | | | | | | | | | | | |
| AST2 | | | | | | | | | | | | |
| AST1 | | | | | | | | | | | | |
| Total AST | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 6 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 5 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 4 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 3 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 2 | | | | | | | | | | | | |
| AST/SC 1 | | | | | | | | | | | | |
| Total AST/SC | | | | | | | | | | | | |

Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) – persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp ta' funzjoni IV | 4 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 3 | 2 | 2 | |
| Grupp ta' funzjoni | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 1 | 1 | 1 | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| III | | | | | | | | | | | |
| Grupp ta' funzjoni II | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| Grupp ta' funzjoni I | | | | | | | | | | | | |
| Total | 9 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 5 | 4 | 4 | |

| Esperti Nazzjonali Sekondati | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Wara l-2031 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | | | | | | | | | | | | |

### *3.2.3. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani tal-Kummissjoni*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt[226]:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| **Snin** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | | | | | | | |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JPD** [227]<br>Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm [228] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | - Rappreżentanza tal-Unjoni fil-korpi tal-Impriża Konġunta (Bord ta' Tmexxija, Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati), uffiċċju tal-KE li jirrappreżenta l-Impriża Konġunta;<br>- Kooperazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-industrija (membru privat) f'azzjonijiet ewlenin fil-livelli ta' R&I u ta' varar;<br>- Segwitu u żamma ta' riżultati ewlenin tal-Impriża Konġunta inklużi, eż., il-pjanijiet ta' ħidma, l-aġendi strateġiċi ta' riċerka u ta' innovazzjoni, l-aġendi strateġiċi ta' varar, eċċ;<br>- Appoġġ legali fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-Impriża Konġunta SNS;<br>- Tmexxija ta' membru privat għal azzjonijiet spin-off mhux tar-R&I, valorizzazzjoni u varar<br>- Interfaċċa mal-Istati Membri u negozjati dwar is-sinerġiji ma' programmi nazzjonali; |

[226] L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠ tal-Kummissjoni wkoll hija ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

[227] AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonist Subaltern fid-Delegazzjonijiet.

[228] Sottolimitu għall-persunal estern kopert b'approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu linji "BA").

| | |
|---|---|
| | - Kompiti amministrattivi, eż. relatati mal-preparazzjonijiet tas-sejħiet u mal-implimentazzjoni tar-riżultati<br><br>- Kompiti relatati mar-rapportar intern u estern, inkluża l-kwittanza (il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri);<br><br>- Appoġġ għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti ewlenin (konferenzi ta' livell għoli, kooperazzjoni internazzjonali)<br><br>- Komunikazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta SNS. |
| Persunal estern | |

### *3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

– Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta koperti mill-Membri privati | 0,383 | 0,568 | 0,761 | 0,906 | 1,056 | 1,212 | 1,373 | 2,794 | 9,053 |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Membri privati/mis-Sħab Assoċjati | | 53,95 | 46,363 | 95,837 | 146,662 | 131,159 | 130,422 | 286,554 | 890,947 |
| Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali mill-Istati Parteċipanti | | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | 0,383 | 54,518 | 47,124 | 96,743 | 147,718 | 132,371 | 131,795 | 289,348 | 900,000 |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[229] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

[229] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.